# MINN ŻERRIEGĦA ĊKEJKNA,

# SIĠRA KBIRA

**Sorijiet Franġiskani**

**tal-Qalb ta' Ġesù**

# MINN ŻERRIEGĦA ĊKEJKNA,

# SIĠRA KBIRA

## Sorijiet Franġiskani

## tal-Qalb ta' Ġesù

**P. Pier Giuseppe Pesce, ofm**

**Maqlub għall-Malti mit-Taljan**
**minn P. Pasquale Magro ofmKonv**

**Malta 2012**

**KELMTEJN QABEL**

*"Dak li smajna u għarafna,*
*u missirijietna qaluhulna,*
*ejjew ma naħbuhx ...*
*Lil nisel li ġej inxandru*
*tifħir il-Mulej u s-setgħa tiegħu*
*u l-għeġubijiet li għamel".*
(Salm 78, 3-4).

Dak li ħeġġiġna niktbu l-ġrajja tal-Kongregazzjoni tagħna – wara ħajja ta' 130 sena – huwa li nagħmlu *tifkira tal-fedeltà tal-Mulej tagħna.* Hija l-ġrajja tal-Fidwa u tal-Imħabba li Alla wera magħna tul din il-mixja.

Il-*leit motif* ewlieni tal-ktieb huwa proprju l-gratitudni lejn Alla tal-istorja, illi mexxa u għadu jmexxi l-Kongregazzjoni bħala grazzja tal-Ispirtu s-Santu għall-poplu t'Alla, fi ħdan il-Knisja. Il-Kongregazzjoni tagħraf it-tnissil tagħha lill-Fundaturi Dun Ġużepp Diacono bħala dak li ħasibha u bdieha, u l-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita de Brincat – mgħammda Virġinja – illi ħadet ħsieb tkabbarha u twassalha għall-milja tagħha b'għerf u għaqal mill-akbar. Nammettu li fil-waqt li matul il-mixja ltqajna ma' ferħ u niket, ħeġġa u qtigħ il-qalb, għajja u qawmien, qatt ma nsejna li l-iżvilupp tal-ħajja u ta' kull impenn fiha, huma dejjem msawrin minn mumenti mlewmin bħal dawn.

Waqt li tqalleb il-paġni ta' dal-ktieb, inti tidħol f'waqtiet ta' stagħġib u ta' nkwiet, ta' umiltà u ta' ħajr, ta' faqar u ta' kobor ta' din il-Kongregazzjoni tagħna, membru fil-ġisem mistiku tal-Knisja fil-mixi tagħha lejn Ġerusalemm tas-Sema. Iżda proprju għax hi miexja, kienet dejjem taħt il-prova tad-deżert, dejjem lesta tilqa' sewwa s-sinjali tal-preżenza ta' Alla fi triqtha. Din il-preżenza ta' Alla – li, kif kien jemmen San Franġisk missierna, jagħti kull Ġid u l-Ġid kollu – narawha fl-għemil tiegħu moħbi u qawwi. Ukoll meta ssibha biss fil-kuntrast tal-ġrajjiet, hija għandha

dejjem għeruqha f’ħajjitna meta mibnija f’kelmtu, anke f’waqtiet ta’ bruda. Il-fiduċja f’Dak li jista’ kollox, li jikteb dritt anke fuq linji mgħawġin, baqgħat sħiħa f’ħutna s-sorijiet – ibda minn dawk li mexxew il-Kongregazzjoni matul mixjietha b’qalbhom kollha fuq l-eżempju tal-Fundaturi – billi irħew lilhom infushom f’idejn Alla, waqt li ħasbu jkabbruha fl-ispirtu franġiskan u tal-Kongregazzjoni.

Bil-ħarsa lejn il-ġrajja tagħha u r-rieda li nfakkruha lil ta’ warajna, l-Kongregazzjoni għandha l-għan li tiċċelebra liturġija ta’ Tifħir u Radd il-Ħajr bil-kor kbir magħmul minn uliedha spiritwali kollha tal-bierah u tal-lum. It-tagħrif tal-ġrajja jfisser iżomm ħajja l-qima għat-Tifkira, u tfassil il-ġrajja li minn snin twal ilna noħolmu bih, huwa tassew għalina kollha att ta’ fidi fil-valur ta’ din it-Tifkira.

Din il-preżentazzjoni tiegħi m’hijiex biss att ta’ Radd il-Ħajr u Tifħir lil Alla f’isimna lkoll, iżda għandha l-għan ukoll li turi apprezzament u radd il-ħajr lill-konsulent tagħna, ir-Reverendu P. Pier Giuseppe Pesce ofm, għax-xogħol tiegħu magħmul b’reqqa liema bħalha. Għal snin twal, huwa jaf il-Kongregagazzjoni u għalhekk seta’ iħoll il-ġrajjiet tagħha b’mod sempliċi u ċar u, fl-istess ħin, b’mod oġġettiv u fil-wisa’ kollu tagħha. Lil hinn minn dan, fil-libsa mżewqa tal-istorja tagħna, għaraf iħit ħolqa idejali bejn il-ġrajjiet tal-bieraħ u dawk tal-lum.

Nizzi ħajr ukoll lil Suor Aniceta Briffa, arkivista tal-Kongregazzjoni, li bil-ħidma tagħha ta’ tfittxija għaqlija, għenet biex it-tfassil tal-istorja tal-Kongregazzjoni jirnexxi bl-aħjar mod possibli.

Għalhekk dan ix-xogħol li lkoll kemm aħna ħlomnieh għal żmien twil u li jkabbar it-tagħrif tagħna, huwa pass 'il quddiem fis-sejba qatt sħiħa tal-kariżma tagħna fil-mixja ħajja tal-Kongregazzjoni. U waqt li jrid isebbah u jrodd il-ħajr lill-aħwa li mxew qabilna, jammetti bla temtim li t-tamiet tagħna tal-lum u ta’ għada huma mitmugħin minn għeruq għammiela li diġà tawna il-ħafna frott tagħhom.

Ferħana u konvinta nammetti illi t-titlu “Minn żerriegħa ċkejkna, siġra kbira”, applikat għalina s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, jaqbel tassew bil-kbir ma’ dak li jingħad fil-ktieb. Dik iż-żerriegħa ċkejkna li l-Ispirtu s-Santu tefa’ f’qalb il-Fundaturi tagħna – l-iżjed fil-persuna ta’ Ommna, il-Fundatriċi li laqgħetha

b’kuraġġ umli u b’fiduċja l-iżjed qawwija – sawret ruħ il-Kongregazzjoni li firxet il-friegħi fil-kontinenti kollha fejn issa qiegħda tgħix u taħdem.

Nittama u nitlob li dan il-ktieb tal-istorja tagħna jkun għodda siewja li biha l-Ispirtu s-Santu jkompli jxettel fina qawmien ġdid tal-ispirtu tal-Fundaturi. Waqt li nistudjaw, naħsbu u nitolbu fuq l-għeġubijiet li Alla għamel fiha u fl-aħwa li ġew qabilna, nimpenjaw ruħna ngħixu iżjed skont dak li jrid Alla minn kull waħda minna, skont il-kapaċità tagħha.

Nittama wkoll illi dan il-ktieb ikun ta’ interess, barra milli għas-sorijiet, anke għas-sekulari li jaqsmu magħna l-kariżma tat-tpattija lejn il-Qalb Ewkaristika ta’ Ġesù. Jalla jġib tqanqil ta’ qalb ukoll lil ħafna nsara, fuq kollox lil tant żgħażagħ, biex miġbudin mill-ħeġġa għall-kontemplazzjoni u l-apostolat tal-kariżma tagħna, jkunu jistgħu jwieġbu għall-istedina mħeġġa ta’ Madre Margerita: “INĦOBBU L-IMĦABBA!” Jalla jħossuhom miġbudin magħna f’li jwasslu lill-oħrajn din l-Imħabba – li mhix ħlief Alla Wieħed fi Tliet Persuni – biex Dan ikun maħbub minn kulħadd u kullimkien.

Sr. M. Anselmina Mifsud
Superjura Ġenerali

Santa Maria delle Mole,
19.VI.2009
Festa tal-Qalb ta’ Ġesù,
Titular tal-Kongregazzjoni

## IL-KITTIEB LILL-QARREJJA

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li tagħraf il-bidu tagħha fil-gżira Għawdxija fl-1880, ilha mwaqqfa 'il fuq minn 130 sena, u issa preżenti ħaddiema bieżla f'ħames kontinenti.

Tfassal il-ġrajja tagħha mhuwiex għalhekk la sempliċi u lanqas faċli: ħafna huma l-ambjenti soċjo-kulturali li daħlet fihom, ħafna u mlewlin huma l-ġrajjiet li għaddiet minnhom, fondi u għadhom sejrin il-bidliet minn ġewwa u minn barra ... Imbagħad, jekk huwa tassew minnu li l-istorja hija magħmula minn persuni, ħafna huma l-aħwa reliġjużi li ħaqqhom jiġu mfakkra għal fatt li, f'diversi livelli u fi rwoli l-iżjed differenti, inkarnaw denjament u għadhom jinkarnaw b'tifħir il-kariżma tal-Kongregazzjoni, bix-xhieda sabiħa ta' ħajjithom u ta' għemilhom.

Għalhekk, f'dan l-ewwel sforz li nfasslu f'dehra waħda l-esperjenza mgħixa mill-Kongregazzjoni matul is-snin u f'tant mumenti differenti, ma nippretendux li ngħidu kollox. Mingħajr ma nippretendu xejn, bi kliem sempliċi u b'serenità li tara l-fatti fir-realtà tagħhom, dan l-isforz għandu l-iskop li jirreġistra globalment l-iżvilupp, l-organizzazzjoni, il-ħidmiet kollha ... mingħajr ma jitħallew barra għal kollox il-problemi li nħolqu l-bieraħ u d-diffikultajiet li jinqalgħu kuljum.

Huma dmirna u ta' siwi ngħidu li kull ma jingħad huwa dokumentat sewwa għax miġbur direttament mill-għajn ewlenija tal-Arkivju ġenerali tal-Kongregazzjoni. Huwa biss biex ma ntaqqlux il-qari li – 'l hawn u 'l hinn – ma nirreferux għad-dokumenti li kellna f'idejna.

Dak li sibna fit-tfittxija tagħna fassalnieh u qassamnieh b'dal mod: l-ewwel kapitlu jippreżenta globalment il-ħajja tal-Kongregazzjoni fl-iżvilupp storiku tagħha. It-tieni kapitlu jibni fil-qosor il-profil tal-Fundaturi: dun Ġużepp Diacono u l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat. It-tielet kapitlu jistudja t-testi leġiżlattivi (Regola u Kostituzzjonijiet) biex juri kif matul is-snin il-Kongregazzjoni bdiet tħaddan il-Kariżma tagħha u torganizzah f'ħajjitha. Tliet kapitli huma maħsubin fuq kull entità ġuridika li tifforma attwalment il-Kongregazzjoni: provinċji, reġjuni, djar dipendenti mill-Gvern ċentrali. Kapitlu ieħor idawwal fuq it-tema

fondamentali tal-formazzjoni. L-aħħar kapitlu irid ifakkar fil-qosor xi reliġjużi tassew eżemplari li għexu b'qalb kbira l-karizma tal-Kongregazzjoni.

Ma nsistejniex nitħaddtu fit-tul fuq il-ħafna modi ta' qadi tal-aħwa sorijiet (assistenza, edukazzjoni, pastorali... ), għax ta' dawn insibu diġà ħjiel fil-kapitli l-oħra. Il-ktieb jagħlaq b'*appendiċi* b'xi dokumenti ta' valur storiku kbir u b'tagħrif bibliografiku qasir fuq il-Kongregazzjoni.

Niżżi ħajr tassew u b'qalbi kollha lil Sr Aniceta Briffa, Arkivista ġenerali tal-Kongregazzjoni, għall-għajnuna prezzjuża u għaqlija li tatni fit-tfittxija tal-materjal storiku u fil-kontroll tal-informazzjoni li qiegħed ngħaddi f'dan il-ktieb.

P. Pier Giuseppe Pesce, ofm

## ĦARSA WIESGĦA FUQ IL-ĠRAJJA KOLLHA

Nixtieq f'dan l-ewwel kapitlu nfakkar b'mod ħafif il-ġrajjiet ewlenija, li fuq medda ta' 130 sena wasslu l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, mill-bidu tagħha fil-gżira ta' Għawdex fl-1880 għall-firxa dinjija tagħha tal-lum.

Din il-ħarsa storika wiesgħa tista' tiġi maqsuma fi tlieta: mill-1880 sal-1903, (meta l-Kongregazzjoni qalgħet l-Aggregazzjoni mal-Ordni tal-Franġiskani minuri); mill-1904 sal-1946, (meta l-Kongregazzjoni ġiet magħrufa bħala Istitut ta' *Diritto Pontificio* mis-Santa Sede); u mill-1947 sal-lum.

Ġrajjiet ta' mportanza ewlenija f'din l-istorja diġà twila u għanja nerġgħu nduru fuqhom fil-kapitli li ġejjin.

### 1. L-EWWEL MEDDA TA' ŻMIEN: 1880 – 1903

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù hija l-ewwel Istitut reliġjuż ta' nisa mwaqqaf fil-gżejjer Maltin. Bħal żerriegħa ċkejkna mitfugħa f'ħamrija għammiela, minkejja ħafna xkiel, nibtet malajr u kibret irżina.

#### a. Bidu li jwiegħed sewwa

B'digriet tal-1 ta' Settembru 1880 Mons Pietru Pace, isqof ta' Għawdex, li dejjem xtaq li jkollu dar ta' sorijiet fid-djoċesi tiegħu[1], ta l-ewwel approvazzjoni għall-proġett ta' ħajja ta' grupp ċkejken ta' Terzjarji Franġiskani nisa li kienu għadhom kif ingħaqdu f'komunità, imxewqin kif kienu li jibdew jgħixu l-ħajja reliġjuża bil-professjoni tal-voti evanġeliċi tal-kastità, faqar u ubbidjenza.

It-talba għall-approvazzjoni kien għamilha uffiċjalment bil-miktub ġranet qabel id-direttur tal-grupp, Dun Ġużepp Diacono. Minn ftit snin qabel dan kien qiegħed jieħu ħsieb il-formazzjoni spiritwali tal-grupp u b'hekk jieħu ħsieb iħejjih jaqbad it-triq tal-ħajja reliġjuża.

Il-grupp kien jagħmel parti mill-Għaqda tat-"Tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù", li fl-1877 waħda żagħżugħa devota – Maria Carmela Xerri – kienet waqqfet fir-Rabat t'Għawdex, bil-għan li jgħixu t-tagħlim misjub fil-kotba tas-saċerdot taljan Don

[1] Biex ngħidu s-sewwa, fil-bidu Mons Pace kien fittex li jkollu monasteru ta' sorijiet tal-Klawsura, iżda ma rnexxilux.

Gaspare Olmi (1833 – 1913), fost dawn: *L-għarusa tal-Qalb ta' Ġesù",* mitbugħ f'Modena fl-1873[2]. Min ħeber b'din il-ħidma kien il-ġiżwita Pietro Degiorgi, għalliem fis-Seminarju ta' Għawdex, li ma kienx jista' jieħu ħsiebha sewwa minħabba l-ħafna impenji li kellu. Il-kappillan ta' San Ġorġ – Dun Feliċ Refalo – afda l-għajnuna spiritwali tagħha f'idejn is-saċerdot kuġitur tiegħu Dun Ġużepp Diacono (1847 – 1924) li, ta' tletin sena, beda il-qadi tiegħu fl-1878.

Kienet għażla tassew providenzjali. Fil-bidu, il-laqgħat tal-grupp kienu jsiru fid-dar ta' Carmela Xerri: fil-bidu, darba fix-xahar (l-ewwel Ġimgħa); wara, iżjed spiss. It-tkabbir tal-grupp għafas għat-tibdil tal-post. Għal xi żmien, il-laqgħat bdew isiru fil-knisja ta' Savina. Imbagħad Dun Diacono kera dar qadima fi Triq Għajn Qatet, fit-tarf tal-Belt, li semma *Dar il-Karità* u li adatta kif u kemm seta' skont il-bżonnijiet tal-grupp. Intant, huwa mhux biss żied jagħfas fuq il-formazzjoni spiritwali tal-grupp, iżda mexxieh ukoll lejn qadi apostoliku u soċjali tal-kura spiritwali u materjali tat-tfajliet fqar tal-Belt Victoria u madwarha.

Ferħan b'dan l-iżvilupp, f'moħħ u qalb Dun Diacono nibet il-ħsieb li jibda jagħti ħajja għall-Istitut b'lemħa Franġiskana ma' xi wħud mill-għaqda li wrew ruħhom imxewqin għalih. Fil-15 ta' Awwissu 1880, tmienja minn dawn ix-xbejbiet terzjarji franġiskani bdew jgħixu flimkien f'*Dar il-Karità* fuq linji mirquma sewwa u severi maħsubin minn Dun Diacono stess; linji li minnu baqgħu jiġu dejjem imfakkra u kultant mġedda skont tibdil iż-żminijiet[3].

Għal dawn ir-raġunijiet, huwa fis-sewwa jistħoqqlu li jkun magħruf bħala l-Fundatur, - titlu li hu stess kien xi drabi jagħti lilu nnifsu, u li s-sorijiet, kif anke l-istess Isqof, kienu jgħarrfuhulu.

---

[2] Jikteb J. Bezzina: "L-għan tal-gruppi mwaqqfin minn don Gaspare Olmi kien ispirat mill-messaġġ tad-dehriet ta' Paray-le-Monial: turija ta' gratitudni lill-Qalb ta' Ġesù imweġġa' b'imħabba għalina, talba ta' maħfra għall-midinbin u ta' perseveranza għall-ġusti. Il-membri kellhom jgħożżu l-virtujiet tal-umiltà, safa u karità, u fuq kollox jistinkaw li jsiru qaddisin bit-talb, bis-sagramenti u d-devozzjonijiet ewkaristiċi u marjani. Tlieta kienu l-intenzjonijiet tal-gruppi: l-glorifikazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù, it-talb għall-Knisja u għall-Papa, it-tkabbir tal-ħeġġa fil-komunitajiet reliġjużi". *(Madre Margherita De Brincat: Profilo Biografico*, in AA.VV., *Amiamo l'Amore. Studi sulla spiritualità della Serva di Dio, Madre Margherita de Brincat, cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Ġesù alla luce delle sue lettere*, Ruma 2005, p. 21 s).

[3] Għal dawn, ara id-dokumenti fir-*Raccolta di alcuni scritti di Don Giuseppe Diacono e di altri documenti della primitiva Comunità,* Vittoria – Gozo 1994.

Wara l-approvazzjoni tal-Isqof fl-1 ta' Settembru 1880, il-grupp żgħir, li sadattant kien laħaq in-numru ta' tnax , beda ż-żmien ta' tħejjija għall-professjoni tal-Voti reliġjużi. Biss mhux ċar meta t-terzjarji franġiskani bdew in-novizzjat tagħhom. F'rapport qasir tal-1934[4], insibu li l-ewwel vestizzjoni kienet saret fil-15 ta' Awwissu 1881 u l-ewwel professjoni sempliċi f'Awwissu ta' wara. Bil-maqlub, fit-tifkiriet tagħha, miktubin bl-idejn, Sr Paċifika Xuereb tgħid: *"Fit-18 ta' Ottubru 1880, l-aspiranti ġodda, wara tħejjija xierqa, ġew imlibbsa ta' Terzjarji Franġiskani mill-Fundatur tagħhom Dun Ġ. Diacono. Il-libsa kienet griża, ċinglu iswed, maktur kbir fuq spallejhom, maktur ieħor abjad fuq rashom u meta kienu joħorġu barra kienu jilbsu velu iswed twil fuq rashom. F'dal jum tal-vestizzjoni reliġjuża tagħhom kull waħda żiedet Protettur ma' isimha".*

Kien x'kien, l-iskop partikulari tal-Istitut il-ġdid kien muri biċ-ċar minn Dun Diacono, fl-ittra li fakkarna qabel, mibgħuta lill-Isqof biex jitlob is-setgħa tiegħu: *"Għan ewlieni tal-Istitut tagħhom ikun l-edukazzjoni tat-tfajliet tal-klassi l-iżjed fqira, li jiġġerrew mat-toroq, qalb elf periklu, ifittxu jilqgħuhom, iżommuhom beżlin taħt il-ħarsien tagħhom, jgħallmuhom il-katekiżmu u jagħtuhom tagħlim elementari kif inhu xieraq għall-kundizzjoni tagħhom. Barra minn hekk, ikunu disponibbli għal kull ħidma oħra ta' karità, li jagħtuhom fil-limiti li jippermettulhom is-superjuri. Ixerrdu, fl-aħħarnett, bħala ħidma tal-Istitut, b'kull mezz possibbli, id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, b'mod partikulari bil-Kongregazzjoni tal-hekk imsejħin "Kuruni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù", li se tkun fdata lit-tmexxija tagħhom."*

Meta fil-5 ta' Frar 1881 tħalla post vojt, Dun Diacono laqa' bħala postolanta liż-żagħżugħa Virġinja De Brincat[5]. Mit-8 ta' Diċembru 1877 din kienet diġà fl-għaqda tat-"Tnax-il Stilla". Fil-15 ta' Awwissu, huwa bdielha n-novizzjat bl-isem ta'

---

[4] F'dan ir-rapport insibu l-isem tat-terzjarji tal-ewwel Komunità: Giuseppa Pace, Rosanna Gauci, Graziulla Grech, Carmela Grech, Maria Agius, Antonia Mintoff, Carmela Galea, Carmela Grech, Margherita Spiteri, Giuseppa Apap, Vittoria Sciberras, Carmela Buttigieg.

[5] Giuseppa Pace, l-ikbar fil-grupp, ħarġet minnu, anke jekk kompliet tmur fid-Dar tal-Karità. Mhux ċar meta dan ġara. Ir-rapport imsemmi tal-1934 jgħid li Giuseppa Pace telqet il-15 ta' Awwissu 1881 u kien f'dak il-mument li Dun Diacono daħħal flokha lil Virġinja De Brincat. Mhux dejjem faċli tkun taf id-data preċiża ta' xi ġrajjiet tal-ewwel komunità. F'dal-każ, kif f'oħrajn, nafdaw fid-data tal-5 ta' Frar li jagħtina J. Bezzina, li ħa ħsieb il-parti storika tal-proċess djoċesan ta' Għawdex għall-beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Ara J. Bezzina, *Madre Margherita De Brincat: profilo biografico ..., p. 25s.*

Maestra Virġinja tal-Beata Margerita. Fis-17 ta’ Awwissu 1883 ħadet il-voti reliġjużi u fil-15 ta’ Awwissu 1884, għall-ħafna doti tagħha personali u għall-grad għoli kulturali li bihom kienet imżejna, għażilha bħala Segretarja ġenerali.

Intant, fil-15 ta’ Jannar 1882, mill-imwarrba Triq Għajn Qatet, il-Komunità marret toqgħod fl-iżjed ċentrali Triq Palma, f’dar li Dun Diacono xtara bi flusu. Huwa mbagħad, b’tagħbija finanzjarja mhux żgħira, ħaseb biex jagħtiha struttura ġdida u akbar. Xtara iżjed art tmiss magħha u bena knisja miftuħa għall-poplu u msemmija għall-Madonna tal-Qalb ta’ Ġesù. Din id-dar, ġdida u aħjar għall-ħajja tal-Komunità, ġiet ukoll imsejħa *Dar il-Karità.* Meta mis-sena 1885 bdew jinfetħu djar oħra, id-dar ta’ Triq Palma bdiet tissejjaħ ukoll “Casa Madre”.

Dejjem fuq talba ta’ Dun Diacono, b’digriet tat-13 ta’ Ottubru 1883, Mons Pietru Pace ta l-approvazzjoni tiegħu definittiva lill-Kongregazzjoni, bl-isem ta’ “Sorijiet tat-Terz’Ordni Franġiskan” (fil-waqt li qabel it-Terzjarji kienu magħrufa min-nies bħala “Is-Sorijiet tal-Istilla”). Mal-approvazzjoni, l-Isqof wiegħed li fi żmien qasir huwa ser jagħti wkoll lis-sorijiet regola proprja bil-kostituzzjonijiet magħha. Dun Diacono ġie kkonfermat mill-Isqof Amministratur u Direttur prinċipali tal-Komunità.

F’dawn is-snin tal-bidu, taħt it-tmexxja soda u għaqlija ta’ Dun Diacono li b’”regolamenti” mirqumin fassal il-ħajja tagħhom fil-ħafna ħidmiet tagħha: spiritwali, organizzativi, apostoliċi ..., is-sorijiet impenjaw ruħhom b’ħeġġa ta’ min ifaħħarha kemm fil-ħajja spiritwali nterna u kemm fil-ħidma soċjali esterna mat-tfajliet foqra ta’ Għawdex. Kulħadd beda juri stima u apprezzament lejn il-Kongregazzjoni.

Fl-istess waqt, kien qiegħed isir ċaqliq mgħaġġel fit-tkabbir tal-ħajja tal-Kongregazzjoni li ġieb miegħu bidla fir-rapport bejn Dun Diacono u l-Komunità. Waqt li fil-bidu huwa kien dak li jiddeċiedi kollox minn rajh, issa beda jikber is-sens komunitarju muri fil-*Kapitlu* – imwaqqaf fl-1 ta’ Jannar 1885 – u d-deċiżjonijiet bdew dejjem iżjed jittieħdu mis-sorijiet flimkien. Ġara sewwa li fil-15 ta’ Awwissu 1885, il-Komunità tat lilha nfisha ordinament ġenerali għall-ħajja spiritwali, organizzativa u apostolika. Dun Diacono kien kuntent b’din id-deċiżjoni u, mingħajr ma ċaħad li jibqa’ “Direttur ewlieni”, irtira r-“Regolamenti” tiegħu ta’

qabel[6]. Ta' mportanza huwa anke t-tibdil tal-isem tas-Superjura: mhux iżjed "Vigarja" (ta' Dun Diacono), iżda "Superjura prinċipali". Dak iż-żmien is-sorijiet kienu 23.

**b. Diffikultajiet u Problemi**

Biss, fl-istess ħin – bħal ma jiġri fi żmien it-tfulija tal-bniedem – ma naqsux problemi ta' ħafna għamliet. Dawn il-problemi ġew imsemmija fil-qosor fid-dokument mibgħut fil-31 ta' Mejju 1921 lis-Santa Sede, biex jiġi mitlub (għat-tieni darba) id-"Decreto di lode". Insibu miktub: "Speċjalment fil-bidu, inqalgħu diffikultajiet u provi morali u ekonomiċi illi heddew li jxerrduha u jifnuha għal kollox. Biss, bil-għajnuna għaqlija ta' Mons Pietru Pace, għal ħafna ħeġġa tas-Superjuri u għar-rieda tajba tal-Kongregati, fuq kollox għall-għajnuna ta' id Alla, it-taqlib siket, u wara snin ta' qtigħ ta' qalb, l-opra bdiet jkollha ħajja soda, u s-siġra bdiet tifrex il-friegħi tagħha u tagħti l-frott."

a) Tassew li f'dawk l-ewwel snin tal-ħajja tagħha, il-Komunità ġarrbet mumenti delikati u diffiċli. Xi wħud minnhom għal raġunijiet ġejjin minn ġewwa; oħrajn għal raġunijiet ta' għamla strutturali u istituzzjonali.

Bħala l-ewwel superjura tal-komunità kienet ġiet magħżula Sr Rosanna Gauci. Għall-ħabta tal-aħħar tal-1882 l-Isqof issuġġerixxa minn flokha lil Sr Geltrude Darmanin, reliġjuża Maltija tas-Sorijiet Missjunarji Franġiskani tal-Eġittu, illum imsejħin Sorijiet Franġiskani tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija, li kienet ġiet imkeċċija mill-Kajr minħabba l-gwerra bejn l-Ingilterra u l-Eġittu. L-Isqof ħaseb li, l-età u l-esperjenza li kellha setgħu jkunu ta' għajnuna siewja għat-tkabbir tal-Komunità. Dun Diacono, ukoll jekk ftit imħasseb, ħa bit-tajjeb il-proposta. Laqa' lil Sr Darmanin bi prova[7]. Fil-15 ta' Awwissu 1883, waqt l-istennija tal-awtorizzazzjoni mis-Santa Sede għat-tibdil tal-Istitut reliġjuż, huwa laqagħha uffiċjalment bħala waħda mill-Komunità tiegħu, waqt li għamilha wkoll Superjura. Mill-15 ta' Awwissu 1884, imbagħad, din ħadet l-isem ta' Madre Vigarja, billi Dun Diacono baqa' fil-fatt il-veru Superjur. Sfortunatament, it-tama li poġġa fiha l-Isqof u l-istess Dun Diacono malajr għebet, għax il-karattru awtoritarju u l-indħil żejjed ta'

---

[6] Ara *Raccolta* ... doc. 39 u 40, pp. 130-133.

[7] Ma' Darmanin ġiet milqugħa wkoll il-konsorella tagħha Maltija Sr Giuseppa Caruana.

Sr Darmanin malajr wasslu għal nuqqas ta' kalma u ferħ fil-Komunità, tant li fit-3 ta' Jannar 1885, fi qbil sħiħ bejn is-sorijiet u Dun Diacono, ġiet imniżżla minn postha u bħala Superjura – Vigarja tpoġġiet mill-ġdid Sr Rosanna Gauci[8].

Ta' min ifakkar ukoll li fil-proġett tal-bidu ta' Dun Diacono, il-Komunità kellha tkun miftuħa biss għal tnax-il soru korista – biex tkun simbolu tat-tnax-il stilla li, fid-dehriet ta' Santa Margerita Alacoque, iżejnu l-Qalb ta' Ġesù[9], kellhom ikunu mwielda Għawdex u jgħixu u jaħdmu biss ġewwa l-gżira ż-żgħira[10]. Min-naħa l-oħra, l-Isqof ma kienx jaqbel ma' dan, fis-sens li ma kienx jara sewwa moħħ magħluq ta' din ix-xorta. U anke dan in-nuqqas ta' qbil ikkawża spiss tensjonijiet bejniethom.  Biss, fl-aħħar mill-aħħar, għallinqas fil-prattika, Dun Diacono spiċċa biex għaraf jaddatta ruħu b'sens rejalistiku għas-sitwazzjonijiet il-ġodda[11].

L-ewwel okkażżjoni ġiet meta fis-sena 1884, Lady Hely-Hutchinson, mart l-Ewwel Segretarju tal-Gvernatur Ingliż ta' Malta talbet lis-sorijiet jiftħu dar Birkirkara, Malta, biex jieħdu ħsieb it-tfal fqar u biex joffru anke lill-kbar l-opportunità li jitgħallmu xi sengħa. Il-proposta ġiet milqugħa sewwa mis-sorijiet u approvata fid-deher mingħajr diffikultà minn Dun Diacono. Id-dar ġiet miftuħa fil-31 ta' Mejju 1885 u bħala "Primarja" – kif kienet tissejjaħ dak iż-żmien ir-responsabbli ta' skola ta' din ix-xeħta – kienet ġiet imsejħa Madre Margerita[12]. Ftit żmien qabel, fl-1 ta' Jannar 1885, is-sorijiet kienu diġà fetħu dar fil-Qala, Għawdex, imsejħin minn Dun Diacono, li minn Mejju 1881 kien il-Kappillan t'hemmhekk. Huwa ċar li għal ħidma bħal din, kien jeħtieġ personal li seta' jlaħħaq magħha. Għallinqas fil-prattika, il-problema tan-numru magħluq ta' sorijiet, u tat-territorju Għawdxi, ġie malajr

---

[8] Skont  J. Bezzina, flok Darmanin kienet ġiet magħżula għal ftit xhur Sr Maria Camilleri, filwaqt li Sr Rosanna Gauci daħlet flokha fil-15 ta' Awwissu ta' wara *(Don Giuseppe Diacono, fondatore delle Suore Francescane del Cuore dei Gesù,* Rabat Gozo 2000, p. 67). Biss, fil-minuti tal-Kunsill tat-3 ta' Jannar 1885, insibu li Sr Rosanna ġiet maħtura flok Darmanin dakinhar stess.

[9] Fl-ewwel "Regolament" insibu li, fost oħrajn, għan tal-komunità kien hemm ukoll dak li jiġu "onorati b'12-il korista t-12-il privileġġ tal-Verġni Marija, u b'xi mod hija tirrappreżenta waħda minn dawk il-kuruni tat-12-il verġni, li Ġesù stess, permezz ta' S. Margerita Alacoque talab bħala sabar għall-Qalb l-iżjed imħeġġa tiegħu." Ara Raccolta ... dok 3, p. 29.

[10] Barra mill-koristi, kellu jkun hemm ukoll żewġ reliġjużi "konversi".

[11] Rigward dan, huwa ta' ħtieġa storika kbira d-dokument tal-21 ta' Novembru 1884 li fih, fost l-oħrajn, jiġi stabilit li n-numru ta' tnax-il soru korista u żewġ konversi jibqa' jgħodd għall-Casa Madre biss. Ara *Raccolta ... dok 33, p. 119*

[12] Hekk jgħid J. Bezzina *(Madre Margherita De Brincat: Profilo Biografico ...*p. 28). Bil-maqlub, fid-dokument tal-15 ta' Awwissu 1885 li nsibu fl-i*Stabilimenti e Regolamenti della Comunità,* naqraw li "primarja" ta' Birkirkara ġiet magħżula Sr M. Rosa di S. Rosa. Barra minn dan, fil-minuti tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1886 insibu li dakinhar biss kien mogħti lil Madre Margerita il-post ta' "primarja" f'Birkirkara.

mirbuħ, bil-lqugħ ta’ vokazzjonijiet ġodda ġejjin ukoll minn Malta u, fl-istess ħin, bit-tkabbir tal-Kongregazzjoni barra mill-gżira ta’ Għawdex.

Is-sorijiet u mhux inqas Dun Diacono, kienu qegħdin jistennew dejjem b’inqas sabar, li l-Isqof jagħti r-Regola mwiegħda bil-Kostituzzjonijiet magħha. Dan ġara fis-6 ta’ Mejju 1886. Ir-Regola kienet dik tat-Terz’Ordni Regolari ta’ San Franġisk t’Assisi, promulgata mill-Papa Ljun X fl-1521; il-Kostituzzjonijiet kienu prattikament dawk tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Eġittu, ftit imbiddla għax adattati għall-Kongregazzjoni l-ġdida, u mfasslin fuq l-għaxar kapitli tal-istess Regola.

Fid-dokument tal-promulgazzjoni, l-Isqof jgħid b’sodisfazzjon li tifhmu: “Alla sejħilkom biex tissedqu u xxerdu l-fwieħa ta’ Ġesù Kristu mhux fis-solitudni tal-kjostru, iżda fid-dinja, b’ħajja mimlija sagrifiċċji u kollha kemm hi kkonsagrata għall-ġid tat-tfajliet l-iżjed magħkusin u minsijin. U aħna ma fraħniex ftit fil-Mulej meta rajna l-ħeġġa tal-għaġeb li biha tfittxu li taqdu din il-missjoni tagħkom b’tant vantaġġ għar-Reliġjon u s-soċjetà. Dak li mhux biss qalgħalkom l-istima tal-poplu, iżda dak li jiswa iżjed, il-barka tas-Sema.” U iżjed 'il quddiem: “Noffrulkom għalhekk din ir-Regola bil-Kostituzzjonijiet magħha minna stess imbiddlin f’xi partijiet tagħhom. Ilqgħuhom b’qalb ferħana u jalla tkun għalikom minn issa 'l quddiem il-Ktieb tal-Ħajja, il-liġi soda li warajha għandkom timxu biex tilħqu l-għan li l-Istitut tagħkom irid jilħaq, għan tant għani fih innifsu daqs kemm huwa sabiħ għall-għajnejn ta’ Alla. Kunu qawwija, bla ma ċċedu jew tgħejjew – ngħidilkom ma’ San Pawl – fit-twettiq ta’ dak kollu li r-Regola titlobkom; u għixu b’mod li ebda ħaġa ma tifridkom mill-Għarus tas-Sema, li rabatkom flimkien biex titħeġġu u titqawwew waħda mal-oħra, u taħdmu b’ħila f’qalb waħda għall-ġid ta’ tant erwieħ li ġew fdati lilkom”.

Is-sorijiet laqgħu b’ferħ u gratitudni r-Regola u l-Kostituzzjonijiet li bdew jobbligaw mix-xahar ta’ Ġunju[13]. Minn dak in-nhar dawn bdew imexxu minflok id-direttivi ta’

[13] Ara *Raccolta ...* dok 46 u 47, p. 140 ss. Fil-kopja miktuba bl-idejn tal-Arkivju ġenerali tal-Kongregazzjoni awtentikata min-nutar Vincenzo Giorgio Gioioso, naqraw: *Nilqgħu r-Regola bil-bidliet diġà magħmula – Illum, Disgħa ta’ Mejju, Elf Tmien Mija Sitta u tmenin – Casa Madre, 9 ta’ Mejju 1886.* Iffirmati: Rosanna Gauci Superjura, Virġinja DeBrincat Segretarja, Kap G. Diacono Direttur”.

qabel imfasslin mill-Komunità fil-15 ta' Awwissu 1885. Ġiet imbiddla x-xeħta tal-libsa, li baqgħet l-istess ftit jew wisq sal-1967.

b) Mal-għotja tar-Regola, is-sorijiet bdew iħejju ruħhom biex jipprofessawha bil-voti perpetwi, wara li kienu għamlu mill-ġdid in-novizzjat kif riedu n-normi tal-Knisja. Fiż-żmien ta' qabel, it-tul tan-novizzjat ma kienx għal kulħadd l-istess: kien jiddeċidieh Dun Diacono bla ma ħadd jindaħallu u kien jiddeċiedi fuq kull każ wieħed wieħed.

Matul dan iż-żmien, ma waqfux la t-tifrix tas-sorijiet u lanqas il-ħidma tagħhom bieżla u ta' ħafna xeħtiet. Fl-14 ta' Frar 1887 is-sorijiet bdew imexxu l-Istitut *Fra Diego*, imwaqqaf xi sena qabel fil-Ħamrun, Malta, minn lajk franġiskan umli, fra Diego Bonanno, bil-għan li jilqa' tfajliet u adolexxenti f'tiġrib, li setgħu jibqgħu l-Istitut biss sakemm jagħlqu t-18-il sena[14].

Fis-6 ta' Marzu 1887, Sr Virġinia tal-Beata Margerita kienet ġiet eletta Superjura prinċipali tal-Komunità flok Sr Rosanna li, minħabba raġunijiet tal-familja, kienet ħalliet id-Dar għal xi żmien. Fit-8 ta' Diċembru, l-istess Sr Virġinia għamlet il-Professjoni tagħha mill-ġdid, f'idejn l-Isqof, waqt li ħadet uffiċjalment l-isem ta' Sr Margerita tal-Qalb ta' Ġesù: bir-raġun kollu għalhekk hija meqjusa bħala l-ewwel soru professa tal-Kongregazzjoni. Is-sittax-il soru l-oħra pprofessaw fil-11 ta' Diċembru ta' wara f'idejn il-Vigarju ġenerali, il-Kanonku Ġużeppi Farrugia.

Fi żmien qabel li ma nistgħux inkunu nafu sewwa meta[15], ġara fatt drammatiku li ġieb fil-periklu l-istess ħajja tal-Kongregazzjoni: twassalulna Sr Paċifika Xuereb fit-Tifkiriet miktubin b'idejha stess u li hija kienet saret taf minn sorijiet li kienu xhieda tiegħu.

Mela ġara, li wara li l-Isqof f'Mejju tal-1886 ta r-Regola, Dun Diacono, b'att ta' Nutar tas-17 ta' Ġunju, kien ikkonferma għal kollox id-donazzjoni lis-sorijiet ta'

---

[14] Biss fil-fatt xi wħud minnhom baqgħu fl-Istitut għal kollox, sa ma mietu, bis-sorijiet jieħdu ħsiebhom b'imħabba. Bħal ma għadu jiġri wkoll illum.

[15] Skont P. Calliari ġara fl-aħħar xhur tal-1888 (Ara *Amiamo l'Amore, Profilo biografico di Madre Margherita De Brincat, fondatrice,* Roma 1987, p. 79). Bil-maqlub, skont J. Bezzina kien ġara xi sena qabel, probabilment fit-8 ta' Ottubru 1898 (*Don Giuseppe Diacono, Fondatore delle Suore Francescane del Cuore di Ġesù, 1847 – 1924,* p. 75). Hawnhekk nixtieq nerġa' nfakkar, kif diġa għedna, li dak li ġara fl-ewwel snin tal-Komunità la nafuh bi sħiħ u lanqas bi preċiżjoni.

*Dar il-Karità*[16] li kienet proprjetà tiegħu, anke jekk kien żamm għalih ftit drittijiet u ried ukoll li s-sorijiet jieħdu sehem fil-ħlas tad-dejn li kien baqa' jitħallas. Biss ġara li mhux biss minħabba nuqqas ta' qbil mal-isqof, iżda anke għax is-sorijiet forsi ma rnexxilhomx iħallsu rata mid-dejn, Dun Diacono mar *Dar il-Karità* bil-ħsieb li jbiegħ kollox u jibgħat lis-sorijiet id-dar. Madre Margerita, li kienet Birkirkara, ħebrilha l-ħsieb li tmur Għawdex. Għad-disponibilità umli tagħha li tieħu fuq spallejha l-Kongregazzjoni stmata bħala "opra ta' Alla", irnexxielha tikkonvinċi lil Dun Diacono biex ibiddel ħsiebu. B'dal-mod salvat il-Kongregazzjoni u saret bil-fatti l-Ko-fondatriċi tagħha. Minn hemm 'il quddiem hija ħadet f'idejha x-xogħol mibdi minn Dun Diacono bil-personalità kariżmatika kollha tagħha.

Biex ngħidu s-sewwa, l-Isqof kien diġà minn xi żmien ħeles lil Dun Diacono mir-rwol tiegħu ta' Direttur prinċipali tas-sorijiet: l-aħħar firma tiegħu fl-*Atti* tal-Komunità ġġib id-data tal-15 ta' Awwissu 1886. Id-deċiżjoni tal-Isqof, meħuda anke minħabba tqasqis ħażin u bla provi fuqu, weġġgħetu ħafna. Madanakollu, l-imġieba tiegħu mas-sorijiet, b'mod partikulari ma' Madre Margerita, baqgħet dejjem tajba.

### c) Qawmien ġdid u Tifrix tal-Kongregazzjoni

Wara li għadda dan it-tiġrib, taħt it-tmexxija għarfa ta' Madre Margerita, l-Kongregazzjoni kisbet il-ħeġġa tal-bidu u saħħet in-nar apostoliku.

L-Isqof il-ġdid t'Għawdex, l-agostinjan Ġwann Marija Camilleri, li laħaq fi Frar 1889 wara li Mons Pietru Pace ġie magħżul Isqof ta' Malta, laqqa' l-ewwel veru Kapitlu ġenerali tal-Kongregazzjoni, li taħt il-presidenza tiegħu, beda jaħdem fl-10 ta' Ġunju 1889, fil-Casa Madre ta' Għawdex.

Dak inhar stess, Madre Margerita ġiet magħżula Superjura Ġenerali kważi b'vot unanimu. Ġiet imbagħad ikkonfermata fit-Tieni (Ġunju 1892) u fit-Tielet (Awwissu 1895) Kapitli ġenerali. Fl-umiltà tagħha ma ħassithiex li kellha terġa' tiġi kkonfermata fir-raba' Kapitlu ġenerali, f'Mejju 1901. F'lokha ġiet magħżula Madre

[16] Is-sena ta' qabel, b'att ta' nutar tal-14 ta' Awwissu 1885, Dun Diacono kien diġà għadda lis-sorijiet id-*Dar tal-Karità* biex jużawha u joqogħdu fiha. Fost il-klawsoli tal-għotja nsibu: "Artiklu tnax – Il-Komunità fuq imsemmija tobbliga ruħha [sic!] tieħu parti skont kemm huwa possibli għall-ħlas tad-djun magħmulin mill-Wisq Reverendu Kappillan Diacono għall-bini tad-dar tal-Karità u tal-Knisja li hemm magħha ..."

Rosalia Vella tal-Kustat Imqaddes, waqt li hija intagħżlet bħala Vigarja ġenerali tagħha.

Bl-għerf kariżmatiku tat-treġija ta' Madre Margerita, l-Kongregazzjoni kibret u żdiedet ħafna fin-numru: fil-1889 s-sorijiet kienu 'l fuq minn 40; fl-1900 s-sorijiet ħajjin kienu 84.

Dan għamel dejjem iżjed possibli li jintlaqgħu l-ħafna talbiet li minn kull rokna kienu jiġu magħmula lill-Kongregazzjoni biex jinfetħu djar ġodda. Fl-1900, s-sorijiet kienu jinsabu diġà f'disat ibliet u rħula: sebgħa Malta (Birkirkara, Ħamrun, Isla, Bormla, Valletta, Żebbuġ, Floriana) u tnejn Għawdex (Rabat u Qala). Il-ħidma tagħhom ta' ħafna għamliet f'dawn is-snin – skejjel, katekiżmu, orfanatrofji, formazzjoni professjonali tat-tfajliet, kura tal-Għaqdiet tal-Istilel, u tal-"Figlie di Maria", tixrid tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù ... – baqgħat issir fuq il-linja u bl-iskopijiet ta' dik tal-bidu: żvilupp dejjem akbar mill-għeruq! Biex niftiehmu sewwa, f'daż-żmien fl-iskejjel tas-sorijiet insibu madwar 900 tfajla.

Fl-1894, Madre Margerita talbet lill-Isqof t'Għawdex, Mons Camilleri, l-approvazzjoni ta' xi bidliet fil-Kostituzzjonijiet li hija daħħlet mal-Kunsill tagħha, biex jintlaħaq aħjar il-"għan tal-Istitut". L-approvazzjoni ġiet mogħtija b'digriet tas-27 ta' Awwissu 1894. Il-Kostituzzjonijiet b'dawn il-bidliet baqgħu jobbligaw sal-1921.

Fit-18 ta' Awwissu 1900, b'ittra ffirmata minnha u mill-Kunsill tagħha, Madre Margerita talbet lill-Papa Ljun XIII li "jiddenja ruħu japprova l-Kostituzzjonijiet u l-Istatut tagħhom" u jagħti lill-Kongregazzjoni Maltija id-"Decreto di Lode", jiġifieri l-għarfien uffiċjali tagħha min-naħa tas-Santa Sede. Xi jiem qabel, b'ittra tat-22 ta' Awwissu 1900, mibgħuta lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi[17], Mons Camilleri mexxa t-talba tal-approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet tas-Sorijiet Franġiskani u tal-għoti tad-"Decreto di Lode". L-istess talba kienet mibgħuta wkoll fil-11 ta' Novembru 1902, minn Mons Pietru Pace, Arċisqof ta' Malta.

---

[17] Il-Kongregazzjoni tas-Santa Sede li tieħu ħsieb l-Istituti tal-Ħajja Konsagrata, maż-żmien biddlet isimha ħafna drabi. Biex inħaffu r-riferimenti għaliha 'il quddiem se nsibuha b'dan l-isem: Kongregazzjoni għar-Reliġjużi.

Il-Kongregazzjoni tar-reliġjużi ħalliet f'idejn P. Luca Galli da Pofi biex ilesti "vot" fuq dak li kien qiegħed jintalab. Il-vot iġib id-data tal-25 ta' Jannar 1903 u, wkoll jekk fih xi rimarki, huwa qabel li t-talba kellha tiġi milqugħa. Madankollu, fil-laqgħa tat-12 ta' Marzu 1903, il-Kummissjoni għall-Istituti ġodda ħarġet twieġeb b'"Dilata", jiġifieri li t-tweġiba definitiva kienet posponuta għal aktar tard. Ir-raġuni kienet din: "Billi dan l-Istitut li għadu ftit żviluppat juri xi difetti, stmajna li huwa aħjar nibagħtulu ittra ta' nkoraġġiment li fiha nistgħu nissuġġerixxulu li jiddetermina tajjeb il-għan tiegħu, li jaqla' mill-Ordni Franġiskan l-awtorizzazzjoni mitluba jew l-aggregazzjoni, li jorbot f'kollox il-Kostituzzjonijiet tiegħu man-Normi u li, wara li jerġa' jippreżenta ruħu lil din il-Kongregazzjoni, ma jonqosx li juri r-rapport preskritt fuq l-istat personali, materjali, dixxiplinari u ekonomiku. L-Isqof t'Għawdex jista' forsi jħabrek biex dan l-Istitut jingħaqad mal-ieħor tal-istess Regola msemmi tal-Kajr li jinsab f'Malta".

Ma nafux jekk Mons Camilleri ħabrikx biex tiġi mwettqa t-talba tal-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi li jgħaqqad is-sorijiet Maltin mas-Sorijiet Missjunarji Franġiskani tal-Eġittu. Dak li nafu żgur hu li l-Kongregazzjoni Maltija baqgħet miexja 'l quddiem fit-triq tagħha. Intant, is-Superjura ġenerali l-ġdida, Sr Rosalia Vella, li daħlet fl-1901 wara Madre Margerita, kienet għamlet talba ta' aggregazzjoni lill-Ordni tal-Patrijiet Minuri sabiex jitgawda l-istess ġid spiritwali tal-Ordni. B'digriet tat-23 ta' Ottubru 1903, il-Ministru ġenerali, P. Dijonisju Schüler ta l-aggregazzjoni spiritwali mitluba.

B'hekk, imwielda u mkabbra fil-ħdan għammieli tal-ispiritwalità franġiskana, il-Kongregazzjoni kellha din l-identità kariżmatika proprja u daħlet tagħmel parti mill-familja kbira franġiskana.

## 2. IT-TIENI MEDDA TA' ŻMIEN: 1904 – 1946

Rajna kif l-ewwel għoxrin sena tal-Kongregazzjoni għaddew fost ġrajjiet imżewqin, li meta nħarsu lejhom flimkien, narawhom bħala ż-żmien fiżjoloġiku ta' trabbih l-għeruq u ta' sejbien dejjem iżjed ta' identità, li sebaq fl-aggregazzjoni spiritwali mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Fl-għexieren ta' snin ta' wara, il-Kongregazzjoni

kompliet dejjem iżjed tissoda u tinfirex, sakemm f'Diċembru 1946 kisbet mis-Santa Sede l-għarfien bħala Istitut ta' *Diritto Pontificio.*

## a. Xefaq dejjem iżjed wiesa'

F'Marzu 1904 ġie msejjaħ Kapitlu Ġenerali Straordinarju (il-ħames wieħed) biex tintgħażel Superjura ġenerali ġdida mal-Kunsill kollu tagħha. Kemm Madre Rosalia Vella, kif ukoll il-Kunsillieri tagħha kienu rriżenjaw għaliex saru jafu b'mod ċert, għal raġuni li ma nafuhiex, li ma kinux għamlu b'mod validu n-novizzjat. Fit-3 ta' Marzu 1904, flok Madre Rosalia ġie magħżula mill-ġdid Madre Margerita, li kienet ikkonfermata għal darb'oħra fit-28 ta' Jannar 1905 fis-sitt Kapitlu Ġenerali. Baqgħet Madre ġenerali sa Ġunju 1911.

Rigward il-ħajja interna tal-Kongregazzjoni, Madre Margerita sabet ruħha f'sitwazzjoni kemm kemm imgħaqqda. Għax fiż-żmien bdiet tinbet imġieba mhux skont l-osservanza tal-Kostituzzjonijiet u tan-normi li f'dawk is-snin is-Santa Sede kienet qed tagħmel biex tinkwadra aħjar ix-xejra kanonika tal-Istituti reliġjużi li kienu qegħdin jinbtu ftit kullimkien[18]. Din l-imġieba kienet tmiss id-dħul fil-Kongregazzjoni tal-postulanti (problema ta' doti, il-post tagħhom fil-klassi tal-koristi ...), l-amministrazzjoni ekonomika, it-tmexxija tal-Kongregazzjoni, il-vot tal-Faqar.

Din is-sitwazzjoni ta' ħafna irregolarità li nġiebet minħabba n-nuqqas ta' formazzjoni ġjuridika tas-sorijiet, wasslet għal żewġ twissijiet mill-Knisja. L-ewwel waħda waslet minn Mons Camilleri, isqof ta' Għawdex: fl-14 ta' Novembru 1907, waqt żjara kanonika, ħareġ digriet biex jiġu osservati bil-fedeltà n-normi li huwa kien fassal[19]. It-tieni twissija kienet tad-Dumnikan malti P. Anġlu Portelli: bħala viżitatur apostoliku tas-Santa Sede tal-Istituti reliġjużi maltin, fit-23 ta' Diċembru 1910 ħareġ digriet twil u b'ħafna punti li fih ġew mogħtija normi preċiżi "għal iżjed regolarità u għat-tkabbir tal-Kongregazzjoni kollha."

Dawn l-interventi sfaw kemm f'posthom u kemm ta' ġid billi ssodaw l-għaqda man-normi tal-Knisja fuq l-impostazzjoni u t-tmexxija tal-ħajja reliġjuża u wasslu

---

[18] Għal dawn ara: *Enchiridion della Vita Consacrata: dalle Decretali al rinnovamento post-conciliare (385 – 2000),* Dehoniane – Ancora, Bologna – Milano 2001, p. 344 ss.

[19] Diġà qabel, fid-dokument aħħari tas-Sinodu djoċesan tal-24 ta' Awwissu 1904, l-isqof kien iddedika ir-raba' kapitlu għas-sorijiet franġiskani li fih, ma għarfien sabiħ u kif kien ħaqqhom kemm għal ħajjithom kif ukoll għal ħidmiethom, żied serje ta' twissijiet u ordinamenti.

wkoll għal iżjed fedeltà lejn il-valuri tal-kariżma tipika tal-Kongregazzjoni u li għalhekk ma setgħux jiġu miċħuda.

Rigward il-ħidma apostolika, f'dawn is-snin ħabtu ġrajjiet illi wessgħu dejjem iżjed ix-xefaq apostoliku tal-Kongregazzjoni li sa issa kienet tgħix u taħdem biss fil-gżejjer ta' Għawdex u ta' Malta. Mill-1907 din bdiet taqbeż it-truf tal-arċipelagu malti biex tinfirex bil-mod il-mod f'ħafna pajjiżi oħra.

L-ewwel opportunità għal din it-tifrixa ġiet meta l-arċisqof ta' Malta, Mons Pietru Pace talab biex jintbagħtu fil-gżira ta' Korfù, fil-Greċja, ftit sorijiet għall-għajnuna spiritwali u soċjali lil ħafna Maltin li kienu emigraw hemmhekk ifittxu x-xogħol u li, mix-xejra reliġjuża, kienu qishom mitluqin għalihom infushom. L-istedina kienet tiġbdek mil-lat apostoliku, iżda mhux nieqsa minn diffikultajiet minn dak prattiku. Ħafna kienu, minn ġewwa l-istess Kongregazzjoni, li taw parir li ma tiġix milqugħa. Iżda Madre Margerita, wara li ħalliet jgħibu l-ewwel dubji li kienu ta' min jifhimhom, fil-ħeġġa apostolika tagħha u fil-fiduċja tagħha bla tarf fil-provvidenza divina, kienet taqbel. Tkellmet fit-tul mal-Kunsill tagħha u fl-1 ta' April 1907 dan qabel magħha. L-isqof t'Għawdex ukoll qabel li tiġi milqugħa l-istedina. U hekk, flimkien ma' Madre Margerita, is-sorijiet iddestinati għall-fondazzjoni l-ġdida baħħru lejn Korfù. Id-Dar ġiet miftuħa fis-27 ta' Mejju 1907 u s-sorijiet malajr taw bidu għal ħidma soċjo-pastorali mifruxa, ta' ġid, li għada sejra sal-lum għalkemm mhux daqs fil-bidu.

Fil-5 ta' Ġunju 1911, fis-seba' Kapitlu ġenerali, Madre Nazarena Gouder ġiet magħżula flok Madre Margerita għat-tmexxija tal-Kongregazzjoni. Din kienet l-ewwel superjura tad-dar ta' Korfù. Baqgħet tmexxi sa Mejju 1917. Kienet soru tat-tieni ġenerazzjoni, li pprofessat mela fl-14 ta' Mejju 1896, imkabbra fl-iskola għarfa ta' Madre Margerita. Kienet ħafna diversa minnha fil-karattru u fix-xejriet personali, iżda bejniethom seħħet sintonija spiritwali fonda li għaqqdithom tassew bħala aħwa għal ħajjithom kollha.

Madre Nazarena li kienet ġejja minn familja tat-tajjeb tal-Imdina, kienet persuna intelliġenti u ta' kultura. Kellha karattru qawwi, mexxiet lis-sorijiet b'id soda, u minħabba f'hekk ma naqasx li kien hemm xi wħud li ma kinux kuntenti biha.

Fuq talba li għamlilha l-arċisqof il-ġdid ta' Malta, Mons Mauro Caruana, Madre Nazarena mal-Kunsill tagħha laqgħet it-talba li s-sorijiet imexxu l-kċina tas-

Seminarju. Dawn bdew jaqdu minn Settembru 1916, l-ewwel fl-Imdina u wara tal-Virtù fir-Rabat, meta s-seminarju ġie trasferit. Fi Frar 1917 ġiet milqugħa dar fin-Nadur, Għawdex, u fit-18 ta' Ġunju infetħet skola hemmhekk.

**b. Ħeġġa għal opri ġodda u għarfien mill-Knisja**

Meta f'Ġunju 1911 Madre Margerita ħalliet it-tmexxija ġenerali, hija ġiet mibgħuta Korfù bħala superjura, fejn baqgħet sal-1917. Fit-28 ta' Mejju ta' dik is-sena, fit-tmien Kapitlu ġenerali, reġgħet ġiet magħżula Superjura ġenerali, għas-sitta u l-aħħar darba. Laqgħat li terġa' taqdi mhux mingħajr konflitt f'qalbha u fi spirtu ta' ubbidjenza għad-direttur spiritwali tagħha, Mons Antonio Galea, u għal Mons Camilleri, li lilu kienet talbet parir[20]. Baqgħet Madre ġenerali sa Mejju 1923.

a) F'dawn l-aħħar sitt snin bħala Madre ġenerali, l-Kongregazzjoni għamlet passi ġodda fil-mixja kariżmatika, u apostolika tagħha, u fit-tkabbir fin-numru. Xhieda ta' dan huma l-ittri ċirkulari tagħha, l-elf u ħames mitt tfajla taħt il-kura tas-sorijiet, il-mija u ħmistax-il soru professa fis-sena 1921. Xi ġrajjiet jixirqilhom ikunu tassew imfakkra.

Fl-1 ta' Jannar 1918 beda jseħħ il-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika, dak li ġab miegħu il-bżonn ta' aġġornament mhux ħafif tal-Kostituzzjonijiet. L-isqof ta' Għawdex, Mons Camilleri, b'digriet tal-5 ta' Awwissu 1921, approva t-test maħdum mill-ġdid mis-sorijiet biex jaqbel bis-sħiħ man-normi tal-liġi ekkleżjastika l-ġdida.

F'Settembru tal-1921 Madre Margerita marret għall-ewwel darba Ruma b'għan doppju: iġġedded mas-Santa Sede t-talba tad-"Decreto di Lode" għall-Kongregazzjoni u, fl-istess ħin, titlob għaliha Kardinal Protettur. L-ewwel talba, għal darb'oħra, ma ġietx milqugħa[21]. Min-naħa l-oħra, it-tieni waħda ġiet mismugħa: fil-5 ta' Settembru 1922, Piju XI għażel lill-Kardinal Oreste Giorgi bħala

---

[20] Ta' dan it-tħassib ġewwieni nsibu xi eku fl-ittri mibgħuta minn Madre Margerita minn Korfù lid-direttur spiritwali tagħha, Mons Antonio Galea. Ara: Pier Giuseppe Pesce ofm (ma' Sr Aniceta Briffa fcj) *Amiamo l'Amore. Lettere della Serva di Dio, Madre Margherita De Brincat, Cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù,* Roma 2001: ara *ittri* 2-5, p. 52 ss).

[21] Ma nafux ir-raġuni ta' dan. Fl-arkivju tal-Kongregazzjoni ma nsibux id-dokument bit-tweġiba negativa tal-Kongregazzjoni rumana. It-tfittxija fl-arkivju ta' din sfat fix-xejn.

protettur tal-Kongregazzjoni. Wara li dan miet, b'digriet tal-4 ta' Lulju 1925, ġie magħżul floku l-Kardinal Camillo Laurenti, Prefett tal-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi. Biss ma hux miktub li dan qatt ġara, u fil-fatt minn dak iż-żmien il-Kongregazzjoni qatt ma kellha aktar Kardinali Protetturi oħra.

Fil-1922 kompliet tikber il-firxa tal-Kongregazzjoni bil-ftuħ, fix-xhur ta' Marzu u April, tal-ewwel żewġt idjar fl-Italja, sewwa sew fi Sqallija: fi Troina u f'Regalbuto, Djoċesi ta' Nicosia. Xi sorijiet ġew mibgħuta fi Troina biex imexxu Kindergarten u skola tal-ħjata u ta' xogħolijiet tad-dar għal tfajliet; f'Regalbuto biex imexxu kindergarten u skola. Fi Troina kollox mexa sewwa b'sodisfazzjon ta' kulħadd, waqt li f'Regalbuto inħolqot klima kerha mal-kappillan[22] li wassal biex is-sorijiet – f'Settembru tal-1924 – iħallu l-ħidma tagħhom u jiġu lura Malta.

F'Awwissu 1922, bħala sinjal tal-għaqda mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, li miegħu l-Kongregazzjoni kienet spiritwalment aggregata sa mis-sena 1903, Madre Margerita talbet lill-Kardinal Camillo Laurenti, Prefett tal-Kongregazzjoni tar-reliġjużi, biex is-sorijiet "jistgħu jkunu taħt it-tmexxija tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, bħalma huma s-sorijiet l-oħra Terzjarji Franġiskani tal-Bambin Ġesù". Imqabbad mill-Kardinal Laurenti, l-isqof t'Għawdex talab lill-Kunsill ġenerali jgħid il-ħsieb tiegħu fuq din il-proposta. Sfortunatament, fil-laqgħa tat-22 ta' Marzu 1923, il-Kunsill ma qabilx fuq il-proposta, u t-talba ta' Madre Margerita sfat fix-xejn.

Biss, id-delużjoni li ġarrbet Madre Margerita kellha tinbidel malajr f'ferħ kbir. F'April tal-istess sena 1923, meta kien għoddu wasal iż-żmien li tispiċċa minn Superjura ġenerali, l-Kunsill tagħha ħallieha ħielsa li tilqa' l-offerta magħmula mill-arċisqof ta' Malta, Mons Maura Caruana, li tieħu ħsieb id-*Dar tal-Adorazzjoni* fil-Belt Valletta, minn xi żmien magħluqa għall-poplu. L-offerta tal-Isqof ġabitilha tqanqila bla qies f'qalbha u sfat ta' ferħ kbir għax rat isseħħ xewqa li dejjem

[22] Fuq dan, ara P. Calliari, *Amiamo l'Amore. Profilo biografico di Madre Margerita De Brincat ...* p. 124s.

għożżiet f'qalbha, waqt li fetħet għall-Kongregazzjoni l-għalqa tal-ħidma prezzjuża tal-apostolat tat-talb[23].

b) Fil-21 ta' Mejju 1923, fid-disa' Kapitlu ġenerali, intagħżlet bħala Superjura ġenerali Madre Giovanna Fenech, li mexxiet mhux ħlief għal ftit xhur: f'Settembru ta' wara, meta kien għad kellha biss 55 sena, ħasadha attakk tal-qalb, mibkija minn kulħadd[24].

Imsejjaħ fit-2 ta' Jannar 1924, il-Kapitlu ġenerali straordinarju – l-għaxar wieħed – għażel għat-tieni darba lil Madre Nazarena Gouder bħala Superjura ġenerali. Din kompliet tmexxi l-Kongregazzjoni għal 22 sena sħaħ sa Mejju 1945, sal-aħħar tat-tieni gwerra dinjija. Mela kienet reġgħet ġiet magħżula tmexxi f'Mejju 1929, fil-ħdax-il Kapitlu ġenerali u f'Lulju 1935, fit-Tnax-il Kapitlu ġenerali.

Fit-22 ta' Lulju 1924 miet Dun Ġużepp Diacono, l-Fundatur tal-Kongregazzjoni. Miet fir-Rabat, Għawdex fejn kien jgħix wara li ħalla l-ħidma pastorali fil-parroċċa mportanti tax-Xagħra, fejn kien kappillan-arċipriet mill-1891 sal-1909. Fl-aħħar marda kien megħjun b'imħabba ta' ulied mis-sorijiet franġiskani, li dejjem urew lejh gratitudni u qima, b'mod partikulari Madre Margerita li magħha kien dejjem baqa' f'rapporti tajbin.

Madre Nazarena, li għamlet għożża mill-ewwel esperjenza problematika tagħha, biddlet f'iżjed sens matern il-karattru qawwi tagħha u l-mod kif tmexxi, u b'hekk setgħet turi aħjar id-doti naturali li kellha mit-twelid bħala organizzatriċi.

Fl-1927 sfaw żewġ ġrajjiet li kellhom iħallu marka ta' ġid u fit-tul fil-ħajja tal-Kongregazzjoni. Fl-ewwel żjara tagħha f'Ruma fl-1921, Madre Margerita kienet diġà uriet ix-xewqa li jkollha dar fil-Belt Eterna. Imma l-ħolma kellha bżonn iż-żmien biex isseħħ. Fl-aħħar, meta nstabet dar adattata fi Triq Iberia, qrib il-

[23] Eku ferħan ta' qalb Madre Margerita li biha laqgħat l-offerta tad-*Dar tal-Adorazzjoni* u tifkira nostalġika tal-esperjenza li għexet f'dik id-dar insibuh f'xi ittri tagħha. Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...* ara ittri 24, 68, 69, 85, 87, 110, 114, 126, 127.

[24] Madre Margerita tikteb fuq dan lil Sr Paċifika Xuereb f'ittra tat-8 ta' Ottubru 1923: ara *Amiamo l'Amore. Lettere ...:* ittra 83.

Lateran, wara li ntalbu l-permessi meħtieġa, d-dar infetħet f'Mejju 1927. Mill-1932, u għal xi snin, kienet anke dar tan-Novizzjat, u wara anke tal-Juniores.

F'Ottubru tal-istess sena, l-ewwel grupp ta' sorijiet telaq lejn l-Etijopja. L-istedina biex imorru f'dak il-post 'il-bogħod tal-Afrika kienet ġiet mill-missjunarju kapuċċin malti P Anġelo Mizzi. Dan kien kellem b'ħeġġa lis-sorijiet ukoll f'konferenzi u qajjem tant interess u entużjażmu li mhux ftit minnhom kienu lesti jitilqu għall-missjoni. Il-laqgħa tal-istedina min-naħa ta' M. Nazarena u tal-Kunsill tagħha, li fih kien hemm anke Madre Margerita, kienet tassew kuraġġjuża u twassal fil-bogħod. Il-fatt li ntbagħtu xi sorijiet Sofi – wara żdiedu djar oħra – għall-Kongregazzjoni kien ifisser mhux biss it-tifrix tal-preżenza tagħha barra l-Ewropa, iżda anke l-ftuħ għall-ħidma missjunarja vera u proprja. Din il-ħidma fondamentali u tipika tal-kariżma franġiskana u tal-Kongregazzjoni[25] kienet iddestinata li jkollha ħafna żviluppi.

Fil-15 ta' Settembru 1936, ġiet imressqa quddiem is-Santa Sede talba ġdida biex jinqala' d-"Decreto di Lode", bl-appoġġ tal-ittri bir-rakkomandazzjoni tal-Isqfijiet kollha fejn kienu jaħdmu s-sorijiet. Il-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi afdat f'idejn il-Franġiskan Minuri P Marjan Fernandez Garcia l-kitba tal-"voto" għat-tweġiba, li huwa temm u ta fit-8 ta' Novembru 1936. Għalkemm dan għamel ħafna suġġerimenti (ġeneralment mhux ta' mportanza) għat-test tal-Kostituzzjonijiet tal-1921, il-parir tiegħu kien pożitiv. Fit-2 ta' Lulju 1937, is-Santa Sede fl-aħħar tat lill-Kongregazzjoni il-ħafna mixtieq u mistenni "Decreto di lode". Il-Kostituzzjonijiet aġġornati ġew approvati impliċitament *ad experimentum* għal seba' snin. Intant ir-Regola l-qadima tal-Papa Ljux X tal-1521 ġiet mibdula ma' dik maħruġa mill-Papa Piju XI fl-1927, li tagħha l-Kostituzzjonijiet isegwu l-ordni tal-Kapitli. Ġie mibdul ukoll l-isem tal-Kongregazzjoni f'dak ta' "Sorijiet Franġiskani ta' Malta". F'dak iż-żmien in-numru ta' sorijiet kien 'l fuq minn 200 ruħ, li minnhom mat-tletin kienu novizzi, fi 33 dar.

[25] Fil-Kostituzzjonijiet tal-bidu (1886 – 1894) jissemma darbtejn diġà l-aspett missjunarju. L-ewwel darba fil-Kapitlu 5, Kostituzzjoni I, art 8: "Jekk ħidmiethom tkun mitluba fil-Missjonijiet, qabel ma jaċċettaw, għandhom jieħdu parir mis-S. Kongregazzjoni de propoganda fide". It-tieni darba, fil-kapitlu 5, Kostituzzjoni VI, art 4: "Rigward dawk is-sorijiet li jitolbu [sic!] li jmorru fil-Missjoni, l-Madre Badessa (is-Superjura ġenerali) ma tagħtix il-permess jekk mhux lil dawk li hija tiġġudika kapaċi li jiġu mibgħuta."

Matul it-tmexxija twila u dinamika tagħha, minħabba n-numru sabiħ ta' sorijiet, Madre Nazarena setgħet tifrex dejjem iżjed il-Kongregazzjoni mhux biss fil-gżejjer Maltin u fl-Italja, iżda anke fl-Etijopja, bil-ftuħ ta' iżjed djar. Minbarra dan, għall-ħidma mwettqa sa issa (kindergarten, orfanatrofji, skejjel elementari u sekondarji, skejjel tax-xogħolijiet tad-dar, katekiżmu ...) żdiedet dik tal-assistenza lill-morda u aktar tard dik ukoll tal-anzjani.

Is-snin tat-Tieni gwerra dinjija (1940 – 1945) ġabu magħhom konsegwenzi drammatiċi l-iżjed f'Malta u f'Għawdex, milqutin kif ġew minn ħafna attakki tal-ajru: xi djar Malta ġarrbu ħsara mhux żgħira, anke jekk l-ebda soru ma kienet miġruha, u iżjed u iżjed fl-Etijopja, li dak iż-żmien kienet kolonja taljana.

c) Fil-24 ta' Mejju 1945, fit-tlettax-il Kapitlu ġenerali, sar tibdil fil-quċċata tal-Kongregazzjoni: Madre Cleofe Bondin ħadet post Madre Nazarena Gouder, li mexxiet sat-23 ta' Mejju 1951. Dak iż-żmien il-Kongregazzjoni kienet tgħodd 300 soru professa, mat-30 novizza u 42 dar.

Waqt it-tmexxija ta' Madre Bondin, il-ġrajja l-iżjed importanti kienet dik tal-għarfien min-naħa tas-Santa Sede, tal-Kongregazzjoni bħala Istitut ta' "Diritto Pontificio", dak li ġara fit-23 ta' Diċembru 1946. Il-franġiskan minuri P. Kosma Sartori, li lilu l-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi kienet fdat li jikteb il-"vot" konċernat, fis-26 ta' Settembru 1946 kien ta fuqu l-parir favorevoli tiegħu. Dan l-għarfien tant mistenni u mixtieq mela s-sorijiet kollha bil-ferħ. Kien is-siġill tal-awtorità tal-Knisja fuq l-awtentiċità u l-identità tal-kariżma tal-Kongregazzjoni, kif huwa mfisser fil-Kostituzzjonijiet (ħafna drabi aġġornati) u li għalih kienet tixhed il-ħajja eżemplari ta' tant sorijiet.

## 3. IT-TIELET MEDDA TA' ŻMIEN: Mill-1947 sa llum

F'dawn l-aħħar sittin sena u iżjed ta' ħajja, l-Kongregazzjoni kellha żvilupp internazzjonali kbir, waqt li fl-istess ħin kellha tgħaddi, bħal u daqs Istituti reliġjużi oħra, minn mumenti diffiċli, minħabba l-iżvilupp mgħaġġel u ta' ħafna suriet tas-

sitwazzjoni tas-soċjetà u tal-Knisja, fil-pajjiżi li fihom is-sorijiet qegħdin jgħixu u jaħdmu.

**a. Sal-Konċilju Vatikan II**

Fit-23 ta' Mejju 1951, fl-erbatax-il Kapitlu ġenerali, Madre Luisa Busuttil ġiet magħżula flok Madre Cleofe. Baqgħet tmexxi sal-1969.

L-ewwel għaxar snin tat-tmexxija twila u dinamika tagħha, kienu mmarkati minn tifrixa ġeografika hekk qawwija li wasslu l-Kongregazzjoni fi tliet kontinenti ġodda. Infetħu l-ewwel djar fil-Brażil, Pakistan u Awstralja. Fl-1950, waqt li kien Ruma għall-Ġublew, Mons Geraldo Proenza Sigaud, isqof tad-djoċesi brażiljana ta' Jacarezinho, fl-istat tal-Paranà, talab lis-Segretarja ġenerali Madre Luisa Busuttil, li kienet hija wkoll Ruma għall-Ġublew, li jkollu xi sorijiet għal qadi pastorali fid-djoċesi tiegħu. Il-proposta li ġiet mgħoddija malajr lill-Kiunsill ġenerali kienet waħda li tiġbdek, iżda mhux nieqsa minn diffikultajiet, (fost l-oħrajn dik tal-ilsien portugiż). Il-proposta ġiet imwieżna fit-tul mill-Kunsill ġenerali, taħt it-tmexxija ta' Madre Cleofe u wara mill-istess Madre Luisa, li ma naqasx li jagħti kas ħafna tal-parir ta' Madre Margerita li kienet għada ħajja[26], u li rat fiha opportunità ta' ħidma b'ħafna ġid. Fl-aħħar, fl-20 ta' Mejju 1952, il-proposta ġiet milqugħa. Wara xhur ta' preparazzjoni ntensa, l-ewwel grupp ta' ħames sorijiet baħħru minn Ġenova fit-22 ta' Ottubru 1952, u fit-13 ta' Diċembru wasal fir-raħal żgħir ta' Jaguapità, li kienet id-destinazzjoni u l-ewwel għalqa ta' apostolat tagħhom. It-tamiet mitfugħa f'dak il-pajjiż imbiegħed ma sfawx fix-xejn, anke jekk ma naqsux mumenti diffiċli; bil-mod il-mod is-sorijiet infirxu f'postijiet oħra u komplew jikbru ukoll il-għamliet ta' qadi pastorali tagħhom. Fl-istess ħin, is-sejħat brażiljani għall-ħajja reliġjuża kienu u għadhom tassew numerużi.

Ftit wara sar il-ftuħ tal-ewwel dar fil-Pakistan. Mons Alcuin van Miltenburg ofm, arċisqof ta' Karachi, waqt żjara tiegħu f'Malta, talab lil Madre Luisa Busuttil tagħtih xi sorijiet biex jiftaħ skola kattolika f'Mirpurkhas. It-talba ġiet milqugħa mill-Kunsill ġenerali fit-22 ta' Settembru 1952. L-ewwel ħames sorijiet telqu fis-26 ta' Jannar 1953 u waslu fil-post fit-22 ta' Frar. Minkejja li kellhom joqogħdu f'dar

[26] Madre Margerita mietet fit-22 ta' Jannar 1952, fil-Casa Madre ta' Għawdex, fejn kienet irtirata għal iżjed minn għaxar snin minħabba l-marda tagħha. Kellha 89 sena u ħalliet tagħha nfisha tifkira li ma tintemmx.

mhux definitiva, s-sorijiet tawha għax-xogħol l-istess. F'dak il-pajjiż asjatiku enormi u kumpless, fil-biċċa kbira tiegħu musulman, u li mhux dejjem għamel il-preżenza u l-ħidma tagħhom faċli, l-Kongregazzjoni niżżlet għeruqha fil-fond. In-numru tad-djar kiber malajr, filwaqt li kibru wkoll il-ħidmiet apostoliċi u n-numru ta' vokazzjonijiet pakistani.

L-istedina biex tiġi mifruxa l-preżenza tal-Kongregazzoni fl-Awstralja ġiet magħmula minn Mons Mikiel Gonzi, arċisqof ta' Malta. Waqt żjara lill-Maltin emigranti f'dak il-kontinent imbiegħed, f'taħdita ma' Mons Andrew Tynan, isqof ta' Rockhampton, dawn tkellmu fuq il-possibilità li xi sorijiet maltin jieħdu ħsieb xi anzjani f'*Home* fit-tramuntana ta' Queensland. Meta ġie lura Malta, l-isqof ħeġġeġ lil Madre Luisa Busuttil biex tilqa' li jsir dak il-qadi prezzjuż u urġenti li għalih l-istess Mons Tynan intant kien għamel talba. Wara ħsieb fit-tul, il-Kunsill ġenerali laqa' l-proposta fil-24 ta' Frar 1952. L-ewwel sitt sorijiet telqu fit-23 ta' April 1954 u waslu f'Mackay, l-ewwel post tagħhom, fis-6 ta' Ġunju. Għal darba oħra, l-Kongregazzjoni tqawwiet bil-ftuħ ta' djar oħra, u bl-ilqugħ ta' qadi pastorali aktar mifrux, anke jekk, b'differenza ma' dak li ġara bnadi oħra, għadu ma kienx hemm vokazzjonijiet tal-post.

Dan l-iżvilupp qawwi u utli ta' tifrix ġeografiku kien possibbli minħabba t-tkabbir sod tan-numru ta' sorijiet, li issa kien laħaq il-500. B'hekk il-Kongregazzjoni setgħet mhux biss twaqqaf djar ġodda fil-gżejjer Maltin u fl-Italja, iżda setgħet tkun preżenti wkoll f'pajjiżi oħra. Fil-15 ta' Lulju 1956, fuq stedina tal-franġiskan kappillan malti, P. Benvenuto Calleja, ġiet miftuħa dar f'San Francisco, California, l-Amerka, għall-għajnuna pastorali tal-emigranti maltin. Barra minn dan, fuq stedina tal-franġiskan malti P. Dumink Coppola, fil-25 ta' Jannar 1960, ġiet miftuħa dar ġewwa Londra, bl-għan li jiġu mgħejjuna dawk il-maltin morda li kienu jmorru – u għadhom imorru – hemmhekk għall-kura tal-mard tagħhom.

Fis-sena 1960, lejliet il-Konċilju Vatikan II, il-qagħda tal-Kongregazzjoni kienet din: is-sorijiet professi kienu madwar 530, jgħixu fi 52 dar – 26 f'Malta u Għawdex u 26 fi bnadi oħra – waqt li n-novizzi kienu madwar 60.

**b. Wara l-Konċilju Vatikan II**

Il-biċċa l-kbira tal-mertu għat-tifrix tal-għaġeb tal-Kongregazzjoni mad-dinja nafuh żgur lit-tmexxija li taf tara fil-bogħod u lill-kuraġġ ta' Madre Luisa Busuttil li kienet ġiet magħżula mill-ġdid Superjura ġenerali f'Ġunju 1957, fil-ħmistax-il Kapitlu ġenerali u wkoll f'Ġunju 1963, fis-sittax-il Kapitlu ġenerali. Baqgħat tmexxi sa Settembru 1969.

a) Iżjed konferma ta' din it-tmexxija għaqlija nsibuha f'inizjattivi oħra ta' Madre Luisa u tal-Kunsill tagħha fil-kuntest tal-Konċilju Vatikan II (1962 – 1965). Hija għarfet tilqa' l-ispirtu tiegħu u l-orizzonti li fetaħ, twettaq id-deċiżjonijiet li ħa.

L-ewwel tiġdida li għamlet kienet tmiss id-distinzjoni tradizzjonali bejn sorijiet koristi u konversi. Din id-distinzjoni, tipika tal-Istituti reliġjużi femminili taż-żmien, kienet diġà b'xi mod preżenti fil-bidu tal-Kongregazzjoni[27], iżda kienet deċiża uffiċjalment fil-Kostituzzjonijiet maħsuba minn Mons Pietru Pace fl-1886[28]. Is-sittax-il Kapitlu ġenerali ta' Ġunju 1963, qabel anke ma ħarġu d-direttivi tal-Konċilju (ara *Perfectae Caritatis, 15*), kien ordna li jiġi mogħti s-sinjal distintiv tal-koristi, jiġifieri l-kurċifiss, lil dawk kollha li kienu għadhom ħajjin. Madre Luisa talbet setgħa biex isir dan lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi. B'digrieti tal-14 ta' Frar 1964 u tal-4 ta' Frar 1965 dawn it-talbiet ġew milqugħa.

Tiġdida oħra kienet dik imqajma mid-digriet tal-Konċilju *Perfectae Caritatis* n. 17, u li kellha x'taqsam mal-libsa li fil-Kongregazzjoni kienet għada dik tal-imbiegħed 1886. Bi qbil mal-Kunsill tagħha, Madre Luisa bagħtet lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi ritratt tal-mudell il-ġdid u b'digriet tas-26 ta' Mejju 1967, il-Kardinal Antoniutti approvah b'tibdila żgħira.

---

[27] Fil-kitbiet ta' Dun Diacono lill-Komunità tal-bidu, nsibu xi ħjiel tagħha. Fl-*Ewwel Regolament* (bla data) jiġi ordnat li jkun hemm (barra mit-tnax-il soru korista) anke "żewġ sorijiet bħala konversi". Ħjiel ieħor insibuh fid-dispożizzjonijiet tal-15 ta' Awwissu ta' Dun Diacono lill-Komunità fejn fost l-oħrajn hemm miktub: "tilqgħu biex jagħmlu parti mill-Komunità tagħkom fl-imsemmija Dar il-Karità għallinqas bħala konversi bl-istess ilbies – b'xi differenza – Giuseppa Apap u Vittorja Sciberras" Ara l-imsemmija *Raccolta di alcuni scritti di Don Giuseppe Diacono,* dok. 3 (p. 29) u dok. 15 (p. 88).

[28] Ara it-II Kapitlu, Kostituzzjoni III u IV.

It-tielet tiġdida kienet tmiss mill-ġdid lis-sorijiet konversi li kienu għadhom ħajjin. Il-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, fit-3 ta' Diċembru 1968 tat tweġiba pożitiva għat-talba magħmula biex ikollhom huma wkoll vuċi passiva u attiva fl-elezzjonijiet.

Tibdil bħal dan jiftiehem sewwa f'armonija mal-bidla epokali li għamel il-Konċilju u li xegħel fil-Knisja kollha tiġdid siewi taħt kull sura tal-ħajja u tal-missjoni tagħha. Fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja reliġjuża, huwa fuq kollox id-digriet *Perfectae Caritatis* li ħalla sinjali ta' tiġdid siewi, waqt li wera orizzonti sbieħ u direttivi awtorevoli li wasslu għall-qbiż fil-kwalità tagħha.

Bil-motu proprio *Ecclesiae Sanctae* (6 ta' Awwissu 1966), Pawlu VI ried li l-ewwel frott tat-tiġdid konċiljari jinstab fil-Kostituzzjonijiet il-ġodda ppreparati bis-sehem attiv tal-membri kollha tal-Istitut, studjati u approvati f'Kapitlu speċjali li kellu jiġi msejjaħ fi żmien sentejn jew tliet snin.

Biex timxi fuq dawn in-normi, Madre Luisa mal-Kunsill tagħha fasslet ix-xogħol tar-reviżjoni tal-Kostituzzjonijiet, li ħa iżjed żmien minn dak mistenni. Fuq hekk ġie mitlub lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi li tittawwal id-data tal-Kapitlu speċjali. B'digriet tat-23 ta' Diċembru 1968, ġie mogħti l-permess li l-Kapitlu jiġi ċċelebrat mhux aktar tard mill-1969.

L-ewwel ġew ikkonsultati s-sorijiet kollha, imbagħad ġiet imwaqqfa Kummissjoni prekapitolari biex issir l-ewwel bozza tal-Kostituzzjonijiet il-ġodda[29]. Il-Kapitlu speċjali (is-sbatax-il Kapitlu) ġie mlaqqa' Għawdex fix-xhur ta' Awwissu – Ottubru 1969. Fil-11 ta' Ottubru sar it-tibdil tas-Superjura ġenerali: Madre Ines Gauci ġiet magħżula flok Madre Luisa Busuttil.

b) Taħt il-presidenza tagħha, it-test tal-Kostituzzjonijiet imfassal mill-Kummissjoni fuq imsemmija ġie mgħarbul, diskuss u sostanzjalment approvat mill-Kapitolari. Fl-istess ħin, għall-ewwel darba, mal-Kostituzzjonijiet intħareġ ukoll id-*Direttorju*. Kummissjoni postkapitolari intalbet li tagħti lit-test maħdum mill-Kapitlu, bl-għajnuna tal-franġiskan P. Bartolomeo Belluco, l-għamla tiegħu definitiva[30].

---

[29] Il-Kummissjoni kienet magħmula, barra mis-Superjura ġenerali Madre Luisa Busuttil, minn Sr Ines Gauci, Sr Laura Hili u Sr Dorotea Brincat.
[30] Il-Kummissjoni kienet magħmula minn Madre Luisa Busuttil, Sr Rosaria Sotera, Sr Aniceta Briffa.

F'Marzu 1970, it-test tal-Kostituzzjonijiet ġie mibgħut lis-Santa Sede għall-approvazzjoni meħtieġa. B'ittra tat-22 ta' Ġunju 1971, is-Segretarju tal-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, Mons E. Heston, ta din it-tweġiba: "Is-Sagra Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u l-Istituti Sekulari apprezzat ix-xogħol magħmul mill-Kapitlu ġenerali speċjali bil-għan tat-tiġdid spiritwali fil-fedeltà għad-dokumenti postkonċiljari. Madanakollu, f'dan iż-żmien ta' sperimentazzjoni, ma nistgħux nitkellmu minn approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet sakemm ma jiġix mogħti tmiem għar-reviżżjoni tal-Kodiċi tad-Dirittu Kanoniku. Sadattant, jibqa' mifhum illi t-test tal-Kostituzzjonijiet approvati mis-Santa Sede jibqa' jkollu l-valur tiegħu, b'eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet mibdula jew imneħħija mill-Kapitlu ġenerali speċjali, fi qbil mal Motu Proprio *Ecclesiae Sanctae".*

Diġà qabel dan, f'Marzu 1970, fuq proposta tal-Kapitlu ġenerali speċjali, Madre Ines kienet talbet lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi biex jinbidel l-isem tal-Kongregazzjoni ma' dak ta' "Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù". It-talba saret fuq żewġ raġunijiet: "it-tifrix tal-Istitut u l-perċentwal kbir ta' sorijiet ta' nazzjonalità oħra, tant li jinstema wisq dejjaq u partikulari l-isem ta' Sorijiet Franġiskani ta' Malta; u mbagħad u l-iżjed, minħabba r-raġuni tal-ispirazzjoni li tat il-ħajja lill-Istitut, jiġifieri d-devozzjoni tat-tpattija lill-Qalb ta' Ġesù, imfakkra anke fis-siġill tal-Istitut." B'digriet tat-22 ta' Ġunju 1970, il-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi tat l-approvazzjoni.

Anke jekk il-Kostituzzjonijiet ġodda kien għad ma kellhomx approvazzjoni speċifika min-naħa tas-Santa Sede, Madre Ines ippromulgathom fl-4 ta' Ottubru 1970. Kitbet, fost l-oħrajn, waqt li ppreżentathom: "Intom stess tittendu kif il-Kostituzzjonijiet huma mġedda fil-forma, fl-ispirtu, fin-normi; kif ukoll tistgħu tintebħu illi huma mibnija bil-ħafna fuq il-prinċipji tal-Konċilju u tal-ispiritwalità franġiskana. Hemm fihom l-essenza sħiħa tal-idejal tal-ħajja tagħna, imfassal mill-meqjuma Kofundatriċi, iżda fl-istess ħin jagħmlu enfasi fuq l-aspetti identitarji tal-Franġiskaneżmu u jiftħu, fuq dak li turi l-Knisja, f'orizzonti ġodda l-ħajja u l-ħidma tagħna, fil-waqt li jimbuttawna lejn is-sitwazzjonijiet ġodda li jkunu qegħdin jitfaċċaw, u li jagħmluna kapaċi li nagħrfu u nimxu skont is-sinjali taż-żminijiet."

Is-sena ta' wara, dejjem fl-4 ta' Ottubru, Madre Ines ippromulgat anke d-Direttorju, li ppreżentat b'dan il-kliem: "Id-Direttorju huwa ħaġa ġdida fil-Kongregazzjoni, iżda huwa jaqbel mal-orjentamenti mogħtija mill-Knisja u jissodisfa bżonn rejali. Fil-fatt, waqt li l-Kostituzzjonijiet jiġbru fihom il-prinċipji u n-normi fundamentali li jmexxu ħajjitna u, fin-natura tagħhom huma iżjed stabbli, u mhux faċilment li jitbiddlu, d-Direttorju jittratta aspetti iżjed partikulari tal-mod kif ngħixu. Id-Direttorju jikkomplimenta l-Kostituzzjonijiet, u fin-natura tiegħu, jibqa' iżjed adattabbli għat-tibdil taċ-ċirkostanzi u tal-bżonnijiet taż-żmien. Fid-Direttorju ssibu preskrizzjonijiet, twissijiet, użanzi tal-Istitut: affarijiet dawn, kif tistgħu tifhmu, li m'għandhomx, taħt l-aspett ġuridiku, l-istess toqol u l-istess valur".

c) Waqt dat-tiġdid fl-aspett ġuridiku-spiritwali, l-Kongregazzjoni kompliet b'ħeġġa ta' min ifaħħarha l-ħafna ħidmiet u l-firxa tagħha. Infatti bejn is-snin 60 u 70, kienu mal-għoxrin id-djar miftuħa fil-pajjiżi fejn kienet diġà preżenti. Fost il-bqija, fid-19 ta' Marzu 1963, infetħet dar ġdida f'Londra – f'Poplar – li sfat malajr magħluqa fit-30 ta' Settembru 1967, u oħra f'California – f'Union City – miftuħa fl-1 ta' Ottubru 1966. Fis-26 ta' Ġunju 1964, fuq proposta ta' P. Alfredo Pagani, ex-superjur ġenerali tal-Oblati ta' Marija Verġni, s-sorijiet bdew jaqdu anke Pariġi f'pensjonat ta' Università. Fl-1969 is-sorijiet professi kienu 650, in-novizzi 31 u d-djar 64.

F'dawk iż-żminijiet ta' tiġdid qawwi iżda anke xi kultant imħawwad u ambigwu, li mess l-istituti reliġjużi kollha wara l-Konċilju, ma naqsux fil-Kongregazzjoni mumenti diffiċli u sitwazzjonijiet problematiċi. Jixraq li jiġu mfakkra żewġ ġrajjiet partikulari.

It-twaqqif fil-Brażil, mibdi fl-1952, kien issoda ħafna u s-sorijiet kienu preżenti f'seba' postijiet, jaħdmu f'ħafna oqsma pastorali. Mhux ftit kienu l-vokazzjonijiet brażiljani; iżda kienu proprju xi sorijiet brażiljani (mhux b'xi mod mingħajr l-appoġġ tal-isqof tal-post) li bdew joħolqu problemi veri meta bla raġuni u dritt bdew joħolmu b'forom ta' awtonomija, u b'hekk iġibu tensjonijiet u qsim. F'Settembru 1967, Madre Luisa Busuttil, li f'daż-żmien kienet Superjura ġenerali, marret fuq il-post, iżda dak li rnexxielha tagħmel biex iġġib il-ħemda u l-għaqda

safa fix-xejn. Għalhekk kienet imġiegħla tibgħat ‘il barra xi professi temporanji, waqt li sorijiet brażiljani oħra ħallew il-Kongregazzjoni minn rajhom. Minħabba u wara dan, fil-11 ta’ Diċembru 1967, il-Kunsill ġenerali ddeċieda li jaħtar bħala delegata tal-Madre ġenerali għall-Brażil, b’setgħat wiesa’, lil Sr Brigida Nepa. Kien b’dal-mod li l-ħajja fraterna u apostolika setgħet bil-mod il-mod terġa’ lura għan-normalità.

Waqt il-Kapitlu speċjali u elettiv tal-1969. Ġrat ħaġa li ġabet taħwid u taqlib fit-58 soru kapitulari. Il-franġiskan konventwal P. Alfons Sammut, li ma’ oħrajn kien maħtur delegat tal-isqof awżiljarju ta’ Malta Mons Gerada għar-reliġjużi, ġab ruħu b’mod invadenti u imprudenti kemm qabel u kemm waqt il-Kapitlu. Dan mar Ruma u fid-9 ta’ Ottubru 1969 qala’ mill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi digriet fejn ġie maħtur “assistent reliġjuż” tal-Kongregazzjoni għal sentejn u “b’rieda tas-Santa Sede”. Il-kapitolari saru jafu b’dan id-digriet fl-14 ta’ Ottubru ta’ wara, ftit jiem wara l-għażla tal-Madre ġenerali l-ġdida, Madre Ines Gauci (11 ta’ Ottubru). Għal dik l-aħbar mhix mistennija u bla raġuni, Madre Ines, mas-segretarja ġenerali u s-segretarja tal-Kapitlu, marret Ruma tkellem lis-Segretarju tal-Kongregazzjoni għar-reliġjużi, Mons Heston. Il-laqgħa, anke għall-interess ta’ Mons Gonzi, Arċisqof ta’ Malta, kellha r-riżultat ittamat u d-digriet ġie mħassar. Il-Kapitlu seta’ jkompli l-ħidma tiegħu fis-sliem.

**c. Progress f’ħafna ħidmiet**

Fis-snin 70 sal-ewwel snin tat-80, il-Kongregazzjoni kienet immexxija minn Madre Ines Gauci: kienet reġgħet ġiet magħżula Superjura ġenerali fit-22 ta’ Novembru 1975 fit-tmintax-il Kapitlu ġenerali u baqgħet tmexxi sa Ġunju 1982.

a) F’dawk is-snin, anke jekk in-numru tas-sorijiet niżel bi ftit – fl-1975 il-professi kienu 627 u fl-1982 kienu telgħu għal 642 – il-Kongregazzjoni rreġistrat xi inizzjattivi ta’ tiġdid, tlieta b’mod speċjali.

L-ewwel inizjattiva kienet dik ta’ sforz akbar fil-formazzjoni spiritwali, kulturali u professjonali tas-sorijiet. F’dal-kuntest, kiber l-impenn fil-formazzjoni permanenti li kienet tant għal qalb il-Konċilju (*Perfectae Caritatis,* 18), b’inizjattivi u esperjenzi

ta' għamliet diversi. Dejjem iżjed sorijiet żgħażagħ ġew indirizzati lejn studju aktar għoli biex ikunu ppreparati aħjar għal qadi pastorali, soċjali u edukattiv.

Inizzjativa oħra kienet tmiss il-bżonn li tiġi maħsuba mill-ġdid il-ħidma ta' kull waħda. Kien sinjal ta' din, l-għeluq u l-ftuħ fl-istess ħin ta' djar, filwaqt li baqgħu l-istess fin-numru – fl-1982 kienu 76. Ġew magħluqin, għal diversi raġunijiet, djar f'xi postijiet (Malta, Italja, California ...), u nfetħu oħrajn hemm fejn il-qadi tal-fqar kien aktar urġenti u mifrux. Biex niftehmu: fl-Etjopja, fl-1971, ġiet miftuħa mill-ġdid għal ftit snin id-dar ta' Jijiga biex jingħelbu l-bżonnijiet kbar tal-popolazzjoni; fl-istess sena, fl-Awstralja ġie meħud il-qadi fil-*Home San Raffaele,* f'Fullarton; fil-Brażil, fl-1972 inbeda *Crech* f'Presidente Prudente; fl-1973, fil-Pakistan intlaqa' l-qadi fil-*Lady Graham Maternity Hospital* f'Hyderabad. Inżidu ngħidu li fil-31 ta' Mejju 1981, s-sorijiet bdew qadi wkoll f'Ġerusalemm, fil-kunvent franġiskan ta' San Salvatore, fil-kċina, fl-infermerija u fl-orfanatrofju tas-subien.

It-tielet inizjattiva kienet tmiss l-istruttura tal-Kongregazzjoni, bil-ħolqien tad-Delegazzjonijiet. Sa issa d-djar kollha kienu jiddependu direttament mis-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha. B'din il-bidla, li kienet teżisti diġà fil-Brażil minn Diċembru 1967, il-Kongregazzjoni tat bidu għal proċess ta' deċentrazzjoni parzjali, li sar neċessarju minħabba t-tkabbir dejjem iżjed internazzjonali. Dal-prinċipju, li ġie diskuss u approvat fil-Kapitlu ġenerali tal-1969, sar uffiċjali fil-Kostituzzjonijiet il-ġodda tal-1970 (artikli 236 – 238) u sar rejaltà bil-formazzjoni tal-erba' Delegazzjonijiet tal-Awstralja, Brażil, Etijopja u Pakistan.

Wara l-Kapitlu ġenerali tal-1975, Madre Ines talbet lill-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi xi tibdiliet fil-Kostituzzjonijiet magħmulin mill-Kapitulari, u li kellhom fil-bidu jkunu *ad experimentum* qabel ma jkollhom l-approvazzjoni definitiva fil-ġejjieni.

Żewġ ġrajjiet ta' dak iż-żmien jixraq li jiġu mfakkra. F'għeluq il-25 sena mill-mewt ta' Madre Margerita (fit-22 ta' Jannar 1952), fl-24 ta' Mejju 1977, saret ir-rikonjizzjoni kanonika ta' fdal ġisimha fil-kripta tal-Casa Madre fejn kienet ġiet midfuna. L-urna bil-fdal ġiet imbagħad imqiegħda fuq altar apposta, fejn baqgħu sat-22 ta' Jannar 1994, meta ġew meħuda fil-Knisja ta' fuq.

Fl-1980 ġie mfakkar kullimkien, speċjalment Għawdex u Malta, l-ewwel mitt sena mill-fundazzjoni tal-Kongregazzjoni, b'ċelebrazzjonijiet reliġjużi solenni u b'ħidmiet formattivi u kulturali oħra. Xi studji li saru ġew miġbura fil-ktejjeb-mafkar *Il-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.* Ħidma oħra imqanqla minn dik iċ-ċirkostanza ta' ferħ kienet il-binja ta' kappella ġdida, akbar u iżjed komda, fin-novizzjat tal-Casa Madre, tar-Rabat, Għawdex.

b) Fl-1981 kien żmien il-Kapitlu ġenerali. Iżda Madre Ines talbet lill-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi biex ikun jista' jiġi msejjaħ fis-sena ta' wara, biex "tiġi żgurata aħjar it-tħejjija meħtieġa". It-talba ġiet milqugħa b'digriet tas-17 ta' Jannar 1981. Id-dsatax-il Kapitlu ġenerali ġie mbagħad imsejjaħ f'Ġunju 1982, f'Marsalforn, Għawdex. Fis-16 ta' Ġunju, Madre Bertilla Bartolo ġiet eletta Superjura ġenerali flok Madre Ines. Din baqgħat tmexxi sa Lulju 2000.

Ħafna mill-ħidma tal-Kapitlu kienet mogħtija għar-reviżżjoni tal-Kostituzzjonijiet u tad-Direttorju, li kienu approvati fil-Kapitlu speċjali tal-1969, iżda mhux imwassla sewwa għat-tiswira suffiċjenti tat-test. Għal din ir-raġuni, fl-20 ta' Ġunju 1983, Madre Bertilla talbet lill-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi titwila fiż-żmien biex tieħu ħsieb il-għamla aħħarija tat-test. Wara li nqalgħat din it-talba biex "jiġi msejjaħ Kapitlu Straordinarju għas-sajf tas-sena ta' wara 1984", ġiet magħmula Kummissjoni biex jiġi maħdum kif kien jeħtieġ it-test[31]. Fis-sajf tal-1984 ġie msejjaħ l-Imsida, Malta, Kapitlu speċjali ġdid għall-aħħar reviżjoni u approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet u d-Direttorju. B'digriet tat-3 ta' Mejju 1985, il-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi approva, b'xi tibdiliet żgħar, it-test il-ġdid tal-Kostituzzjonijiet.

Problema oħra li ntgħarfet waqt il-Kapitlu kienet dik li tingħata għamla strutturali ġdida lill-Kongregazzjoni, billi toħloq Reġjuni flok id-Delegazzjonijiet li kienu jeżistu (Awstralja, Brażil, Etijopja u Pakistan).

[31] Il-Kummissjoni kienet magħmula barra minn Madre Bertilla Bartolo, anke minn Sr Teresia Buttigieg, Sr Aniceta Briffa, Sr Valentina Busuttil, Sr Guglielmina Zerafa. It-test approvat fil-Kapitlu kien imbagħad imqiegħed għal reviżjoni formali, bil-għajnuna anke fil-kummissjonijiet ta' wara, tal-franġiskan minuri P. PierGiuseppe Pesce ofm, minn Kummissjoni magħmula barra minn Madre Bertilla, anke minn Sr Rosaria Sotera, Sr Aniceta Briffa u Sr Anselmina Mifsud.

Diġà qabel, fl-10 ta' Jannar 1983, il-Kurja ġenerali kienet ġiet trasferita minn Għawdex għal Malta, fid-*Dar Betanja*, l-Imsida. Hawnhekk il-preżenza tas-sorijiet kienet, u għada, ikbar fil-għadd u iżjed imżewqa fil-ħidmiet.

Fis-snin ta' wara l-Kapitlu tal-1984, ġew miftuħin u magħluqin xi djar, waqt li baqa' pratikament kif kien il-għadd kollu tagħhom: fl-1988 dawn kienu għadhom 76. Bil-maqlub, bdiet tinħass dejjem iżjed il-problema tal-personel, bit-tnaqqis fil-għadd: fl-1988 is-sorijiet professi kienu 580 u n-novizzi 14, u bl-età medja tas-sorijiet dejjem togħla.

Dan kollu kien il-motiv illi xpruna 'l Kongregazzjoni biex tkabbar il-ħidma tal-promozzjoni tal-Vokazzjonijiet, billi tieħu ħsieb iżjed it-tħejjija tal-animatriċi vokazzjonali u tal-formatriċi, u billi ssawwar programm għal ħidma vokazzjonali iżjed ta' flimkien u effikaċi, għall-Kongregazzjoni kollha. Fl-istess ħin, issoda u ċċara dejjem iżjed l-impenn għall-promozzjoni tal-formazzjoni permanenti tas-sorijiet, b'ħidma diversa mhux biss fir-realtajiet reġjonali u lokali, iżda anke skont temi speċifiċi mfasslin mill-Gvern ġenerali għall-Kongregazzjoni kollha.

Wara konsultazzjoni mas-sorijiet li tat riżultat pożittiv, f'jum il-Milied 1986, ġiet imdaħħla bidla oħra fil-libsa reliġjuża. Fl-istess żmien, ġie aġġornat ukoll il-Manwal tat-Talb li kien sa issa f'idejn il-komunitajiet kollha[32].

c) L-għoxrin Kapitlu ġenerali ġie msejjaħ għal Lulju 1988 f'Marsalforn, Għawdex u nhar l-20 tax-xahar Madre Bertilla Bartolo ġiet magħżula mill-ġdid għat-tieni sitt snin.

Jum qabel il-bidu tal-ħidma kapitulari, fl-4 ta' Lulju, il-Kongregazzjoni għexet ġrajja ta' min jiftakarha bil-ftuħ uffiċjali fis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex, mill-isqof djoċesan Mons Nikola Cauchi, tal-proċess djoċesan għall-promozzjoni tal-beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Wara, fit-22 ta' Jannar 1994, il-fdalijiet tal-ġisem tagħha ġew meħuda sollennement mill-kripta tal-Casa Madre, Rabat, Għawdex, għall-Knisja ta' fuq. Il-proċess djoċesan, immexxi bi bżulija u sengħa ta' min ifaħħarha, ġie uffiċjalment u sollennement magħluq, dejjem fis-santwarju Ta' Pinu, fit-22 ta' Jannar 2000. Il-materjal kollu miġbur ġie malajr meħud Ruma u fis-

[32] Dan il-Manwal tat-Talb, mitbugħ l-ewwel darba fl-1948 ġie mġedded fl-2007.

17 ta’ Frar ta’ dik l-istess sena ġie mgħoddi lill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, fejn qiegħed ikompli regolarment il-mixja tiegħu. Hija kbira u msaħħa sewwa it-tama li huwa jasal fi żmien qasir għall-għeluq pożitiv tiegħu.

Fost id-deċiżjonijiet meħuda mill-kapitolari fl-1988, jixirqilhom ikunu mfakkra dawk magħquda mal-problema tal-promozzjoni vokazzjonali u għall-formazzjoni permanenti tas-sorijiet u li sabu t-twettiq tagħhom f’żewġ tipi komplementari ta’ ħidmiet: il-proġett tal-formazzjoni u l-istudju tal-fonti.

Bi qbil ma’ dak li turi u trid il-Knisja (Codex Iuris Canonici, 650 u 659), Kummissjoni apposta kienet diġà ħadmet fuq *Proġett ta’ Formazzjoni* li kien ġie ppreżentat u diskuss fil-Kapitlu[33]. Approvat imbagħad definitivament mill-Kunsill ġenerali, il-*Proġett* ġie ppromulgat fil-15 ta’ Awwissu 1989 *ad experimentum* sal-Kapitlu ġenerali li jmiss, minn Madre Bertilla. Għal dik li hija ħidma fejjieda f’dal-qasam, fost il-bqija, ħadet ħajja dejjem iżjed konkreta u bieżla l-istituzzjoni taċ-“Ċentri Vokazzjonali” bil-għan li jrawmu ħidma ta’ animazzjoni u promozzjoni vokazzjonali qalb iż-żgħażagħ.

Ħsieb partikulari kien mogħti lill-promozzjoni għall-għarfien aħjar tal-kariżma speċifika tal-Kongregazzjoni, bl-istudju iżjed profond tal-fonti tagħha. Għal dan il-għan, ġiet imħejjija *Ġabra* tal-kitbiet ta’ Dun Ġużepp Diacono, ppublikata fl-1989 u *Antoloġija* bil-kitbiet ta’ Madre Margerita, f’għamla ta’ *Sinossi,* bit-test tal-Kostituzzjonijiet, maħruġa fl-1990. Kien tlesta wkoll il-qlib bil-malti, ingliż u portugiż, tal-ħajja ta’ Madre Margerita, miktuba minn P. Paolo Calliari, O.M.V., maħruġa diġà bit-taljan fl-1987.

Fl-24 ta’ April 1989, ir-Reġjun tal-Etijopja fetħet l-ewwel dar tagħha missjunarja f’Wajir, il-Kenja, biex jaqsmu mal-Kapuċċini maltin il-ħidma pastorali tagħhom. Fit-18 ta’ Lulju 1993, ġiet miftuħa dar oħra f’Nairobi, l-belt kapitali tal-Kenja, li wara saret ukoll Dar għall-Formazzjoni.

[33] Il-Kummissjoni kienet magħmula, barra mis-Superjura ġenerali Madre Bertilla Bartolo, minn Sr Publia Ellul, Sr Aniceta Briffa, Sr Teresia Buttigieg, Sr Anselmina Mifsud.

F'Lulju 1991, ġie msejjaħ Ruma, fid-dar ta' Via Iberia, l-ewwel Kapitlu intermedju, kif riedu l-Kostituzzjonijiet il-ġodda[34]. Il-41 membru msejħa kienu jirrappreżentaw l-oqsma kollha tal-ħidmiet (ta' ġewwa u ta' barra), li kienet tħaddan il-Kongregazzjoni. Għan ewlieni kien l-istudju tas-sitwazzjoni tal-Kongregazzjoni b'ħarsa lejn il-ġejjieni dejjem iżjed spiritwalment għammieli u pastoralment effikaċi tagħha. Fost id-deċiżjonijiet li ttieħdu, kien hemm l-approvazzjoni *ad experimentum* tal-*Proġett tal-Formazzjoni*. F'dak iż-żmien is-sorijiet professi kienu 578, in-novizzi 8 u d-djar 73.

d) Il-wieħed u għoxrin Kapitlu ġenerali ġie msejjaħ f'Lulju 1994 f'Marsalforn, Għawdex. Fis-16 tax-xahar, Madre Bertilla Bartolo ġiet magħżula mill-ġdid Superjura ġenerali għat-tielet sitt snin, wara li l-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi tat il-meħtieġ *nulla osta.* F'dak il-mument is-sorijiet professi kienu 567, in-novizzi 5 u d-djar 76.

L-argumenti fil-Kalendarju kienu jmissu oqsma rejali tal-ħajja kkonsagrata b'ħarsa lejn it-tisħiħ tat-tiġdid li hu dejjem meħtieġ, b'riferiment partikulari għat-tieni kapitlu (Il-Konsagrazzjoni tagħna), it-tielet kapitlu (Il-Ħajja tagħna ma' Alla), ir-raba' kapitlu (Il-Ħajja Fraterna tagħna), u għas-sitt kapitlu (Il-formazzjoni tagħna) tal-Kostituzzjonijiet. Ir-riżultat tad-diskussjonijiet kapitulari ġew miġbura f'dokument wiesa' u kollu punti, għani ħafna u mħeġġeġ fil-kontenut: *Imġeddin fl-Ispirtu, inwieġbu għas-sejħat tal-Evanġelizzazzjoni l-ġdida.* Kien ukoll approvat mill-ġdid *ad experimentum* il-*Proġett tal-Formazzjoni,* waqt li ġiet ikkontemplata bis-serjetà l-ħtieġa ta' ħarsa ġdida u riflessjoni rejalistika fuq il-ħidmiet kollha, barra minn aġġornament xieraq tat-tmexxija tagħhom, minħabba n-nuqqas ta' vokazzjonijiet u t-tkabbir fin-numru ta' sorijiet anzjani jew morda.

Fost id-djar magħluqin fis-snin ta' wara kien hemm ukoll dik ta' Troina, (Enna, Sqallija, 17 ta' Ottubru, 1994), li kienet l-ewwel waħda, ma' dik ta' Regalbuto, li ġiet miftuħa fl-Italja fis-sena 1922. Fis-7 ta' Diċembru 1994, id-dar tan-novizzjat għaddiet mill-Casa Madre ta' Għawdex (l-ewwel tal-Kongregazzjoni) għad-Dar Betanja tal-Imsida (Malta). Fi żmien wara, f'Santa Maria delle Mole (Marino-Mole)

[34] Diġà l-Kostituzzjonijiet tal-bidu (1886 – 1894) kienu daħħlu l-organiżmu tal-"Kongregazzjoni intermedja" li kellha tiġi "msejħa kull tliet snin, biex taħdem fuq dawk il-punti mportanti li ma setgħux ikunu mtawlin sas-sejħan tal-Kapitlu" (Kapitlu V, Kostituzzjoni IV). Fil-Kostituzzjonijiet tal-1921, m'hemmx ħjiel ta' dan l-organiżmu.

ġie miftuħ iċ-*Centro Internazionale Formativo* għall-ewwel formazzjoni ta' grupp ta' novizzi ta' nazzjonalità diversa (Brażil, Etijopja, Kenya, Pakistan), li baqa' jaħdem sa Diċembru 2006. Bħalissa huwa dar għal Juniorat internazzjonali.

**d. Is-sitwazzjoni bħalissa**

F'Lulju 1997 iltaqa' Ruma, fid-dar ta' Via Iberia, it-tieni Kapitlu Intermedju. F'din is-sena is-sorijiet kienu 542, in-novizzi 12 u d-djar 71.

a) L-argument ewlieni tax-xogħolijiet kapitulari kien dak muri fil-motto: *Imsejħin biex ngħixu l-identità tagħna fil-Knisja u d-dinja tal-lum, b'fedeltà kreattiva u b'formazzjoni permanenti li tixraq, nersqu bi spirtu mġedded lejn it-tielet millennju.*

Fost is-suġġetti diskussi, ġie mogħti parir li jaqbel mat-twaqqif ta' Provinċji, b'żieda mar-Reġjuni. Anke minħabba dan it-tibdil strutturali tal-Kongregazzjoni, kellha tiġi mwaqqfa Kummissjoni biex taġġorna l-Kostituzzjonijiet u d-Direttorju. Ġie deċiż ukoll li flok "Kapitlu Intermedju" jibda jissejjaħ "Assemblea ġenerali".

It-tnejn u għoxrin Kapitlu ġenerali ġie msejjaħ għal Lulju 2000 f'Marsalforn, Għawdex. Fit-12 ta' Lulju Madre Anselmina Mifsud ġiet magħżula Superjura ġenerali ġdida. F'dal mument is-sorijiet professi kienu 515, in-novizzi 15 u d-djar 71.

Il-Kapitlu kien ġie ppreparat bir-reqqa billi ntbagħat lis-sorijiet kollha kwestjonarju mibni fuq it-tema: *"L-istennija u l-ħtiġijiet ta' żmienna fil-bidu tal-Millennju l-ġdid jitolbu minna ħajja awtentika u tweġiba profetika".* It-tweġibiet ġew eżaminati minn Kummissjoni apposta li ġabrithom fil-qosor f'xorta ta' "Instrumentum laboris" għall-Kapitlu[35]. Ir-riżultat tal-ħidma kapitulari ġie miġbur fid-dokument tal-aħħar bit-titlu diġà msemmi tal-Kwestjonarju.

Fost id-deċiżjonijiet li ttieħdu, tnejn jistħoqqilhom enfasi. L-ewwelnett, l-approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet il-ġodda (b'digriet tal-Kongregazzjoni għar-reliġjużi tat-8 ta' Settembru 2000) u tad-Direttorju. Barra minn dan, l-

[35] Il-Kummissjoni kienet magħmula, barra mis-Superjura Ġenerali Madre Anselmina Mifsud, minn Sr Grazia Maria Renisi, Sr Josephine Attard, Sr Giuseppina Zammit, Sr Amabile Hili, Sr Maria Russotti.

approvazzjoni tal-istruttura ġdida tal-istess Kongregazzjoni, maqsuma fi tliet friegħi: Provinċji, Reġjuni u Djar dipendenti direttament mis-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha.

Din id-deċiżjoni li titqies bħala l-quċċata ta' realtà fi tkabbir bla waqfien, wettaqha l-Kunsill ġenerali. Ġew imwaqqfa żewġ provinċji: dik ta' Malta, fil-21 ta' Ġunju 2001, u dik tal-Pakistan fit-8 ta' Diċembru 2001. Ġew ikkonfermati r-Reġjuni tal-Awstralja, tal-Brażil u tal-Etijopja/Kenja fil-15 ta' Awwissu 2001. Barra minn hekk, fit-22 ta' Ġunju 2001, ġew magħquda f'Reġjun id-djar tal-Italja u dik ta' Korfù fil-Greċja. Dipendenti direttament mis-Superjura ġenerali baqgħu l-komunità tal-Casa Generalizia, dik tal-*Qalb bla Tebgħa ta' Marija* ta' Santa Maria delle Mole (Marino – Roma) u dik ta' Ġerusalemm.

Ġrajja importanti oħra imfassla qabel fil-Kapitlu, kienet dik tat-trasferiment tad-Dar Ġeneralizja minn *Casa Betania*, Msida, Malta għal S. Maria delle Mole, Marino – Roma, f'bini ġdid imtella ħdejn dak li kien diġà hemm u li ġie maħsub biex ikun jista' jilqa' numru akbar ta' sorijiet f'kas ta' laqgħat li jistgħu jsiru fil-ġejjieni. Id-Dar ġeneralizja, miftuħa fit-18 ta' Settembru 2001, ġiet inawgurata fit-13 ta' Diċembru ta' wara f'ċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-isqof ta' Albano.

Fl-2001, is-sede tas-Superjura reġjonali tal-Etijopja/Kenja kienet ġiet trasferita minn Addis Ababa (Etijopja) għal Nairobi (Kenja). B'digriet tal-25 ta' Mejju 2002, Madre Anselmina ħatret Delegata tas-Superjura reġjonali għall-Etijopja lil Sr Ludgarda Camilleri.

Fost id-djar miftuħin f'dawn l-aħħar snin, sewwa li jiġu mfakkra dawk tal-Provinċja tal-Pakistan fil-Filippini, li jimmarkaw tifrixa ġeografika akbar tal-Kongregazzjoni f'artijiet missjunarji. L-ewwel dar kienet miftuħa fid-29 ta' Jannar 2003, fi Quezon City (Manila); it-tieni waħda ġiet miftuħa f'Bataan, fil-15 ta' Ottubru 2006. Sewwa li wieħed ikun jaf li t-tfajliet filippini qegħdin jagħtu tama ħajja f'dik li hi ħidma vokazzjonali.

b) F'Lulju 2003 ġiet imsejħa l-ewwel Assemblea ġenerali fid-dar ġeneralizja l-ġdida ta' Santa Maria delle Mole. Il-ħidma kienet ibbażata fuq il-motto: *"Nerġgħu*

*nibdew minn Kristu b'fidi li titlob, b'tama soda, bi mħabba bieżla".* F'dan il-mument is-sorijiet professi kienu 496, in-novizzi 12 u d-djar 68.

Fid-diskussjonijiet li saru, inġibdu u ġew approvati xi proposti partikulari mill-31 soru li ħadu sehem bil-għan li l-ħajja u l-ħidma apostolika tal-Kongregazzjoni tkun iżjed effikaċi. Barra dan, b'sinjal ta' sensibilità dejjiema għall-problema tal-formazzjoni, ġiet milqugħa l-isteżura l-ġdida tal-*Proġett tal-Formazzjoni*, li Kummissjoni speċjali lestiet[36]. Żmien wara, l-Kunsill ġenerali approva dan il-proġett, li mbagħad ġie promulgat *ad experimentum* sal-Kapitlu ġenerali li jmiss, minn Madre Anselmina fl-4 ta' Ottubru 2003.

It-tlieta u għoxrin Kapitlu ġenerali ġie msejjaħ f'Lulju 2006, fid-dar ta' S. Maria delle Mole. L-*Instrumentum Laboris*, il-ġabra organika tat-tweġibiet li s-sorijiet kienu taw għal kwestjonarju apposta, kellu bħala titlu: *Indawlu bil-preżenza ta' Alla l-ħajja u l-ħidma tagħna.* Fit-22 ta' Lulju, Madre Anselmina ġiet magħżula mill-ġdid Superjura ġenerali għat-tieni sitt snin. F'dal-mument is-sorijiet professi kienu 482, in-novizzi 12 u d-djar 67.

Ġie approvat it-test il-ġdid u sħiħ tal-*Proġett tal-Formazzjoni*, miżjud b'tielet parti, li l-bozza tiegħu kienet tlestiet f'Novembru 2005[37]: dan kien ippromulgat żmien wara minn Madre Anselmina fl-4 ta' Ottubru 2006. Barra minn dan, taħt it-tmexxija ta' Dun Sabino Ardito, tlesta Statut organiku u aġġornat tal-Għaqda tal-"Istilel tal-Qalb ta' Ġesù", aggregata mal-Kongregazzjoni. Wara li fl-10 ta' Jannar 2007 intalbet l-approvazzjoni mill-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi, l-Istatut ġie ppromulgat minn Madre Anselmina fil-15 ta' Ġunju ta' wara.

Wara l-Kapitlu, l-ġrajja l-iżjed importanti kienet dik li ngħata tmiem għar-Reġjun tal-Italja; dan sar l-iżjed minħabba li n-numru ta' sorijiet jaħdmu hemm kien

---

[36] Il-Kunsill Ġenerali afda f'idejn Sr Maddalena Cheron il-qasam tal-Animazzjoni vokazzjonali, l-Aspirandat u l-Formazzjoni tal-bidu. Il-Kunsill ġenerali ħa ħsieb il-Formazzjoni permanenti. Ħadmu flimkien dawn il-formatriċi: Sr Mary Borg, Sr Maddalena Bonello, Sr Pier Marie Zammit, Sr Paolina Bonavia, Sr Angelica de Costa, Sr Samina Chughtai.

[37] Għal dan il-għan ġew imsejħa fil-Kurja ġenerali s-Superjuri provinċjali (Sr Bertilla Bartolo u Sr Esther Attard); is-Superjuri reġjonali (Sr Maddalena Cheron, Sr Josepha Gauci, Sr Giovanna Gauci u Sr Vitaliana Zammit), u l-formatriċi (Sr Aniceta Briffa, Sr Maddalena Bonello, Sr Maria Russotti, Sr Gabriella Grech, Sr Marica Agius, Sr Paolina Bonavia, Sr Samina Chughtai, Sr Bernadette Ilyas, Sr Marianne Khero, Sr Lydia Wairimu, Sr Tazeru Desta, Sr Aparecida Bariani, Sr Suzete Novais).

dejjem jonqos. Id-deċiżjoni, wara li ntalab il-parir tas-sorijiet li rriżulta li kienu jaqblu ħafna mal-għeluq, ġiet meħuda mill-Kunsill ġenerali u twettqet b'digriet ta' Madre Anselmina tas-7 ta' Ottubru 2006. Id-disa' komunitajiet tar-Reġjun – anke dik ta' Korfù, l-Greċja – għaddew mill-ġdid direttament taħt is-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha.

## 4. – GĦELUQ

Dan l-ewwel kapitlu kellu l-għan li jfakkar fil-wisa' l-ħajja tal-Kongregazzjoni fl-iżvilupp storiku bla waqfien u t-tifrix ġeografiku tagħha, fil-ġrajjiet ewlenin interni kif ukoll fil-ħidma apostolika mlewna tagħha.

F'din it-tfittxija fil-wisa' li ma tippretendix li tgħid kollox, ngħatat importanza għall-Kapitli ġenerali, għaliex bħala l-akbar awtorità tal-Kongregazzjoni u bis-sejħa perjodika tagħhom, huma l-organiżmu l-aktar siewi biex kultant tingħaraf is-sitwazzjoni u l-aħjar strument biex jittieħdu d-deċiżżjonijiet meħtieġa għall-mument.

Fil-Kapitli li ġejjin, nerġgħu nduru fuq dawn il-ġrajjiet li llum isawru medda ta' 130 sena. Fihom neżaminaw l-oqsma ewlenija li laħħmuha u li tagħha huma l-libsa mżewqa. Dan iġib miegħu bla ma nistgħu naħarbu minnha, xi ripetizzjoni, li però għandha l-vantaġġ li turi t-tiswira waħdanija tar-rakkont kollu.

## II – IL-FUNDATURI

Il-Kostituzzjonijiet attwali, li jġibu fis-sustanza tagħha affermazzjoni li diġà nsibu f'dawk tal-1970, jgħidu ċar u tond illi l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù tagħraf "il-bidu storiku tagħha lill-ħidma li wettqu flimkien Dun Ġużepp Diacono li bdieha u l-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat li bnietha, ħarsitha u wasslitha għall-maturità tagħha." (art. 1)

Mingħajr ebda dubju, Dun Diacono u Madre Margerita huma żewġ persuni differenti ħafna fil-karattru u fil-mod kif jaħsbuha. Iżda, magħqudin minn don kariżmatiku wieħed, irnexxielhom jgħaqqdu d-differenza komplementari tagħhom lejn il-Kongregazjoni, afdata lilhom mill-Mulej u l-Knisja, bi qbil tajjeb u li jibni.

Diġà fil-Kapitlu ta' qabel, tajna xi ħjiel ħafif fuq il-ħidma tagħhom flimkien li sfat hekk ta' ġid u determinanti fit-twaqqif tal-Kongregazzjoni. Iżda jixraq issa li nippreżentaw f'kuntest daqsxejn iżjed magħqud u fid-dettal, il-persuni tagħhom, li baqgħu hekk ħajjin fit-tifkira ħajja u grata ta' uliedhom spiritwali.

### 1. – DUN ĠUŻEPP DIACONO: 1847 – 1924

Dan huwa s-saċerdot li Alla, fir-rieda misterjuża u għarfa tiegħu, għażel li jkun l-ewwel direttur-formatur tal-Kongregazzjoni. Huwa ddedika lilu nnifsu għal din il-missjoni b'impenn ta' min ifaħħru u b'setgħa mingħajr qies, għal madwar għaxar snin, missjoni li fil-bidu swietlu tant sagrifiċċju, imbagħad ukoll ħafna uġigħ.

#### a. Ritratt ta' ħajtu

Ħjiel fuq dan is-saċerdot imħeġġeġ u ħabrieki diġà ngħata f'xi kitbiet li nħarġu; b'mod speċjali fil-ħajja dokumentata miktuba mill-istoriku għawdxi Dun Ġużepp

Bezzina, f'għeluq il-mija u ħamsin sena minn twelidu. Min irid ikun jaf iżjed fuqu, ħa jaqbadha f'idejh.[1]

Il-familja ta' Dun Diacono kienet ġejja minn Ħaż-Żabbar, Malta. Il-Missier, li bħala xogħol kien jagħmel u jbiegħ statwi żgħar devozzjonali, mar joqgħod għal kollox mal-familja kollha tiegħu r-Rabat, Għawdex.

Dun Ġużepp twieled hemm fis-16 ta' Awwissu 1847. Kien it-tnax-il wieħed minn erbatax aħwa, u minn meta kien għadu tifel ħass u xettel is-sejħa li jsir qassis. Wara li temm b'għaqal u qligħ l-iskola elementari u sekondarja, beda l-istudju impenjattiv tal-filosofija u t-teoloġija fis-Seminarju tar-Rabat, miftuħ fl-4 ta' Novembru 1866, sentejn wara l-għarfien ta' Għawdex bħala sede episkopali. Is-Sibt, 4 ta' Marzu 1871 ġie ordnat saċerdot minn Mons Anton Grech-Delicata, it-tieni isqof ta' Għawdex.

Għad-doti bla dubju ta' xejn, sbieħ u għad-disponibilità bla tarf tiegħu intefa' malajr fil-ħidma pastorali. L-ewwel sena għamel il-ministeru pastorali fir-Rabat; wara ġie mibgħut viċi-kappillan Marsalforn. Imbagħad, wara ftit xhur, ġiet afdata lilu l-kura pastorali tal-komunità tal-Għasri. Tliet snin wara, fl-4 ta' Ġunju 1875, ġie maħtur viċi-kappillan tal-parroċċa ta' San Girgor, li fi ħdanha kien hemm Kerċem, raħal twelid Madre Margerita. F'dan iż-żmien, din kien għad għandha biss 12-il sena magħluqa. Kien hemm li dawn iż-żewġ persuni saru jafu lil xulxin għall-ewwel darba, u li wara kellhom ikunu ddestinati li jaħdmu flimkien b'risq missjoni spiritwali waħda.

Fis-27 ta' Jannar 1876, Dun Diacono ġie mibgħut ir-Rabat bħala viċi-ġerent fil-parroċċa mportanti u ċentrali ta' San Ġorġ. U kien hawnhekk li l-ħajja tiegħu saċerdotali ħadet bidla mhux mistennija u provvidenzjali, meta, fil-bidu tal-1878, ġiet fdata f'idejh il-kura spiritwali tal-Għaqda tat-Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù.

---

[1] Ara: J. Bezzina, *Don Giuseppe Diacono, fondatore delle Suore Francescane del Cuore di Gesù (1847 – 1924),* Rabat, Gozo – Malta, 2000.

Fil-Kapitli ta' qabel, fakkart il-ħidma mħeġġa li biha, fi żmien biss ta' sentejn, qajjem minn dak il-grupp ta' "Stilel", kollha terzjarji franġiskani, familja reliġjuża ġdida, li mbagħad mexxa għal xi snin bħala "direttur ewlieni". L-impenn tiegħu dirett mal-Kongregazzjoni reliġjuża, mwaqqfa minnu fl-1880, intemm fil-fatt fl-1887 bir-rieda tal-Isqof mons. Pietru Pace, minħabba xi tqassis inġust fuqu. Kienet deċiżjoni li, kif wieħed jista' jifhimha biżżejjed, ġegħlitu jweġġa' ħafna[2], iżda li hu laqa' bi spirtu evanġeliku ta' ubbidjenza. Wara dan, bis-soltu karattru qawwi, u l-bżulija bla qies tiegħu, ta ruħu għal ħidma pastorali u soċjali oħra.

Diġà f'Marzu 1881 kien ġie maħtur kappillan fil-Qala, fejn baqa' sa Lulju 1891. Fil-bidu taż-żmien li kien f'dak ir-raħal ċkejken, Dun Diacono kellu sinjal mis-sema li seddqu fl-impenn tiegħu mal-Kongregazzjoni li kien għadu kif waqqaf[3]. Maħtur kappillan-arċipriet tax-Xagħra fl-1891, ħadem hemm bla ma għejja sa Frar 1909, meta rriżenja għar-raġunijiet ta' età u saħħa u mar għal kollox ir-Rabat.

Fost id-doni umani li bihom Dun Diacono kien imżejjen tajjeb u li bihom għaraf jaqdi l-ministeru saċerdotali, jiżboq dak tal-ġibda għall-arkitettura. Huwa rawimha bl-istudju u sar arkitett li jiswa u mfittex. Għawdex jafu lilu l-bini ta' ħafna knejjes sbieħ, ibda minn dik ta' maġenb *Dar il-Karità* fir-Rabat, dedikata lill-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Ġesù, miftuħa fl-1885.

---

[2] Ta' din il-weġgħa, għandna eku fl-ittra mibgħuta fit-22 ta' April 1887 lil Madre Margerita, fejn, fost l-oħrajn, naqraw: "Tneħħietli kull ġurisdizzjoni, jew, biex tifhimni aħjar kull setgħa spiritwali, ta' Dar il-Karità, u dan wara tant għidut tal-Għawdxin ... Minn fejn u minn min ġej dan? Jien ma nafx ngħidu. Jiena nbierek għal elf darba dak li għamilt għall-Komunità u nittama li, jekk il-Mulej jippermettili, nibqa', għallinqas sakemm ikun neċessarju, benefattur kbir ta' Dar il-Karità, li waqqaft jien. Biss b'saħħti kollha ngħid li jiena deċiż li ma nieħu ebda responsabiltà tagħha fil-ġejjieni. Għamilt u sofrejt biżżejjed kif taf tajjeb Vostra Rev.da. Issa nħoss saħħti tonqos, kemm minħabba l-weġgħat u kemm minħabba x-xogħol". (Ara l-ittra sħiħa fir-*Raccolta di alcuni scritti di Don Giuseppe Diacono e di altri documenti della primitiva Comunità,* Vittoria, Gozo (Malta) 1994, dok 51, p. 150s.

[3] Paolo Calliari jikteb hekk fuq il-fatt: "Jum wieħed kien qiegħed jitlob fil-knisja tiegħu quddiem ix-xbiha ta' Marija Immakulata, xbieha meqjuma ħafna mill-poplu llum ukoll u li tiġbed ħafna pellegrini. Huwa kien qiegħed jafda lill-Omm tas-sema l-Kongregazzjoni tal-Aħwa Terzjarji Franġiskani, li dak il-ħin kienet għada fl-ewwel fażi tal-bidu tagħha b'xejriet mhux ċari u ċerti. Kienet fil-bżonn li ssib imġieba soda u definita għall-istabilità u l-ġejjieni tagħha. Il-kappillan żagħżugħ, imnikket għar-riskju li kien qiegħed jisfida, ried sinjal mis-sema biex ikompli b'iżjed fiduċja u sigurtà l-opra tiegħu. F'daqqa waħda, ix-xbiha tal-Verġni ħadet il-ħajja, għajnejha bdew ileqqu iżjed, xofftejha ċċaqalqu u minn fomm il-Madonna ħarġu dawn il-preċiżi kelmiet: "Waqqfu Kongregazzjoni ta' reliġjużi nisa li jagħtu ruħhom għar-riparazzjoni ta' Ibni li huwa tant imweġġa'" Imbagħad id-dehra għebet. Is-sinjal mis-sema kien ġie biex iwettaq il-qdusija, is-siwi u n-neċessità tal-opra" (*Amiamo l'Amore. Profilo biografico* ...p. 58).

Qasam ieħor li għalih intefa' b'sengħa u ħeġġa kbira kien dak tal-promozzjoni tax-xogħol, bir-raġun kollu magħrufa bħala bizzilla għawdxija, maħdum "a tombolo" (fuq it-trajbu). Kienet ix-xewqa tiegħu li jagħti sehem effikaċi fil-promozzjoni tal-kundizzjoni soċjali tal-mara u fit-titjib tas-sitwazzjoni ekonomika ta' tant familji magħkusin li wassluh biex jagħmel dan. Organizza din il-ħidma b'għerf u prudenza, u bi kriterji diġà moderni: mhux biss waqqaf *Dar Industrijali* (b'sede l-ewwel fix-Xagħra u mbagħad fir-Rabat), fejn kienet tiġi maħduma u mgħallma s-sengħa tal-bizzilla, iżda huwa stess kien jagħmel id-diżinji ta' ħafna mudelli, u ħadem biex jinstab għall-prodott ftuħ kummerċjali ta' qligħ anke barra mill-gżejjer Maltin. Sinjal u riżultat ta' din il-kompetenza u interess tiegħu huwa anke ktieb miktub minnu bil-malti, ppublikat fl-1920, bit-titlu *Bizzilla maħduma f'Malta u f'Għawdex.*

F'din il-ħidma, kif ukoll fil-ħidmiet kollha li ħa f'idejh, Dun Diacono kien imqanqal biss minn raġunijiet ta' qadi lil għajru, mingħajr qatt ma fittex interess personali. Kien minn dejjem terzjarju franġiskan u fost il-virtujiet li kienu jiddistingwuh, u li kien jgħix kienet tidher dik tal-faqar: fqir għex u fqir miet.

Dun Diacono miet ta' 77 sena fir-Rabat, fit-22 ta' Lulju 1924, wara marda qasira, mgħejjun b'imħabba minn Madre Margerita u minn sorijiet oħra. Huwa midfun taħt il-presbiterju tal-Knisja parrokkjali tax-Xagħra. Is-sorijiet franġiskani, li jqimuh bħala Fundatur u Missier, għamlulu tifkira solenni f'għeluq il-150 sena ta' twelidu, b'sena ta' ċelebrazzjonijiet, mibdija fit-22 ta' Lulju 1996 u mitmuma fis-16 ta' Awwissu 1997.

Bniedem ta' talb u ħidma, li għaraf jgħaqqad sewwa flimkien il-ħeġġa apostolika mal-passjoni soċjali, Dun Diacono jixraqlu tassew ikun imfakkar minn kulħadd bħala wieħed mill-persuni l-iżjed eminenti u meritorji ta' Għawdex.

**b. Ir-rapport mal-Kongregazzjoni**

Wara li fil-qosor fakkarna l-personalità mlewna ta' Dun Diacono u l-ħidma pastorali u soċjali mifruxa tiegħu, ma nistgħux issa ma nagħtux iżjed għarfien fuq il-ħidma tiegħu lejn il-Kongregazzjoni li huwa waqqaf.

Kif diġà għidna, r-rapport dirett mal-Kongregazzjoni dam mal-għaxar snin, mill-1878 sal-1887; wara li l-isqof ħelsu mill-qadi bħala "direttur", dan ir-rapport naqas, iżda baqa' sostanzjalment tajjeb.

Fonti prezzjużi biex nagħrfu dan ir-rapport fil-mumenti ta' wara u fil-ħafna aspetti tiegħu, huma l-kitbiet li Dun Diacono bagħat lill-Komunità tal-bidu[4]. Ta' dawn il-kitbiet ġiet ippublikata *Ġabra* mhix żgħira fl-1994, li diġà semmejna. Id-Daħla għal din il-Ġabra turi biċ-ċar il-mumenti u l-modi diversi ta' dan ir-rapport. Minnha ħadna dawn il-ħjiel ewlenin.

Tifhem li l-parti kbira ta' dawn il-ktibiet għandhom x'jaqsmu maż-żmien tar-rapport dirett mal-Kongregazzjoni. Huma dokumenti tal-akbar importanza storika (regolamenti, istruzzjonijiet, ittri ...) il-għaliex il-bidu u l-ewwel żviluppi tal-Kongregazzjoni huma marbuta mill-qrib mal-persuna ta' Dun Diacono, ħaġa waħda mal-ħidma tiegħu.

Ħafna drabi Dun Diacono, bir-raġun, kien saħaq fuq is-sehem tiegħu bħala "Fundatur", titlu li dejjem kien magħruf lilu b'sentiment sinċier u gratitudni profonda mis-sorijiet kif koll mill-isqof ta' Għawdex. Iżda iżjed ta' spiss kien iħobb isejjaħ lilu nnifsu "Direttur ewlieni", titlu li kien jixhed aħjar minn kull ieħor il-post li huwa kellu fil-bidu tal-Kongregazzjoni. Infatti, hu mexxieha b'għerf sod taħt kull aspett, tant formattiv u spiritwali kemm organizzativ u ta' ħidma. Biss, dan ir-rapport fejjiedi ta' "tmexxija" beda jinbidel fi żmien ta' ftit snin għaliex, bil-ħidma tiegħu hekk iebsa u esiġenti, kemm ta' ħsieb u effikaċi, l-Kongregazzjoni kibret malajr.

---

[4] Għal iżjed fuq dan, ara wkoll il-ktieb li semmejna ta' P. Calliari.

Meta f'Settembru 1880 il-grupp żgħir ta' Terzjarji Franġiskani beda uffiċjalment jgħix il-forma ġdida ta' ħajja konsagrata, kellu diġà "Regolament" magħmul minn Dun Diacono stess, li kien juri bil-preċiż u fid-dettal il-programm tal-ħajja: l-għan proprju, l-impenn meħud, il-ħidmiet apostoliċi u n-normi tal-organizzazzjoni.

Kien fuq il-bażi ta' dan ir-"regolament", 'il quddiem iżjed preċiż fil-partikular u pperfezzjonat fil-15 ta' Awwissu 1882 b'kitba twila fuq xi wħud mill-punti fundamentali tal-ispiritwalità tagħha[5] li l-Komunità bdiet timxi u għamlet l-ewwel esperjenza ta' ħajja komuni u ta' apostolat dirett. F'dawn l-ewwel snin, Dun Diacono kien tassew u bla ebda dubju is-"superjur"[6] tal-Komunità: ta' kulħadd kien il-kap, kollox kien jiddependi minnu.

Bil-mod il-mod, l-iżjed wara l-għarfien uffiċjali tal-Kongregazzjoni min-naħa tal-isqof ta' Għawdex, Mons Pietru Pace fit-13 ta' Ottubru 1883, il-Komunità bdiet tieħu sehem iżjed attiv fuq kif kellha timxi l-ħajja tagħha interna u apostolika, dejjem bi qbil ma' Dun Diacono li waqt li kien iħares 'il quddiem, kien iħalliha tikber. Mument determinanti ta' dan it-tkabbir mgħaġġel tal-Komunità kien dak tal-15 ta' Awwissu 1885, meta hi tat lilha nfisha minn rajha ordinament ġdid: Dun Diacono qal li kien ferħan b'din id-deċiżżjoni u rtira bla diffikultà ir-"regolamenti" ta' qabel[7].

Meta fis-6 ta' Mejju 1886 Mons Pietru Pace għadda r-Regola u l-Kostituzzjonijiet, Dun Diacono kien ġie uffiċjalment ikkonfermat mill-isqof fil-post ta' "direttur". Iżda fil-prattika, dan sehmu beda jintemm bil-għaġla: kif diġà fakkarna, lejn is-sena 1887, l-istess isqof neħħieh minn dan id-dmir għal raġunijiet li huma tassew interessanti kieku nkunu nafuhom aħjar.

Fiż-żmien ta' wara, r-rapport bejn Dun Diacono u l-Kongregazzjoni kompla fuq xejra oħra. Ukoll jekk ma naqsux mumenti ta' nuqqas ta' qbil, minħabba xi

[5] Ara: *Raccolta* ... dok 12, p. 57 ss.
[6] Ta' dan huwa konferma l-fatt illi f'dawk l-ewwel snin, is-superjura kellha t-titlu ta' "Vigarja".
[7] Ara: *Raccolta* ... dok 39 u 40, pp. 130-133.

drittijiet li Dun Diacono kien żamm għalih meta f'Ġunju 1886 ċeda għal kollox lill-Kongregazzjoni d-*Dar tal-Karità* tar-Rabat, Għawdex[8] dan baqa' dejjem sostanzjalment tajjeb. Kultant is-sorijiet baqgħu jitolbu lil Dun Diacono xi qadi spiritwali. Min-naħa tiegħu, huwa baqa' jkollu dejjem sentimenti ta' rieda tajba lejn il-Kongregazzjoni: mhux biss ma kienx jiddispjaċih għal dak li kien għamel għaliha, iżda qatt ma għamel xejn li seta' jfixkilha jew jagħmlilha ħsara.

Jekk inħarsu lejn is-snin tar-rapport dirett tiegħu mal-Kongregazzjoni, naraw li l-kitbiet ta' Dun Diacono, moqrija ma' dokumenti oħrajn tal-istess żmien, tal-istess Kongregazzjoni, jixhdu biċ-ċar kemm huwa kien ħa għal qalbu dak li jiġri miż-żgħażagħ li kienu afdaw ruħhom f'idejh, imħeġġeġ kif kien minn impenn kbir saċerdotali u minn sentiment spiritwali sinċier.

Fl-istess ħin, mill-qari tal-kitbiet tiegħu, nsiru nafu li Dun Diacono kien preċiż ħafna meta kien juri l-mod kif is-sorijiet kellhom imexxu ħajjithom u ħidmiethom: ma jittraskura xejn, xejn ma jibqa' fiċ-ċpar. Anzi, kien ukoll iebes ħafna f'li jitlob mis-sorijiet li jkunu preċiżi u regulari fl-osservanza ta' dak li kien ordnalhom u ma kienx jonqos li jilmenta u jċanfarhom meta l-imġieba tagħhom ma kinitx dik li kien jixtieq u li kien qiegħed jitlob minnhom hu.

Mingħajr dubju ta' xejn, ma rridux wisq biex f'dawn id-dokumenti nsibu sinjali kbar ta' żmien differenti ħafna minn żmienna, li fih mentalità u metodi ta' dil-fatta kienu l-istess kullimkien fl-ambjenti reliġjużi. Barra minn hekk, dawn id-dokumenti jirriflettu sewwa l-karattru personali ta' Dun Diacono: iebes u qawwi, ta' rieda mħeġġa u deċiża, sever u li jeżiġi, aħrax u ġenwin ... Ma ninsewx biss li huwa kellu x'jaqsam ma' żgħażagħ twajba u ġenerużi, iżda li kienu għadhom dgħajfa u bla esperjenza: għalhekk kellhom bżonn ta' mexxej imdawwal u b'awtorità, li tiegħu kienu jagħrfu l-bżonn u li tiegħu għarfu l-ħafna tajjeb li għamel magħhom.

---

[8] Fil-konkret, għandna x'naqsmu l-iżjed mad-dritt li Dun Diacono kien żamm għalih u għas-sinjorina Katerina Farrugia, benefattriċi meritevoli, li jressqu huma t-tfajliet li xtaqu jiġu milqugħa fil-Komunità. Dun Diacono, kif l-oħrajn kollha, ċaħad dan id-dritt uffiċjalment, b'att notarili, fit-28 ta' Marzu 1923. Ara d-dokument fir-*Raccolta* ... p. 175 s.

F'kelma waħda, lil hinn minn dak li għandu x'jaqsam ma' żmienu u mal-karattru tiegħu, bla dubju ta' xejn Dun Diacono kien imqanqal b'ħeġġa ġenwina u b'xewqa sinċiera li l-opra li hu beda kienet għas-sorijiet vera skola ta' perfezzjoni spiritwali u xhieda ta' karità għammiela. Kif huwa stess jistqarr, is-severità tiegħu ma kinitx ġejja minn ebusija istintiva, iżda minn eżiġenza siewja[9] .

Nagħlqu billi ngħidu li jekk il-Kongregazzjoni kibret kif kibret f'ġirja ta' ftit snin, il-mertu ewlieni jmur għad-"direzzjoni" soda li biha Dun Diacono għaraf b'awtorità u b'imħabba jmexxiha.

## 2. – IL-QADDEJJA TA' ALLA MADRE MARGERITA DE BRINCAT 1862 – 1952

Il-konferma ta' kemm siewi tassew kien is-sehem ta' Dun Diacono f'dawk il-madwar għaxar snin li fihom mexxa l-Kongregazzjoni bħala "direttur ewlieni" insibuha fil-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat.

Huwa ġust u dmir tagħna nagħmlu enfasi fuq il-fatt li qabel ma saret omm mill-aqwa u għalliema bla paragun tas-sorijiet tagħha, Madre Margerita kienet bint devota u dixxipla doċli ta' Dun Diacono. Tiegħu hija għarfet tilqa', tapprezza u tassimila l-ispirtu li kien jagħtih il-ħajja. Milqugħa minnu fil-Kongregazzjoni fi Frar 1881, u minnu maħtura Segretarja ġenerali f'Awwissu 1884, hija setgħet tkun fil-qrib ħafna tiegħu, sewwa sew fiż-żmien li fih, taħt it-tmexxija soda tiegħu, il-Komunità li hi kienet tagħmel parti minnha, kienet sejra bil-mod il-mod tilħaq il-milja spiritwali u l-awtonomija fil-ħidma tagħha.

F'dan kollu huwa sewwa li naraw l-id provvidenzjali ta' Alla, li b'dal-mod kien qiegħed ilesti lil Madre Margerita biex tidħol flok Dun Diacono fit-tmexxija kariżmatika u istituzzjonali tal-Kongregazzjoni. Dan il-passaġġ idejali ta' rwoli ġara

---

[9] Ara, per eżempju, kif Dun Diacono jagħlaq ittra mibgħuta lill-Komunità fit-2 ta' Frar 1884: "Fl-aħħarnett, kunu persważi, wisq maħbubin f'Ġesù Kristu, li mhux is-severità żejda, iżda l-ħtieġa vera tagħkom li timbuttani nordnalkom dan kollu", *Raccolta* ... dok. 22, p. 10.

prattikament fl-1887, meta lil Dun Diacono l-isqof neħħieh minn Direttur, u Madre Margerita, fis-6 ta' Marzu ġiet magħżula Superjura ewlenija tal-Komunità meta kienet għada kemm għalqet biss 24 sena. F'ittra tat-22 ta' April ta' wara, waqt li kkonferma li ma riedx jinteressa ruħu iżjed fil-ġejjieni tal-Kongregazzjoni minnu mwaqqfa, Dun Diacono għamlilha kuraġġ biex taffronta b'fiduċja l-qadi mhux faċli tagħha, b'dan il-kliem profetiku: "Kuraġġ. Il-Mulej ma jonqosx li jgħinek"[10].

Wara din id-daħla, nagħtu issa ħjiel tal-figura u l-ħidma ta' Madre Margerita li, bi dritt, hija miżmuma bħala l-Kofondatriċi tal-Kongregazzjoni[11].

**a. Ritratt ta' ħajjitha**

Ta' Madre Margerita hemm diġà biografija tajba, miktuba minn Padre Paolo Calliari OMV. Lilha nissuġġerixxu lil min irid ikun jaf aktar fuq il-Qaddejja ta' Alla[12].

Virġinja – dan kien isimha tal-magħmudija – De Brincat twieldet fir-raħal ta' Kerċem, Għawdex, ftit 'il-bogħod minn Victoria, fit-28 ta' Novembru 1862, it-tmien wild tal-miżżewġin Mikielanġ u Katerina Gauci.

Bix-xogħol għaqli tiegħu ta' bidwi, l-missier seta' jiggarantixxi ġid mhux ħażin lill-familja mdaqqsa tiegħu. B'dan irnexxielu jibgħat anke lil Virġinja, kif ukoll lil oħra minn uliedu, fl-iskejjel tal-gvern, u wara, jibgħatha tieħu lezzjonijiet privati tal-ilsien franċiż u taljan, li fihom malajr imxiet 'il quddiem.

---

[10] Ara: *Raccolta ...* dok. 52, p. 150. Daqstant ieħor fiha sens l-ittra tal-11 ta' Ġunju 1889 fejn Dun Diacono jifraħ lil Madre Margerita għall-għażla tagħha bħala Superjura ġenerali (Ara: *Raccolta ...* dok. 53, p. 153 ss). U mhux mingħajr sens hu l-fatt li ċ-ċaħda għall-bqija tad-drittijiet rigward il-Kongregazzjoni Dun Diacono għamilha, fit-28 ta' Marzu 1923, meta għal darb'oħra Madre Margerita kienet Superjura ġenerali (Ara: *Raccolta* ...dok. 57, p. 159s.).

[11] Dan it-titlu jiġi mogħti lilha espressament fid-dokument li bih tiġi mħabbra l-mewt tagħha lis-sorijiet: "Madre Margerita, Kofondatriċi u ex-Madre ġenerali, tat l-aħħar nifs fis-sliem u l-bewsa tal-Mulej fil-Casa Madre, fl-età venerabbli ta' 89 sena".

[12] Ara l-ktieb tiegħu msemmi qabel. Ara wkoll J. Bezzina, *Madre Margerita (1862 – 1952). Relazione storica* (Rabat, Gozo 2000). Hija t-tfittxija fil-fond u dokumentata mressqa lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin għall-proċess kanoniku ta' Madre Margerita. Ara wkoll P. Giorgio Aquilina, ofm, *La serva di Dio Madre Margherita De Brincat, evangelizzatrice dell'Amore*, Malta 2000.

Mill-ġenituri reliġjużi ħafna, Virġinja ħadet l-ewwel formazzjoni nisranija soda u sa minn ċkunitha, kif tikteb Sr Paċifika Xuereb fit-tifkiriet tagħha, wriet xeħta qawwija għas-solitudni u għat-talb. Meta kellha 14-il sena, bil-permess tad-direttur spiritwali tagħha, għamlet il-vot privat tal-kastità perpetwa.

Matul is-sena 1877, bdiet tieħu sehem fil-laqgħat tal-Għaqda tat-Tnax-il Stilla tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, li kienu jsiru r-Rabat fid-dar tas-sinjorina Marija Carmela Xerri. Fit-8 ta' Diċembru hija ġiet milqugħa uffiċjalment fil-għaqda. Kellha 15-il sena.

Kienet diġà taf lil Dun Diacono, meta għal xi żmien kien viċi ġerent f'Kerċem. Mill-1878 bdiet tiltaqa' miegħu mill-ġdid, issa li kien il-mexxej spiritwali tal-għaqda. Minn għandu, fil-5 ta' Frar 1881, wara talbiet li għamlet għal ħafna drabi, qalgħet li tidħol fil-Komunità l-ġdida tat-Terzjarji Franġiskani mwaqqfa ftit xhur qabel. Kellha 19-il sena.

Sa mill-ewwel snin ġiet stmata minn kulħadd għad-doni umani u reliġjużi, barra milli għall-kultura tagħha: f'Awwissu 1883 għamlet l-ewwel professjoni reliġjuża[13]; f'Awwissu 1884 ġiet maħtura segretarja ġenerali; f'Mejju 1886 kienet mibgħuta bħala "primarja", jiġifieri responsabbli tal-iskola, f'Birkirkara (l-ewwel dar miftuħa Malta fl-1885); f'Marzu 1887 daħlet flok Madre Rosanna Gauci fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni. Fit-8 ta' Diċembru ta' wara kienet l-ewwel soru tal-Kongregazzjoni li pprofessat il-voti perpetwi f'idejn Mons Pietru Pace, waqt li ħadet uffiċjalment l-isem ta' Swor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù[14]. Kellha 25 sena.

Tal-istima u l-fiduċja li s-sorijiet kellhom f'Madre Margerita, huwa xhud il-fatt li għal sitt darbiet ġiet magħżula mill-ġdid bħala Superjura ġenerali, kif diġà fakkarna fil-kapitlu ta' qabel. U dawn l-għażliet setgħu jkunu aktar li kieku darba, fl-1901, ma ċaħditx l-għażla u li kieku, fl-1923, Mons Giovanni Camilleri, isqof t'Għawdex, li

[13] Meta wieħed jaħseb li Dun Diacono kien xi kultant iqassar is-sena tan-novizzjat għal ftit xhur u drabi oħra kien saħansitra ineħħiha għal kollox (Ara: *Raccolta* ... dok. 24 u 31, p. 105 u 117), ta' min jistagħġeb bit-tul tan-novizzjat ta' Madre Margerita: madwar sentejn u nofs! Raġuni tajba biex tista' tifhem dan, hija dik tal-età żagħżugħa tagħha.
[14] Mill-verbali tal-Kunsill tal-Komunità insiru nafu li Madre Margerita kienet tiffirma b'dan l-isem diġà minn April 1887.

minnu kienet tiddependi dak iż-żmien il-Kongregazzjoni, ma laqax l-għażla mill-ġdid tagħha. B'kollox, b'xi intervalli wkoll bejn l-għażliet, Madre Margerita mexxiet il-Kongregazzjoni għal madwar 25 sena.

Kienet superjura lokali fi tliet komunitajiet: f'Korfù, l-Greċja mill-1911 sal-1917, fejn tat bil-ħela ħajjitha fil-għajnuna spiritwali ta' ħafna emigranti Maltin; fil-Belt Valletta, Malta mill-1924 sal-1929, fejn setgħet turi, fil-velji twal ta' qima, l-imħabba estatika tagħha għal Ġesù Ewkaristija; ix-Xagħra, Għawdex mill-1930 sal-1940, fejn tat ruħha b'għaqal għall-appostolat qalb iż-żgħażagħ nisa u għall-għajnuna spiritwali tal-morda, u fejn ħalliet tifkira dejjiema u ħafna grata fil-poplu kollu.

Sal-1940, kienet ukoll ta' spiss waħda mill-Kunsill ġenerali, anke bħala vigarja. Għal xhur, minn Awwissu 1932 sa Frar 1933, għexet Ruma bħala "maestra" tan-novizzi, flok Sr Dionisia Thomis meta din mardet sewwa.

Lilha l-Kongregazzjoni tagħraf fil-wisa' it-tkabbir dejjiemi fin-numru u fit-tifrix ġeografiku. Kienet hi, infatti, li ħarġitha mit-truf dojoq tal-Gżejjer Maltin, billi għamlitha preżenti l-ewwel f'Korfù, fil-Greċja, fl-1907, u mbagħad f'Sqallija, Italja fl-1922. Barra minn dan, huwa wkoll għal ħsiebha u l-inkoraġġament tagħha li l-Kongregazzjoni saret missjunarja u daħlet f'kontinenti oħra, l-ewwel fl-Etijopja fl-1927, imbagħad fil-Brażil fl-1952.

L-imħabba u l-qima tas-sorijiet lejn Madre Margerita ġew murija b'mod partikularment imħeġġeġ f'żewġ okkażżjonijiet. L-ewwel waħda, f'Awwissu 1933, meta l-Madre għalqet l-50 sena mill-ewwel professjoni tagħha (17 ta' Awwissu

1883)[15]; it-tieni waħda, f'Jannar 1940, meta attakk serju ta' puplesija ġab biża' ta' mewt fil-qrib tagħha u ħafna sorijiet ħaffew imorru jżuruha[16].

L-ewwel darba li 'l Madre Margerita ċeditilha qalbha serjament kien fl-14 ta' Jannar 1940, meta kienet superjura x-Xagħra. Attakki bħal dawn qabduha iżjed drabi fil-jiem ta' wara u wassluha għall-aħħar: għal ġimagħtejn iġġieldet bejn ħajja u mewt. Malli għaddielha xi ftit, ġiet meħuda r-Rabat, Għawdex fil-Casa Madre, u ġiet meħlusa minn kull qadi. Hemmhekk, fost l-għoli u l-baxx ta' saħħitha għaddiet l-aħħar snin ta' ħajjitha fl-intimità ma' Kristu. Kienet tgħaddi sigħat twal, bil-lejl u bi nhar fil-kappella, fl-istess ħin imdawra b'sentimenti ta' wlied u bl-għajnuna mħeġġa ta' ħutha s-sorijiet. Mietet fit-22 ta' Jannar 1952, ftit wara li għalqet 89 sena. Għall-ewwel ġiet midfuna fil-kripta, sakemm fit-22 ta' Jannar 1994 ġisimha ġie meħud solennement ġewwa l-Knisja, fejn huwa meqjum b'qima kbira anke mill-fidili.

Il-fama tal-qdusija tagħha, li kellha għeruqha mrobbija sewwa diġà f'ħajjitha fost is-sorijiet ħutha u fost tant fidili li kienu jafuha mill-qrib, kompliet tikber wara mewtha. Tant illi mill-1988, kif fakkarna fil-kapitlu ta' qabel, ġie mwaqqaf il-proċess uffiċjali għall-beatifikazzjoni tagħha. L-aħħar att f'dan il-proċess sar fl-4 ta' Marzu 2004 bil-preżentazzjoni uffiċjali, min-naħa tas-Superjura ġenerali, Madre Anselmina Mifsud u tal-Postulatur ġenerali P. Luca de Rosa ofm, tal-*Positio.* Din hija ġabra f'għamla ordinata tar-riżultati kollha tal-proċess djoċesan li sar Għawdex bil-għan li tiġi mgħoddija lill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin biex jiġu eżaminati mill-Konsulturi, l-virtujiet tal-Qaddejja ta' Alla[17]. Issa huwa ż-

[15] F'dik l-okkażżjoni s-Superjura ġenerali taż-żmien, Madre Nazarena Gouder, stiednet lis-sorijiet biex jiċċelebraw il-ġrajja bħala xhieda ta' rikonoxxenza lil Madre Margerita. Kitbet fost l-oħrajn: "Kollha kemm aħna nafu sew u jeħtieġ li ma ninsewh qatt, li wara Alla u l-wisq meqjum u mibki Missier Fundatur Ġ. Diacono, l-Kongregazzjoni tagħna taf ħajjitha u t-tkabbir tagħha lil Madre Margerita. Din, jekk ma welldithiex, mexxietha però bħala Superjura ġenerali għal tletin sena, mantnitha bid-demm tas-sagrifiċċji tagħha, qawwietha bit-talb imħeġġeġ tagħha u sostnietha bil-għasel tal-eżempju ħelu tal-virtujiet tagħha" (Ittra ċirkulari, n. 7, tas-7 ta' Awwissu 1933).

[16] Għall-aħbar tal-marda serja li laqtet lil Madre Margerita f'Jannar 1940 fix-Xagħra, kif tgħarraf Sr Paċifika Xuereb f'rapport tagħha, ħafna sorijiet "waslu minn Malta u Għawdex, imnikktin għax kienu beżgħana li jitilfu 'l dik li kienet is-salvazzjoni u li kienu jħobbu b'sentiment sinċier ta' wlied. Riedu jarawha, isellmulha, jisimgħu minn għandha l-aħħar kelma."

[17] *Gaudisien. Beatificationis et Canonizationis Servae Dei Margaritae a S. Corde Jesu, fundatricis Sororum Franciscalium a Sacratissimo Corde Jesu (1862 – 1952). Positio super vita, virtutibus et fama sanctitatis,* Roma 2004.

żmien tal-istennija mqanqla, tat-tama ħajja li l-Knisja tagħti malajr l-verdett pożitiv tagħha u tgħolli lil Madre Margerita għall-glorja tal-altari.

**b. Omm u għalliema**

Matul il-ħajja twila tagħha, s-sorijiet dejjem ħarsu lejn Madre Margerita bħala l-persuna li iżjed minn kull waħda oħra kienet taf tikxef il-ħafna għana, li setgħet tagħraf dak li huwa speċifiku tal-kariżma kongregazzjonali tagħhom u li kienet taf tgħaddihulhom bix-xhieda tal-imġieba u bl-għerf tat-tagħlim tagħha.

Ngħidu s-sewwa: l-Kongregazzjoni tagħrfu lilha jekk iż-żerriegħa mxerrda bl-idejn ġenerużi ta' Dun Diacono ma ntilfitx fil-mument ikrah tal-kriżi, meta l-istess Dun Diacono, kif tgħarrafna qabel, ried itemm l-opra tiegħu, iżda niżżlet għeruq fil-fond u kibret bil-qawwa tal-potenzjalitajiet tagħha, filwaqt li għarrfet tagħtiha b'mod dejjem iżjed ċar l-identità spiritwali u apostolika tagħha.

Bis-setgħa kollha, wieħed jista' jgħid li d-doni kbar mogħtija minn Alla lil Madre Margerita kellhom għan provvidenzjali u profetiku għall-aħjar tas-sorijiet. Hija laqgħat b'umiltà profonda u b'għaġeb grat dawn id-doni tal-grazzja, li tagħhom kienet tħoss ruħha mhux denja u meritevoli, u ħaddmithom bla riservi, b'ħeġġa bla ma taqta' u ġenerożità bla ma tgħejja. F'riġlejn it-tabernaklu, moħħha kien jistgħana, qalbha kienet taħraq, ir-rieda titqawwa, l-impenn jiġġedded. U hekk, waqt li kienet tgħix fil-milja kollha s-sejħa tagħha, Madre Margerita setgħet turi lill-aħwa s-sorijiet il-valuri, l-għan, it-twettiq u l-ħtiġijiet spiritwali tas-sejħa reliġjuża u franġiskana li kienu qegħdin jaqsmu flimkien. Tassew li hija għexet konkretament u fil-milja kollha tiegħu l-prinċipju pawlin: il-kariżmi Alla jagħtihom għall-ġid ta' kulħadd (ara I Kor 12, 4 ss.).

Xhieda ewlenija u li ddawwal ta' dal-fatt huma l-ħafna ittri mibgħutin maż-żmien minn Madre Margerita lis-sorijiet, kemm individwalment kif ukoll bħala komunità. Dawn ħallew tassew marka li ma titħassarx fl-iżvilupp kariżmatiku tal-Komunità.

Spiss kienu tweġiba għall-ittri li huma kienu jibagħtulha: mal-mitt ittra għada miżmuma b'għożża bħala relikwa prezzjuża tagħha[18].

Dawn l-ittri, flimkien ma' dawk mibgħutin minnha liż-żewġ konfessuri tagħha, Mons Antonio Galea u Mons Alfons Agius, u lill-persuni oħra, ġew ippublikati kważi sħaħ fl-2001, fil-50 sena mill-mewt tagħha (22 ta' Jannar 1952)[19].

Minn dawn l-ittri, mhux dejjem imżewqin fil-forma iżda dejjem għanja bi ħsibijiet suġġestivi, toħroġ fil-kobor u s-setgħa tagħha x-xbieha ta' omm u għalliema. Madre Margerita tidher bħala omm ħelwa, kollha mħabba u li taf tifhem; fl-istess ħin, hija ġġib ruħha ta' omm daqstant ieħor sinċiera, deċiża u esiġenti li trid minn uliedha spiritwali li jwieġbu bil-ġenerożità, mingħajr jekk u imma, kif tgħid spiss, għad-don ineffabbli, mogħti b'xejn u mhux għal xi merti, tas-sejħa reliġjuża.

Fi ftit kliem, Madre Margerita hija omm li tħobb b'tenerezza lill-aħwa sorijiet u għax tħobbhom tassew, bil-għaqal kollu tedukahom biex, bħala dixxipli tal-Vanġelu, jkunu dejjem fuq tagħhom u lesti li jgħixu bil-perseveranza l-mixja wara Kristu, l-Għarus Imsallab tagħhom. F'kelma waħda: hija omm imdawla u li taf xi trid għaliha stess u għal ħutha, li tinbidel b'qawwa fi mgħallma li taf tħeġġeġ b'persważjoni.

L-ispiritwalità ta' Madre Margerita, li fuqha diġà sar studju mportanti[20], hija kollha kemm hi mlaħħma minn dik franġiskana: *Inħobbu l-Imħabba.* Fl-aspett tat-tnebbiħ kif f'dak tal-ħajja ta' kuljum, il-proġett u programm sħiħ li hija tinsisti tagħti lil ħutha sorijiet, joħroġ dinamikament minn dan iċ-ċentru mdawwal u li jiġbor kollox

---

[18] Ma rridux ninsew li, barra mill-ittri, miktubin f'madwar 60 sena, Madre Margerita ħaddmet id-dmir tagħha kariżmatiku anke bl-ittri ċirkulari mibgħutin bħala Superjura ġenerali u bir-relazzjonijiet taż-żjajjar Kanoniċi li kienet tagħmel fil-komunitajiet. Fl-arkivju ġenerali tal-Kongregazzjoni hemm 11-il ittra ċirkulari u 17-il relazzjoni ta' zjara kanonika: huma relativament ftit, iżda anke dawn juru l-ispiritwalità tagħha.

[19] Pier Giuseppe Pesce ofm, (flimkien ma' Sr Aniceta Briffa fcj), *Amiamo l'Amore. Lettere della Serva di Dio, Madre Margherita De Brincat, Cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù* (1862-1952), Roma 2001.

[20] Fost oħrajn, infakkru tnejn. Fl-20 ta' Marzu 2004, sar f'Malta l-ewwel Simposium fuq il-ħajja u l-ispiritwalità tal-Madre Fundatriċi, organizzat mill-Viċi-Postulatur P. Ġorġ Aquilina ofm, flimkien ma' Sr Aniceta Briffa. Fl-2005, ġie ppublikat f'Ruma l-volum ta' diversi kittieba: *Amiamo l'Amore. Studi sulla spiritualità della Serva di Dio Madre Margherita De Brincat, cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù, alla luce delle sue lettere.* Ara wkoll: Giorgio Aquilina ofm, *Il cammino verso la santità di Madre Margherita. Dalle sue lettere,* Malta 1988.

biex kollox jerġa' jidħol fih bħal fil-għan aħħari tiegħu li jgħaqqad u jagħti l-ħajja. *Li tħobb l-Imħabba* għal Madre Margerita jfisser, twieġeb - bil-fatti u mhux bil-kliem, kif spiss tfakkar, - għall-imħabba ta' Alla li fi Kristu, Verb li sar Bniedem, jurina kemm u kif iħobbna; hija mħabba li ma titwemminx, li għandha fil-Milied is-sinjal messjaniku u fis-salib dak salvifiku, fl-Ewkaristija dak sagramentali, fil-Qalb ta' Ġesù dak simboliku. U għall-imħabba, tfakkar dejjem Madre Margerita b'għaġeb imqanqal, tista' twieġeb biss bl-imħabba.

Madre Margerita kienet hija stess l-ewwel waħda li laħħmet din l-ispiritwalità f'ħajjitha b'mod ċar u b'impenn ġeneruż. Dak li b'tant ħeġġa kienet titlob minn ħutha ma kienx ġej minn studju tejoretiku; kien ġej minn esperjenza personali. Mhux għalxejn, kliemha jikxef bla ma trid, iżda b'sempliċità li ssaħrek, xi ħaġa minn dik il-ħerqa mistika li kienet ittir fiha.

Konferma kbira li kliemha jaqbel ma' dak li kienet tgħix, insibuha f'dak li ddikjaraw ħafna mix-xhieda (sorijiet u lajċi) fil-proċess kanoniku mwaqqaf f'Għawdex għall-beatifikazzjoni tagħha: meta tiġi biex tqabbel ma' xulxin il-ġabra tal-ittri u x-xhieda tal-persuni, joħroġ ċar li f'ħajjitha nsibu verifika eżemplari ta' kliemha[21].

## 3. GĦELUQ

M'humiex ftit, fl-istorja tal-Knisja, l-ġrajjiet li fihom Alla jinqeda b'raġel u b'mara biex jagħni lill-Knisja b'don ġdid, billi jnissel u jkabbar fergħa ġdida miz-zokk ta' l-elfejn sena tagħha. Għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Alla nqeda b'Dun Diacono u Madre Margerita.

It-tnejn li huma qdew il-missjoni proprja u komplementari għal xulxin b'ġenerożità ta' min ifaħħarha: Dun Diacono għandu l-mertu li għaraf jiżra' bil-ġenerożità; Madre Margerita, li b'kuraġġ umli daħlet tkompli l-ħidma bikrija tiegħu, hija dik li ħadet ħsieb tkabbar dak li l-Fundatur kien żera'.

[21] Ara: Pier Giuseppe Pesce ofm, *Dalle lettere alla Positio: una verifica esemplare,* in AA.VV., *Amiamo l'Amore. Studi sulla spiritualità...* pp. 307 – 344.

Min-naħa tas-sorijiet, l-aħjar mod kif iqimu t-"tifkira" tagħhom u jżommuha ħajja, mhux biss biex jibqgħu jafuhulhom b'rikonoxxenza mqanqla u b'devozzjoni ta' ulied, iżda anke biex ikunu tassew fi qbil mar-rieda tagħhom, huwa dak li jgħożżu bħala teżor prezzjuż il-"wirt" kariżmatiku tagħhom u li jagħmluh dejjem iżjed għammieli fil-ħajja personali u fil-missjoni apostolika tagħhom.

Fi kliem ieħor, jekk il-ħajja hija żvilupp miexi u qatt mitmum, l-evoluzzjoni maż-żmien tal-Kongregazzjoni tkun pożitiva biss jekk din tkun qed isseħħ fil-linja ta' kontinwità fidila u dinamika magħhom. Minn hawn toħroġ bis-serjetà kollha l-importanza taż-żmien preżenti bħala ħolqa ta' katina twila li tgħaqqad b'mod ħaj l-imgħoddi mal-ġejjieni.

## IL-LEĠISLAZZJONI

L-Istituti reliġjużi huma rejaltajiet fil-Knisja li jintgħarfu minn marka kariżmatika speċifika li tikxef kemm ir-raġuni tal-eżistenza tagħhom u kemm is-siwi tal-preżenza tagħhom fi ħdan il-poplu t'Alla. Dan ma jfissirx, li biex iwasslu għall-milja tagħhom il-ħafna qawwiet tagħhom, m'għandhomx bżonn ta' għodda legali u ta' ordinamenti organiċi biex ikunu jistgħu imexxu f'armonija l-ħajja tagħhom f'kull għamla tagħha: spiritwali, komunitarja u apostolika.

Għal dik li hija l-ispirazzjoni fit-tnissil tagħha, għall-istituti kollha tal-ħajja konsagrata "ir-Regola tar-regoli" huwa u jibqa' l-Evanġelju (ara: Perfectae Charitatis, 2$^{o}$); għal dik li hija għamla istituzzjonali, fil-kuntest ġenerali tar-rieda tal-Knisja li tgħodd għal kulħadd[1], kull istitut ifassal il-leġislazzjoni proprja tiegħu, magħrufa mill-awtorità kompetenti tal-Knisja, li tgħin tlaħħam b'mod dinamiku l-kariżma fil-fedeltà għall-ispirtu tal-bidu u fit-tibdil taż-żminijiet u tas-sitwazzjonijiet.

Fuq dan ix-xefaq wiesa', naraw fil-qosor kif il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, tat ġisem u għamla lil-leġislazzjoni proprja, matul il-ġrajja diġà twila tagħha.

## I – ĦARSA FIL-WISA'

Fil-kapitlu ta' qabel fakkarna kif fl-ewwel snin tagħha (1880 – 1886) il-Kongregazzjoni fasslet u mexxiet il-ħajja spiritwali, komunitarja u apostolika tas-sorijiet fuq ir-"Regolamenti" maħdumin bir-reqqa l-ewwel minn Dun Diacono imbagħad, dejjem b'ħarsa lejn dawn, mis-sorijiet stess. Wara, kif ma setax ma jiġrix, kien hemm evoluzzjoni ġmielha u f'ħafna għamliet.

Fl-ewwel kapitlu diġà kellna mod nuru t-tibdiliet ewlenin li saru f'dal-qasam importanti. Iżda huwa tajjeb li issa nerġgħu nduru, fi kwadru qasir u organiku, fuq il-mumenti diversi u l-elementi l-iżjed importanti ta' dan l-iżvilupp bla waqfien.

---

[1] Il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika tal-lum jitkellem fuq il-Ħajja Konsagrata fit-III taqsima tat-II ktieb, l-I sezzjoni: kanoni 573 – 730.

## a. Il-leġislazzjoni ġenerali

Il-leġislazzjoni tal-Kongregazzjoni fil-qasma ġenerali tagħha hija magħmula minn tliet tipi ta' ordinamenti komplementari: ir-Regola, bħala test li jispira; il-Kostituzzjonijiet, bħala test li juri normi; id-Direttorju, bħala test li jgħin fl-applikazzjoni. Kull wieħed minn dawn l-ordinamenti għandu storja għalih, li huwa sewwa li nfakkru fil-qosor.

a) Sal-lum, is-sorijiet tal-Kongregazzjoni pprofessaw tliet regoli, jew aħjar, tliet redazzjonijiet waħda wara l-oħra, tar-Regola tat-Terz'Ordni Franġiskan Regolari[2] . Fis-6 ta' Mejju 1886, Mons Pietru Pace, kif qabel kien qal li ried jagħmel, ta lis-sorijiet, flimkien mal-Kostituzzjonijiet, ir-Regola tat-Tielet Ordni Franġiskan ta' San Franġisk t'Assisi[3]. Din kienet ġiet ippromulgata mill-Papa Ljun X fl-20 ta' Jannar 1521 bil-Kostituzzjoni *Inter cetera,* li biddlet u ġeddet skont iż-żmien għall-istituti reliġjużi ta' laqta franġiskana dik ta' qabilha tal-Papa Nikol IV tal-1289, li min-naħa l-oħra kienet sostanzjalment l-istess għat-terzjarji franġiskani kollha, kemm sekulari kif ukoll regolari[4].

Din ir-regola, b'għaxar kapitli[5] kienet ipprofessata mis-sorijiet sal-1937, meta, - fl-istess waqt mad-"Decreto di lode" u bil-promulgazzjoni tal-Kostituzzjonijiet il-ġodda – kienet mibdula ma' dik li kienet aġġornata mill-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u ppromulgata minn Papa Piju XI fl-4 ta' Ottubru 1927, bil-Kostituzzjoni *Rerum Condicio.* Ir-raġuni li ġiegħlu lill-Papa jerġa' jdur fuq dik ta' qabel, juriha b'dal-kliem: "Kif soltu jiġri fil-ħajja, ħafna punti minn dawk approvati minn Ljun X,

---

[2] Ir-Regoli pprofessati, darba wara l-oħra mis-Sorijiet, huma dejjem imdaħħlin fit-test tal-Kostituzzjonijiet.

[3] It-test tar-Regola u tal-Kostituzzjonijiet li kien ta l-isqof Pace lis-sorijiet kien stampat fit-tipografija tal-isqof t'Għawdex fil-1886. Biss, fl-arkivju ġenerali tal-Kongregazzjoni, nsibu biss kopja miktuba bl-idejn, awtentikata min-nutar Vincenzo Giorgio Gioioso, minn Dun Diacono, minn għaxar sorijiet u żewġ xhieda.

[4] Ir-Regola ta' Nikola IV tinbena fuq dik primitiva, l-hekk imsejjaħ *Memoriale propositi,* li San Franġisk kien kiteb fl-1221 bl-għajnuna tal-Kardinal Ugolino, li wara kien sar Papa Girgor IX, u minn dan ftit inbidel fl-1227. Għall-ħarsa ta' flimkien tal-ġrajjiet li wasslu għat-twaqqif tal-istituti tan-nisa ta' tnebbiħa franġiskana, ara: R. Pazzelli, *Le suore francescane. Lineamenti di storia e di spiritualità,* Messaggero, Padova 1989.

[5] L-ordni tal-kapitli huwa dan: 1) Id-dħul tan-novizzi; 2) Fuq dak li l-aħwa irġiel u nisa għandhom iwiegħdu fil-professjoni ta' din it-tielet Regola; 3) Fuq is-sawm; 4) Fuq l-Uffiċċju u t-Talb; 5) Fuq l-għażla tas-Superjuri u t-tqassim tal-qadi; 6) Fuq l-imġieba ġewwa u barra l-kunventi; 7) Fuq iż-żjarat u l-kura tal-morda; 8) Fuq l-obbligu taż-żjara li l-Prelati għandhom lejn l-Aħwa rġiel u nisa; 9) Fuq l-Uffiċju tal-mejtin; 10) Fuq l-obbligu ta' dak li hemm fir-Regola.

matul il-mixja taż-żmien jew ma baqgħux jaħdmu jew ma baqgħux jaqblu għal kollox ma' xi normi tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika".

Din ir-Regola l-ġdida, li fiha tmien kapitli[6], ġiet mibdula fl-1985 (flimkien mal-Kostituzzjonijiet il-ġodda) ma' dik ippromulgata mill-Papa Ġwanni Pawlu II, fit-8 ta' Diċembru 1982, bil-Kostituzzjoni *Franciscanum vitae.* Fiha 9 kapitli qosra iżda densi[7], u hija frott ta' xogħol intens u kolleġġjali ta' reviżjoni, li ra jaħdmu flimkien għal xi snin l-istituti reliġjużi ta' laqta franġiskana. Mhux bħat-tnejn ta' qabel, hija tassew magħġuna fl-ispirtu franġiskan minħabba l-ħafna riferimenti diretti għall-kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara[8].

b) Fix-xogħol ta' kitba mill-ġdid u redazzjonijiet ġodda li għaddiet minnhom, ir-Regola tibqa' d-dokument fundamentali għall-istituti reliġjużi ta' ħajja apostolika ta' laqta franġiskana in ġenerali. Fuqha l-Kongregazzjoni bniet maż-żmien il-Kostituzzjonijiet proprji tagħha, kif għamlu wkoll l-istituti reliġjużi franġiskani l-oħra[9].

Kif diġà nafu, l-Kongregazzjoni ħadet l-ewwel Kostituzzjonijiet tagħha flimkien mar-Regola ta' Ljun X, minn Mons Pietru Pace f'Mejju 1886. Kienu mqassmin f'għaxar kapitli bħal u skont l-istess Regola, b'taqsimiet interni msejħin "Kostituzzjonijiet". Barra minn xi adattamenti għas-sitwazzjoni l-ġdida, fis-sostanza tagħhom kienu jipproponu dawk tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Eġittu (illum Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Immakulata ta' Marija).

[6] L-ordni tal-kapitli huwa dan: 1) Ħjiel qasir fuq il-Ħajja reliġjuża; 2) Fuq in-Novizzjat u l-Professjoni; 3) Fuq il-karità lejn Alla u lejn għajrna; 4) Fuq l-Uffiċju divin, it-talb u s-sawm; 5) Fuq l-imġieba ġewwa u barra; 6) Fuq il-kura tal-morda; 7) Fuq ix-xogħol u kif naħdmu; 8) Fuq l-obbligu li nosservaw dak li hemm fir-Regola. Bħala għeluq, insibu l-barka ta' San Franġisk.

[7] L-ordni tal-kapitli huwa dan: 1) Regola u ħajja tal-Aħwa u s-Sorijiet tat-Terz'Ordni Regolari ta' San Franġisk; 2) Kif tħaddan din il-ħajja; 3) L-ispirtu ta' talb; 4) il-ħajja fil-kastità għas-saltna tas-sema; 5) Kif taqdi u taħdem; 6) Il-ħajja tal-faqar; 7) Il-ħajja tal-aħwa; 8) L-ubbidjenza karitativa; 9) Il-ħajja apostolika. Bħala daħla, insibu xi siltiet mill-*Ewwel ittra lill-Fidili* ta' San Franġisk; bħala għeluq, twissija u l-barka tiegħu.

[8] Ara l-kumment għal din ir-Regola ta' M. Conti (*L'identità francescana dei Fratelli e delle Sorelle del Terz'Ordine Regolare di San Francesco. Commento alla nuova Regola,* Bologna 1986) u ta' R. Pazzelli (*Regola e Vita dei Fratelli e delle Sorelle del Terz'Ordine Regolare di San Francesco,* Padova 1983).

[9] Diġà fl-ewwel Kostituzzjonijiet (1886 – 1894) naqraw: "Dawn il-Kostituzzjonijiet għandhom il-għan li jfissru r-Regola qaddisa, li jmexxu s-sorijiet fl-eżerċizzi komuni u fil-prattika tal-opri tal-ħniena" (Kapitlu X, Kostituzzjoni II, art. 2)

Fil-prattika, iżjed milli fit-test, dawn it-tibdiliet sabu posthom fl-aħħar tiegħu, bħal f'xorta ta' *Żjieda*[10]. Minħabba l-importanza storika-spiritwali tagħhom, huwa sewwa li nfakkruhom sħaħ kif inhuma:

"Tibdil u żieda għar-Regola u Kostituzzjonijiet tat-Terz'Ordni Regolari ta' San Franġisk t'Assisi, għat-Terzjarji Franġiskani kanonikament imwaqqfin f'Dar il-Karità t'Għawdex:

**Art. 1:** - It-Terzjarji Franġiskani ta' dan l-Istitut, barra mill-obbligu [sic!] li jqaddsu lilhom infushom bl-għixien tal-preċetti ta' Alla u l-osservanza tal-Kunsilli evanġeliċi, għandhom jieħdu ħsieb speċjali tat-tfajliet l-iżjed fqar billi jiġbruhom mit-triq, iżommuhom jaħdmu matul il-jum taħt il-ħarsa tagħhom, jgħallmuhom il-katekiżmu u jippreparawhom biex jirċievu bi frott is-Sagramenti Mqaddsa. Jgħallmuhom ukoll jaqraw, jiktbu u s-somom, u b'hekk jedukawhom b'mod adattat għall-kundizzjoni tagħhom. Barra minn dan, iqisu li jagħmlu lil għajrhom il-ġid kollu li jistgħu, sakemm huwa lilhom permess mir-Regola u mis-Superjuri tagħhom.

**Art. 2** – Billi l-Istitut għadu mhux magħruf u approvat mis-Santa Sede, dan jibqa' suġġett direttament għall-Isqof Ordinarju *pro tempore*, li tiegħu d-dispensa, l-konferma u l-permess għandu jkun mitlub f'dawk il-każijiet kollha li għalihom ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet jordnaw li hemm bżonn jirrikorru għand is-Santa Sede.

**Art. 3** – Mat-tliet voti sempliċi u perpetwi komuni tal-ubbidjenza, faqar u kastità, jiżdied ir-raba' wieħed li bih ir-reliġjuża tkun obbligata [sic!]li tagħti ruħha b'kull mod li jista' jkun għall-ġid tar-ruħ u l-ġisem tat-tfajliet fqar u għat-tmexxija 'l quddiem tal-hekk imsejħa Kongregazzjoni tal-Kuruni tal-Istilel tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u l-oħra tal-"Figlie di Maria".

**Art. 4** – Id-dispensa minn dawn il-voti hija riservata dejjem lill-Ordinarju li hemm *pro tempore*.

**Art. 5** – Iż-żmien tan-Novizjat itul sena għas-sorijiet koristi. Għas-sorijiet konversi ikun sentejn.

---

[10] Dan il-fatt jispjega, fost il-bqija, il-preżenza ta' xi nuqqas ta' qbil li jinsab bejn it-test tal-Kostituzzjonijiet u ż-żjieda.

**Art. 6** – Ir-reliġjuża li tmexxi l-Casa Madre tkun tissejjaħ Reverenda Madre ġenerale. L-għażla tagħha, kif ukoll dik tal-Vigarja u tal-Kunsillieri, ssir fuq in-normi miktubin għall-komunitajiet li għad m'għandhomx Djar dipendenti fil-Kapitlu V, Kostituzzjonijiet III (= tal-Kapitlu ġenerali = art. 1).

**Art. 7** – Il-knisja maġenb il-pija Dar tal-istitut għandha tibqa' taqdi l-bżonnijiet tal-Komunità, kif ukoll dawk tal-imsemmija Kongregazzjonijiet afdati f'idejha. Għalhekk ma jkun leċtu għal ħadd li jqaddes hemm, li jidħol fiha b'purċissjoni u li jagħmel funzjonijiet oħra ta' qima pubblika, mingħajr il-permess tal-Madre superjura, fir-rispett dejjem għar-rieda tal-Isqof.

**Art. 8** – Fl-aħħarnett imiss lill-Madre Superjura biex iżżomm il-knisja magħluqa fil-ħin miftiehem u li ma tħallix isiru funzjonijiet storbjużi, li flok għall-ġid tal-ispirtu jkunu ta' tfixkil għall-Komunità".

Kienu biżżejjed ftit snin ta' ħajja mfassla fuqhom li ma nħassx il-bżonn li dawn il-Kostituzzjonijiet jerġgħu jiġu mibdula biex iwieġbu aħjar għall-ispirtu u r-rejaltà tal-Kongregazzjoni. Għal dan il-għan, Madre Margerita, li dak iż-żmien kienet Superjura ġenerali, ppreżentat lill-isqof ta' Għawdex – li minnu kienet tiddependi l-Kongregazzjoni li kienet għada ta' dritt djoċesan – lista ta' tibdiliet. Mons Giovanni Camilleri, b'digriet tas-27 ta' Awwissu 1894, laqa' bil-qalb kollha t-talba u għaraf it-tibdiliet mitluba.

It-tibdil imdaħħal f'din il-verżjoni l-ġdida tal-Kostituzzjonijiet huwa ħafna u jmiss diversi oqsma tal-ħajja. Kultant huwa żieda, bħal ma hija l-I Kostituzzjoni tal-I Kapitlu fuq il-"għan tal-Istitut". Drabi oħra nsibu tneħħija, bħalma hija l-I Kostituzzjoni tal-Kapitlu VI, li għandha x'taqsam mal-"Opri tal-ħniena", u l-art. 3 taż-żieda tar-raba' vot. Drabi oħra wkoll hemm aġġornamenti ta' għamla kanonika, fosthom dawk tal-Kostituzzjonijiet IV u V tal-Kapitlu IV fuq il-qrar u t-tqarbin. Drabi oħra, fl-aħħarnett, insibu tibdiliet għal adattamenti iżjed proprji, fosthom il-Kostituzzjoni VII tat-II Kapitlu fuq il-vot tal-faqar.

Dawn il-Kostituzzjonijiet imġeddin hekk, baqgħu jgħoddu sal-1921, meta, biex jiġu mqabbla man-normi ġodda tad-Dritt Kanoniku, li beda jgħodd mal-1 ta' Jannar 1918, inħass il-bżonn ta' reviżjoni oħra. U mill-ġdid kienet Madre Margerita, bħala

Superjura ġenerali, li għaddiet lill-isqof ta' Għawdex (kien għadu Mons Camilleri) it-test imġedded li huwa approva b'digriet tal-5 ta' Awwissu 1921.

Bħal dawk ta' qabel, anke dawn il-Kostituzzjonijiet ġodda huma ordinati fuq l-għaxar kapitli tar-Regola ta' Ljun X. Magħhom, bħala t-tieni taqsima, ġie miżjud kapitlu ieħor fuq it-twaqqif tal-Provinċji u t-tmexxija tagħhom. Biss, dan il-kapitlu (b'xi mod profetiku[11]) ma kellu jkollu fil-fatt ebda siwi għax il-qsim tal-Kongregazzjoni fi Provinċji ġara biss fl-2001.

Fl-1937, bl-adozzjoni tar-Regola ta' Piju XI u fl-għoti tad-"Decreto di lode" mis-Santa Sede, inħadmet redazzjoni ġdida tal-Kostituzzjonijiet. B'tibdiliet oħra imdaħħlin fl-1946, is-sena li fiha l-Kongregazzjoni saret għal kollox ta' Diritto Pontificio, dawn il-Kostituzzjonijiet baqgħu jgħoddu sal-1970.

Mhux iżjed bħal dawk ta' qabilhom, dawn huma maqsumin biss fi tlieta: l-ewwel taqsima, b'seba' kapitli, hija mibnija fuq l-ewwel seba' kapitli tar-Regola l-ġdida; it-tieni waħda, f'erba' kapitli, titkellem fuq it-tmexxija tal-Kongregazzjoni u tad-djar; it-tielet waħda, f'kapitlu wieħed, tinbena fuq il-kapitlu tmienja tar-Regola l-ġdida.

c) Kif inhu magħruf, il-Konċilju Vatikan II, fil-kapitlu VI tal-kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* u fid-digriet *Perfectae Caritatis* ħadem duttrina għanja fil-kontenut u taħt xi aspetti, waħda li wkoll iġġedded il-ħajja konsagrata. Għalhekk anke bi tweġiba għat-talba ta' Pawlu VI fil-motu proprio *Ecclesiae Sanctae* (6 ta' Awwissu 1966), inħass il-bżonn ta' reviżjoni mill-qiegħ, fl-ittra u fl-ispirtu, tal-Kostituzzjonijiet. It-test il-ġdid, studjat fil-Kapitlu speċjali mlaqqa' Għawdex fix-xhur ta' Awwissu – Ottubru 1969 u mwassal għall-aħjar tiegħu minn kummissjoni post-kapitulari, ġie maħruġ fl-4 ta' Ottubru 1970 mis-Superjura ġenerali taż-żmien, Madre Ines Gauci.

Għal darb'oħra, jinbidel ħafna il-qafas tat-test, issa maqsum f'sitt kapitli: Għamla u għan tal-Kongregazzjoni; Il-ħajja tagħna; L-apostolat tagħna, Il-formazzjoni; It-tmexxija tal-Istitut; L-obbligu tal-osservanza. Imqabblin ma' dawk ta' qabel (759 artikli) dawn il-kostituzzjonijiet huma kemm kemm iqsar (272 artikli); iżda biex

[11] Biss huwa ta' min jiftakar li diġà l-ewwel kostituzzjonijiet kienu raw minn qabel il-possibiltà li jitwaqqfu xi Provinċji, l-iżjed meta d-djar "ikunu qegħdin f'pajjiżi mbegħdin" (Kapitlu V, Kostituzzjoni I, art. 5-6). Iżda fil-fatt qatt ma kien sar xejn.

qisu jpatti għal dan, isiru iżjed numerużi r-referenzi għad-dokumenti tal-Knisja u għal fonti franġiskan; daqstant ieħor huma ta' sikwit ir-referenzi għall-Kostituzzjonijiet ta' qabel, bħala marka ta' kontinwità idejali, li t-tiġdid tal-Konċilju la kien ħassar u lanqas biddel.

Fi żmien bħal tagħna ta' ħafna tibdiliet bla waqfien u mill-qiegħ, anke t-testi leġislativi jispiċċaw biex ma jibqgħux iwieġbu iżjed kif għandhom iwieġbu għall-bżonnijiet u għat-tibdil tas-sitwazzjonijiet ġodda. B'dan jiftiehem il-fatt għaliex fil-Kapitlu speċjali mlaqqa' l-Imsida, Malta, fis-sajf 1984, taħt it-tmexxija tas-Superjura ġenerali Madre Bertilla Bartolo, il-Kostituzzjonijiet kellhom jerġgħu jiġu maħdumin mill-ġdid.

It-test approvat bi ftit tibdiliet żgħar mill-Kongregazzjoni għar-reliġjużi b'digriet tat-3 ta' Mejju 1985, huma maqsumin f'9 kapitli: L-għamla tal-ħajja tagħna; Il-ħajja tagħna ma' Alla; Il-Konsagrazzjoni tagħna; Il-ħajja tagħna ta' Aħwa; Il-ħajja apostolika tagħna; Il-formazzjoni tagħna; L-għamla tat-tmexxija tagħna; L-amministrazzjoni tal-ġid tagħna; Il-leġislazzjoni tagħna.

It-twaqqif tal-Provinċji fit-XXII Kapitlu ġenerali mlaqqa' f'Marsalforn, Għawdex, f'Lulju 2000, flimkien ma' raġunijiet oħra, ġab il-bżonn ta' tiġdid ieħor tal-Kostituzzjonijiet. It-test li tlesta minn Kummissjoni, studjat f'Kapitlu u approvat mill-Kongregazzjoni għar-reliġjużi, b'digriet tat-8 ta' Settembru 2000, iżomm l-istess għadd u ordni ta' kapitli ta' dak ta' qabel tal-1985. Fiż-*Żieda* jinġiebu xi kanoni tal-Liġi tal-Knisja li għandhom x'jaqsmu ma' problemi partikulari.

d) Id-Direttorju ġie mdaħħal għall-ewwel darba f'tisħib mar-reviżjoni tal-Kostituzzjonijiet tal-1969-1970[12] u kien ippromulgat mis-Superjura ġenerali Madre Ines Gauci fl-4 ta' Ottubru 1971. Huwa maħsub, fil-għan tiegħu li jgħin fl-għixien prattiku tagħhom, fl-istess ordni tal-kapitli tal-Kostituzzjonijiet: jonqos biss l-aħħar kapitlu, dak li għandu x'jaqsam mal-obbligu tal-osservanza tagħhom.

---

[12] Il-Kostituzzjonijiet tal-1921 (art. 220) kienu raw bil-quddiem li l-Kapitlu ġenerali "seta' joħloq Statuti ġenerali" li, jekk jiġu kkonfermati fil-Kapitlu li jkun imiss, "ikollhom il-qawwa ta' liġijiet stabbli u jiġu meqjusa fost il-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni". Iżda, statuti ta' din l-għamla, tal-istess piż tad-Direttorju, qatt ma raw il-ħajja.

Ma’ kull tiġdid fiż-żmien tal-Kostituzzjonijiet, bir-raġun kollu d-Direttorju wkoll ġie aġġornat, maħdum dejjem fuq l-istess qafas tal-Kostituzzjonijiet[13].

**b. Il-leġislazzjoni partikulari**

Dan it-tip komplementari ta’ leġislazzjoni tal-Kongregazzjoni jġib fih prattikament tliet strumenti: *l-Istatuti* partikulari ta’ kull Provinċja u Reġjun; il-*Proġett tal-Formazzjoni*, maħsub għall-Kongregazzjoni kollha; *l-Istatut* tal-imġedda “Għaqda tal-Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù.”

L-Istatuti tal-Provinċji u r-Reġjuni għandhom il-għan li jqabblu kif jixraq mad-diversi sitwazzjonijiet (kulturali, soċjali, ekkleżjali ...) il-leġislazzjoni ġenerali proprja tal-Kongregazzjoni. Illum, il-Provinċji u r-Reġjuni kollha għandhom l-Istatut proprju, approvat mill-Kunsill ġenerali, kif għad ngħidu fil-kapitli li ġejjin fuq dan.

Fuq il-kontenut tal-Proġett tal-Formazzjoni, nitkellmu fit-tul f’kapitlu għalih. Għalissa nfakkru biss li dan kien imdaħħal mill-ewwel Kapitlu intermedju, imlaqqa’ Ruma f’Lulju 1991, biex jwieġeb kif imiss għall-bżonnijiet dejjem akbar u meħtieġa tal-formazzjoni, kemm dik tal-bidu kif ukoll dik permanenti. Il-proġett inħadem mhux darba biss minn kummissjoni mwaqqfa għalih u kien approvat kull darba *ad experimentum.* Kif inhu llum, ippromulgat minn Madre Anselmina Mifsud fl-4 ta’ Ottubru 2006, huwa maqsum fi tlieta: Prinċipji ġenerali ta’ formazzjoni sħiħa u ekwilibrata; Itinerarju ta’ formazzjoni progressiva u bla waqfien; Direttivi għal formazzjoni ċara u f’waqtha. Għani ħafna fil-kontenut tiegħu, il-Proġett huwa strument prezzjuż għal dak li huwa bini ta’ formazzjoni kif tmiss u li tgħaqqad is-sorijiet kollha, dejjem fir-rispett tal-kulturi diversi fejn ikunu qegħdin jgħixu u jaħdmu[14].

Minn xi żmien ‘l hawn, ftit kullimkien, fil-Kongregazzjoni reġgħet ħadet ir-ruħ il-kura spiritwali-pastorali tal-“Għaqda tal-Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù”. Għall-ispirtu li

[13] Biss, xi bidliet speċifiċi, xi kultant ġew magħmula anke mingħajr qbil mat-tiġdid tal-Kostituzzjonijiet.

[14] *Progetto di Formazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù* (pro manuscripto), Santa Maria delle Mole – Marino (Roma) 2006.

qajjimha kif ukoll għall-għan li għalih trid twassal, dil-ħidma teħodna provvidenzjalment għall-kariżma tal-bidu tagħna; fl-istess ħin, hija ħidma li tieħu għamliet imqabblin mas-sitwazzjonijiet, bżonnijiet u possibiltajiet tal-lum. L-istudju fuq kif kellha tingħata għamla u qafas legali lil din il-ħidma sar fil-Kapitlu ġenerali tal-2006, immexxi mis-Salesjan Sabino Ardito, professur tal-Liġi tal-Knisja u tal-professoressa Monica Candrilli. It-test tal-*Istatut* ġie ppreżentat lill-Kongregazzjoni tar-reliġjużi li, b'digriet tal-10 ta' Jannar 2007, għaraf l-"Għaqda tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù" bħala "Għaqda pubblika ta' Fidili li jixtiequ jieħdu sehem mill-Kariżma tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, adattat għall-ħajja tal-membri tagħha". Fl-istess waqt, ġie approvat ukoll l-Istatut, mifrux fuq sitt kapitli: identità u missjoni; għan u skop; l-ispirtu franġiskan u l-wirt tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat; apostolat u kollaborazzjoni; appartenenza u formazzjoni; organizzazzjoni ġenerali[15].

## 2 – PUNTI SPEĊIFIĊI

In-numru ta' redazzjonijiet li saru lill-Kostituzzjonijiet matul is-snin wasslu għal tibdil u tiġdid, xi kultant mhux żgħir, fil-kif wieħed għandu jifhem il-kariżma, kif jinbena l-qafas istituzzjonali, kif għandha tiġi msawra l-ħajja tas-sorijiet u kif tlaħħam il-missjoni tagħhom.

Mingħajr ma hawnhekk ninżlu fi rqaqat żejda u waqt li mbagħad fil-kapitli li ġejjin nitkellmu fuq dak li huwa referenza iżjed speċifiku għal xi setturi (bħal p. eżempju l-apostolat u l-formazzjoni), nistgħu nippruvaw nagħtu fil-qosor stampa ta' x'uħud minn dawk l-aspetti l-iżjed importanti ta' dan l-iżvilupp li, biex ngħidu s-sewwa, ma kienx dejjem linejari għal kollox.

### a. L-iskop tal-Kongregazzjoni

Hija drawwa li nagħrfu żewġ elementi komplementari meta nitkellmu fuq l-iskop li kull istitut reliġjuż irid jasal biex iwettaq: l-iskop ġenerali li jaqsam mal-oħrajn u dak speċjali tiegħu waħdu. Dawn l-elementi insibuhom naturalment anke fil-

[15] Statuto della Associazione delle "Stelle del Cuore di Gesù" (pro manuscripto), Santa Maria delle Mole – Marino (Roma), Curia generalizia 2007.

Kongregazzjoni tagħna anke jekk ma nsibuhomx murija fl-istess għamla fid-diversi Kostituzzjonijiet; sinjal ċar, dan, ta' fehmiet personali u fl-istess ħin ta' għażliet komuni li jinbidlu maż-żmien. Meħudin flimkien, huma elementi ta' mportanza kbira għaliex servew ħafna (u għadhom iservu) biex isawru maż-żmien l-identità kariżmatika spiritwali, komunitarja u apostolika tal-Kongregazzjoni.

**a)** Diġà fir-"Regolamenti" mogħtija lill-ewwel komunità, Dun Diacono jitkellem ħafna drabi miż-żewġ elementi. Biex ngħidu s-sewwa, fl-ewwel dokumenti Dun Diacono jinsisti l-iżjed fuq l-għan speċifiku li jisfa għani ħafna fil-kontenut. Dan jidher fl-ittra ta' Awwissu 1880 meta talab lill-Isqof Mons Pietru Pace, is-setgħa biex jagħti bidu uffiċjali lill-komunità reliġjuża: "Għan ewlieni tal-Istitut tagħhom ikun dak tal-edukazzjoni tat-tfajliet tal-klassi l-iżjed fqira, li jiġru mat-toroq qalb elf periklu; iqisu li jiġbruhom, iżommuhom jaħdmu taħt il-ħarsien tagħhom. Barra minn hekk, jagħtu ruħhom għal kull ħidma oħra ta' karità li għaliha jiġu msejħa fil-limiti permessi mis-Superjuri. Imexxu 'l quddiem, fl-aħħarnett, bħala parti mill-Istitut tagħhom u bil-mezzi kollha possibbli, id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, b'mod partikulari, bil-għajnuna tal-Għaqda tal-hekk imsejħa "Kuruni tal-Istilel tal-Qalb Imqaddsa", li għandha tibqa' tiġi mmexxija minnhom"[16].

Dawn l-għanijiet jiġu ħafna drabi mfakkra u miġjuba dejjem f'għamla aħjar. Per eżempju, fl-ewwel "regolament" (bla data) l-għan huwa muri hekk: "Jitpatta l-Qalb ta' Ġesù għat-tkasbir li jirċievi fi żmienna, bil-kura sewwa tagħhom infushom, bil-kura tat-tfajliet foqra afdati lilhom u bil-kura tal-Għaqda tal-Kuruni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù Kristu. Iqimu b'12-il korista il-privileġġi tal-Verġni Marija, u b'xi mod ikunu huma stess waħda minn dawk il-kuruni ta' tnax-il verġni, li Ġesù stess talab lill-Beata Margerita Alacoque biex issabbar il-Qalb imħeġġa tiegħu." Wara dan, Dun Diacono juri bħala dmir partikulari tas-sorijiet dak li "jgħixu ta' reliġjużi tassew f'Komunità perfetta, taħt id-Direttur ewlieni u l-Ordinarju (tal-post); li jieħdu ħsieb it-tfajliet foqra li jiġu afdati f'idejhom billi jħarsuhom minn kull periklu u jgħallmuhom għallinqas ix-xogħol tal-bizzilla u d-duttrina nisranija; jieħdu ħsieb tal-Għaqda tal-Kuruni tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù; ikunu b'xi mod ta' siwi għal kull tfajla oħra li jkollha bżonn l-attenzjoni u t-tagħlim tagħhom ...; ikunu,

[16] *Raccolta di alcuni scritti di Don Giuseppe Diacono, e di altri documenti della primitiva Comunità,* Vittoria – Gozo 1994, doc. 1, p. 27.

b'xi mod, ta' vantaġġ għal kull mara oħra mhux bla drawwiet tajba, jew billi jgħinuha fil-mard tagħha jew jgħallmuha d-duttrina nisranija jekk ikun hemm bżonn, jew f'xi ħaġa oħra."[17].

L-għan ġenerali, anke jekk b'xi mod diġà tkellimna fuqu 'l hawn u 'l hemm, jiġi muri espliċitament ma' dak partikulari, fl-istruzzjoni importanti tal-15 ta' Awwissu 1882: "U mela, biex il-Komunità li għaqqadtu taħt it-tmexxija indenja tiegħi ma tkunilkomx ta' ħsara, ħudu ħsieb l-ewwel u qabel kollox li jitwettaq l-għan it-tajjeb li għalih – irrid nittama – waqqaftuha. U x'inhu dan il-għan? Intom żgur li ma nsejtux dak li weġibtuni meta staqsejtkom għaliex kontu turu ruħkom imxewqin li tingħaqdu ma' din il-Komunità. Dan irriduh – weġibtuni dak in-nhar – biex, mifrudin mill-ħbieb u mill-qraba, waqt li ngħixu taħt l-ubbidjenza tiegħek u ta' kull wieħed li jista' jiġi warajk bħala Direttur ewlieni, nistgħu ngħixu biss għal Ġesù Kristu, l-għarus mixtieq tagħna, fir-rieda li nsabbruh u nuruh ħniena għal ġrieħi kbar illi aħna stess għamilnielu u għal dawk li qegħdin jagħmlulu fi żminijietna, bl-akbar osservanza u prattika tal-virtujiet li għalih huma l-iżjed għeżież, u billi nagħmlu l-ġid lil għajrna b'mod partikulari lill-imsejkna tfajliet afdati f'idejna. Dan mela u mhux ieħor huwa l-għan tal-għaqda tagħna ..."[18].

Sewwa li nżidu ngħidu, avolja jekk fuq dan ma ssirx enfasi u ma jiġix muri b'mod espliċitu, li l-ewwel Komunità kienet magħġuna fl-ispiritwalità franġiskana: ħafna drabi jingħad li s-sorijiet huma terzjarji franġiskani. Sa mill-ewwel talba ta' approvazzjoni lill-Isqof, Dun Diacono jitkellem minn "xebbiet terzjarji franġiskani"[19]. Min-naħa tagħhom, biex inġibu eżempju, meta huma jibdew ħajjithom ta' reliġjużi (fil-15 ta' Ottubru 1880), is-sorijiet jieħdu dan l-impenn: "Sakemm l-Isqof li taħtu ngħixu bl-akbar impenn possibli, ma jiddeċidix mod ieħor, ma nbiddlux l-ilbies li ħadna bil-ferħ ta' franġiskani tassew"[20] .

L-għanijiet kollha milħuqin mill-ewwel komunità kif insibuhom fit-testijiet msemmija (u f'oħrajn bħalhom), huma l-għerq fond tal-kariżma tal-Kongregazzjoni

---

[17] Ara *Raccolta ...*, doc. 3, p. 31s.

[18] Ara *Raccolta ...*, doc. 12, p. 58. Huwa nteressanti sewwa niftakru li fiż-żminijiet tal-bidu, l-impenn għall-kura tat-tfajliet foqra u tal-Għaqda tal-Istilel, (ma' dik ukoll tal-Għaqda tal-Figlie di Maria: ara *Raccolta,* doc. 50, p. 149) kien jiġi meħud b'vot miżjud mat-tliet voti tal-kastità, faqar u ubbidjenza. Ara: *Raccolta*, doc. 16, p. 89, u doc. 47, p. 142.

[19] Ara *Raccolta ...,* doc. 1, p. 27.

[20] Ara *Raccolta ...,* doc. 4, p. 33.

f'dak li għandu x'jaqsam mal-għan speċifiku: il-għaliex l-għan ġenerali – u ma jistax ma jkunx hekk – huwa sostanzjalment l-istess fl-istituti reliġjużi l-oħra kollha. Jonqos naraw kif u kemm il-Kostituzzjonijiet, espressjoni uffiċjali tal-kuxjenza li s-sorijiet għandhom tagħhom infushom fil-mumenti kollha tal-istorja tagħhom, ħaddnu u kabbru din iż-żerriegħa ħajja.

**b)** L-ewwel Kostituzzjonijiet mogħtija lis-sorijiet minn Mons Pietrtu Pace, f'Mejju 1886, juru fil-qosor l-għan ġenerali u dak speċjali tal-Kongregazzjoni fl-ewwel u t-tielet artikli taż-żidiet, li diġà nafu. Fuq dan jitkellmu iżjed fil-wisa' l-Kostituzzjonijiet tal-1894 li jdaħħlu mill-ġdid fl-ewwel kapitlu, li jġib it-titlu: "Fuq il-għan tal-Istitut". Fil-kontenut tagħhom dawn il-Kostituzzjonijiet (fiż-żewġ redazzjonijiet tagħhom) jilqgħu sostanzjalment l-għanijiet tal-bidu tal-Kongregazzjoni.

Fit-test miżjud fil-Kostituzzjonijiet tal-1894, l-għan ġenerali huwa mfisser fl-ewwel artiklu: "Is-sorijiet, bi qbil mal-ispirtu tal-Ordni Qaddis tagħhom, iwiegħdu li jaħdmu biex jitqaddsu b'ħajja ta' penitenza, li ma hix biss ħajja ta' trażżin tal-ġisem, iżda wisq iżjed ta' ħarba mill-frugħa tad-dinja, f'ħajja kollha ġabra u mqaddsa mit-talb u mill-osservanza tal-kunsilli evanġeliċi u ta' dawn il-Kostituzzjonijiet".

Fl-artikli li jmissu, jiġu murija l-ħafna oqsma tal-għan speċifiku: "Is-sorijiet jieħdu ħsieb ukoll il-qdusija ta' għajrhom, b'mod partikulari bit-tagħlim u l-edukazzjoni nisranija tat-tfajliet, l-aktar ta' dawk foqra" (art. 2): "Jieħdu ħsieb li, malli jilħqu l-età mitluba minnhom, jgħaqqduhom mal-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù u tal-*Figlie di Maria,* minnhom stess immexxija, u jsibulhom kenn f'familji tajbin, kemm-il darba ikunu orfni u mitluqin" (art. 5); "Jieħdu ħsieb tal-istitut tal-orfni u t-tfajliet bla kenn" (art. 6); "Jekk l-għajnuna tagħhom tkun mitluba fil-Missjonijiet, qabel jidħlu għaliha jitolbu parir mill-Kongregazzjoni de Propaganda Fide" (art. 8).

Faċli tara kif il-għan speċifiku isib iżjed oqsma għalih: partikularment importanti huwa l-ftuħ għal qasam missjunarju, li diġà nsibuh ukoll fil-Kostituzzjonijiet tal-1886[21]. Fl-istess ħin, kif diġà f'dawn il-Kostituzzjonijiet stess, ma tissemmiex iżjed

---

[21] Ara: Kapitlu V, Kostituzzjoni VII, art. 4

ir-riparazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Biss, ta' min jiftakar ukoll, li fiż-żewġ Kostituzzjonijiet, l-element devozzjonali jibqa' ħaj: kuljum, wara t-talba ta' Sbieħ il-Jum, tiġi magħmula t-"Tifkira tal-Wisq Qaddisa Qalb ta' Ġesù" (Ara Kap. IV, Kost VI, Art. 2), fost il-festi ċċelebrati b'solennità partikulari mis-sorijiet hija magħduda anke dik tal-Qalb ta' Ġesù (Ara: Kap. IV, Kost. VIII, art. 19).

Bil-maqlub, fiż-żewġ Kostituzzjonijiet insibu enfasi akbar fuq l-element franġiskan. Fit-II Kapitlu, Kostituzzjoni V, fuq il-"Professjoni" naqraw: "Is-Soru terzjarja, barra l-ħafna grazzji li taqla' minn Alla fil-jum li fih twiegħed il-voti mqaddsa bil-professjoni ta' din it-tielet Regola, issir bint tal-glorjuż Patrijarka S. Franġisk, u membru tal-Ordni tiegħu; hija tieħu sehem mill-favuri u grazzji spiritwali, li bihom il-Papiet għanuh, u tagħha hija parti mill-merti u l-opri tajba tal-folla kbira ta' Franġiskani rġiel u nisa fid-dinja kollha u ta' dawk li diġà qegħdin fil-glorja ta' dejjem" (art. 2)[22]. Fil-Kapitlu V, Kostituzzjoni X fuq id-dmirijiet tal-maestra tan-novizzi, fost l-oħrajn naqraw: "Tgħallimhom ikunu jafu l-ħajja tal-Qaddisin irġiel u nisa tal-Ordni Franġiskan biex jitgħallmu jixbħuhom, jitolbuhom u jħobbuhom bħala ħuthom fir-reliġjon u dawk li jħarsuhom mis-sema. Tqis li ma tħalli xejn barra meta trid twassalhom jifhmu sewwa l-grazzja kbira tas-sejħa għall-ħajja reliġjuża u tagħmilhom iħobbu l-Ordni li ħaddnu. Tfissrilhom il-virtujiet li jsebbħu l-ispirtu tal-Ordni serafiku, bħalma huma l-faqar, l-umiltà, iċ-ċaħda sħiħa tagħhom infushom u tal-ħwejjeġ li jgħaddu, u tqajjem fihom ħerqa li jkunu kollha ta' Alla b'tali mod li jkunu jistgħu jgħidu ma' San Franġisk: Alla tiegħi, kollox tiegħi" (art. 13).

Fil-Kostituzzjonijiet tal-1921, dawk ta' wara l-ħruġ tal-Kodiċi l-ġdid tal-liġi tal-Knisja (1 ta' Jannar 1918), l-għan doppju tal-Kongregazzjoni jiġi mfisser fil-qosor fl-ewwel artiklu tal-ewwel kapitlu: "L-Għan ewlieni u l-istat tal-Kongregazzjoni". "Għan ewlieni u ġenerali ta' din il-Kongregazzjoni Franġiskana huwa l-qdusija tal-membri tagħha bl-osservanza tar-Regola qaddisa u ta' dawn il-Kostituzzjonijiet. Għan sekondarju u speċifiku huwa l-qdusija tal-proxxmu bit-tagħlim u l-edukazzjoni reliġjuża u ċivili tat-tfajliet, l-għajnuna lill-morda, mingħajr ma jiġu esklużi l-Missjonijiet, bil-permess tal-Kongregazzjoni ta' Propaganda Fide". Fit-tieni artiklu

[22] Dan il-ħsieb jingħafas fuqu fil-Kapitlu X wkoll, Kostituzzjoni II, art. 3.

jiġi miżjud li s-superjuri "jaħsbu jmexxu 'l quddiem il-Kongregazzjoni tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u l-*Pia Unione* tal-*Figlie di Maria*". Bil-maqlub, xejn ma jingħad ċar u tond fuq l-element tar-riparazzjoni[23] .

Fil-waqt li ma nsibux referenzi espliċiti għall-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, tibqa' ħajja s-sensibilità lejn l-ispiritwalità franġiskana, diġà misħuqa bil-qawwa fin-novizzjat: "Il-maestra tieħu kull ħsieb li n-Novizzi jkunu mgħallma sewwa fuq id-dixxiplina regolari, fuq il-kobor tas-sejħa reliġjuża u fuq in-natura tal-Ordni Franġiskan; għalhekk, fil-lezzjonijiet ta' kuljum, tfissrilhom il-ħajja tas-Serafiku missier tagħna u tal-Qaddisin l-oħra tal-Ordni …" (art. 22). U biex inġibu xhieda oħra: "Kultant, min-novizzi trid tintalab prova li jafu jiċħdu r-rieda tagħhom b'atti ta' umiltà u penitenza mgħallmin u mgħixa mill-qaddisin tal-Ordni" (art. 24).

Il-Kostituzzjonijiet tal-1937, approvati mal-ħruġ tad-"*Decreto di lode*", jibdew billi jagħmlu tagħhom il-kliem tar-Regola tal-patrijiet, imdaħħlin fir-Regola l-ġdida ta' Piju XI: "Kif juru l-kelmiet tar-Regola qaddisa, l-għamla tal-ħajja tas-Sorijiet tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk hija din: li jħarsu l-Evanġelju Mqaddes tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, billi jgħixu fl-ubbidjenza, fil-faqar u fil-kastità" (art. 1).

Fuq il-bażi ta' din l-ispirazzjoni franġiskana, l-għan ġenerali tal-Kongregazzjoni jiġi magħruf fil-"qdusija tal-membri tagħha, bil-ħarsien tal-voti sempliċi tal-ubbidjenza, kastità u faqar, tar-Regola tat-Terz'Ordni Regolari ta' San Franġisk, approvata mis-Santa Sede, u ta' dawn il-Kostituzzjonijiet (art. 2).

L-għan speċifiku jiġi magħruf fil-"qdusija tal-proxxmu, b'mod partikulari bit-tagħlim u l-edukazzjoni nisranija u ċivili tat-tfal bniet u subien u tat-tfajliet, l-iżjed dawk fqajrin, u wkoll bil-ħidma tal-karità mal-morda, li kienu tant għall-qalb tas-Serafiku Missier Franġisku" (art. 4). Wara, (art. 5) insibu lista ta' ħidmiet li għalihom "fuq kollox" il-Kongregazzjoni għandha l-ħsieb tagħti ruħha biex dan il-għan speċjali jsir rejaltà: skejjel, speċjalment għat-tfajliet fqajrin; edukandati u orfanatrofji; *hostels* u sptarijiet għall-irġiel u għan-nisa; katekiżmu anke fil-parroċċi

[23] Biss, b'mod impliċitu, wieħed jista' jissopponih mill-fatt illi l-"Kongregazzjoni tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù", li hija t-tradizzjonali "Kuruna tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù", fost l-għanijiet tagħha kellha dak ukoll tat-tpattija. Huwa raġjonevoli naħsbu li jekk is-sorijiet kienu jisħqu mal-oħrajn fuq l-impenn tar-riparazzjoni, huma stess kienu jgħixuh. Huwa minnu illi dan mhux imniżżel ċar u tond.

fuq talba tal-kappillani; kliniki; opri oħra li jixbħu lil dawn, anke billi jilqgħu fid-djar tagħhom ħidma ta' eżerċizzi spiritwali ta' persuni nisa. Barra minn dan, għall-ewwel darba, l-Kostituzzjonijiet jagħtu spazju wiesa' (fil-Kapitlu 7: fuq ix-xogħol u kif isir), lit-tifsir fuq kif għandhom jiġu mmexxija l-opri tal-Kongregazzjoni (art. 439 – 492).

F'dal-kwadru mlewwen ta' ħidmiet, ma jinstema xejn iżjed fuq il-kura spiritwali-pastorali tal-"Istilel tal-Qalb ta' Ġesù", li kienet ħafna għall-qalb ta' Dun Diacono u tal-ewwel Komunità. Bil-maqlub ta' dan, insibu żewġ elementi sbieħ oħra. Minn naħa waħda, ninnutaw qawmien qawwi fl-attenzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, l-iżjed fl-aspett devozzjonali: fost il-festi l-iżjed solenni hemm anke dik tal-Qalb ta' Ġesù (art. 7 u 280); wara t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, issir it-Tifkira tal-Qalb l-iżjed Qaddisa ta' Ġesù (art. 237); kuljum, fost devozzjonijiet oħra, għandha ssir il-"Konsagrazzjoni lill-Qalb Wisq Qaddisa ta' Ġesù", kif issir fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri (art. 249); devozzjonijiet ta' tpattija u ta' konsagrazzjoni għandhom isiru kull nhar ta' Ħadd (art. 259) u kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar (art. 265). Min-naħa l-oħra, naraw għaqda akbar mal-ispiritwalità franġiskana; per eżempju, in-novizzi jiġu ffurmati fl-għarfien tal-liturġija proprja tal-Franġiskani (art. 128) u tal-qaddisin franġiskani "biex jitgħallmu jħobbuhom, isejħulhom u jsiru jixbħuhom bħala ħuthom irġiel u nisa fir-Reliġjon u bħala dawk li jħarsuhom fis-Sema" (art. 130); barra dan, referenzi partikulari għall-ispiritwalità franġiskana huma mxerrdin ta' spiss ftit ma' kullimkien.

**c)** Il-Kostituzzjonijiet tal-1970, l-ewwel ta' wara l-Konċilju, wara li jfakkru l-bidu tal-Kongregazzjoni (art. 1), jitkellmu fuq l-għan ġenerali u speċifiku, ftit jew wisq bl-istess kliem tal-Kostituzzjonijiet ta' qabel (art. 2 – 3).

Fi qbil mal-isem ġdid li ħadet dak iż-żmien il-Kongregazzjoni (Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù) u fuq il-bażi taċ-ċentralità ta' Kristu maħsub u maħbub "fil-misteri tiegħu bħala bniedem" (art. 4), insibu tikber dejjem iżjed l-attenzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù: "Titular tal-Kongregazzjoni tagħna hija l-Qalb Qaddisa ta' Ġesù" (art. 6); "Billi hija kkonsagrata lill-Qalb Qaddisa, l-Kongregazzjoni ġġedded fil-pubbliku l-att ta' Konsagrazzjoni f'jum il-festa tiegħu" (art. 7). Tiġi anke magħmula enfasi fuq l-importanza, kemm bħala ċelebrazzjoni, kemm bħala adorazzjoni (Ara:

art. 45 ss). Fl-istess ħin, kif ġie mfakkar qabel, insibuhom ta' spiss u ħafna f'posthom, ir-referenzi  għall-Fonti Franġiskan. B'mod partikulari, isir enfasi fuq kunċett fundamentali: "L-Istitut jieħu għamla mill-ispiritwalità franġiskana u għalhekk ir-reliġjuża, biex tilħaq il-għan tal-Kongregazzjoni tagħna, għandha xxebbaħ ħajjitha ma' dik tal-Missier Serafiku San Franġisk" (art. 4).

Barra dan, kif diġà l-Kostituzzjonijiet ta' qabel (anke jekk iżjed fil-qosor), jitkellmu fuq il-mod kif jitmexxew l-opri u l-ħidmiet (Kap. 3 art, 88 – 97), u jingħata tmiem bi ftuħ interessanti: "Il-Kongregazzjoni tagħna, li tħares lejn is-sinjali taż-żminijiet, tilqa' bil-qalb kollha r-rieda tal-Knisja li tfittex bil-għaqal għamliet ġodda ta' apostolat u tagħmel tagħha l-bżonnijiet tas-soċjetà u tal-Knisja; tifrex il-ħidma apostolika tagħha f'oqsma oħra skont il-bżonnijiet tas-soċjetà f'tibdil kontinwu, mingħajr ma tinsa l-għan speċifiku tagħha" (art. 98).

L-aħħar Kostituzzjonijiet, dawk tal-1985 u tal-2000, li ġew wara x-xandir tar-Regola mġedda approvata minn Papa Ġwanni Pawlu II fil-1982, jaqblu sostanzjalment fuq il-konoxxenza li l-Kongregazzjoni għandha tal-għanijiet li jagħtu ispirazzjoni lil ħajjitha u direzzjoni lill-missjoni tagħha.

Il-Kostituzzjonijiet attwali, fuq il-bażi mdawla ta' prospettiva trinitarja u ta' għerusija tal-Konsagrazzjoni reliġjuża, jgħidu: "Hekk ningħataw biex nimxu wara Kristu aktar mill-qrib permezz tal-professjoni tal-Kunsilli Evanġeliċi ta' kastità, faqar u ubbidjenza, billi ngħixu fi fraternità r-Regola u l-Ħajja tal-Aħwa, rġiel u nisa, tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk, skont il-Kostituzzjonijiet tagħna" (art. 2).

Issir imbagħad enfasi preċiża fuq l-impenn biex jiġi mħares "bil-qalb il-wirt spiritwali mħolli lilna mill-fundaturi tagħna" (art. 3), bi tliet referenzi fundamentali: għall-*Evanġelju,* milqugħ u mgħajjex skont "il-għamla imnebbħa lil San Franġisk"; għall-*ispiritwalità franġiskana*, biex jinġieb fil-persuna u l-għemil "is-siġill evanġeliku tal-minorità li San Franġisk għażel biex tkun is-sinjal li minnha jingħarfu ħajtu u l-Ordni tiegħu"; għall-*kariżma tal-Kongregazzjoni,* billi titqiegħed "fil-qalb ta' ħajjitna ħeġġa ta' mħabba lejn il-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija".

Huwa f’dan il-kuntest għani fl-ispirazzjoni li anke l-għan speċifiku jiġi miftuħ fi prospettiva ta’ fedeltà dinamika: “Fidili għall-wirt spiritwali tal-Kongregazzjoni u attenti għas-sinjali taż-żminijiet, ngħixu l-qadi tagħna apostoliku, l-iżjed lejn l-aħwa fqar u fil-bżonn, skont kif jurina d-Direttorju” (art. 4).

Dan id-diskors jerġa’ jirrepeti ruħu fil-kapitlu 5, fuq il-“ħajja apostolika” tal-Kongregazzjoni. Jerġa’ jisħaq fuq id-dmir li din taħdem b’fedeltà dinamika: “Inħossuna fid-dmir li nagħtu l-ewwel post lil dawk il-ħidmiet apostoliċi li jagħmlu parti mit-tradizzjoni tagħna, skont l-ispirtu tal-kariżma tal-Kongregazzjoni tagħna. Biss, attenti għas-sinjali taż-żminijiet, nilqgħu bil-qalb l-istedina tal-Knisja li nfittxu bil-għaqal, għamliet ġodda ta’ apostolat biex jintlaħqu aħjar il-ħtiġijiet tas-soċjetà u tal-istess Knisja, skont kemm ikun jista’ jsir” (art. 73).

Jiġu mbagħad ippreżentati l-oqsma ewlenija li fihom il-Kongregazzjoni taħdem: ħidma u opri ta’ promozzjoni umana (partikularment: edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, assistenza lill-anzjani u lill-morda); kollaborazzjoni mal-Knisja (partikularment: dħul fil-ħidmiet pastorali tal-Knisja lokali); apostolat missjunarju; tixrid tal-imħabba u tal-qima lejn il-Qalb ta’ Ġesù[24].

F’dan kollu tidher ċara il-ħarsa lura u siewja lejn l-ispirtu tal-bidu, li biha sseħħ sejba ta’ elementi li fl-imgħoddi ma kinux milqugħin kif imiss. Fl-istess ħin, fil-mewġa ta’ din il-fedeltà dinamika, naraw bħal verifika tal-potenzjalità kollha frott, taż-żerriegħa kariżmatika miżrugħa bil-għerf minn Dun Diacono u mkabbra b’imħabba minn Madre Margerita.

### b) L-istruttura tal-Kongregazzjoni

Bħala strument li jieħu l-ewwel post fil-għarfien tagħha nfisha, l-bieraħ u llum, il-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni jippermettulna nkunu nafu l-istruttura mogħtija matul iż-żmien lill-ħajja nterna proprja, fl-elementi diversi tagħha, bħalma huma: id-dimensjoni kontemplativa (ħajja ta’ talb), dik fraterna (il-ħajja komunitarja) eċċ.

[24] Fost il-ħidmiet tal-Kongregazzjoni, ma tissemmiex il-kura spiritwali tal-Għaqda tal-Istilel, iżda hemm qiegħda. Anzi, ssib illum għamliet ġodda biex issir b’mod iżjed effikaċi: infatti, fl-aħħar Kapitlu ġenerali tal-2006, kif diġà fakkarna, ġie approvat statut apposta għal din il-kura.

Importanza partikulari għandu dak l-element, li, f'sens wiesa', jista' jiġi magħruf bħala l-qafas strutturali tal-Kongregazzjoni. U għallinqas riward dan l-aspett, huwa meħtieġ li ngħidu xi ħaġa.

**a)** Aspett wieħed li għandu jiġi studjat, jolqot il-kundizzjoni (jew l-"istatus" ġuridiku) tas-sorijiet fil-Kongregazzjoni. Għal ħafna żmien, ħaġa komuni ħafna fl-istituti reliġjużi tan-nisa, kienet li dawn kienu maqsumin f'żewġ klassijiet jew kategoriji: l-koristi u l-konversi.

Din id-distinzjoni hija maħsuba u preżenti sa mill-bidu: diġà fakkarna li l-ewwel "regolament" tal-Komunità jitkellem minn tnax-il korista u żewġ konversi[25].

L-ewwel Kostituzzjonijiet tal-1886 – 1894 jiddedikaw żewġ "Kostituzzjonijiet" (it-tielet u r-raba' tal-Kapitlu II), lis-sorijiet konversi: l-ewwel waħda titkellem fuq "l-ammissjoni u n-novizzjat tas-Sorijiet Konversi", it-tieni, fuq "id-dmirijiet tas-sorijiet Konversi".

Il-pożizzjoni tagħhom nafuha minn dawn il-kelmiet: "Hemm fil-Komunità żewġ xorta ta' Sorijiet: dawk tal-Kor, li għandhom bħala dmir speċjali li jiċċelebraw it-tifħir ta' Alla u li jgħallmu; is-Sorijiet konversi għandhom bħala dmir partikulari tagħhom, ix-xogħol u l-qadi tal-idejn. Is-sorijiet konversi ma jkollhom ebda uffiċju mportanti fil-Komunità u ma jidħlux fil-Kapitlu tal-voti" (Kostituzzjoni II, art. 1). Daqstant ieħor huwa ċar, f'ħarsa ġenerali, li l-kriterji fl-ammissjoni tagħhom, il-kontenut tal-formazzjoni, is-sehem tagħhom fil-ħajja komunitarja, kif ukoll kull ħidma tagħhom, kollox hu mnebbaħ minn din id-distinzjoni. Għalkemm huma ċertament reliġjużi għal kollox, wieħed ma jistax ma jiġihx is-suspett li fil-komunità kienu miżmumin fi stat ta' nferjorità. "Ferħanin li huma nferjuri, huma jkollhom f'kull mument rispett lejn ir-reliġjużi, u fl-istess ħin lejn in-Novizzi koristi, u joffru b'qalbhom kollha l-qadi mitlub minnhom. L-umiltà mqaddsa tkun fi kliemhom, u f'għemilhom, u għandhom jifirħu iżjed li jagħtu lilhom infushom għall-qadi l-iżjed baxx u ta' kuljum, meta jaħsbu li se jkollhom sehem minn dawk il-grazzji li Alla jwiegħed lil dawk ta' qalb umli" (Kostituzzjoni IV, art. 10).

---

[25] Ara: *Raccolta …* doc. 3, p. 29.

Il-Kostituzzjonijiet tal-1921, mhux bħal dawk ta' qabilhom, ma jirriservawx għas-sorijiet konversi trattazzjoni għaliha, iżda dawn jissemmew f'diversi kuntesti: fost l-oħrajn, jiġi stabilit li "magħmula l-professjoni, ma ssirx mogħdija mill-ewwel għat-tieni klassi, lanqas bil-maqlub" (art. 165). Il-kuntest ġenerali jagħti 'l wieħed x'jifhem illi l-kundizzjoni tagħhom baqgħat sostanzjalment l-istess (ara: art. 164). Tolqot, per eżempju, din l-affermazzjoni: "Is-sorijiet konversi jaħdmu bil-għaqal jew fil-ġnien jew fil-qadi lill-morda, jew fil-kċina jew fil-faċendi tad-dar, kif ikun ordnat lilhom mis-Superjuri, għaliex għal dan il-għan kienu ġew milqugħa fil-Kongregazzjoni" (art. 315).

Fil-Kostituzzjonijiet tal-1937 jinħass tibdil mhux ħażin fl-arja ... Jerġa' jinseħaq li fil-Kongregazzjoni hemm żewġ klassijiet ta' sorijiet (art. 57) u li mhux possibli li waħda tgħaddi minn klassi għall-oħra (art. 60). Biss, fl-istess ħin, issir enfasi iżjed ċara illi l-koristi u l-konversi "jiffurmaw familja reliġjuża waħda, taħt l-istess Regola u l-istess Kostituzzjonijiet, u kollha għandhom ikunu lesti għal kull dmir li l-ubbidjenza tqassmilhom, anke jekk din ma tkunx tmiss 'il-klassi tagħhom; għandhom kollha jħobbu lil xulxin u bla distinzjoni bħala ulied tal-istess Missier serafiku" (art. 59).

Dan isir prinċipju fundamentali, li mbagħad iwassal għal ħafna tibdil fil-prattika: b'mod partikulari fil-formazzjoni, fil-ħajja fraterna kif ukoll fil-ħajja tat-talb (ara: art. 169 ss; 227; 243). Sinjal ieħor ta' dan l-għarfien iżjed pożitiv tal-kundizzjoni tas-sorijiet konversi huma anke l-indikazzjonijiet fuq id-dmirijiet tagħhom: ċertament waqt li nsibu insistenza fuq li għandhom jaħdmu bi spirtu ta' ubbidjenza (art. 173) u umiltà (art. 178), fl-istess ħin, però, ssir ukoll enfasi li l-għan prinċipali tal-ħajja reliġjuża tagħhom  mhux ix-xogħol, iżda li jitqaddsu (art. 172) u li x-xogħol għandu jwassal għal dan il-għan (art. 176 s).

Il-Kostituzzjonijiet  tal-1970 ma jsemmux iżjed is-sorijiet konversi, u ta' dan nafu diġà r-raġuni: b'deċiżjoni tas-XVI-il Kapitlu ġenerali tal-1963, u fuq talba tas-Superjura ġenerali taż-żmien, Madre Luisa Busuttil, il-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi, b'digriet tal-14 ta' Frar 1964, tat is-setgħa lill-Kongregazzjoni li ma tilqax iżjed sorijiet bħala konversi. Barra minn hekk, l-istess Kongregazzjoni għar-reliġjużi, b'digriet tat-3 ta' Diċembru 1968, tat lis-sorijiet konversi li kienu

għadhom ħajjin, id-dritt għal vuċi attiva u passiva fl-elezzjonijiet. B’hekk huma ġew prattikament meqjusa indaqs mas-sorijiet koristi.

**b)** Element ieħor importanti, li għandu iżjed x’jaqsam mal-aspett strutturali-organizzativ, hija t-taqsima attwali tal-Kongregazzjoni fi tlieta: provinċji, reġjuni u djar li jiddependu direttament mis-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha. Għal din l-istruttura, l-Kongregazzjoni waslet ftit ftit.

Wara li l-Kongregazzjoni għelbet, mhux dejjem faċilment, l-ewwel żminijiet tal-qagħda fiżjoloġika tagħha, hija kellha tkabbir fil-għadd ta’ membri, tifrixa mgħaġġla ġewwa l-gżejjer Maltin, ma’ dik anke internazzjonali: mill-1907 tinsab f’Korfù, l-Greċja, fl-1922 tiftaħ l-ewwel djar fl-Italja (f’Troina u f’Regalbuto), fl-1927 tagħti bidu għall-missjoni fl-Etijopja, bil-bidu tas-snin '50 tinfirex fil-Brażil, fil-Pakistan u fl-Awstralja. Maż-żmien, djar oħra ġew miftuħa f’California, f’Londra, f’Pariġi, f’Ġerusalemm, fil-Kenja u dan l-aħħar anke fil-Filippini.

Ma’ dan kollu, t-tmexxija tal-Kongregazzjoni baqgħat iċċentralizzata sal-aħħar tas-snin '60: kollox kien jaqa’ taħt is-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha. Biex ngħidu s-sewwa, l-ħsieb li ssir xi bidla għal dan kien diġà għadda fl-imgħoddi: l-ewwel Kostituzzjonijiet tal-1886 – 1894 kienu raw il-possibilità li jsiru xi Provinċji “billi d-djar dipendenti se jimmoltiplikaw ruħhom, l-iżjed billi hemm dawk minnhom f’pajjiżi mbiegħda” (Kap V, Kost I, art. 4). Il-Kostituzzjonijiet tal-1912, imbagħad, jiddedikaw it-tieni parti biex jitkellmu fuq il-“formazzjoni tal-Provinċji”. Iżda kollox baqa’ fl-arja tal-prospettiva u tal-proġett, mingħajr ebda pass konkret.

L-ewwel ċaqliqa li wasslet għal deċentrazzjoni parzjali, għamilha l-Kunsill ġenerali f’Diċembru 1967, bi tweġiba għall-kriżi fil-Brażil (li diġà tħadditna minnha), meta ġiet magħżula għal dik il-komunità Superjura delegata b’setgħa wiesa’ ta’ intervent.

Il-Kostituzzjonijiet tal-1970, fuq it-tagħlim tal-papiet u tal-Konċilju Vatikan II, fost il-prinċipji ewlenin għat-tħaddim effetiv tal-awtorità juru fl-ewwel post dak ta’ “deċentrament sħiħ” (art 179).

Huwa prinċipju li jsib applikazzjoni konkreta anke meta wassal għat-twaqqif uffiċjali tad-Delegazzjonijiet, deċiż mill-Kapitlu ġenerali tal-1969. Din l-istruttura

ġdida tiġi magħrufa bħala "grupp ta' Djar magħqudin bejniethom mill-Madre ġenerali bil-kunsens tal-Kunsill tagħha, skont il-għarfa nazzjonali u ġeografika. Id-Delegazzjoni hija mmexxija minn Delegata magħżula mill-Kunsill ġenerali, fuq proposta tal-Madre ġenerali" (art. 236). Dmir tas-Superjura delegata huwa dak li "tmexxi 'l quddiem l-għaqda fost id-delegazzjoni u l-Gvern ċentrali", waqt li s-setgħat tagħha "jiddependu mill-istruzzjoni li jiġu mogħtija lilha fid-delega stess" (art. 237).

Dan l-ordni ġuridiku kellu effett fir-rejaltà bit-twaqqif ta' erba' Delegazzjonijiet: fl-Awstralja, Brażil, Etijopja u Pakistan.

Pass 'il quddiem kien dak tat-twaqqif tar-Reġjuni, deċiż fil-Kapitlu ġenerali tal-1984, li fuqu jitkellmu l-Kostituzzjonijiet tal-1985. Insibuhom magħrufin bħala "grupp ta' djar imwaqqfa kanonikament, li jaqsmu flimkien il-ħajja fraterna u l-ħidma apostolika f'parti determinata tad-dinja" (art. 165). Jitmexxa minn Superjura reġjonali, nominata mill-Kunsill ġenerali (art. 170). Hija għandha "setgħat delegati mfissrin fil-liġi proprja u fl-Istatut" (art. 171) u mgħejjuna mill-Kunsill tagħha (art. 173 ss).

Dan it-tiġdid importanti sar rejaltà bit-tibdil f'Reġjuni tal-erba' Delegazzjonijiet li kienu diġà jeżistu.

L-aħħar pass ġie magħmul bit-twaqqif tal-Provinċji bir-rieda tal-Kapitlu ġenerali tal-2000, li fuqu jitkellmu fil-wisa' l-Kostituzzjonijiet tal-2001. Il-Provinċja tiġi magħrufa bħala "organiżmu magħmul mill-għaqda ta' iżjed djar f'territorju determinat, bil-presidenza ta' Superjura Provinċjali, skont in-normi tal-liġijiet komuni u proprji. F'għaqda fraterna tal-ispirtu, l-membri tal-Provinċja jaqsmu l-kariżma u l-proġett apostoliku tal-Kongregazzjoni, waqt li jmexxu 'l quddiem il-ħajja, l-iżvilupp u l-missjoni tagħha, fil-qadi tal-Knisja" (art. 172). Is-Superjura provinċjali hija mgħejjuna mill-Kunsill tagħha (art. 188ss), fil-waqt li l-Provinċja għandha l-organu mexxej tagħha fil-Kapitlu provinċjali (art. 176ss).

Din l-istruttura ġdida saret rejaltà fit-twaqqif ta' żewġ Provinċji fl-2001: Malta u l-Pakistan.

Mal-Provinċji, għad hemm ir-Reġjuni (art. 194ss), b'Superjura proprja u Kunsill proprju; hemm ukoll Assemblea reġjonali li għandha "l-għan li tistudja s-sitwazzjoni tar-Reġjun u li tieħu d-deċiżjonijiet l-iżjed importanti għall-ġid tas-sorijiet u tal-opri tagħha" (art. 195). Bħalissa r-Reġjuni huma tlieta: l-Awstralja, l-Brażil u l-Etijopja/Kenja. Il-komunitajiet li mhumiex parti minn Provinċja jew Reġjun – bħalissa l-Italja, Korfù u Ġerusalemm – jaqgħu taħt is-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha.

Il-mixja pass pass u twila magħmula mill-Kongregazzjoni fuq it-triq tad-deċentralizzazzjoni hija bla dubju ta' xejn pożitiva, għaliex biha taħdem iżjed: min-naħa waħda, tħaffef il-piż tal-impenji tal-Gvern ġenerali, mingħajr ma b'dan tfixkel ir-rwol proprju tiegħu; min-naħa l-oħra, waqt li tħalli bla mittiefes il-prinċipju fundamentali tal-għaqda tal-Kongregazzjoni, din tista' tieħu kura aħjar tas-sitwazzjonijiet u l-bżonnijiet differenti tal-postijiet fejn is-sorijiet ikunu qegħdin jgħixu u jaħdmu. (Kost. 2001, art. 7).

Fil-prattika, wieħed ma jistax imeri li r-riżultat ser jidher maż-żmien: jeħtieġ wieħed jifhem li mhux biżżejjed tbiddel liġi biex jinbidlu magħha mentalità, drawwiet u imġieba. Dan kollu bla dubju ta' xejn, jeħtieġ żmien intermedju ta' tħaddim u ta' sperimentazzjoni.

c) Punt aħħari li fuqu sewwa li wieħed jgħid kelma mingħajr ma ninżlu fil-partikular, għandu x'jaqsam mal-gvern tal-Kongregazzjoni fil-livelli artikolati tiegħu u fil-ħafna għamliet tiegħu.

Huwa prinċipju tradizzjonali, magħruf mil-Liġi tal-Knisja (Kan. 627), li fl-istituti reliġjużi, kif fil-Knisja kollha, l-awtorità hija mħaddma, skont il-kas, f'forma personali u oħra kolleġġjali. Dan huwa prinċipju milqugħ ukoll mill-Kongregazzjoni (Kostituzzjonijiet 2001, art. 126), anke jekk matul iż-żmien ġie mħaddem f'ħafna għamliet.

Jekk fil-bidu, l-veru u waħdieni superjur kien Dun Diacono, malajr il-komunità tal-bidu bdiet tkun hija stess iżjed attiva tant li fl-1 ta' Jannar 1885, inħoloq il-*Kunsill tal-Kunsilliera.* Lil dawn ġiet mogħtija "l-fakoltà li jiddeċiedu, jordnaw, jagħmlu,

jiċħdu u jistabilixxu f'kull ħaġa importanti li jkollha bżonn il-Komunità", naturalment, dejjem fi qbil ma' Dun Diacono[26].

Bil-Kostituzzjonijiet tal-1886 – 1894, il-qafas strutturali-organizzativ tal-Kongregazzjoni jsir iżjed preċiż. Dan imfisser fit-tul fil-Kapitlu V.

Fuq livell ġenerali, huma maħsubin tliet organiżmi ta' gvern kolleġjali: l-Kapitlu ġenerali, li jiġi msejjaħ kull sitt snin (III Kostituzzjoni); il-Kongregazzjoni intermedja mlaqqa' kull tliet snin (IV Kostituzzjoni); il-Kunsill tad-Diskreti, li jiltaqa' normalment darba fix-xahar (V Kostituzzjoni).

Il-Kapitlu ġenerali jiġi msejjaħ jekk jista' jkun f'Għid il-Ħamsin (III Kostituzzjoni, art. 4), "biex isiru l-elezzjonijiet ġenerali u biex jiġu studjati flimkien il-kwistjonijiet importanti tal-Istitut, u biex flimkien isir ftehim fuq x'għandu jsir biex tinżamm l-osservanza tar-Regola" (art. 2). Dmir tal-Kongregazzjoni intermedja huwa dak li "tieħu ħsieb tistudja u tħoll il-problemi mportanti li ma jistgħux jistennew sal-Kapitlu" (IV Kostituzzjoni, art. 1). Il-Kunsill tad-Diskreti (jew tal-Istitut) huwa "mwaqqaf biex iwieżen 'l-awtorità, biex jgħin bil-pariri 'l Madre Badessa[27] u jnaqqas il-piż tar-responsabiltà tagħha (V Kostituzzjoni, art. 2).

Rigward il-Kapitlu ġenerali, f'dan jieħdu sehem: "Il-Madre Badessa u l-membri tal-Kunsill tagħha, l-ex  Badessi li mexxew għallinqas għal tliet snin, is-Superjuri lokali kollha; iżda jekk maż-żmien l-għadd tar-reliġjużi vokali ma jwassalx għal ħamsa u tletin, biex jiġi milħuq, jiġu msejħa r-reliġjużi koristi l-iżjed anzjani skont l-ordni tal-professjoni" (III Kostituzzjoni, art. 1). Fil-Kongregazzjoni intermedja jieħdu sehem il-Madre Badessa, il-membri tal-Kunsill, u s-Superjuri tad-djar prinċipali, li biss m'għandhomx jaqbżu l-għadd ta' tnax." (IV Kostituzzjoni, art. 1). Il-Kunsill tal-istitut huwa magħmul mis-Superjura ġenerali, mill-Vigarja tagħha u minn erba' Diskreti (V Kostituzzjoni, art. 2). Kollha kemm huma jiġu magħżula fil-Kapitlu

[26] Ara: *Raccolta* ... doc. 35, p. 121.

[27] Dan kien l-isem uffiċjali mogħti dak iż-żmien lis-Superjura ġenerali (ara: Kapitlu V, Kostituzzjoni II, art. 2). Anke d-djar spiss jissejħu "Monasterji".

ġenerali għal sitt snin, u jistgħu jiġu kkonfermati għal darb'oħra" (II Kostituzzjoni, art. 3)[28].

Fid-djar tal-post, is-Superjura hija mgħejjuna minn Vigarja u Diskreta; biss, jekk in-numru ta' sorijiet jasal għal tnax jew iżjed, id-diskreti jkunu tlieta u jkunu membri tal-Kunsill tal-Monasteru" (II Kostituzzjoni, art. 16).

Il-Kostituzzjonijiet tal-1921 jitkellmu fil-wisa' fuq il-gvern fil-Kapitlu V, u jdaħħlu xi tiġdid.

Ma nsibux iżjed il-Kongregazzjoni ntermedja, fil-waqt li l-Kapitlu ġenerali għandu jibqa' jsir kull sitt snin, dejjem fil-Pentekoste (art. 199). Jitbiddel il-kriterju tal-għażla ta' min għandu jieħu sehem: "Għandhom jiltaqgħu għall-Kapitlu bħala vokali bi dritt: il-Madre ġenerali, l-Kunsillieri, s-Segretarja [sic!] u l-Ekonoma ġenerali, s-Superjuri lokali kollha fejn il-familja hija magħmula minn tnax-il soru, delegata waħda magħżula mill-vokali ta' dawn id-djar" (art. 203). Is-sorijiet tad-djar iż-żgħar "jingħaqdu ma' dawk tal-qrib, b'mod li għallinqas jilħqu n-numru ta' tnax; u hekk magħqudin, jagħżlu l-ewwel waħda mis-Superjuri ta' dawn id-djar u mbagħad reliġjuża oħra professa perpetwa, bħala delegata għall-Kapitlu" (art. 204).

Il-Kunsill ġenerali, magħżul mill-Kapitlu, huwa magħmul mis-Superjura ġenerali, mill-Kunsillieri ġenerali[29] u mis-Segretarja ġenerali; normalment, għandu jiltaqa' kull xahrejn (art. 232).

Għall-komunitajiet tal-post, imiss lill-Kunsill ġenerali "l-għażla" [!] tas-superjuri ta' kull waħda mid-djar (art. 233); imiss, iżda, lis-Superjura ġenerali li taħtar "għal kull dar żewġ kunsillieri u, jekk id-dar hija waħda mwaqqfa kanonikament, tlieta" (art. 243)[30].

---

[28] Jiġi wkoll stabilit li s-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha għandhom joqogħdu fil-Casa Madre (Kostituzzjoni II, art. 12), li Superjura tagħha hija l-istess Madre ġenerali (art. 2). Biss dan jidher imur kontra dak li jgħid l-artiklu 13: "Il-Madre Badessa ma tistax tkun fl-istess ħin anke Superjura tal-post fejn toqgħod".

[29] Ma jingħad xejn fuq il-għadd tagħhom. Biss, kif dejjem ġara qabel u wara, wieħed jista' jissoponi li kienu erbgħa, li waħda minnhom tkun il-Vigarja.

[30] Jista' jkun li b'"dar kanonika" wieħed jifhem komunità magħmula minn tnax-il soru jew iżjed.

Il-Kostituzzjonijiet tal-1937 jitkellmu fuq il-gvern fit-tieni taqsima, maħsuba kollha kemm hi fuq "it-tmexxija tal-Kongregazzjoni u tad-djar".

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Kapitlu ġenerali, t-tiġdid l-iżjed importanti imiss sewwa ħafna l-ordni li għandu jkun hemm fix-xogħol kapitulari: fil-bidu, għandu jkun hemm xi sessjonijiet li fihom, fost l-oħrajn, is-Superjura ġenerali għandha tippreżenta "rapport eżatt u sħiħ fuq l-istat materjali, personali, dixxiplinari u ekonomiku tal-Kongregazzjoni, u tal-grajjiet ewlenija mill-aħħar Kapitlu" (art. 534); imbagħad isiru l-elezzjonijiet (għal sitt snin, li jistgħu jiġġeddu) tas-Superjura ġenerali, tal-erba' Kunsillieri ġenerali, tas-Segretarja u l-Ekonoma ġenerali (art. 536 ss); fl-aħħarnett, fi tmiem l-elezzjonijiet, jiġi stabilit illi "jiġu studjati l-affarijiet iżjed importanti tal-Kongregazzjoni u jittieħdu dawk id-deċiżjonijiet neċessarji u li jiswew għall-akbar glorja ta' Alla, il-qdusija tal-erwieħ, biex tinżamm id-dixxiplina u biex l-opri jirnexxu sewwa" (art. 561).

Fil-komunitajiet lokali, s-superjura (magħżula għal tliet snin, u tista' tiġġedded), jekk il-komunità hija magħmula għallinqas minn sitt sorijiet, tiġi mgħejjuna mid-Diskretorju[31]; id-diskreti huma nnominati mis-Superjura ġenerali u għandhom vuċi konsultiva u deliberativa "skont in-normi tal-Kostituzzjonijiet u tal-Liġi tal-Knisja" (art. 676 ss).

Il-Kostituzzjonijiet tal-1970 jitkellmu b'mod iqsar fuq it-tmexxija għaliex, għall-ewwel darba, huwa maħsub li jsir Direttorju, biex fih jinġabru b'mod xieraq il-ħafna dettalji ta' kif għandhom jiġu applikati l-liġijiet.

Tlieta huma t-tibdiliet l-iżjed ta' min jagħrafhom. L-ewwel waħda tmiss id-delegati għall-Kapitlu ġenerali: "delegata waħda għal kull waħda minn dawn id-djar jekk ma humiex iżjed minn ħamsa u għoxrin; tnejn jekk huma iżjed minn ħamsa u għoxrin; żewġ delegati, li jistgħu jkunu Superjuri jew le, għal kull grupp ta' djar iżgħar, magħqudin b'mod li jlaqqgħu għallinqas għoxrin professa u mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin" (art. 189). It-tieni tibdila hija dik tat-twaqqif tad-Delegazzjonijiet – l-ewwel pass li jieħu għad-deċentralizzazzjoni – kull waħda mmexxija minn Delegata magħżula mill-Kunsill ġenerali, mgħejjuna minn

[31] Għal komunitajiet żgħar hemm maħsuba biss il-Vigarja (art. 676).

Segretarja u Ekonoma (art. 236). It-tielet tibdila hija dik tat-twaqqif tal-"Kunsill tal-Familja" f'kull dar, li tiegħu huma membri r-reliġjużi kollha, bil-għan li jkun mezz ta' konsultazzjoni (art. 250). Fil-komunitajiet ta' tnax-il soru jew iżjed, jibqa' jaħdem anke d-Diskretorju, magħmul mis-Superjura ma' tnejn jew iżjed diskreti" (art. 246).

Fil-Kostituzzjonijiet tal-1985, insibu wkoll xi tiġdid li jixraq verament li nagħtu kasu. Terġa' tfeġġ il-qadima "Kongregazzjoni intermedja" bl-isem ta' "Kapitlu intermedju" bħala "organiżmu ta' parteċipazzjoni u korresponsabiltà" (art. 147), li jissejjaħ kull tliet snin wara l-aħħar Kapitlu ġenerali. Tiġdida oħra hija dik tat-twaqqif tar-Reġjuni, flok id-Delegazzjonijiet (art. 165 ss), immexxija minn Superjura delegata, (magħżula mill-Kunsill ġenerali għal tliet snin, u tista' terġa' tiġi mġedda), mgħejjuna mill-Kunsill tagħha; hija maħsuba anke l-"Assemblea Reġjonali" bil-għan li tagħti sehem ir-Reġjun fil-preparazzjoni għall-Kapitlu ġenerali" (art. 182). B'riżultat ta' dan – u din hija t-tielet tiġdida – jitbiddel anke l-kriterju tal-għażla tad-delegati għall-Kapitlu ġenerali: hemm "id-delegati ta' kull Reġjun" u dawk "tad-djar li jiddependu direttament mill-Gvern ġenerali magħqudin fi gruppi" (art. 134).

Fil-komunitajiet lokali għandu jkun hemm żewġ organiżmi. Hemm il-"Kunsill lokali", li għandu "l-għan li joħloq ftehim mas-Superjura fil-qadi tagħha bħala awtorità" (art. 188): fil-komunitajiet b'inqas minn tmien sorijiet, dawn huma kollha membri tiegħu; fl-oħrajn huwa magħmul mis-superjura, il-vigarja u xi kunsillieri. Hemm ukoll il-"Kunsill tal-familja", magħmul mis-sorijiet kollha b'sinjal ta' "għaqda fraterna", bil-għan li "jgħinu lis-superjura f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja u l-ħidmiet tal-komunità, u għandhom vot konsultiv kif irid id-Direttorju" (art. 193).

L-aħħar tibdiliet ġew imdaħħla mill-Kostituzzjonijiet tal-2001. Il-Kapitlu intermedju jibdel ismu (jsir "Assemblea ġenerali") u jiġi mfisser aħjar il-għan tiegħu: huwa organiżmu konsultiv ta' parteċipazzjoni, ta' korresponsabiltà, u ta' għaqda bejn il-Kunsill ġenerali, l-Provinċji u r-Reġjuni, u l-komunitajiet li jiddependu mis-Superjura ġenerali" (art. 150). Barra minn dan, mar-Reġjuni, issa jidhru l-Provinċji (art. 171 ss). Lilhom tmexxi s-Superjura provinċjali "magħżula mill-Kapitlu

provinċjali, minn fost is-sorijiet indikati mis-Superjura ġenerali (art. 185), għal erba' snin (u tista' tiġġedded), mgħejjuna mill-Kunsill tagħha. Għandu jitlaqqa' wkoll kull erba' snin, il-Kapitlu provinċjali bħala "organu direttiv, li jlaqqa' s-sorijiet kapitulari biex jaqsmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom, isaħħu l-għaqda, l-imħabba tal-aħwa, u l-ħajja appostolika fi ħdan il-Provinċja u f'għaqda mal-Kongregazzjoni" (art. 176).

Fuq pjan lokali, l-ordinament jibqa' prattikament bla ebda tibdil.

## 3 – GĦELUQ

It-taħriġ storiku fuq il-leġislazzjoni li l-Kongregazzjoni tat lilha nfisha fil-mixi tas-snin – wara ħarsa qasira fuq kollha kemm hi – wassalna biex nitkellmu biss fuq żewġ oqsma preċiżi tagħha: min-naħa waħda ridna ndawlu l-għanijiet li ġew magħrufa u mwettqa mis-sorijiet u li kienu essenzjali għall-kariżma proprja tagħhom; min-naħa l-oħra, ridna nuru l-istrumenti strutturali-organizzativi ewlenin magħrufa u mħaddma biex iwasslu għat-twettiq u l-iżvilupp tiegħu.

Jekk nagħtu ħarsa lejn il-valur kollu tagħha, din il-leġislazzjoni tista' tiġi meqjusa, darba wara l-oħra, bħala mument ta' wasla u ieħor ta' tluq: waqt li tlaħħam fiha nfisha dak li tħoss li huwa validu fl-esperjenza mgħixa mis-sorijiet u tagħraf il-bidla bla taqta' tas-sitwazzjonijiet, fl-istess ħin tipproġetta l-mixja 'l quddiem u toffri dawk il-mezzi legali l-iżjed siewja għaliha.

Fi kliem ieħor, dejjem f'ħarsa fuqha kollha kemm hi, din hija leġislazzjoni li ma taqax mill-għoli f'għamla astratta u deduttiva, iżda titlaħħam f'tiswira għammiela bejn il-prinċipji li jnebbħu u l-valuri oġġettivi, min-naħa l-waħda, u r-rejaltà ħajja u l-prospettivi miftuħa, min-naħa l-oħra: tagħraf fejn hu l-veru, dak li tassew jiswa, tiġġudika, tħaddan, tiddeċiedi u tintefa' lejn il-ġejjieni.

Dan kollu juri l-irbit bejn il-ħajja konkreta u n-norma tal-liġi: huwa bla dubju ta' xejn importanti li jkollok liġijiet tajbin. Biss m'għandux jintesa li t-tiġdid tassew mhux magħmul fiż-żieda tal-liġijiet, iżda fil-formazzjoni meqjusa tal-persuni u fil-koerenza konkreta tagħhom. Il-Kostituzzjonijiet tal-ġejjieni li l-Kongregazzjoni trid

tagħti lilha nfisha, jkunu l-frott li bil-mod il-mod isir fit-tiswir li ma tistax taħrab minnu, u li mhux dejjem faċli u dritt, ta' din il-kwistjoni kumplessa bejn il-ħajja u l-liġi.

## IL-PROVINĊJI

Fil-kapitlu ta' qabel, aħna studjajna, għalkemm mhux fi sħiħ, il-Kostituzzjonijiet tal-Kongregazzjoni. Dawn huma mera li tirrifletti b'fedeltà u qawwa – kemm fuq il-pjan tal-ispirazzjoni u orjentament, kif ukoll fuq dak tal-istruttura u l-organizzazzjoni – il-proġett konkret tal-ħajja li s-sorijiet, waqt li kienu jikbru bil-mod il-mod fl-għarfien tal-identità speċifika tagħhom, taw lilhom infushom tul is-snin u li llum għadhom qegħdin jgħixu. Jibqa' li naraw kif dan il-proġett sar u għadu jsir realtà.

Huwa dak li se nippruvaw nagħmlu f'dan il-kapitlu u f'dawk ta' warajh, billi neżaminaw waħda waħda l-entitajiet li fihom il-Kongregazzjoni hija llum mifruxa: provinċji, reġjuni, djar dipendenti mill-Gvern ġenerali.

Kif diġà ġie mfakkar, id-deċiżjoni li jitwaqqfu l-Provinċji kienet meħuda mit-XXII Kapitlu ġenerali, f'Lulju 2000, u ġiet imdaħħla fil-Kostituzzjonijiet il-ġodda (art. 171 – 193) tal-2001. Illum jeżistu żewġ Provinċji: dik ta' Malta u l-oħra tal-Pakistan.

### 1. – IL-PROVINĊJA *SULTANA TAGĦNA TAL-QALB TA' ĠESÙ* MALTA

Huwa għal kollox naturali li nibdew din ix-xorta ta' ġrajja fil-wisa' u ta' għarfien eżistenzjali mill-Provinċja ta' Malta, għaliex kien fil-ġżejjer maltin li l-Kongregazzjoni kellha l-bidu u l-ewwel firxa tagħha; barra minn hekk, għaliex huwa wkoll hemmhekk li hija għad għandha l-akbar preżenza tagħha, kemm fil-għadd ta' sorijiet u kemm fil-postijiet fejn huma qegħdin jgħixu u jaħdmu.

#### a. Ħjiel ta' ġrajjiet

Nafu diġà li l-Kongregazzjoni twieldet f'Victoria, l-belt kapitali tal-gżira maltija ta' Għawdex, fix-xhur ta' Awwissu – Settembru 1880. Nafu ukoll il-ġrajjiet waħda wara l-oħra, li l-Komunità għexet fl-ewwel snin tagħha.

Biex inkunu preċiżi, l-benniena storika tal-Kongregazzjoni għandna nsibuha fid-dar qadima ta' Triq Għajn Qatet, fit-tarf tal-belt, għaliex hemmhekk l-ewwel terzjarji franġiskani bdew il-ħajja reliġjuża tagħhom, taħt it-tmexxija ta' Dun Diacono u bl-ewwel approvazzjoni tal-isqof djoċesan, Mons Pietru Pace, li ġġib id-data tal-1 ta' Settembru 1880.

Biss, fil-prattika, il-Casa Madre tal-Kongregazzjoni kienet meqjusa dejjem id-*Dar tal-Karità* li qiegħda iżjed fiċ-ċentru, fi triq Palma, fejn il-Komunità marret toqgħod f'Jannar 1882. Effettivament u bi dritt, din tista' tiġi meqjusa bħala l-benniena spiritwali. Infatti, huwa f'dik id-dar iżjed kbira u mgħammra li l-Kongregazzjoni niżżlet l-għeruq sodi tagħha, li s-sorijiet saħħew il-formazzjoni u l-apostolat tagħhom; u huwa minn hemm illi dejjem iżjed is-sorijiet infirxu fi qtajja f'postijiet oħra[1]. Barra minn hekk, sa Diċembru 1994, kienet id-Dar tan-novizzjat u, għal ħafna snin (sa Jannar 1983) kienet ukoll id-dar tal-Kurja ġenerali. Għalhekk, bir-raġun kollu, l-Casa Madre ta' Triq Palma, li fil-knisja ta' ma' ġenbha tgħasses b'imħabba l-fdalijiet ta' Madre Margerita, kienet dejjem f'qalb is-sorijiet bħala sejħa simbolika u suġġestiva għall-ispirtu tal-bidu u bħala ċentru fiss u dinamiku li minnu dan jifrex ir-raġġi tiegħu.

L-ewwel firxa tal-Kongregazzjoni saret fl-1885 bil-ftuħ ta' żewġt idjar ġodda: *Dar San Ġużepp* u *Dar il-Qalb ta' Ġesù.* L-ewwel dar ġiet miftuħa fl-1 ta' Jannar fil-Qala, Għawdex, fuq talba ta' Dun Diacono, li mis-sena 1881 kien kappillan hemmhekk; it-tieni dar ġiet miftuħa fil-31 ta' Mejju f'Birkirkara, Malta, fuq talba tas-sinjura May Hely-Hutchinson, mart l-Ewwel Segretarju tal-Gvernatur Ingliż.

Fis-snin ta' wara, meta l-Kongregazzjoni kienet immexxija minn Madre Margerita, it-talbiet għal qadi (fl-edukazzjoni, soċjali, fl-apostolat) tas-sorijiet kibru fil-għadd, tant li fl-1900 id-djar fiż-żewġ gżejjer telgħu għal disgħa. Mat-tlieta li kien hemm diġà, żdiedu ftit ftit dawn li ġejjin (kollha fil-gżira ta' Malta): fl-1887 *l-Istitut Fra Diego* fil-Ħamrun; fl-1889 *id-Dar Sant'Anna* fl-Isla u *d-Dar Marija tar-Rużarju Mqaddes* f'Bormla; fl-1893 *id-Dar Madonna tal-Pilar* fil-Belt Valletta; fl-1900, id-

[1] Tagħrif iżjed fid-dettal fuq id-djar tal-Kongregazzjoni miftuħin matul is-snin insibuh ukoll: L. Farrugia, *Il cinquantesimo anniversario della fondazione dell'istituto delle Terziarie Francescane di Gozo,* Valletta 1930; *Cenni storici sulla nostra cara Congregazione dal 1880 fino al Capitolo speciale ed elettivo del 1969* (miktub bl-idejn u bla isem: x'aktarx kitbitu s-Superjura ġenerali taż-żmien, Madre Ines Gauci.)

*Dar tat-Transtu ta' San Ġużepp* f'Ħaż Żebbuġ u d-Dar *Familja Mqaddsa* fil-Floriana.

Dan l-iżvilupp mgħaġġel, l-iżjed fil-gżira ta' Malta, fejn diġà kienu qed jaħdmu istituti maskili u femminili oħra, huwa xhieda vera u prezzjuża tal-istima li s-sorijiet qalgħu kemm mill-awtorità ċivili u ekkleżjastika, kif ukoll mill-poplu, mhux biss għall-ħajja eżemplari tagħhom, iżda anke għall-preparazzjoni kulturali-professjonali li kellhom u li kienu qegħdin juru. Infatti, l-ħidma mwettqa mis-sorijiet fid-diversi djar kienet ta' ħafna għamliet u tant ieħor impenjativa: tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal u lill-kbar, tagħlim fi skejjel taż-żgħar u elementari għall-bniet u subien, formazzjoni tat-tfajliet għax-xogħol, kura tal-orfni bniet, assistenza lill-anzjani u lill-foqra ...

Fis-snin ta' wara, sal-1915, kien hemm bħal waqfa ta' riflessjoni[2]. It-tifrix reġa' beda fl-1916, u fi ftit iżjed minn tletin sena, ġew miftuħa fil-gżejjer maltin tlettax-il dar oħra: bejn wieħed u ieħor, kważi waħda kull sentejn; li verament mhux ftit[3]. Fil-gżira ta' Għawdex, id-djar miftuħa kienu tlieta: fl-1917 id-*Dar tal-Madonna tal-Karmnu* fin-Nadur; fl-1924, il-bidu tal-qadi fis-Seminarju tal-Isqof, Victoria; fl-1930 id-*Dar ta' Marija Bambina*, fix-Xagħra. Fil-gżira ta' Malta, id-djar miftuħa kienu għaxra: fl-1916, bidu tal-qadi fis-Seminarju tal-Arċisqof fil-Floriana; fl-1918, id-*Dar Sant'Orsla,* fil-Qrendi; fl-1942, *id-Dar tal-Adorazzjoni,* fil-Belt Valletta; fl-1929, *id-Dar Bambin ta' Praga,* fil-Birgu; fl-1932, id-*Dar San Franġisk Saverju* fis-Siġġiewi; fl-1936, id-*Dar San Ġużepp* fil-Ħamrun; fl-1939, id-*Dar Santu Kristu*, f'Ħal Għaxaq u d-*Dar Santa Eliżabetta tal-Ungerija,* f'Tas-Sliema; fl-1941, id-*Dar Santa Marija tal-Anġli,* fl-Imġarr; fl-1948 id-*Dar Madonna ta' Fatima,* f'San Pawl il-Baħar.

Għall-ħidmiet tradizzjonali diġà fdati lis-sorijiet, ġew magħduda oħrajn: il-qadi fis-seminarji djoċesana ta' Għawdex u ta' Malta; oratorju femminili f'Tas-Sliema; il-kura tas-santwarju "Santu Kristu" ta' Ħal Għaxaq ... Iżda l-l-attività ġdida l-aktar importanti u li tagħmel sens kienet dik tat-tħollija lis-sorijiet mill-Arċisqof Mons

---

[2] Biss ma ninsewx illi fl-1907, il-Kongregazzjoni fetħet id-dar ta' Korfù, Greċja, l-ewwel waħda barra mill-gżejjer maltin. Ta' min jgħid ukoll illi fl-1909, Madre Margerita xtrat dar f'Marsalforn (Għawdex), fejn is-sorijiet setgħu jgħaddu xi żmien ta' mistrieħ ħdejn il-baħar.

[3] Matul it-tieni gwerra dinjija (1940 – 1945), xi djar ġarrbu ħafna ħsara minn attakki tal-ajru; iżda l-ebda waħda mis-sorijiet ma qatt ġiet midruba.

Mauro Caruana, tad-*Dar tal-Adorazzjoni*, fil-Belt Valletta: għall-impenn tal-adorazzjoni ta' kuljum fi knisja miftuħa anke għall-pubbliku, żdiedu malajr ħidmiet oħra magħquda miegħu (l-Opri tat-Tabernakli, jiem ta' Spiritwalità ...)

Din il-firxa wiesgħa ta' ħidmiet kienet titlob mis-sorijiet barra minn impenn ġeneruż, anke l-preparazzjoni kulturali-professjonali li jistħoqqilha. Din il-ħtieġa kienet intgħarfet tant li ġiet mitluba bil-qawwa mill-Kostituzzjonijiet tal-1921: "Biex ikun mogħti lis-Sorijiet li jaħdmu fl-iskejjel , fil-laboratorji u fl-isptarijiet, it-tagħlim meħtieġ, jiġi stabbilit li minbarra l-iskola elementari li ssir minn kulħadd, isiru studji superjuri oħrajn, skont il-kapaċità ta' kull waħda" (art. 321). Talbiet bħal dawn insibuhom fil-Kostituzzjonijiet tal-1937, b'żieda li fiha sens: is-sorijiet jiġu mibgħuta "kemm-il darba jkun hemm bżonn, fl-iskejjel pubbliċi, bil-permess tal-Ordinarju tal-post" (art. 433)[4].

Fis-snin ta' wara ġew miftuħa xi għaxart idjar oħra, kollha fil-gżira ta' Malta: fl-1950 id-*Dar Santa Maria Goretti,* f'Ħal Qormi; fl-1953 id-*Dar San Ġużepp* f'Ħal Luqa u d-*Dar Sant'Anna,* f'San Ġwann; fl-1961, id-*Dar Madonna ta' Loreto,* fix-Xemxija u d-*Dar Madonna tal-Karmnu,* fil-Mosta; fil-1965 id-*Dar San Franġisk*, fl-Imsida; fl-1978, id-*Dar San Pawl* fil-Floriana u *Dar Nazareth,* fil-Gharghur; fl-1993, id-*Dar Madre Margerita* f'Ħal Qormi.

Wieħed m'għandux jistagħġeb jekk f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, id-djar miftuħin fil-gżejjer maltin kienu relativament ftit, għaliex, fl-istess waqt, il-Kongregazzjoni kienet qed tinfirex dejjem iżjed fid-dinja, billi tibgħat mhux numru żgħir ta' sorijiet maltin f'pajjiżi oħra. Ma' dan, żid il-fatt li ġara lill-Istituti reliġjużi kollha, tat-tnaqqis – anke jekk mhux bil-kbir, tal-vokazzjonijiet, u minħabba f'hekk, l-eta' medja tas-sorijiet li dejjem togħla. Kienu dawn ir-raġunijiet, ma' kawżi oħra,

---

[4] Il-Kostituzzjonijiet li jiġu wara, jagħfsu dejjem iżjed fuq dan. F'dawk tal-1970 naqraw: "Biex l-apostolat isir sewwa u jagħti l-frott mixtieq, huwa neċessarju illi s-sorijiet ikunu mgħallma teknikament u moralment; għandhom ikunu maturi spiritwalment u umanament. Is-Superjuri jieħdu ħsieb li r-reliġjużi jieħdu sehem f'korsijiet speċifiċi għal preparazzjoni aħjar għall-apostolat, f'kull qasam tal-ħidma tagħna. Għandha tiġi kkurata b'impenn partikulari l-formazzjoni kateketika tas-sorijiet ..." (art. 87). Fil-Kostituzzjonijiet tal-lum, naqraw: "Barra mill-formazzjoni spiritwali, dottrinali u franġiskana, tiġi mogħtija lil juniore l-possibiltà li tagħti lilha nfisha għall-istudju neċessarju għall-formazzjoni apostolika u professjonali, skont ix-xeħta personali tagħha u l-bżonnijiet tal-Kongregazzjoni" (art. 112).

li wasslu biex matul dawn is-snin, xi djar ġew magħluqa: Il-Floriana, il-Ħamrun (*Dar San Ġużepp)*, Ħal Għaxaq, Qormi (*Dar Santa Maria Goretti)* , il-Birgu ...

**b. Illum**

Kif diġà semmejna, l-Provinċja ta' Malta ġiet uffiċjalment imwaqqfa fit-22 ta' Ġunju 2001, b'digriet tas-Superjura ġenerali. Madre Bertilla Bartolo, ex-Superjura ġenerali ġiet magħżula bħala Superjura provinċjali. Qabel, il-komunitajet tal-gżejjer maltin kienu jiddependu direttament mill-Gvern ġenerali[5].

Illum, il-Provinċja, bit-titlu tas-*Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù* (lilha hija ddedikata l-Knisja maġenb il-Casa Madre ta' Victoria, Għawdex) tħaddan 24 dar, b'dik ta' Londra, magħmula minn madwar 260 soru professa residenti[6]. Għandha Statut proprju tagħha approvat għal kollox mis-Superjura ġenerali fis-17 ta' Settembru 2005.

Il-Kurja provinċjali għandha s-sede tagħha f'*Dar Betanja,* l-Imsida. Din hija wkoll id-Dar tan-Novizzjat provinċjali, fejn jiġu milqugħa ż-żgħażagħ fil-formazzjoni. Id-dar taqdi wkoll bħala infermerija għas-sorijiet anzjani u morda.

Il-għadd mhux żgħir ta' sorijiet fil-provinċja m'għandux jinganna, għax, fil-fatt, mhumiex ftit dawk li huma anzjani jew morda. Madanakollu, l-ħidma fil-ħafna oqsma tibqa' dejjem ħerqana u effikaċi kullimkien.

Imxerrda ħafna u f'ħafna oqsma hija l-kollaborazzjoni fil-għalqa pastorali. Ikompli l-qadi fis-Seminarju djoċesan ta' Għawdex, filwaqt li s-sorijiet telqu dak fis-Seminarju ta' Malta fid-29 ta' Settembru 2007. Barra minn hekk, mis-sena 1978, xi sorijiet jaħdmu fil-Kurja tal-Arċisqof ta' Malta, fil-Floriana. Nistgħu ngħidu li l-komunitajiet kollha huma mpenjati ħafna fil-parroċċa proprja, u xi drabi, anke f'dawk tal-qrib, b'qadi divers: tagħlim tal-katekiżmu liż-żgħar, liż-żgħażagħ u lill-kbar; tmexxija fil-liturġija, l-iżjed fil-Ħdud u l-festi; sehem fil-kunsilli tal-parroċċa; ministri straordinarju tal-Ewkaristija ... Fil-Casa Madre ta' Victoria, Għawdex u fid-

---

[5] Mhux bħal ma ġara band'oħra, il-komunitajiet maltin qatt ma kienu miġbura f'Delegazzjoni jew f'Reġjun.

[6] Skont il-Kostituzzjonijiet il-ġodda, anke meta huma parti jew membri ta' waħda mill-Provinċji jew Reġjuni, s-sorijiet jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom ukoll f'entitajiet oħra tal-Kongregazzjoni: ara art. 8 – 9. Fil-fatt, għad hemm illum ħafna sorijiet maltin jaqdu f'entitajiet oħra tal-Kongregazzjoni; fl-istess ħin, f'Malta hemm ukoll sorijiet ta' pajjiżi oħra.

Dar ta' Betania, Msida jinħadmu l-ostji għal, nistgħu ngħidu, l-parroċċi kollha taż-żewġ djoċesijiet.

Dejjem dinamika u mifruxa hija l-ħidma fl-edukazzjoni, l-iżjed bl-iskejjel ta' livelli diversi fejn, bil-għajnuna tal-ġenituri, tissawwar il-personalità tat-tfal fuq pjan kulturali, uman u nisrani. Il-bini li jilqa' l-istudenti huwa mġedded kif meħtieġ u mgħammar b'mod modern, anke b'laboratorji tal-informatika. Spazju wiesa' huwa mogħti wkoll għall-attività tar-rikreazzjoni u l-isports. Il-personal lajk mħaddem biex jgħin lis-sorijiet huwa bla għadd u magħżul sewwa.

L-iskejjel ta' livell *Kindergarten* huma ħdax: erbgħa f'Għawdex (fin-Nadur, fil-Qala, fix-Xagħra u f'Victoria) u sebgħa f'Malta (fil-Gharghur, f'Ħal Luqa, f'San Ġwann, f'San Pawl il-Baħar, f'Santa Luċija, fis-Siġġiewi, fiż-Żebbuġ). B'kollox hemm 'l fuq minn 500 tifel u tifla li jiffrekwentaw dawn l-iskejjel.

L-iskejjel primarji huma erbgħa: waħda Għawdex (Victoria) u tlieta Malta (Birkirkara, Bormla u Msida). F'kull skola hemm saċerdot bħala direttur spiritwali; barra minn hekk, f'kollha nsibu wkoll l-Għaqda tal-Ġenituri u Għalliema li flimkien jagħmlu Federazzjoni waħda. B'kollox, it-tfal subien u bniet li jattendu l-iskejjel primarji tas-sorijiet huma 'l fuq minn 2000.

Minn xi snin 'l hawn, f'Tas-Sliema, ġiet miftuħa wkoll Skola Sekondarja, msemmija għal *San Franġisk* fejn jattendu mal-400 tfajla. Barra mill-korsijiet komuni mitluba mill-Ministeru, hemm imħaddma bi stima kbira anke dawk li jmissu oqsma oħra (lingwistika, informatika, artistika, mużikali ...). Kultant jiġu organizzati wkoll lezzjonijiet u konferenzi biex titmexxa 'l quddiem l-edukazzjoni taż-żgħażagħ u jiġu ppreparati kif jeħtieġ għall-ħajja fil-familja u l-professjoni tagħhom.

Din il-ħafna ħidma qawwija għall-formazzjoni taż-żgħażagħ hija aktar u iżjed msaħħa minn għamliet oħra ta' qadi li nsibu mwettaq f'xi djar: skejjel ta' mużika, tad-disinn, tal-ħjata ...

Qasam ieħor ta' ħidma li fih insibu s-sorijiet u li maż-żmien qiegħed jagħfas dejjem iżjed fuq il-bżonn tal-preżenza tagħhom huwa dak tal-għajnuna soċjali. Tkompli l-ħidma siewja tagħhom fl-*Istitut Fra Diego* tal-Ħamrun b'risq tfal żgħar u tfajliet

ġejjin minn familji mkissrin u batuti[7], b'servizz residenzjali jew inkella għal matul il-jum, bl-għajnuna ta' equipe kwalifakat medico-psico-pedagoġiku. Erbgħa, imbagħad, huma d-djar (Mġarr, Mosta, Qormi, Żebbuġ) għall-assistenza ta' nisa anzjani li ma jistgħux jibqgħu jgħixu fil-familja: huma kkurati b'imħabba u ħeġġa fil-problemi tagħhom tal-ġisem, psikoloġiċi u spiritwali, anke bil-għajnuna ta' personal sekulari speċjalizzat.

F'dan il-qasam ta' qadi, ngħoddu wkoll id-dar *Marija Immakulata* ta' Londra, l-unika dar barra minn Malta li tagħmel parti mill-Provinċja. Kienet ġiet miftuħa f'Marzu 1960[8] u tilqa' u tgħin b'kull mod lill-morda maltin u l-familjari tagħhom, mibgħutin Londra mill-Ministeru tas-saħħa għal kura medika neċessarja.

Il-Provinċja tieħu ħsieb sewwa tal-formazzjoni kulturali u professjonali tal-juniores, li jitħajru jaqbdu studji speċjalizzati, sakemm itemmuhom bid-diplomi professjonali u t-titli akkademiċi. Daqshekk ieħor tieħu ħsieb il-formazzjoni permanenti mhux biss b'ħafna inizjattivi ta' ġewwa mqassmin matul iż-żmien, iżda wkoll b'sehem ħaj f'inizjattivi maħsubin minn organiżmi oħra djoċesani u reliġjużi.

Intemmu dan il-għarfien qasir fuq il-ħidmiet ewlenin tas-sorijiet bi tliet referenzi oħra. Fid-*Dar tal-Adorazzjoni* tal-Belt Valletta tkompli titwettaq l-Adorazzjoni ta' kuljum[9]: fil-Knisja, miftuħa għall-pubbliku, iż-żjarat tan-nies mhumiex ftit. Barra minn hekk, l-animazzjoni vokazzjonali titwettaq b'ħerqa minn grupp kwalifikat u motivat ħafna, imdaħħal sewwa fl-organiżmi djoċesani u għani b'ħidmiet pastorali maż-żgħażagħ. Fl-aħħarnett, xieraq li jiġi magħruf il-qawmien qawwi u mifrux tal-kura spiritwali tal-Għaqda tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù, li dejjem ma jmur qiegħed jikber.

[7] Kif diġà fl-imgħoddi, illum ukoll xi tfajliet li kibru baqgħu joqogħdu fl-Istitut.

[8] Għal xi snin (1963 – 1967), il-Kongregazzjoni kellha f'Londra dar oħra (*Dar San Ġużepp ta' Poplar)*, fejn kien hemm Kindergarten u hostel għat-tfajliet, għall-qadi tal-emigranti maltin.

[9] Il-qima Ewkaristika li tant għexet bil-qalb kollha Madre Margerita, issib post wiesgħa anke fid-djar l-oħra, b'mod partikulari fil-Casa Madre f'Għawdex, u fid-djar tal-Formazzjoni. Ara d-Direttorju tal-2001, art. 29b u 30.

## 2. IL-PROVINĊJA *SAN FRANĠISK T'ASSISI* PAKISTAN

Meta s-sorijiet franġiskani waslu l-Pakistan fl-1953[10], il-pajjiż kien sar indipendenti biss ftit snin qabel: infatti, kien inqata' mill-Indja fl-1947.

B'popolazzjoni ta' iżjed minn 140 miljun persuna, il-Pakistan huwa repubblika bi gvern iżlamiku, billi n-nies kważi kollha kemm huma jħaddnu r-reliġjon musulmana (madwar il-95%, bejn xiti u sunniti). L-insara (bħall-Induwisti u dawk ta' reliġjonijiet oħra) huma biss minoranza żgħira (madwar it-2%): il-Kattoliċi huma ftit iżjed minn żewġ miljuni u magħdudin bħala nies foqra u soċjalment emarġinati.

Iżjed minn dan, il-Pakistan huwa pajjiż spiss imġarrab minn taqlib soċjali u politiku mhux żgħir, mhux biss minn barra (b'mod speċjali mill-Indja), iżda anke minn ġewwa, li fih ma jonqosx l-aspett reliġjuż. Dan it-taqlib jinfexx spiss fi ġrajjiet serji ta' vjolenza ta' ħafna għamliet, wkoll ta' xejra terroristika: biżżejjed li wieħed jiftakar fil-mewt traġika ta' Benazir Bhutto, kap tal-opożizzjoni, vittma ta' attentat fis-27 ta' Diċembru 2007.

### a. Preżenza missjunarja

Mela, il-Pakistan huwa pajjiż ta' missjoni fis-sens l-iżjed sħiħ u tradizzjonali tal-kelma; fl-istess ħin, is-sitwazzjoni reali ma tgħinx u tħaffef il-ħidma tal-evanġelizzazzjoni. U s-sorijiet franġiskani wkoll, mhux darba jew tnejn, kellhom esperjenza qarsa ta' dan, matul il-preżenza illum twila tagħhom f'dak il-pajjiż asjatiku[11].

L-ewwel qasam tal-ħidma tagħhom kien f'Mirpurkhas, fil-provinċja ta' Sind, fin-nofsinhar tal-pajjiż, fejn waslu fi Frar tal-1953. Minkejja li fil-bidu sabu ruħhom jgħixu b'mod u f'post xejn sabiħ, il-ħames sorijiet malajr bdew iħaddmu skola,

---

[10] L-ewwel komunità kienet magħmula minn Madre Innocenza Mizzi, Sr Laura Hili, Sr Celestina Pace, Sr Consolata Saydon, Sr Cherubina Sammut.

[11] Ħjiel ħafif fuq il-ħafna ħidmiet tas-sorijiet franġiskani fil-Pakistan, matul il-50 sena li kien ilhom hemm, insibuh fi ktejjeb interessanti: *Franciscan Sisters of the Heart of Jesus: 50 years' anniversary in Pakistan – 1953-2003.*

imsemmija għal *San Mikiel*, b'xi 70 tifel u tifla, kemm insara kif ukoll musulmani. Fl-istess ħin, daħlu għal ħidma pastorali u soċjali oħra, b'mod partikulari fejn kien hemm l-iżjed foqra.

Fl-1960 bħall-iskejjel l-oħra kollha fil-Pakistan, anke l-iskola tas-sorijiet kienet tneħħiet minn idejn dawn u fdata f'idejn tmexxija ta' għalliema musulmani, fil-waqt li tħalla personal reliġjuż pakistani biex ikompli jgħallem. Biex ikomplu jgħallmu tħallew ukoll Sr Paolina David f'Mirpurkhas u Sr Francina Felix f'Matli: b'dal-mod u permezz tagħhom, is-sorijiet franġiskani setgħu ikomplu indirettament għalkemm bid-diffikultajiet, is-servizz tagħhom lit-tfal kattoliċi.

Fl-1972, billi sabha diffiċli jkompli jmexxi l-iskejjel kattoliċi li kien ħa f'idejh, l-istat tahom lura lill-proprijetarji leġittimi tagħhom. L-iskola *St Michael* ta' Mirpurkhas ukoll ġiet mogħtija lura lis-sorijiet; hawn kien hemm bżonn jiġġeddu l-mobbli kollha li kienu nstabu fi stat ħażin ħafna. Illum, din l-iskola tieħu ħsieb aktar minn 1500 tifel u tifla, mill-ewwel klassi elementari sa tmiem l-iskola sekondarja. Barra minn hekk, is-sorijiet fetħu *boarding-school* għat-tfal bniet u t-tfajliet fqar u kull tant żmien imorru wkoll jżuru ċentri u kolonji taż-żona, fejn il-parti l-kbira tat-tfal huma foqra ħafna.

F'Mejju 1962 is-sorijiet fetħu t-tieni dar, imsejħa *La Verna* fir-raħal ta' Patri-Jo-Goth, ħdejn il-belt ta' Sanghar. Alla tassew ried il-ħidma tas-sorijiet għal dik li hija promozzjoni tas-saċerdozju u tal-ħajja reliġjuża: anke l-ewwel sorijiet pakistani tal-Kongregazzjoni ġejjin minn dan il-post. Il-preżenza tas-sorijiet f'dan ir-raħal hija barka kbira għall-qadi pastorali u soċjali li jagħmlu. Illum is-sorijiet iħaddmu skola elementari u klinika li taqdi mhux biss lin-nies tal-post, iżda anke l-insara u nies oħrajn tal-irħula fil-qrib.

F'Mejju 1966, ġiet miftuħa d-dar *St Claire* f'Matli, li saret ċentru ta' ħidma intensa u ta' ħafna għamliet. Huwa stmat ħafna s-servizz li s-sorijiet jagħtu lit-tribujiet tal-Punjub u tal-Parkari Kohli, fejn il-parti kbira tan-nies jgħixu fl-akbar faqar. Barra minn dan, is-sorijiet iħaddmu skola elementari u *boarding-school* għat-tfajliet. Imexxu wkoll klinika biex jilqgħu minn qabel u jfejqu t-tuberkolosi li għada tolqot ħafna dawk il-postijiet. Fl-aħħarnett, is-sorijiet jagħtu servizz prezzjuż ta' animazzjoni u għajnuna pastorali fil-parroċċa ta' San Ġużepp u fl-irħula tal-qrib.

Fi Frar 1973, il-Kongregazzjoni laqgħat it-talba biex tmexxi u tagħti s-servizz tagħha fl-isptar tal-maternità *Lady Graham* fil-belt ta' Hyderabad, tad-djoċesi ta' hemm stess. Fis-sena 2000, il-bini l-qadim, żgħir u bla kumdità, kien ġie mwaqqa' u mtella' bi strutturi moderni biex ikun jista' joffri qadi aħjar lil tant ommijiet tqal li kuljum jmorru jitolbu l-għajnuna[12]. Is-sorijiet li jaħdmu hemm huma ostetriki, mgħejjuna minn ġinekologa, u jaqdu lin-nies lejl u nhar. In-nisa tqal, bla distinzjoni ta' reliġjon jew ta' xort'oħra, huma ġeneralment imħarsa għal ħafna xhur qabel ma jwelldu.

Is-sorijiet iżuru wkoll sptarijiet oħra tal-belt, biex jiltaqgħu mal-infermiera kattoliċi li jaħdmu f'ambjent kollu kemm hu musulman, biex jgħinuhom jibqgħu qawwija u fi qbil mar-reliġjon tagħhom. Barra minn hekk, jgħinu kif u kemm jistgħu fl-animazzjoni pastorali taż-żgħażagħ u fil-pastorali tal-parroċċa.

F'Marzu 1977, mistednin mill-kardinal Joseph Cordeiro, arċisqof ta' Karachi, s-sorijiet daħlu anke f'dik il-belt importanti. Wara li għal ftit żmien kienu milqugħa mis-sorijiet dumnikani tal-klawsura, fetħu *Dar Betanja* u saħħew is-servizz pastorali tagħhom fil-parroċċa ta' Landhi: fetħu skola, jgħallmu l-katekiżmu, iżuru l-familji kattoliċi, jippreparaw liż-żgħażagħ għaż-żwieġ, jgħinu kif jistgħu lill-foqra.

F'Novembru 1979, is-sorijiet ġiethom l-okkażżjoni li jifirxu iżjed il-preżenza u l-ħidma tagħhom anke fin-naħa ta' fuq tal-Pakistan. Fuq stedina ta' Mons Paolo Andreotti, isqof dumnikan tad-djoċesi ta' Faisalabad, laqgħu li jiftħu *Dar Madre Margerita* f'Chichawatni, fil-provinċja ta' Punjub, il-belt bl-akbar popolazzjoni tal-pajjiż. Hawn imexxu skola kbira fejn huwa mgħallem mhux biss l-Urdu – l-ilsien uffiċjali tal-Pakistan, - iżda anke l-ingliż. Għandhom *boarding-school* għat-tfal subien orfni u fqar. Jieħdu ħsieb it-tagħlim tal-katekiżmu fil-parroċċa u jżuru l-irħula fi-bogħod biex jissieħbu mal-foqra, fuq kollox ma' dawk li l-iżjed għandhom ħtiġijiet kbar.

Mons. Andreotti tant għaraf u apprezza r-riżultat tal-ħidma tas-sorijiet, li stedinhom jidħlu anke fil-belt ta' Faisalabad, it-tielet l-akbar belt fl-għadd tan-nies, fil-Pakistan. F'Novembru 1984 ġiet miftuħa *Dar tar-Rużarju Mqaddes*. Is-sorijiet

---

[12] Il-ftuħ mill-ġdid tal-isptar ġie mfakkar bi ktejjeb interessanti: *Lady Graham Maternity Hospital. A project of the Catholic diocese of Hyderabad – Pakistan.*

imexxu tliet skejjel kbar: materna, elementari u sekondarja. Jieħdu ħsieb it-tagħlim tal-katekiżmu liż-żgħażagħ u lill-kbar, iżuru u jgħinu l-familji kattoliċi, speċjalment dawk l-iżjed fil-bżonn.

Għal xi żmien is-sorijiet kienu jħossu l-bżonn li jkollhom dar li tkun għalihom sede ċentrali u punt ta' riferiment komuni. F'Karachi nstab bini xieraq għal dan u f'Mejju 1986 ġiet miftuħa *Dar Nazareth,* li tqieset bħala s-sede tar-Reġjun u wara, tal-Provinċja. L-għan ta' din il-komunità huwa dak li tilqa' s-sorijiet li jaslu Karachi għal raġunijiet ta' formazzjoni (irtiri, seminars, laqgħat ta' studju ...) u ta' saħħa (kura, btala ...).

Maġenb is-sede reġjonali, fl-1989 ġiet miftuħa wkoll id-*Dar tal-Formazzjoni*, għall-formazzjoni tal-bidu ta' dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jħaddnu l-ħajja reliġjuża. Qabel l-aspiranti kienu jintbagħtu Malta jew Ruma biex bil-mod il-mod jiġu mdaħħla fil-ħajja reliġjuża; iżda dejjem iżjed beda jinħass il-bżonn li l-kandidati jiġu ffurmati f'art twelidhom u fir-rispett tal-kultura tagħhom. U l-belt ta' Karachi, bis-seminarju maġġuri u bil-preżenza ta' djar reliġjużi oħra ta' formazzjoni, toffri ħafna għajnuna siewja biex jintlaħaq dan il-għan.

L-aħħar tkabbir fl-art Pakistana f'daż-żmien ġrat fl-1999. Fuq stedina insistenti ta' Mons. Armando Trindate, isqof ta' Lahore, il-Kongregazzjoni fetħet *Dar San Franġisk* fil-parroċċa ta' Santa Marija, fiċ-ċentru ta' Lahore. Il-ħidma tas-sorijiet hija ta' ħafna għamliet u qawwija: għajnuna pastorali fil-parroċċa, żjajjar fil-familji u lill-morda, tagħlim fl-iskejjel ta' *Santa Marija* u *San Lawrenz*. Barra minn hekk, fil-kunvent fetħu skola għat-tfal iż-żgħar (*Little flowers of St Francis).*

**b. Żvilupp b'ħafna tama għall-ġejjieni**

Il-preżenza ħaddiema tal-Kongregazzjoni fil-Pakistan hija mmarkata minn żvilupp bla waqfien: ta' dan huma xhieda mhux biss il-ħafna djar imxerrdin fit-tramuntana u fin-nofsinhar tal-pajjiż, iżda wkoll – u iżjed ukoll – in-numru bla għadd ta' vokazzjonijiet fost it-tfajliet pakistani.

Illum is-sorijiet professi fil-Pakistan huma ‘l fuq minn sittin, u l-parti l-kbira tagħhom huma pakistani[13]. Bla ma jaqta’ huwa wkoll id-dħul ta’ vokazzjonijiet ġodda: fid-*Dar tal-Formazzjoni* ta’ Karachi ma jonqsu qatt in-novizzi, l-postulanti u l-aspiranti.

Dan il-fatt li jista’ jarah kulħadd nifhmuh aħjar jekk inżommu f’moħħna li l-Pakistan huwa pajjiż musulman, li l-kattoliċi huma biss minoranza żgħira u li l-klima soċjo-politika, iżda anke dik reliġjuża, mhux dejjem hi ta’ sliem u li tonfoħ favur.

Biex ngħidu s-sewwa, l-ħidma mlewna edukativa u soċjali tas-sorijiet b’risq in-nies, partikularment dawk l-iżjed foqra (bla distinzjoni ta’ razza u reliġjon), tiġbed l-istima li jistħoqqilha u apprezzament sinċier anke min-naħa ta’ ħafna musulmani. B’dana kollu, kif jiġri kullimkien, ma naqsux ġrajjiet bil-maqlub ta’ dan.

Il-ġrajja l-iżjed drammatika sfat fil-lejl bejn is-27 u t-28 ta’ Ġunju 1997, bil-qtil bla raġuni u bi tradiment ta’ Sr Marcellina Tabone, minn wieħed pakistani, fid-dar ta’ Mirpurkhas. Ir-reliġjuża kienet tat ħajjitha kollha għall-Pakistan, fejn kienet waslet f’Mejju 1968, ftit xhur biss wara li temmet in-novizzjat[14].

Il-qtil krudil ikkawża f’kulħadd – sorijiet u nies – uġigħ u għaġeb kbir għaliex Sr Marcellina kienet maħbuba u miġjuba minn kulħadd. Ma’ dan kollu, din il-ġrajja drammatika ma naqsitx la l-ħidma tas-sorijiet u lanqas waqqfet id-dħul tal-vokazzjonijiet. Ma tistkantax mela kif ir-Reġjun[15] sar Provinċja, b’digriet tal-Madre ġenerali tat-8 ta’ Diċembru 2001[16], u msemmija b’raġuni tajba, għal Missierna San Franġisk, li kien jagħraf bħala “aħwa” anke l-musulmani u ried dejjem ikollu magħhom relazzjoni mibnija fuq ir-rispett u d-djalogu[17]. Il-Provinċja tal-Pakistan

---

[13] Jistħoqq li jitfakkar hawn li xi sorijiet Pakistani joffru s-servizz ġeneruż tagħhom f’entitajiet oħra tal-Kongregazzjoni.

[14] Iżjed tagħrif fuq ħajjitha huwa mogħti fl-aħħar kapitlu ta’ dan il-ktieb.

[15] Id-djar li hemm fil-Pakistan kienu saru Reġjun fis-26 ta’ Awwissu 1986 u bħala l-ewwel Superjura reġjonali kienet magħżula Sr Aurea Muscat. Qabel, minn Marzu 1980, kienu meqjusa bħala Delegazzjoni.

[16] Bħala l-ewwel Superjura provinċjali ġiet nominata Sr Esther Attard.

[17] Fil-kapitlu 16 tar-*Regola mhux bollata*, San Franġisk iwissi lill-aħwa li “jmorru qalb is-saraċini u infidili oħra” biex “ma jqajmux tilwim u lanqas joqogħdu jħaqquha, iżda għall-imħabba ta’ Alla, jbaxxu rashom għal kull setgħa tal-bnedmin u jistqarru li huma nsara”. U jżid jgħid: “Meta jaraw li jogħġob 'l Mulej, ixandru l-kelma t’Alla biex jemmnu f’Alla li jista’ kollox Missier, Iben u Spirtu s-Santu, il-Ħallieq ta’ kollox, u fl-Iben Feddej u Salvatur, u jitgħammdu u jsiru nsara”. Din l-imġieba missjunarja, li saħaq fuqha diġà l-Appostlu Pietru (1 Pt 3, 15: “Wieġbu bil-ħlewwa u bir-

għandha Statut proprju tagħha, approvat mis-Superjura ġenerali fil-21 ta' Novembru 2004.

Prova ta' kemm hi fuq tagħha l-Provinċja huma xi ħidmiet li hija daħlet għalihom f'dawn l-aħħar snin.

F'Ġunju 2004, is-sorijiet ta' Mirpurkhas ħadu f'idejhom l-amministrazzjoni u d-direzzjoni tal-isptar *Santa Tereża*, wara li l-Medical Missionary Sisters kienu ħallewh minħabba n-nuqqas ta' personal. Is-sorijiet imexxu wkoll l-iskola tal-infermieri li hemm miegħu, u li fiha jistudjaw madwar sittin studentessa f'kull kors, u wkoll id-dar fejn joqogħdu ħafna minnhom. Barra minn dan, huma jaqdu lill-anzjani u l-morda fid-djar.

Biss, il-ħidma l-iżjed ta' min ifaħħarha hija t-tifrix tal-Provinċja fil-Filippini bil-ftuħ, sa llum, ta' żewġt idjar. L-ewwel waħda, imsemmija *Dar il-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija*, kienet miftuħa fid-29 ta' Jannar 2003, f'Manila, f'Quezon City, bl-għan ewlieni li tieħu ħsieb tal-formazzjoni tal-juniores pakistani u tmexxi 'l quddiem l-animazzjoni vokazzjonali (li diġà bdiet tagħti l-frott tagħha). It-tieni waħda, imsejħa *Dar San Ġużepp*, infetħet f'Ġunju 2005 f'Baatan, fuq stedina ta' Mons. Socrates B. Villegas, biex taħdem fil-qasam tal-edukazzjoni: is-sorijiet imexxu l-iskola kattolika *Madre Margerita De Brincat*, li tilqa' tfal, subien u bniet, bla distinzjoni ta' fidi, razza jew kultura. Barra minn dan, fiż-żewġt idjar, is-sorijiet huma mdaħħlin sewwa fil-ħidma tal-parroċċa u jieħdu ħsieb il-morda u l-fqar tagħha.

Minn dan kollu jidher sew li l-preżenza bieżla tas-sorijiet f'dan il-pajjiż musulman bla qies u diffiċli, hija sintonizzata sewwa mal-ispirtu franġiskan – li jqis id-djalogu u l-promozzjoni tal-paċi bħala impenn speċjali tiegħu – u mal-kariżma tal-istess Kongregazzjoni, li mill-bidu nett tagħha ħadmet għall-promozzjoni tal-fqar. Il-ħidmiet pastorali tagħhom (katekiżmu, żjajjar lill-morda u lill-fidili mxerrda fl-irħula ...) u soċjali (skejjel, *homes,* sptarijiet, kliniċi ...) juru biċ-ċar dan l-ispirtu u

---

rispett lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom") tibqa' tiswa llum ukoll: Ara: Conferenza Episcopale Italiana, *Comunicare il Vangelo in un mondo che cambia* (29.06.2001), n. 58. Hija anke magħrufa l-ġrajja tal-laqgħa fis-sliem ta' San Franġisk mas-Sultan tal-Eġittu fl-1219. Ara: San Bonaventura, *Leggenda maggiore,* IX, 7s *(Fonti Francescane,* n. 1272). Għal iżjed fuq dan, ara: G. Basetti Sani, kelma: *Saraceni,* fid-*Dizionario Francescano,* Messaggero, Padova 1983, coll. 1647 – 1671.

din il-kariżma. Hija preżenza profetika li tixhed għall-Vanġelu b'mod li jitwemmen bl-eżempju tal-ħajja u bil-fatti tal-ħidma.

## IR-REĠJUNI

It-tibdil minn Delegazzjonijiet għar-Reġjuni sar mill-Kapitlu speċjali li kien imlaqqa' fis-sajf tal-1984 fl-Imsida (Malta) u ġie milqugħ mill-Kostituzzjonijiet ta' wara tal-1985 (art. 165 – 182) u dawk tal-2001 (art. 194 – 205).

Illum ir-Reġjuni huma tlieta: Etijopja/ Kenja, Brażil, Awstralja.

### 1. – Ir-Reġjun *Sagra Familja*
### Etijopja/Kenja

Il-preżenza tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fl-Afrika kellha bidu fl-issa mbiegħed 1927 bil-ftuħ ta' dar fil-belt ta' Sofi, fl-Etijopja. Din kienet l-ewwel dar barra l-kontinent Ewropew.

### a. Ħjiel ta' ġrajjiet

Fl-ewwel kapitlu ġie mfakkar li t-talba biex jintbagħtu xi sorijiet f'dan il-pajjiż afrikan imbiegħed kienet ġiet magħmula fl-1925, minn missjunarju Malti, il-kapuċċin P. Anġlu Mizzi, tal-provinċja ta' Tolosa. Madre Nazarena Gouder, dak iż-żmien Superjura Ġenerali, flimkien mal-Kunsill tagħha (li fih kellha sehem Madre Margerita), wara li ngħeleb il-qtigħ ta' qalb tal-bidu li kulħadd jista' jifhem, laqgħat il-proposta (diġà mħaddna bil-ħerqa mhux minn ftit sorijiet) billi tat l-opportunità li titwettaq ix-xewqa missjunarja tal-kariżma tal-Kongregazzjoni, minn dejjem imħaddna minnha u fi ħsibijietha[1].

Din il-preżenza missjunarja twila, li mis-sena 1989 twessgħet għall-Kenja li tmiss magħha, tant iżjed jixirqilha li tkun magħduda prezzjuża billi għal ħafna raġunijiet, ma kienet qatt waħda faċli u ħiemda.

---

[1] Kif diġa ġie mfakkar, referenza ċara għall-ftuħ missjunarju tal-Kongregazzjoni nsibuh diġà fl-ewwel kostituzzjonijiet tal-1886 – 1894. Min-naħa tagħha, Madre Margerita kienet diġà tħeġġeġ biex issir formazzjoni missjunarja. F'ittra tat-8 ta' Ġunju 1926 lil Sr Paċifika Xuereb, fost l-oħrajn tikteb: "Nifraħ li s-sorijiet iż-żgħar imxew sewwa 'l quddiem; jalla l-Mulej iżommhom fis-sempliċità tagħhom u jkabbarhom fl-imħabba tiegħu, biex ikunu denji jmorru fil-missjonijiet l-iżjed imbiegħda!" (Ara *Pier Giuseppe Pesce, ofm (ma' Sr Aniceta Briffa, fcj) Amiamo l'Amore. Lettere della Serva di Dio, Madre Margherita De Brincat, Cofondatrice della Congregazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù,* Roma 2001, lettera 88, p. 188.

L-Etijopja huwa pajjiż imlewwen fil-qasam soċjali minħabba l-għixien flimkien ta' ħafna ġnus (tigrini, dankali, sidama, suwed ...), ħafna reliġjonijiet (insara, l-iżjed kopti, musulmani, animisti ...)[2]. Barra minn hekk, fil-qasam politiku, huwa spiss mheżżeż minn ġlied bl-armi u minn taħwid ta' kull xorta: aħseb p. eż. fil-gwerra bejn l-Italja u l-Abissinja tas-snin 1935 – 1936 u fit-tieni gwerra dinjija tal-1940 – 1945, għal taqlib tat-tmexxija wara minn monarkija għal repubblika[3], għal mhux ta' darba, ġlied armat bejn l-Etijopja u s-Somalja ...

Anke l-Kenja huwa pajjiż mhux ta' laqta waħda, l-iżjed f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon: tisboq fuq l-oħrajn ir-reliġjon tat-tradizzjoni tal-post (animiżmu), waqt li l-insara u l-musulmani huma biss minoranza żgħira. Barra minn dan, m'ilux, ġara ħafna drabi taħwid fil-qasam politiku, li ma ħalla xejn la qagħda soda u lanqas qiegħa ħiemda.

Dan ix-xenarju kif inhu, anke jekk kemm kemm biss tkellimna fuqu, jgħin biex inħarsu u nifhmu aħjar il-ġrajjiet mgħixa – l-iżjed fl-ewwel għexieren ta' snin – mis-sorijiet f'din l-art imtertqa tal-Afrika.

L-ewwel ħames sorijiet missjunarji telqu lejn l-Etijopja (darba magħrufa wkoll bl-isem ta' Abissinja) f'Ottubru 1927[4]. Wara vjaġġ mimli avventuri, waslu Sofi fis-6 ta' Novembru f'*Dar Marija Assunta,* l-ewwel destinazzjoni tagħhom. Hawn malajr meddew rashom għax-xogħol[5]: fetħu orfanatrofju u skola u taw ruħhom ukoll għat-tagħlim tal-katekiżmu.

F'medda ta' ftit snin, bil-wasla ta' sorijiet oħra minn Malta, ġew miftuħa tlitt idjar oħra: f'Diċembru 1928, id-dar *Madonna ta' Pompei* f'Ġiġika, biex jgħinu lill-missjunarji kapuċċini maltin fil-ħidma pastorali, skolastika u soċjali tagħhom; f'Diċembru 1930, id-*Dar San Ġużepp* f'Dire Dawa, fejn infetħet skola li fiha l-akbar għadd ta' tfal kienu taljani; f'Novembru 1931, id-*Dar Wiċċ Imqaddes*, f'Gursum,

---

[2] Il-"falascia", ta' fidi lhudija, ġew mibgħutin Iżrael bejn is-snin 1984 – 1991.
[3] L-imperatur xiħ Haile Selassie kien imneħħi fil-21 ta' Marzu 1975 f'kolp ta' stat tal-kulunell Menghistu Haile Mariam, li waqqaf dittatura feroċi ta' għamla marxista-leninista li ntemmet f'Mejju 1991.
[4] Il-grupp kien ta' ħames sorijiet: Sr Rosa Agius, Sr Aurelia Frendo, Sr Redenta Xerri, Sr Virginia Xuereb, Sr Massimiljana Micallef.
[5] Fl-arkivju ġenerali tal-Kongregazzjoni jinżammu "tifkiriet" miktubin bl-idejn li fihom is-sorijiet pijunieri fil-kontinent tal-Afrika jgħarrfu fuq il-vjaġġ avventuruż u l-ewwel ġrajjiet apostoliċi tagħhom.

fejn is-sorijeit kienu jieħdu ħsieb is-seminarju, orfanatrofju u skola żgħira, barra mit-tagħlim tal-katekiżmu.

Dan it-trabbigħ bil-mod il-mod ħa l-għeruq f'dawn l-imkejjen magħqud ma' ħidma apostolika għammiela, li kien diġà qiegħed jagħti l-frott tiegħu, kien biss għal ħafna drabi mxekkel minn ġrajjiet koroh u ta' niket.

Epidemija ta' deni tat-tifojde ħasdet tliet ħajjiet żgħażagħ qalb is-sorijiet: fl-1929 mietu f'Sofi Sr Rosa Agius (superjura tal-komunità) u Sr Marjanna De Brincat (neputija ta' Madre Margerita); fl-1931 f'Dire Dawa mietet Sr Celeste Mejlaq.

Barra minn hekk, il-gwerra bejn l-Italja u l-Abissinja tal-1935-1936 messet ħafna s-sorijiet. Fost il-bqija, kellhom jiġu magħluqa id-djar ta' Ġiġika u Dire Dawa. Iżda l-inkwiet ma ntemmx hawn. It-tieni gwerra dinjija, ħarxa u twila kif kienet anke fl-Afrika, laqtet sewwa s-sorijiet franġiskani u ma ntemmitx mingħajr weġġħat: fl-1942 il-komunità ta' Gursum kellha ssib kenn f'Sofi; iżda f'Marzu 1944 Sofi wkoll kellha titħalla u s-sorijiet kellhom jitilqu lejn Ħarar f'dar afdata taħt il-kenn ta' San Ġużepp[6].

F'din il-belt is-sorijiet kienu waslu diġà fl-1939, fejn malajr bdew jieħdu ħsieb l-orfni u ntefgħu bil-ħeġġa kollha fil-ħidma pastorali. Is-sena ta' wara fetħu skola żgħira, li laqgħu fid-dar mhux kbira tagħhom. Fl-1963 l-imperatur Haile Selassie, li kellu dar f'dik il-belt u kien jaf sewwa lis-sorijiet, tahom biċċa art biex fuqha jibnu dar ġdida għalihom u skola akbar u iżjed komda għat-tfal. Il-bini skolastiku l-ġdid, imsejjaħ *Bethlehem School*, ġie miftuħ b'ċerimonja solenni mill-istess imperatur fil-5 ta' Lulju 1966.

Qabel dan, fil-5 ta' Ottubru 1957, kienet ġiet miftuħa fil-belt kapitali tal-pajjiż, Addis Abeba, id-Dar *Madonna tas-Sokkors Perpetwu.* Fil-bidu, s-sorijiet ħadmu ma' reliġjuża etijopika, Sr Marie Joseph Tassemma, fit-tmexxija ta' orfanatrofju żgħir; ftit wara fetħu wkoll skola materna żgħira. Is-sena ta' wara, bil-għajnuna tan-Nunzju Apostoliku, fetħu skola primarja; wara, ma' din, kibret ukoll oħra

[6] Żewġ sorijiet taljani (Sr Bianca Caloni u Sr Tranquillina Brunetti) ġew magħluqin f'kamp ta' konċentrament u wara kellhom jitilqu mill-pajjiż.

sekondarja. Billi l-għadd ta' studenti baqa' jikber, fl-1971, inbniet binja skolastika oħra iżjed kbira u komda.

Fid-9 ta' Settembu 1982, is-sorijiet waslu wkoll f'Debre Zeit, daqs 50 kilometru bogħod minn Addis Abeba, fejn fetħu l-iskola *Anġli Kustodji.* Hawnhekk ukoll, fl-1993, inħass il-bżonn li tinbena skola oħra, ikbar u iżjed komda.

**b. Il-qagħda llum**

Fl-10 ta' Awwissu 1985, it-tliet komunitajiet tal-Etijopja[7] (Addis Abeba, Harar u Debre Zeit) ġew magħmulin Reġjun: l-ewwel Superjura reġjonali kienet Sr Lutgarda Camilleri. Ftit qabel, fit-13 ta' Jannar tal-istess sena, f'Addis Abeba ġiet miftuħa dar għal formazzjoni biex tilqa' ż-żgħażagħ etijopiċi li kienu jitolbu li jsiru reliġjużi fil-Kongregazzjoni: matul is-snin ħafna kienu l-vokazzjonijiet minkejja li mhux iż-żgħażagħ kollha pperseveraw.

Fl-1989 laqgħu l-istedina tal-missjunarji kapuċċini Maltin li jagħtu s-sehem tagħhom fil-Kenja, fejt fetħu d-*Dar San Ġużepp*, f'Wajir, fit-tramuntana-lvant tal-pajjiż. Dmir tagħhom kien li jgħinu l-missjunarji f'diversi ħidmiet: b'mod partikulari, fiċ-ċentru tar-riabilitazzjoni tat-tfal b'handicap, fil-kliniċi u fil-programm tat-tqassim tal-ikel. B'xorti ħażina, fis-7 ta' Awwissu 1998, grupp ta' rivoluzzjonarji musulmani daħlu fil-knisja u fid-dar tal-missjunarji filwaqt li pprofanaw il-knisja u qerdu kollox.

F'Mejju 1999, is-Superjura ġenerali, Madre Bertilla Bartolo żaret il-komunità ta' Wajir, imsieħba mis-Superjura reġjonali Madre Josepha Gauci. Wara li għarrfet lill-isqof malti tad-djoċesi ta' Garissa, Mons Pawlu Darmanin ofm Kap fuq il-qagħda mwiegħra mhux mingħajr tiġrib għas-sorijiet f'dik il-missjoni, ħasbet li tiġbidhom barra minnha.

Fl-istess żmien, f'Lulju 1993, kienet ġiet miftuħa f'Nairobi, belt kapitali tal-Kenja, id-Dar *Santa Kjara*. Is-sena ta' wara, inbeda l-bini tan-novizzjat il-ġdid *Qalb Qaddisa ta' Ġesù,* minflok id-dar tal-formazzjoni tal-bidu li diġà kien hemm f'Addis Abeba. In-novizzjat ġie miftuħ f'Settembru 1994. In-novizzi u l-postulanti, barra

[7] Fl-1971 is-sorijiet kienu reġgħu lura f'Ġiġika; iżda kienet mawra qasira: fl-1977, minħabba l-gwerra bejn l-Etijopja u s-Somalja, ħallew għal kollox dak il-post.

mill-formazzjoni nterna, imorru l-iskola inter-kongregazzjonali u jistgħu ukoll jagħmlu esperjenzi pastorali prezzjużi.

Dejjem fil-Kenja, fuq stedina tal-missjunarji tal-Consolata, f'Novembru 1996, is-sorijiet bdew il-qadi tagħhom pastorali fil-parroċċa ta' Witima, fit-tramuntana-punent tal-pajjiż. Hawn jieħdu ħsieb ta' ħafna ħidmiet pastorali, bħal żjajjar lill-morda u lix-xjuħ tal-parroċċa. Waħda mis-sorijiet taħdem *full-time* fil-katekeżi u tgħaqqad it-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel parrokkjali. Illum, is-sorijiet imexxu f'Witima skola materna u oħra elementari li jagħmlu ħaġa waħda mal-parroċċa. Fil-Ħdud, is-sorijiet huma mpenjati wkoll fil-katekiżmu u f'li jieħdu ħsieb l-għaqdiet tan-nisa. Waħda mis-sorijiet għandha f'idejha klinika żgħira fl-istess pajjiż.

F'Marzu 2002, is-sede reġjonali ttieħdet minn Addis Abeba għal Nairobi, f'*Dar Santa Kjara*: Superjura reġjonali ġiet magħżula Sr Josepha Gauci. Minħabba l-bogħod u d-differenza kulturali bejn iż-żewġ pajjiżi, għall-Etijopja ġiet magħżula delegata tas-Superjura reġjonali Sr Lutgarda Camilleri. Ir-Reġjun għandu l-Istatut tiegħu, approvati mill-Kunsill ġenerali fid-9 ta' April 2007.

Fit-12 ta' Novembru 2007, fil-Kenja, f'Kangari, djoċesi ta' Muranga, ġiet miftuħa dar oħra msemmija għal *Marija Immakulata*. Din id-dar hija maħsuba bl-għan ewlieni li tilqa' l-aspiranti għall-formazzjoni; iżda s-sorijiet jaħdmu ħafna wkoll fil-qasam tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-pastorali tal-parroċċa.

Fost il-ħafna ħidmiet li s-sorijiet daħlu għalihom illum b'ħeġġa ta' min ifaħħarha f'dan ir-Reġjun bla qies li jiġbor żewġ pajjiżi (l-Etijopja u l-Kenja), jistħoqqilhom ikunu msemmija dik edukattiva u dik assistenzjali.

Il-ħidma edukattiva ssib il-qasam tagħha ewlieni fl-iskola. Dawk l-iżjed ħajjin u kollhom merti huma l-iskejjel *Betlehem* ta' Ħarar, *Kidane Meheret* ta' Addis Abeba u *Guardian Angel* ta' Debre Zeit. Huma skejjel li jaqdu tfal bniet u subien mill-iskola materna sal-iskola sekondarja: f'Ħarar l-istudenti huma madwar 800; f'Addis Abeba huma 'l fuq minn 1100; f'Debre Zeit iżjed minn 850. Kollha mgħammrin b'riżorsi moderni, għandhom personal kwalifikat (fil-biċċa l-kbira

sekulari) u joffru lill-istudenti ħafna servizzi extra-kurrikulari: sportivi, artistiċi, kulturali ...

Il-kura assistenzjali, li tingħata f'kull Dar, hija fl-aqwa tagħha l-iżjed f'żewġ ċentri moqdija mill-komunitajiet ta' Addis Abeba u ta' Nairobi.

Fl-1996, wara l-mewt ta' Sr Marie Joseph Tassemma, fuq talba tal-Kardinal Paulos Tsadua, is-sorijiet ta' Addis Abeba ħadu f'idejhom għal kollox it-tmexxija tal-Orfanatrofju *Kidane Meheret.* Bil-għajnuna ekonomika li waslet minn bosta mkejjen, u wara li ntegħleb mhux ftit xkiel burokratiku, ħasbu biex jagħtu lill-orfni dar iżjed kbira u komda: ix-xogħol mibdi fl-1999 intemm f'Settembru 2001. It-tfal subien u bniet jgħoddu 150 u huma moqdija bi mħabba sa ma jkollhom 16-il sena. Lilhom tingħata kull għamla ta' għajnuna u edukazzjoni neċessarja għall-ħajja.

Il-komunità ta' Nairobi, sa mill-1993, tieħu ħsieb iċ-ċentru għat-tfal żgħar *San Franġisk t'Assisi* tal-parroċċa ta' Gatina, post magħkus ħafna, fir-raħal ta' Kawangware. In-nies huma mill-iżjed fqar; ħafna tfal anqas ġenituri ma għandhom u jgħixu man-nanniet jew fit-toroq u maħkumin b'ħafna mard minħabba nuqqas ta' ndafa u ta' ikel. Is-sorijiet jagħtu lil dawn it-tfal bniet u subien diversi servizzi: jgħallmuhom jaqraw u jiktbu, iħejjulhom ikla sħuna, jgħinu lill-ħandikappati fiżikament u mentalment biex jagħmluha mal-oħrajn, jgħallmu l-ħjata u r-rakkmu lit-tfajliet, ixettlu f'qalbhom il-prinċipji morali u jqawwulhom qalbhom biex jaħdmu ħalli jibnu ġejjieni aħjar ...

Huwa b'sentiment ta' stagħġib kbir li ntemmu dan it-tagħrif qasir fuq il-preżenza mxekkla iżda kuraġġjuża tas-sorijiet fl-art tal-Afrika, fejn il-Kongregazzjoni setgħet għall-ewwel darba tagħti xhieda tal-kariżma missjunarja tagħha. Ix-xewqa tagħna hi li fil-ġejjieni huma jkollhom kuntest soċjo-politiku iżjed paċifiku u li jaqbel mal-ħidma evanġelizzatriċi u umanitarja tagħhom u li jistgħu jifirxuha dejjem iżjed. Sinjal li din ix-xewqa tista' titwettaq u li jagħmel il-qalb, huma diġà l-ħafna żgħażagħ li, l-iżjed fil-Kenja, jħaddnu l-ħajja reliġjuża fil-Kongregazzjoni.

## 2. – IR-REĠJUN *SANTA KJARA*
## BRAŻIL

Fl-1952, il-Kongregazzjoni daħlet missjunarja fil-Brażil, l-akbar pajjiż bl-akbar popolazzjoni tal-Amerka Latina, bil-ftuħ tad-*Dar Qalb Qaddisa ta' Ġesù* f' Jaguapitã, fl-istat ta' nofsinhar tal-Paranà[8].

### a. Ħjiel ta' ġrajjiet

Fost il-ħafna problemi li jimmarkaw sewwa r-rejaltà mhux sempliċi tal-Brażil, tnejn minnhom jistħoqqilhom ikunu iżjed magħrufa: dik reliġjuża u dik soċjali.
Għall-ħarsa statistika, l-Brażil joħroġ bħala pajjiż fil-biċċa l-kbira tiegħu Kattoliku; iżda, l-iżjed fiċ-ċentri ż-żgħar, jonqsu spiss formazzjoni reliġjuża soda u kura reliġjuża dejjiema, li jħallu konsegwenzi gravi f'dik li hija fidi u morali. Barra minn hekk, hija dejjem iżjed mifruxa u bla heda l-ħidma ta' dawk il-ħafna setet reliġjużi li qed jirnexxilhom idawru lejhom anke ħafna kattoliċi[9]. Fil-qasam soċjali, tisboq fuq kollha l-problema tat-tqassim ġust tal-għana kbir tal-pajjiż bejn il-popolazzjoni; biżżejjed wieħed jaħseb fil-ħafna *favelas*, imxerrdin ma' kullimkien barra l-bliet il-kbar, li fihom eluf ta' foqra ifittxu biex jgħixu kif jistgħu[10].

**a)** F'ambjent ta' din ix-xorta, fit-trabbigħ bil-mod il-mod ta' għeruq apostoliċi tal-Kongregazzjoni fin-nofsinhar tal-pajjiż, is-sorijiet sabu l-qasam idejali ta' ħidmiethom: it-tixrid tal-Vanġelu u l-promozzjoni tal-bniedem.
It-talba biex ikollu sorijiet f'Jaguapitã kienet ġiet magħmula minn Mons Geraldu Proença, isqof tad-djoċesi ta' Jacarezinho diġà fil-1950, u l-aċċettazzjoni tagħha kienet imħeġġa minn Madre Margerita li kienet għada ħajja. L-ewwel ħames missjunarji[11] laħqu l-post fit-13 ta' Diċembru 1952.

---

[8] Mil-lat kostituzzjonali, l-Brażil huwa repubblika federali, magħmula minn għaqda ta' 26 stat.
[9] Fil-qasam tal-Knisja, ġara li f'dawn is-snin kien hemm ideat teoloġiċi mhux dejjem ekwilibrati u proposti pastorali mhux dejjem f'lokhom. Biżżejjed insemmu l-hekk imsejħa Teoloġija tal-Liberazzjoni, li l-iżjed minħabba xi formulazzjonijiet tagħha, wasslet għal diversi twissijiet min-naħa tas-Santa Sede. Ara: AA.VV., *Libertà cristiana e liberazione. Saggi sui documenti della Congregazione per la dottrina della fede,* Libreria Vaticana, 1986.
[10] Mill-aspett soċjali, barra minn dan, qiegħed isir problema nkwetanti ta' emerġenza , il-qerda industrijali qawwija u bla taqta' tas-siġar tal-foresta tal-Amażonja, bl-effetti negattivi tagħha (barra li fuq l-ekwilibriju ġejofiżiku) fuq il-ħajja tal-indjos li jgħammru hemm.
[11] Fil-grupp kien hemm: Madre Dorotea Brincat, Sr Brigida Nepa, Sr Concetta Zerafa, Sr Anacleta Sciortino, Sr Martiniana Borg.

Il-laqgħa min-naħa tal-kappillan, p. Guido Cagnoni (tal-PIME), tal-mexxejja ċivili u tan-nies kollha, kienet tassew mill-qalb u ferħana. Bil-maqlub, id-dar fejn kellhom joqogħdu uriet is-sinjali tal-faqar franġiskan: kienet tal-injam, bi ftit kmamar żgħar, mingħajr ilma ġieri u dawl elettriku ... Iżda s-sorijiet ma qatgħux qalbhom: bdew jgħixu fid-dar kif setgħu, jistudjaw malajr l-ilsien portugiż u bdew mingħajr dewmien ħidmiethom fil-qadi tal-parroċċa ta' *San Ġużepp.*

Ta' ħafna xorti kienu l-oqsma fejn bdew jaħdmu: katekiżmu lil 200 tifel u tifla u lill-kbar; kura tal-oratorju fil-festi, u tal-*Figlie di Maria* ... Fi Frar 1953, bdew is-servizz tagħhom fl-iskola tal-Parroċċa *Divina Provvidenza*, skola materna u elementari b'130 tifel u tifla[12]. Fl-istess żmien, kienu ħasbu biex itejbu d-dar tagħhom. Il-ħidma tagħhom, imfaħħra minn kulħadd, tkompli sal-lum[13].

Minħabba l-frott sabiħ mogħti mill-ħidma tagħhom, is-sorijiet ġew mitluba wkoll mill-missjunarju taljan Carlo Bonetta, kappillan ta' Rolandia, belt fil-qrib ta' Jaguapitã. Fis-16 ta' Frar 1957 ħames sorijiet minn Malta waslu Rolandia, fejn bdew joqogħdu mhux għal kollox fid-dar tal-Parroċċa.

Ftit wara inbena l-*Kulleġġ Sant'Antnin*, u għalhekk is-sorijiet marru joqogħdu fih u bdew imexxu l-iskola, li llum għandha studenti mill-klassi elementari sal-maturità tal-istitut xjentifiku. Infetaħ ukoll novizzjat, li ta lill-Kongregazzjoni għadd sabiħ ta' vokazzjonijiet: is-sorijiet żgħażagħ brażiljani, iffurmati sewwa kemm spiritwalment u kemm kulturalment, taw ruħhom sewwa ħafna għall-ħidma apostolika mal-aħwa sorijiet.

Fil-Brażil għadu mifrux sewwa l-fenomenu tal-hekk imsejħa *meninos (o creanza) de rua:* it-tfal tat-triq. Dawn huma tfal subien u bniet mitluqin għalihom infushom għax ġejjin minn familji foqra jew imkissrin jew huma ulied ta' tfajliet ommijiet.

---

[12] Illum l-iskola, bi klassijiet li jieħdu minn dik materna sat-tmien klassi, tiġbor fiha mat-300 tifel u tifla.

[13] Tagħrif fuq din id-dar u djar oħra insibuh fil-ktejjeb mafkar mitbugħ fl-2002: *Revista commemorativa dos 50 anos da Congregação das Irmãs Franciscanas do Coração de Jesus no Brasil.* Ara wkoll il-ktejjeb maħruġ mill-patrijiet agostinjani li llum għandhom f'idejhom il-parroċċa, *Revista commemorativa dos 50 anos da Paròquia São Josè de Jaguatitã*

Biex itejbu dil-qagħda u jgħinu t-tfajliet ommijiet, twaqqfu kullimkien ħafna *creche:* djar li jiġbru dawn it-tfal subien u bniet bi nhar waqt li jingħataw għajnuna, edukazzjoni u formazzjoni soċjali u kulturali biex fil-ġejjieni jkunu jistgħu jsibu posthom kif jixraq fis-soċjetà.

Is-sorijiet taw ruħhom sew bil-qalb fil-għajnuna f'dawn l-istituzzjonijiet soċjali u ħadu wkoll dmirijiet ta' tmexxija għaliex jagħtuhom is-setgħa mhux biss li jagħtu lit-tfal formazzjoni reliġjuża u umana, iżda wkoll li jilħqu l-ġenituri u l-qraba tagħhom.

L-ewwel żewġ *creche* li fihom daħlu għax-xogħol kienu jinsabu f'Rolandia: minn Ġunju 1961 huma jaħdmu fil-*Creche San Ġużepp*, fejn jgħinu b'xejn lid-Dami tal-Karità, u fejn illum jieħdu ħsieb mal-130 tifel u tifla. Fi żmien wara, sas-sena 2001, f'dal- *creche* twaqqfet komunità fissa bi tliet jew erba' sorijiet; bħalissa tul il-jum tagħmel servizz soru li, filgħaxija terġa' tidħol fil-komunità tal-Kulleġġ *Sant'Antnin*. Minn April 1971, barra minn dan, is-sorijiet bdew jaqdu wkoll fil-*Creche Madonna tal-Aparizzjoni*, f'Villa Oliveira, f'Rolandia. Sal-2001, anke s-soru li kienet tmexxi din il-*creche* kienet waħda mill-komunità tal-*Kulleġġ Sant'Antnin*; fi żmien wara twaqqfet hemm komunità ta' tliet sorijiet. Illum madwar 200 tifel u tifla huma mħarsa mis-sorijiet li jieħdu ħsieb ukoll il-ħajja pastorali tal-familji tagħhom.

Fi żmien wara s-sorijiet laqgħu li jaħdmu wkoll f'żewġ *creche* oħra. F'Mejju 1972 bdew jaqdu fil-*Creche Walter Gigueiredo* fil-belt ta' Presidente Prudente, li tinsab qrib l-istat ta' San Paolo, bit-tħaddin tat-tmexxija tiegħu: illum huma mal-200 it-tfal moqdija minnhom. F'Ottubru 1978 ġiet afdata f'idejn is-sorijiet it-tmexxija tal-*Creche Anjo de Guarda* fil-belt ta' Umuarama, fl-istat tal-Paraná[14].

**b)** Intant, il-ħidma tas-sorijiet infirxet fi mkejjen oħra, minkejja li mhux dejjem baqgħu hemm fit-tul.

---

[14] F'din il-belt is-sorijiet jgħinu wkoll b'għaqal u bżulija fil-ħidma pastorali fid-diversi oqsma tagħha.

F'April 1962 ġiet miftuħa dar f'San Martino, raħal li jinsab bejn Jaguapitá u Rolandia. Ħaddmu skola preparatorja u elementari (b'iżjed minn 50 tifel u tifla) u daħlu b'ħeġġa u bżulija fil-ħidma pastorali tal-parroċċa, li kellha minnhom benefiċċju kbir. Minħabba ħafna twegħir li waqa' fuqhom, l-iżjed dak ekonomiku (li għamel il-qagħda waħda li ma tistax tgħixha: is-sorijiet ma kellhom ebda dħul u kienu ta' toqol għall-karità tan-nies), id-dar ġiet magħluqa fl-14 ta' Marzu 1983.

Dejjem fl-1962, is-sorijiet bdew il-qadi tagħhom f'orfanatrofju femminili bit-tmexxija tiegħu (*Lar Santa Filomena)* fil-belt ta' Presidente Prudente. F'dan l-istitut li kien jiddependi mill-*Lions Club* tal-istess belt, kienu jassistu taħt kull aspett u sat-18-il sena tagħhom, madwar 80 tfajla. Barra minn hekk, kienu jgħinu fil-katekiżmu tal-parroċċa waqt li kienu jieħdu ħsieb l-għaqdiet tal-parroċċa. Minħabba n-nuqqas ta' personal, id-dar ġiet magħluqa f'Jannar tal-1996.

F'Marzu 1965, fuq talba tal-kappillan qassis malti Frank Tabone, is-sorijiet marru fil-belt ta' Sabaudia, qrib Rolandia. Il-ħidma tagħhom ewlenija kienet it-tmexxija tal-iskola materna tal-parroċċa. Sfortunatament, wara biss sena, il-kappillan inbidel u minfloku ġie ieħor li kien jaħsibha mod ieħor fuq il-metodi pastorali. L-imġieba tiegħu wasslet għal nuqqas ta' qbil mas-sorijiet li f'Diċembru 1966 ħallew il-belt ta' Sabaudia.

Saħansitra iqsar kienet il-mawra tas-sorijiet fil-belt ta' Primeiro de Maio, fl-istat tal-Paraná, fejn kellhom skola materna ta' iżjed minn 60 tifel u tifla u kienu jieħdu ħsieb ukoll il-pastorali tal-parroċċa. Id-dar kienet miftuħa fi Frar 1967, bi prospettivi tajbin. Sfortunatament, minħabba l-kriżi li laqtithom li diġà fakkarnieha fil-kapitlu tal-bidu u li wasslet għal ħafna tnaqqis ta' personal[15], is-sorijiet ġew imsejħin lura f'Diċembru tal-istess sena.

Fi Frar 1976, is-sorijiet bdew jagħtu l-għajnuna tagħhom fl-orfanatrofju *Loar Rotary,* immexxi mir-Rotarjani, fil-belt ta' Umuarama, fl-istat tal-Paranà. Barra

[15] Din il-kriżi qamet lill-Kongregazzjoni t-telfa ta' iżjed minn għoxrin soru.

milli hawnhekk kienu jieħdu ħsieb anke spiritwali[16] tat-tfal subien u bniet (madwar 80) u tal-qraba tagħhom, is-sorijiet kienu bieżla sew fil-pastorali parrokkjali u vokazzjonali. Minħabba problemi minn barra, din il-ħidma prezzjuża u mfaħħra minn kulħadd intemmet fid-29 ta' Jannar 1997.

Fit-13 ta' Frar 1999, fuq talba tal-kappillan, il-kapuċċin Sergio De Ebreu, is-sorijiet bdew jaħdmu fil-parroċċa *Santissima Trindade* fil-belt ta' Florianopolis, fl-istat ta' nofsinhar ta' Santa Katerina. Dmirhom ewlieni kien li jkunu ħolqa bejn il-ħidmiet fil-qasam soċjali u edukativ tal-parroċċa. Kollox kien miexi sewwa sal-2006, meta l-kappillan il-ġdid (li kellu metodi pastorali oħra tiegħu) ma riedx li s-sorijiet ikomplu jagħmlu dmirhom. U fuq hekk, f'Diċembru ta' dik is-sena, s-sorijiet ħallew Florianopolis.

Fl-istess waqt, kienu ġew miftuħin żewġt idjar oħra. Fi Frar 1996 fil-belt ta' Presidente Prudente ġiet miftuħa d-*Dar Maria Immacolata* bl-għan li s-sorijiet jgħinu fil-ħidma pastorali tal-parroċċi ta' *Nossa Senhora Aparecida* u *Nossa Senhora do Carmo*: is-sorijiet imbagħad ħallew dal-post f'Jannar 2000 minħabba nuqqas ta' personal. Fl-istess żmien, f'Jannar 2000, is-sorijiet laqgħu t-talba li jmorru jgħinu fit-tmexxija ta' *Casa Sao Josè,* fil-belt ta' Campo Largo, fl-istat tal-Paranà: dan huwa istitut filantropiku mibdi mis-sinjura Agnes Franzi fejn u biex jiġu mħarsa t-tfal fqar u mitluqin għalihom infushom. Ix-xogħol kien tant jeħdilhom ħinhom kollu li ma kienx iħallilhom dak neċessarju għall-ħajja tat-talb u tal-komunità. Meta s-sinjura Franzi ma tathomx garanzija li se tnaqqas kif inhu xieraq ix-xogħol, il-Kongregazzjoni ħalliet Campo Largo f'Marzu 2001.

### b. Il-qagħda llum

Fil-bidu, l-preżenza tal-Kongregazzjoni fil-Brażil kienet miġbura fi tliet stati qrib xulxin, fin-nofsinhar tal-pajjiż: Paraná, San Paolo u Santa Caterina; m'ilux, din il-preżenza infirxet ukoll fit-tramuntana ta' Rondonia. Il-qasam tal-ħidma tas-sorijiet huwa ta' ħafna suriet, iżda huma ppreferuti dawk li l-iżjed jaqblu mal-kariżma

[16] Ħidma ewlenija kienet il-preparazzjoni għal magħmudija ta' ħafna tfal li kienu għadhom mhux mgħammdin u dik għall-ewwel tqarbina u l-griżma tagħhom. Ta' spiss kienu wkoll il-laqgħat għall-formazzjoni tal-qraba tat-tfal.

tagħhom: il-formazzjoni umana u kristjana taż-żgħażagħ (b'mod partikulari dawk soċjalment l-iżjed fil-bżonn), l-għajnuna lill-familji tagħhom u l-ħafna għamliet ta' għajnuna fil-pastorali tal-parroċċi.

Matul is-snin, għal ħafna raġunijiet, xi djar (kif diġà għedna) ġew magħluqa; iżda fl-istess waqt, oħrajn ġew ukoll miftuħa. Illum, is-sorijiet qegħdin jgħixu f'ħamest ibliet, mqassmin f'seba' komunitajiet. Xi wħud minnhom diġa nafuhom: *Casa Sacro Cuore di Ġesù* f'Jaguapitã, *Collegio Sant'Antonio* f'Rolandia, *Creche Walter Figueirego* fi Presidente Prudente, *Creche Anjo de Guarda* f'Umuarama. Wara żdiedu wkoll oħrajn.

F'Diċembru 1984, ġiet miftuħa f'Curitiba, belt kapitali tal-Paraná, id-dar *San Francesco* magħrufa iżjed bħala *Casa do Centenario.* Ġiet magħżula bħala dar provviżorja ta' formazzjoni għall-postolanti u n-novizzi, filwaqt (dejjem f'Curitiba) li kien qiegħed jinbena n-novizzjat *Nossa Senhora Aparecida*, ħdejn *Casa Madre Margherita,* miftuħa imbagħad fl-1986 fiż-żona ta' Bocqueirao. In-novizzjat il-ġdid ġie miftuħ uffiċjalment f'Marzu 1987: illum huwa dar tal-formazzjoni għall-postolanti, novizzi u juniores. Id-dar *San Francesco al Centenario* baqgħet isservi bħala dar fejn jiġu milqugħa żgħażagħ li qegħdin ifittxu l-vokazzjoni tagħhom, iżda wara ġiet magħluqa għal kollox f'Diċembru 1999.

Fil-5 ta' Marzu 1997, bil-laqgħa tat-talba tal-kappillan tal-parroċċa *Divino Espirito Santo* dun Pietru Fenech, is-sorijiet fetħu l-*Casa Santa Teresina e San Francesco* fil-belt ta' San Paolo, kapitali tal-istat li jġib dan l-istess isem. Il-ħidma ewlenija tagħhom, li qiegħda tagħti frott tajjeb, hija l-assistenza materjali u spiritwali tal-foqra li huma ħafna anke fil-qalba ta' dik il-metropoli għanja bil-bosta: is-sorijiet jieħdu ħsieb sewwa l-pastorali familjari u ż-żjajjar fil-familji, kif ukoll il-formazzjoni umana u nisranija taż-żgħażagħ.

F'Jannar 1998, fil-belt ta' Umuarama ġiet miftuħa dar oħra bl-għan ewlieni li taqdi l-pastorali vokazzjonali u tilqa' t-tfajliet li jixtiequ jiskopru l-vokazzjoni tagħhom.

Is-sena ta' wara, meta għalaq il-kuntratt tal-kera tad-dar, il-komunità marret f'dik li llum hija *Dar il-Porziunkola*[17] .

Fis-17 ta' Frar 2008, l-aħħar waħda fiż-żmien, infetħet dar *Sao Francisco* f'Nova Mamorè, fl-istat tramuntani ta' Rondonia. Is-sorijiet jissieħbu mal-kappillan f'ħafna ħidmiet pastorali: evanġelizzazzjoni u katekeżi, tħejjija għas-sagramenti, qima liturġika ...

B'digriet tas-Superjura ġenerali, fit-2 ta' Marzu 1985, il-komunitajiet tal-Brażil saru Reġjun, imsemmi għal Santa Kjara. Bħala Superjura reġjonali ġiet magħżula Sr Esther Attard. Fil-bidu bħala sede reġjonali intgħażlet id-dar *Centenario* f'Curitiba; fil-1986 din inbidlet ma' dar żgħira f'Boqueirao, fil-qrib tad-dar tal-formazzjoni *Madre Margerita.* Żmien qabel, minn Diċembru 1967 u għal raġunijiet li rajna fil-kapitlu tal-bidu, kienet ġiet imwaqqfa d-Delegazzjoni tal-Brażil[18], l-ewwel waħda tal-Kongregazzjoni. Ir-Reġjun għandu l-Istatut tiegħu, approvat għal kollox, fit-8 ta' Diċembru 2007, mill-Kunsill ġenerali.

Is-sede reġjonali hija llum ċentru ta' laqgħat u ta' formazzjoni għas-sorijiet kollha tar-Reġjun: hemm isiru l-irtiri tas-sena, il-laqgħat spiritwali, l-jiem ta' studju, hemm jiltaqgħu l-aħwa għal kull xorta ta' għanijiet.

Ħajja hija t-tama li l-enerġija maħruqa b'tant ħeġġa u bla heda fil-pastorali vokazzjonali tkompli tagħti l-frott tajjeb tagħha[19], b'mod illi 'l tant mistħoqqa u bieżla preżenza tas-sorijiet tista' dejjem iżjed tniżżel għeruqha u tikber b'risq dawk li l-iżjed jeħtiġuha, dejjem kbar fil-għadd ma' kullimkien.

---

[17] Is-sorijiet jaqdu wkoll kemm fil-pastorali (fi ħdan il-parroċċa) kif ukoll fis-soċjal (fl-isptar tal-post).

[18] Fit-30 ta' Diċembru 1967, il-Kunsill ġenerali għażel bħala Superjura delegata lil Sr Brigida Nepa "għal żmien indefinit, jiġifieri sakemm il-Madre ġenerali tal-lum u dik li tiġi warajha, ma taħsibx iġġeddidha jew tagħżel persuna oħra f'lokha". Sr Brigida qdiet sa Diċembru 1982. Ħadet postha Sr Filomena Zammit, li però mietet f'inċident tat-traffiku fil-31 ta' Marzu 1983.

[19] Is-sorijiet brażiljani li sal-lum daħlu u baqgħu fil-Kongregazzjoni huma mat-tmenin.

## 3. – IR-REĠJUN *QALB QADDISA*
## AWSTRALJA

Bid-dħul tas-sorijiet franġiskani fl-Awstralja għandna t-tielet u l-aħħar mument tat-tifrix bla mistenni u wiesa' sewwa tal-Kongregazzjoni fi tliet kontinenti li sar matul l-għaxar snin 1950 – 1960: fl-1952 fil-Brażil; fl-1953, fil-Pakistan; fl-1954 fl-Awstralja.

### a. Ħjiel fuq il-ġrajjiet

L-Awstralja huwa pajjiż li għadu jiġbed lejh u jilqa' ħafna emigranti minħabba li għadu jista' jiżviluppa ħafna. Fost l-emigrati qatt ma naqsu u għadhom ma jonqsux sa issa dawk minn Malta.

Kif diġà nafu, l-għan tal-bidu li ġiegħel lis-Superjura ġenerali ta' dak iż-żmien, Madre Luisa Busuttil u l-Kunsill tagħha li jilqgħu t-talba li għamel fl-1953 Mons Mikiel Gonzi, arċisqof ta' Malta (bi ftehim mal-isqof tad-djoċesi awstraljana ta' Rockhampton), li jibgħat f'dak il-kontinent imbiegħed xi sorijiet maltin, kien proprju dak li jieħdu ħsieb il-ħidma pastorali ta' ħuthom il-maltin.

Naturalment, kif wieħed seta' jissoponi li se jiġri, mal-mixja taż-żmien, il-qasam tal-ħajja u ta' ħidma tagħhom kompla jinfirex anke f'imkejjen oħra fejn daħlu għal qadi ieħor ta' ħafna għamliet (edukativ, tas-saħħa, pastorali)[20].

Fis-6 ta' Ġunju, l-ewwel sitt sorijiet waslu Mackay[21], fl-istat fit-tramuntana-lvant ta' Queensland[22], djoċesi ta' Northampton, u bdew jaħdmu hemm f'Settembru ta' wara. Dmirhom ewlieni kien (u għadu) li jaqdu, wkoll billi jmexxu Dar ġdida tal-anzjani (il-biċċa l-kbira tagħhom maltin) *San Vinċenz de Paoli*. Fl-1997, meta ġiet imġedda u mkabbra, d-dar biddlet isimha f'dik ta' San Franġisk t'Assisi. Illum tilqa'

---

[20] Tagħrif fuq is-sorijiet u l-ħidma tagħhom fl-Awstralja nsibuh fil-ktejjeb mafkar: *Franciscan Sisters of the Heart of Jesus celebrating the Golden Jubilee 1954 – 2004. History of the Region of Australia "Sacred Heart"*, Adelaide 2004.

[21] Il-grupp kien magħmul minn: Sr Amelia Bajada, Sr Vianney Vella, Sr Alfreda Grasso, Sr Clarenza Vella, Sr Ubaldina Formosa, Sr Vittorina Vella.

[22] L-Awstralja wkoll huwa stat konfederali fil-Commonwealth Ingliż, magħmul minn sitt stati.

madwar 140 persuna, wħud minnhom bi problemi kbar tal-moħħ: uħud minnhom jgħammru fil-*Hostel* (guest house) u oħrajn fin-*Nursing Home* (dar tal-anzjani).

Fuq stedina tal-franġiskan minuri konventwali malti Victor Bonello, kappillan tal-parroċċa l-ġdida *San Franġisk t'Assisi* f'Warrawong (djoċesi ta' Wollongong, fl-istat ta' New South Wales), is-sorijiet laqgħu li jiftħu u jmexxu l-iskola parrokkjali ta' dik il-belt. Marru hemm f'Novembru 1959 u l-iskola infetħet fi Frar 1960. Minħabba l-għadd dejjem ikbar tal-istudenti (kemm fl-iskola materna kif ukoll f'dik primarja), il-bini ġie mkabbar fl-1963. Għar-rieda soda u ġeneruża tas-sorijiet, l-iskola tat b'mod siewi dak li kellha tagħti għall-formazzjoni umana u nisranija ta' tant tfal, b'mod speċjali ta' dawk ġejjin minn familji l-iżjed foqra. Barra minn f'din il-ħidma edukativa, s-sorijiet taw sehemhom ukoll f'dik pastorali tal-parroċċa.

Fuq talba tal-arċisqof ta' Adelaide, f'Jannar 1992 is-sorijiet daħlu f'Medindie, fin-nofsinhar tal-Awstralja, biex jieħdu ħsieb pastoralment l-għadd kbir ta' maltin li joqogħdu hemmhekk. Baqgħu hemm sa Jannar 1988.

Dejjem fuq talba tal-arċisqof ta' Adelaide, f'Settembru 1971, is-sorijiet ħadu f'idejhom is-servizz f'*St Raphael's Home,* fil-belt ta' Fullarton, fl-istat tal-Awstralja tan-nofsinhar. F'Ottubru 1987, il-*Home* ttieħdet f'Lockleys, f'bini ġdid u iżjed komdu, mibni mis-sorijiet ħdejn id-dar tagħhom.

F'Jannar 1978, fuq talba tal-isqof ta' Wollongong, is-sorijiet ħadu t-tmexxija tal-iskola *Saint Patrick*[23] fil-belt b'port importanti ta' Port Kembla, fejn dejjem hemm jgħixu emigranti f'għadd kbir (maltin ukoll). Ma' dan l-impenn, żiedu wkoll servizzi oħra bħat-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel tal-istat u l-għajnuna pastorali u tal-karità fil-parroċċa.

### b. Il-qagħda llum

Fi Frar 1981, il-komunitajiet tal-Awstralja saru Delegazzjoni u Sr Oliva Spiteri kienet ġiet magħżula bħala Delegata. Fit-2 ta' Frar 1985, id-Delegazzjoni saret

[23] Daħlu minflok is-Sorijiet ta' San Ġużepp.

Reġjun imsemmi għal *Qalb Qaddisa* u bħala l-ewwel Superjura reġjonali ġiet magħżula Sr Ottavia Monsigneur. Fid-19 ta’ Jannar 2006 il-Kunsill Ġenerali approva għal kollox l-Istatuti proprji ta’ dan ir-Reġjun.

Għall-bidu d-Dar *San Gużepp* ta’ Port Kembla kienet ġiet magħżula bħala sede tar-Reġjun. Fil-21 ta’ Jannar 1992 din ġiet mibdula ma’ dar ġdida f’Lockleys. F’din id-dar, barra minn laqgħat reġjonali, isiru wkoll kull tant żmien, jiem ta’ rtir spiritwali u ħidmiet oħra ta’ formazzjoni; barra minn hekk, is-sorijiet isibu dejjem fiha ambjent li jilqagħhom anke għal xi żmien ta’ mistrieħ mistħoqq.

Illum[24] is-sorijiet huma mqassma f’erba’ mkejjen: f’Mackay, *Our Lady of Victories Convent;* f’Warrawong, *Our Lady of Fatima Convent;* f’Lockleys *Sacred Heart Regional House* u *St Raphael Home*; f’Port Kembla *Saint Joseph Convent.*

Is-sorijiet mhumiex ħafna (ftit aktar minn 20), iżda huma mogħtija b’ruħhom u ġisimhom kollha mhux f’qasam apostoliku wieħed: kura tal-anzjani fil-*Homes*, edukazzjoni taż-żgħażagħ fl-iskejjel[25], għajnuna pastorali fil-parroċċi. Ħidmiethom hija miżmuma fuq l-idejn kemm mill-kleru kif ukoll min-nies kollha.

Tama qawwija ta’ kulħadd hija dik li din il-preżenza tant bieżla u mfaħħra twarrad fil-post xi vokazzjoni għall-Kongregazzjoni, għal iżjed tkabbir tal-ħidma fl-assistenza, fl-edukazzjoni u fil-pastorali tal-parroċċi.

---

[24] Fl-imgħoddi s-sorijiet qdew għal ftit snin fid-djar tal-isqfijiet ta’ Rockhampton (minn Mejju 1956 sa April 1999), ta’ Wollongong (minn Frar 1961 sa Frar 2011) u ta’ Medindie (minn Jannar 1962 sa Jannar 1987).

[25] Jingħata wkoll it-tagħlim tal-ilsien malti liż-żgħażagħ ta’ nisel malti li joqogħdu hemm.

## ID-DJAR LI JIDDEPENDU
## MILL-KURJA ĠENERALI

Għal ħafna żmien il-Kongregazzjoni żammet struttura ġuridika ċentralizzata: wkoll jekk kienet imxerrda sewwa f'ħames kontinenti (Ewropa, Afrika, Amerika latina, Asja, Awstralja), id-djar kollha kienu jiddependu direttament mis-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha.

Kif diġà għidna qabel, il-proċess bil-qajla lejn deċentralizazzjoni u dejjem iżjed taqsim għadda minn dawn il-mumenti. Fil-Kapitlu ġenerali tal-1969 kien ġie deċiż it-twaqqif tad-delegazzjonijiet u s-sena ta' wara kienu ġew imwaqqfa erbgħa: l-Awstralja, il-Brażil[1], Etijopja u Pakistan. Fil-Kapitlu ġenerali tal-1984, kien ġie deċiż it-twaqqif tar-Reġjuni flok id-Delegazzjonijiet[2]. Fil-Kapitlu ġenerali tas-sena 2000 ġie deċiż ukoll, mar-Reġjuni, it-twaqqif tal-Provinċji.

Mela llum il-Kongregazzjoni għandha din l-istruttura: żewġ Provinċji (Malta u Pakistan), tliet Reġjuni (Awstralja, Brażil, Etijopja/Kenja) u djar dipendenti mill-Gvern ġenerali.

Tul il-mixja taż-żmien, għal ħafna raġunijiet, ħafna kienu d-djar miftuħa ftit kullimkien, iżda mhux ftit kienu ukoll dawk magħluqa. Diġà fakkarna, fil-kapitli ta' qabel, it-tiswir ta'din il-qagħda fil-pajjiżi li llum saru Provinċji jew Reġjuni u f'pajjiżi oħra, kemm fl-Ewropa (Pariġi u Poplar, Londra) kemm l-Amerika (San Francisco u Union City, California).

Meta niġu għas-sitwazzjoni tal-lum, id-djar li jiddependu mill-Kurja ġenerali jinsabu l-Italja, Korfù u Ġerusalemm.

---

[1] Għar-rauġunijiet li diġà nafu, id-djar tal-Brażil kienu saru Delegazzjoni f'Diċembru 1967.

[2] Ġew mibdula f'Reġjuni l-erba' Delegazzjonijiet li kienu diġà jeżistu: l-Awstralja, il-Brażil, l-Etijopja/Kenja, il-Pakistan.

# 1. – L-ITALJA

Il-Kongregazzjoni, li diġà fl-1907 kienet ħarġet barra x-xtut Maltin bil-ftuħ ta' dar fil-gżira ta' Korfù (Greċja), infirxet ukoll fl-Italja sa mill-1922. Fl-ewwel kapitlu tfakkar il-ftuħ tal-ewwel tlitt idjar: tnejn fi Sqallija (Troina u Regalbuto) fl-1922, u waħda Ruma fl-1927. Ma' dawn żdiedet ir-raba' waħda: Dar *Maria Santissima delle Purità* miftuħa f'Misterbianco (Catania, Sqallija) fis-26 ta' Settembru 1927.

Bil-mod il-mod djar oħra żdiedu sa mill-ewwel snin wara t-tmiem tat-tieni gwerra dinjija 1940 – 45, u b'hekk il-Kongregazzjoni ħadet il-ħajja f'diversi reġjuni taljani (mill-Emilia Romagna sa Sqallija).

## a. Ħjiel ta' storja

Qabel nitkellmu minn iżjed tifrix, jixraq ngħidu kelma fuq id-djar li kienu nfetħu qabel.

a) Fid-dar *Maria Addolorata* ta' Troina, bil-maqlub ta' dak li ġara f'Regalbuto[3], is-sorijiet niżżlu għeruq fil-fond u sodi, dejjem miġjubin mill-imħabba u l-istima li sa mill-bidu[4] in-nies kollha uriethom: sinjal ta' dan huma wkoll dawk il-mhux ftit tfajliet tal-post li ħaddnu l-ħajja reliġjuża fil-Kongregazzjoni.

Kien il-kapuċċin P. Domenico minn Troina, president tal-kummissjoni amministrativa, li resaq lejn is-sorijiet; dan kellu l-ħsieb li jbiddel istitut qadim magħluq f'orfanatrofju għall-bniet. Is-sorijiet kienu waslu fil-post fil-għaxija tal-10 ta' Marzu 1922. Il-ħames sorijiet tal-komunità bdew malajr ilestu dak li kien meħtieġ biex jagħtu ħajja lill-orfanatrofju żgħir li ġie afdat f'idejhom.

---

[3] F'Regalbuto, għar-raġunijiet li fakkarna fil-kapitlu tal-bidu, l-mawra tas-sorijiet kienet qasira ħafna: infatti, ntemmet f'Settembru 1924.

[4] Eku tal-laqgħa b'festa magħmula lis-sorijiet insibuh f'ittra li Madre Margerita (li kienet Troina bħala Superjura ġenerali) kitbet lid-direttur spiritwali tagħha Mons Antonio Galea, fit-22 ta' April 1922. Ara: P. G. Pesce ofm (bil-għajnuna ta' Sr Aniceta Briffa, fcj), *Amiamo l'Amore. Lettere della Serva di Dio, Madre Margherita De Brincat, Cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù* (1862-1952), Roma 2001, ittra 18, p. 78.

Il-ħidma tagħhom ewlenija kienet dejjem dik li jieħdu ħsieb mhux biss li jilqgħu, jassistu u jmantnu t-tfajliet orfni u fil-bżonn, iżda wkoll dik tal-formazzjoni tagħhom umana, morali u nisranija. Il-bini, li kien imġarrab ħafna matul it-tieni gwerra dinjija, ġie mġedded f'wieħed iżjed komdu u ġiet imwaqqfa fih ukoll taqsima ta' skola materna. Fl-istess ħin, twaqqfet hemm anke skola ta' rakkmu, ħjata u mużika għat-tfajliet esterni[5].

Il- ħidma intensiva edukattiva ma fixklitx lis-sorijiet milli jidħlu wkoll f'dik pastorali: tqarbin lill-morda, żjajjar lill-morda u lil dawk anzjani u weħidhom, kura ta' kull ħtieġa liturġika anke dik tal-ħami tal-ostji lil parroċċi diversi ...

B'għali u niket ta' kulħadd, is-sorijiet kellhom iħallu Troina fit-22 ta' Settembru 1994, minħabba nuqqas ta' personal.

It-tielet dar fi Sqallija kienet ġiet miftuħa f'Misterbianco, ċentru kbir ftit 'il-bogħod minn Catania. L-istedina biex tittieħed it-tmexxija ta' Kulleġġ li minn ħafna qabel qeda ta' edukandat u kindergarten, ġiet minn Mons G. Battista Puleo, li kien imexxi l-kummissjoni amministrativa. Id-dar *Maria Santissima della Purità* ġiet miftuħa fis-26 ta' Settembru 1927 u s-sorijiet tawha bil-ħeġġa kollha għax-xogħol li mas-snin dejjem iżjed żdied; xogħol apprezzat minn kulħadd u li ta ħafna frott mill-aħjar, minkejja li l-ambjent soċjali tal-post huwa kif kulħadd jaf, maħkum sewwa mill-ħajja ħażina organizzata.

Fl-ewwel snin, il-ħidma soċjo-edukativa kienet mifruxa fuq tliet oqsma: a. Tagħlim għat-tfajliet li kellhom ix-xewqa li jtemmu l-edukazzjoni u l-kultura personali billi jiffrekwentaw korsijiet mogħtijin mis-sorijiet ta' ilsna moderni (Ingliż u Franċiż), ta' disinn, ta' rakkmu u ta' mużika; b. tagħlim miftuħ ukoll għal dawk it-tfajliet li, wara li jkunu temmew l-istudji tagħhom, kellhom ix-xewqa li jiffrekwentaw il-korsijiet lingwistiċi msemmija, mogħtijin mis-sorijiet; ċ. Kindergarten. Fl-1933 bdew jorganizzaw ukoll it-tagħlim "wara l-ħin" b'xejn għat-tfajliet foqra.

---

[5] Għal xi snin qeda wkoll ta' Aspirandat għaż-żgħażagħ li kienu jixtieqi jidħlu fil-Kongregazzjoni.

Fi żmien wara, taqsima tal-bini qdiet bħala orfanatrofju bla ħlas għat-tfal bniet fi ħtieġa ta' għajnuna. Wara t-tieni gwerra dinjija 1940 – 45, l-edukandat ingħalaq biex jinħoloq iżjed post għall-orfanatrofju, li ġie mbiddel fl-*Istituto Educativo Assistenziale;* dak li wassal biex jiġi milqugħ u mgħejjun għadd akbar ta' tfal orfni u foqra.

F'April 1978, fit-tmiem ta' kwestjoni twila u mħabbla fuq il-proprjetà tal-*Kulleġġ* (li sadattant kien imġedded ħafna drabi), is-sorijiet saru uffiċjalment u bi dritt is-sidien tiegħu. Dan wassal biex tkabbret iżjed il-ħidma tagħhom bi qbil mat-tibdil tas-sitwazzjoni u l-bżonn taż-żmien: l-Istitut edukativ-assistenzjali (b'xi mitt tifel u tifla bejn interni u semi-interni), skola materna u elementari (bi 'l fuq minn 300 tifel u tifla esterna); l-iskola tal-ilsna moderni, l-iskola tal-mużika ...

Ma' din il-ħidma soċjo-edukativa, is-sorijiet qatt ma naqsu li jagħtu wkoll il-għajnuna tagħhom pastorali fiż-żewġ parroċċi tal-post: katekiżmu lit-tfal, animazzjoni nisranija taż-żgħażagħ u tal-għaqdiet ekkleżjali, il-promozzjoni vokazzjonali, l-impenn fil-volontarjat ...

Ta' iżjed importanza kien id-dħul tas-sorijiet ġewwa Ruma, il-belt eterna u ċentru tal-kristjaneżmu, bil-ftuħ tad-dar *Cristo Re* fil-21 ta' Mejju 1927, fil-kwartier Appio Metronio, żona fl-aqwa żvilupp tagħha qrib San Ġwann Lateran.

Is-sorijiet ġejjin minn Malta[6] bdew malajr jaħdmu billi laqgħu grupp ta' orfni fdati lilhom mill-O.N.M.I. (Opera Nazionale Maternità e Infanzia), fetħu skola tat-trabi, l-ewwel klassijiet elementari u laboratorju għat-tfajliet. B'xorti ħażina, faqqgħet marda serja li tittieħed (l-iskarlatina) fost it-tfal li ġabet tħabbil u uġigħ tar-ras, u wkoll problemi serji mal-awtorità tas-saħħa.

Wara li għaddiet dil-ġrajja kerha mhux mistennija (mgħixa mis-sorijiet bħala prova minn Alla), ħidmiethom reġgħet bdiet b'impenn ġdid u aktar żvilupp: ġew kompluti l-klassijiet elementari, ġie miżjud in-numru ta' tfal orfni jew foqra

---

[6] Fil-bidu fil-Komunità kien hemm erba' sorijiet: wara xi xahar żdiedu tliet oħra. Wara, kif wieħed jista' jifhem, il-komunità kompliet tiżdied fil-għadd.

milqugħa (li laħqu wkoll l-għadd ta' 130), ġie mwaqqaf edukandat għat-tfal subien żgħar, kien jingħata tagħlim tal-mużika u tal-Ingliż ... Fl-istess ħin tkabbret l-għajnuna pastorali fil-parroċċa: katekiżmu lit-tfal, assistenza tal-*Figlie di Maria*, żjajjar lill-morda, għajnuna lill-foqra .. Barra minn dan, fl-1932, id-dar saret ukoll post għall-formazzjoni (bil-ftuħ tan-novizzjat) taż-żgħażagħ li riedu jħaddnu l-ħajja reliġjuża fil-Kongregazzjoni[7].

F'din il-ħeġġa ta' bosta ħidmiet, din l-ewwel dar malajr uriet ruħha kemmxejn żgħira. Għalhekk, sa mill-1931, minn żmien għal żmien, saru xogħolijiet ta' tiġdid u wkoll ta' tkabbir - fost l-oħrajn ta' binja ġdida u li tesa' iżjed.

Matul il-gwerra dinjija 1940 – 45, is-sorijiet bil-ġenerożità kollha fetħu d-dar biex fiha jilqgħu u jgħinu persuni fit-tiġrib, fost l-oħrajn xi suldati ngliżi u l-familji Lhud.

Fl-1952, fl-għeluq il-25 sena mill-wasla tas-sorijiet f'Ruma, ġie mitbugħ ktejjeb biex ikunu magħrufa u mfakkra, anke b'ritratti, l-ħafna ħidmiet tas-sorijiet matul dawk is-snin[8] . Fl-istess sena, s-sorijiet laqgħu t-talba li jieħdu ħsieb nisa anzjani li l-kappillan kien ġabar f'Dar maġenb id-dar tagħhom. Fl-istess ħin, għażlu li jibdew jilqgħu fraternament il-pellegrini (l-iżjed maltin) li dejjem iżjed f'għadd kbir kienu jmorru Ruma.

**b)** Fl-1967 ġie meħud l-ex seminarju tad-djoċesi ta' Palestrina, f'San Bartolomeo (Komun ta' Cave), u mbiddel f'kolonja għas-sajf għat-tfal taljani u maltin, assistiti mis-sorijiet.

Qabel dan, kien ġie meħud bini f'Santa Maria delle Mole (Komun ta' Marino), affiljat mal-komunità ta' Ruma, bil-għan li jilqa' l-iżgħar orfni. Id-Dar *Cuor Immacolato di Maria* , miftuħa fis-6 ta' Jannar 1947, ġiet imġedda u mkabbra iżjed minn darba biex tkun tista' taqdi iżjed u aħjar. Mill-1969, il-komunità saret awtonoma u l-ħidma ewlenija tagħha, wara li ntemmet l-esperjenza tal-orfanatrofju, kienet dik tat-tmexxija ta' skola materna numeruża u apprezzata.

[7] Id-dar tal-formazzjoni, magħluqa fi żmien il-gwerra (1940 – 1945), ġiet imbagħad miftuħa mill-ġdid fl-1951.
[8] *L'Istituto delle Suore Francescane di Malta in Roma: 1927 – 1952,* Roma 1952.

F'Settembru 1948, is-sorijiet laqgħu t-talba li jservu wkoll f'Ascoli Piceno (Marche) fl-Istitut għat-tfal subien *Cantalamessa Pacifici.* Id-dmir mitlub minnhom kien dak li jieħdu ħsieb il-kċina u l-ħasil tal-ħwejjeġ. Baqgħu hemm, fid-dar *Serafico Padre Francesco*, sa Ġunju 1967, meta ħallew il-post.

F'dawn l-għoxrin sena (1948 – 1967) żdied bil-bosta l-ftuħ ta' djar f'reġjuni diversi tal-peninsula taljana.

Fi Sqallija nfetħu erbat idjar ġodda, tlieta minnhom f'Catania: f'Ġunju 1952 ġiet miftuħa *Casa Sant'Agata* biex jiġu milqugħa u mgħejjuna Maltin li kienu jiġu f'dil-belt għal żjajjar u kura medika[9]; fl-1957 ħadu t-tmexxija u l-assistenza tal-klinika tal-Professur Musumeci bil-ftuħ tal-*Casa Madonna della Salute;* f'Novembru 1967, is-sorijiet ħadu t-tmexxija tal-klinika ta' Dr Schillaci, fejn baqgħu sal-mewt tiegħu[10]. Fuq talba tal-kappillan, f'Lulju 1959 ġiet miftuħa *Casa San Giovanni Battista* fi Sperlinga (Enna) biex tinbeda skola materna u laboratorju għat-tfajliet (skola tal-ħjata, rakkmu ...) Dawn id-djar, barra mill-ewwel waħda, kienu mbagħad magħluqin fi żminijiet diversi[11] għall-istess raġuni: in-numru dejjem jonqos tal-personal meħtieġ.

F'dan l-istess żmien, il-Kongregazzjoni nfirxet ukoll fil-Puglia b'żewġ komunitajiet. Fit-22 ta' Lulju 1953, fuq stedina tal-Prokuratur Ġenerali tal-Patrijiet Minuri, ġiet miftuħa *Casa Sant'Antonio* f'Valenzano (Bari): is-sorijiet ġew imsejħa biex jgħinu fil-ħidma pastorali mal-patrijiet u biex imexxu skola materna u laboratorju[12]. Fid-29 ta' Settembru ta' wara, dejjem fuq talba tal-Patrijiet Minuri, ġiet miftuħa f'Bari *Casa Maria Assunta*, b'ħidma li tixbah lil dik ta' Valenzano; iżda ġiet imbagħad magħluqa f'Settembru 1972.

---

[9] Ġiet miftuħa wkoll skola materna b'madwar 70 tifel u tifla.
[10] Dejjem f'Catania, iżda wara (f'Diċembru 1980), is-sorijiet bdew iservu wkoll fil-klinika *Mater Dei* tat-tabib Russo, fejn baqgħu sal-2003.
[11] Id-dar fil-klinika Schillaci ġiet magħluqa f'Ġunju 1969; dik fil-klinika Musumeci f'Settembru 1985; dik ta' Sperlinga f'Lulju 1998.
[12] Għal madwar sena, is-sorijiet mexxew ukoll orfanatrofju femminili żgħir.

Post ieħor fejn is-sorijiet kienu mitluba ħafna huwa dak fil-Provinċja ta' Ferrara (Emilia-Romagna), fejn fi snin diversi ġew miftuħa sitt idjar. *Casa Maria delle Grazie* f'Porto Garibaldi u *Casa San Giuseppe* f'Pomposa, ġew miftuħin fl-1959 biex jagħtu servizz f'Istitut tal-E.N.A.O.L.I.; l-erbat idjar l-oħra: *Santa Maria Goretti* f'San Giovanni d'Ostellato, *Santa Maria delle Grazie* f'Monticelli, *Sant'Agnese* f'Pontegradella, *Mater mea fiducia mea* f'Bosco Mesola, ġew miftuħa bejn is-snin 1963 – 1982, biex is-sorijiet jgħinu f'diversi oqsma tal-pastorali parrokkjali. Minn dawn id-djar, tlieta biss għadhom miftuħa (San Giovanni d'Ostellato, Monticelli, Pontegradella); l-oħrajn ġew magħluqa minħabba n-nuqqas ta' personal bejn is-snin 1972 – 2003.

It-tifrix dejjem akbar tal-għeruq tal-Kongregazzjoni fuq art taljana baqa' jsir wkoll f'imkejjen oħra. Fi Frar 1957 ġiet miftuħa f'Napli *Casa Madonna di Pompei* għas-servizz f'Istitut tal-E.N.A.O.L.I., li intelqet f'Ġunju 1973. Fil-provinċja ta' Terni (Umbria) ġew miftuħa żewġt idjar: f'Marzu 1961, *Casa San Giuseppe* f'Macchie d'Amelia, għas-servizz ta' Dar għall-Anzjani; f'Ottubru 1967, *Casa Sacro Cuore di Gesù,* f'Montecampano, biex titmexxa Kindergarten u tingħata id fil-ħidma pastorali, fejn is-sorijiet baqgħu sa Ġunju tal-1986. Fil-Provinċja ta' Ruma, fil-1966, ġew miftuħa żewġt idjar oħra: *Casa San Michele* f'Velletri għas-servizz fis-Seminarju tal-Isqof[13]; *Casa Madonna di Fatima* f'San Vittorino Romano, għas-servizz fis-Seminarju tal-Oblati ta' Marija Verġni, fejn is-sorijiet baqgħu sa Mejju 1984.

**b. Il-qagħda llum**

Dan il-ħjiel fuq il-ġrajjiet ifakkarna kif matul is-snin, fl-Italja wkoll bħal f'pajjiżi oħra, l-Kongregazzjoni ħadet firxa kbira f'sensiela bla taqta' ta' ftuħ u għeluq ta' djar.

**a)** Dan il-fatt quddiem għajnejn kulħadd huwa sinjal min-naħa waħda tal-istima kbira murija lejn is-sorijiet u, fl-istess ħin, tad-disponibilità bla qies tagħhom għall-

---

[13] Kellha tkun preżenza qasira ħafna għax is-sorijiet ġew imsejħa lura f'Novembru tal-istess sena.

qadi; min-naħa l-oħra, huwa wkoll sinjal tal-ħafna xkiel li kellhom jiltaqgħu miegħu u li mhux dejjem għamel faċli l-mawra tagħhom fil-post. Fost il-kawżi li xekklu, l-iżjed fl-aħħar żminijiet, irridu ngħoddu dik tat-tnaqqis ta' vokazzjonijiet ġodda, u minħabba dan, l-età medja għolja tas-sorijiet.

Din il-qagħda tfiehem ukoll fatt kbir ieħor. Fit-2 ta' Ġunju 2001, solennità liturġika tal-Qalb Qaddisa, l-Italja saret reġjun: *Regione Cristo Re*[14]. Iżda r-Reġjun kellu ħajja qasira: b'digriet tas-Superjura ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2006, ġie mħassar u l-komunitajiet li kienu jagħmlu parti minnu reġgħu saru djar direttament dipendenti mis-Superjura ġenerali u l-Kunsill tagħha. U dan minħabba n-numru dejjem jonqos ta' sorijiet[15]: fl-2001 kien għadhom 'l fuq minn 60; illum huma ftit iżjed minn 40, ta' nazzjonalità diversa u mhux ftit minnhom anzjani fl-età.

Illum fl-Italja, l-Kongregazzjoni għad għandha għaxart idjar: Ruma, Misterbianco, S. Maria delle Mole, Catania (S. Agata), Valenzano, Macchie d'Amelia, S. Giovanni d'Ostellato, Monticelli, Pontegradella, Palestrina – Cave.

B'dana kollu, huwa tassew kbir u ta' min ifaħħru l-impenn fil-ħafna servizzi li s-sorijiet qegħdin jagħtu kull fejn għadhom preżenti. Mingħajr ma nidħlu f'irqaqat, nistgħu nagħtu ħarsa ġenerali fuq il-qagħda llum.

Fil-qasam tal-edukazzjoni, huma mħaddma nistgħu ngħidu kullimkien l-iskejjel materni mmexxija mis-sorijiet. F'Misterbianco, barra minn hekk, hija dejjem ħajja l-iskola elementari, b'madwar 150 tifel u tifla[16]. Hija mgħammra bir-riżorsi moderni biex tilħaq twieġeb kif jeħtieġ għal kull bżonn ta' tagħlim u formazzjoni: awla multimedjali, gym imsaqqaf, librerija ... Fil-2004 akkwistat l-għarfien tal-parità skolastika: barra minn hekk, hija Ċentru għall-Eżamijiet tal-ilsien Ingliż tat-*Trinity College* ta' Londra.

---

[14] Id-Dar ta' Korfù, Greċja kienet magħduda mar-Reġjun taljan, iżda mhux dik ta' Santa Maria delle Mole.

[15] Infatti, l-għeluq tal-aħħar żewġt idjar fl-Italja, dik ta' Bosco Mesola u l-oħra f'Catania tal-Klinika *Mater Dei*, ġara proprju f'dawn is-snin.

[16] Fl-1996 ġiet miftuħa ħdejn il-pajjiż, l-*Oasi Madre Margherita:* l-għan tagħha huwa dak li joffri lis-sorijiet, lill-istudenti u ex-studenti, lil-lajċi u gruppi, li jgħixu jiem ta' talb u anke ta' qsim flimkien ta' fraternità ferħana.

F’xi djar tiżboq il-ħidma tal-assistenza f’ħafna oqsma: anzjani (Macchie d’Amelia), żgħażagħ bniet studenti (Catania Sant’Agata), turisti u pellegrini (Ruma). Hija ħidma li tagħti okkażżjoni lis-sorijiet li jiffurmaw u jevanġelizzaw lil dawk li huma jkunu qegħdin jilqgħu u jaqdu.

Ta’ min jiftakar is-sehem kbir u prezzjuż tas-sorijiet fil-qasam pastorali, l-iżjed f’dak tal-parroċċa fejn huma jinsabu: katekiżmu, animazzjoni liturġika, animazzjoni taż-żgħażagħ u vokazzjonali, żjajjar lill-anzjani u lill-morda, ministeru straordinarju tal-Ewkaristija, assistenza lill-gruppi ekkleżjali ...

Ta’ min jagħraf ukoll l-impenn imġedded u mifrux sewwa tat-tferrix u t-tmexxija tal-gruppi tal-għaqda tal-“Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù”, li kullimkien qiegħed jagħti frott tajjeb: anke jekk l-istruttura hija mġedda (kif iridu l-Istatuti ġodda), l-ispirtu jibqa’ dejjem dak tal-bidu.

**b)** F’dan l-isfond wiesa’, hemm ġrajjiet partikulari li jixirqilhom ikunu mfakkra aħjar. F’Settembru 2001, id-Dar ġeneralizja ġiet meħuda mill-Imsida (Malta) għal Santa Maria delle Mole (Marino, Ruma), f’dar mibnija apposta maġenb dik li kien hemm diġà. Id-dar taqdi wkoll bħala sede tal-Kongregazzjoni għall-formazzjoni tal-bidu.

Id-dar ta’ Ruma ġiet mogħtija struttura mġedda ħafna biex tilqa’ l-ħtiġijiet ġodda ta’ ġewwa u tal-ħidma partikulari tal-post. Fil-2004 ingħalqet l-iskola elementari, filwaqt li baqgħet titħaddem l-iskola materna; ma’ din żdied kindergarten li jħaddem lis-sorijiet *full-time.* L-imkejjen tad-dar ġew maħsuba biex jilqgħu infermerija komda biżżejjed għal sorijiet anzjani u morda. Fl-istess ħin, il-komunità tilqa’ ‘il-juniores minn pajjiżi diversi, li f’Ruma jsibu ambjent tajjeb għall-istudji teoloġiċi u professjonali.

Ukoll meta mess lilha, d-dar f’San Bartolomeo (Palestrina, Cave), ġiet imġedda mill-qiegħ, b’żieda ta’ bini ġdid, biex tkun tista’ titħaddem kif jixraq bħala *Ċentru ta’ spiritwalità* għas-sorijiet u għal persuni oħrajn li jixtiequ.

Hija dejjem ħajja t-tama li x-xhieda franġiskana u evanġelika, li bil-ħajja u bil-ħafna qadi tagħhom is-sorijiet joffru lil dawk kollha li jersqu lejhom, taqla' mingħand il-Mulej- bħalma ġara fl-imgħoddi – d-don provvidenzjali ta' vokazzjonijiet ġodda.

## 2. –KORFÙ

Barra mill-Italja, d-djar li llum jiddependu mill-Gvern ġenerali, huma tnejn biss: waħda fil-gżira griega ta' Korfù u l-oħra fil-belt imqaddsa ta' Ġerusalemm, Iżrael.

Fil-belt ta' Ġerusalemm, is-sorijiet, kif fakkarna fl-ewwel kapitlu, ilhom mill-1980 jaqdu f'oqsma diversi (infermerija, kċina ...) mal-aħwa Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, fil-kunvent ta' San Salvatore.

Hija ta' min ifaħħarha l-preżenza tas-sorijiet fil-gżira griega ta' Korfù, l-ewwel waħda barra mill-gżejjer maltin.

### a. Ħjiel ta' storja

Fl-2007, is-sorijiet iċċelebraw bil-ferħ kollu l-ewwel mitt sena ta' din il-preżenza bieżla u mimlija ġieħ fil-qadi (l-iżjed fil-bidu tagħha) tal-emigranti maltin, anke bil-ħruġ ta' ktieb b'żewġ ilsna – grieg u ingliż – għani b'aħbarijiet u b'ħafna dokumenti[17].

It-tluq ta' maltin bdiewa u artiġjani lejn Korfù beda lura fiż-żmien: iżda ħa qawwa akbar mill-1815 meta kemm Malta u kemm Korfù waqgħu taħt il-"Kuruna Ingliża"[18].

Dawn l-emigranti, bil-maqlub ta' dak li bir-raġun kollu stennew, sabuha iebsa biex jadattaw ruħhom għal ħafna raġunijiet, fosthom dik ta' ilsien barrani, tal-mod kif jaħsbuha, tat-tradizzjonijiet ... Iżda l-qagħda l-iżjed li ħassbithom kienet dik reliġjuża, minħabba n-nuqqas ta' saċerdoti li kien hemm biex jieħdu ħsiebhom:

---

[17] Spiros P. Gauci, *To Kronikò ton Maltezon Kalograion sten Kerkura – The Chronicle of the Maltese Sisters in Corfù,* Kerkura – Korfù, 2007. Diġa fis-snin '30 tas-seklu l-ieħor kien ħareġ ktejjeb-mafkar: A.S.G., *Le Suore Francescane di Malta a Corfù,* bla data.

[18] Il-gżira ta' Korfù ġiet imbagħad imgħaqqda mas-saltna tal-Greċja fl-1864.

fuq hekk, il-kattoliċi maltin sabu ruħhom qishom mitluqin għalihom infushom għal kollox, f'post fejn kienu (u għadhom) numerużi ħafna l-insara ortodossi.

B'talba ħerqana tal-arċisqof ta' Korfù Mons Teodoro Antonio Polito, l-Arċisqof ta' Malta Mons Pietru Pace bagħat xi saċerdoti fil-gżira. Iżda nħasset ħafna l-ħtieġa li jkun hemm ukoll xi sorijiet li jieħdu ħsieb fil-konkret u b'mod iżjed mifrux l-għajnuna spiritwali tal-emigranti (li kienu madwar elf ruħ) u biex jiftħu skola għat-tfal tagħhom.

Fl-1905, Mons Pace dar lejn Madre Margerita (dak iż-żmien Superjura ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani) bil-proposta li titgħabba b'din il-missjoni urġenti. Fil-ħeġġa ħerqana apostolika u missjunarja tagħha, hija qablet mal-proposta (u magħha qabel l-Isqof ta' Għawdex Mons Giovanni Camilleri, li minnu kienet tiddependi l-Kongregazzjoni), iżda ltaqgħet ma' ħafna xkiel minn ġewwa u minn barra l-Kongregazzjoni, kemm għad-diversi diffikultajiet oġġettivi (fosthom dik tal-finanzi) u kemm għall-għidut ħżiena u bla sens li xi wħud bdew ixerrdu. Biex tara personalment kif kienet tassew il-qagħda, Madre Margerita marret Korfù ma' Madre Nazarena Gouder. Hemm ikkonvinċiet ruħha iżjed kemm il-proposta kien jistħoqqilha tiġi milqugħa u, fl-istess ħin, kemm id-diffikultajiet li qatt ma jonqsu setgħu jiġu megħluba.

Fil-laqgħa tal-1 ta' April 1907, fuq proposta ta' Madre Margerita, l-Kunsill ġenerali – anke jekk biss bil-maġġoranza – ta l-kunsens tiegħu: ħames voti qablu, tnejn ma qablux.

U hekk, fit-28 ta' Mejju ta' wara, l-ewwel grupp ta' sorijiet baħħar lejn Korfù, imsieħeb minn Madre Margerita[19]. Fil-bidu, s-sorijiet kienu jgħammru mas-sorijiet kompassjonisti franċiżi: imbagħad marru joqogħdu f'dar mikrija, jistennew li tiġi mibnija d-dar tagħhom. Din, *Casa Sacro Cuore,* ġiet imbierka u miftuħa fit-28 ta' Awwissu 1908. Qabel dan, għalkemm b'mod provviżorju, s-sorijiet kienu diġà bdew iħaddmu skola biex jilqgħu l-ewwel grupp ta' tfal maltin. Mad-dar kien

[19] L-ewwel grupp kien magħmul minn żewġ sorijiet biss: Madre Nazarena Gouder u Sr Benedetta Gauci. Biss fix-xhur ta' wara żdiedu tliet sorijiet oħra: Sr Genoveffa Borg, Sr Scolastica De Brincat u Sr Stefana Mizzi.

hemm kappella, li wara saret il-knisja parrokkjali tal-pajjiż ta’ Cozella[20] u s-sorijiet daħlu malajr għall-ħidma pastorali mhux biss mat-tfal iżda anke mal-kbar.

Biss il-bidu tat-tħaddim ta’ din il-missjoni importanti ma kien xejn faċli. L-ewwelnett għaliex kien għad hemm min qiegħed jaħdem biex joħnoq ma’ twelidha din l-opra li daħlu għaliha s-sorijiet[21]. Barra minn hekk, il-komunità kellha tgħaddi minn prova ta’ niket bil-mewt bit-tifojde, nhar it-2 ta’ Novembru 1907, ta’ Suor Benedetta Gauci. Din kellha biss 22 sena, u hija l-ewwel mill-ħafna sorijiet maltin li mietu 'l-bogħod minn arthom[22].

L-ewwel superjura tad-dar kienet Madre Nazarena Gouder li bil-għaqal u l-bżulija tagħha għarfet torganizza l-ħidmiet diversi billi mexxiethom sewwa, li jintgħoġbu, jiġu apprezzati u għammiela. Fl-1911, marret flokha Madre Margerita, li baqgħet hemm sa Lulju 1917, meta kellha terġa’ lura Malta għaliex ġiet magħżula mill-ġdid għall-aħħar darba Superjura ġenerali, flok Madre Nazarena.

Huwa faċli tara kif u kemm, fi żmien mitt sena, l-komunità għexet ġrajjiet u qagħdiet ta’ diversi xorti: daqqa ferħana (p. eż. Id-dħul fil-Kongregazzjoni ta’ tfajliet mill-gżira), daqqa ta’ niket. F’dan it-tieni każ, iż-żmien l-iżjed iebes kien żgur dak waqt it-tieni gwerra dinjija (1940 – 45), meta anke l-gżira ta’ Korfù ġiet meħuda l-ewwel mit-Taljani u mbagħad mill-Ġermaniżi, u kienet mira ta’ attakki mill-ajru ta’ spiss u ta’ ħsara mhux żgħira.

**b. Ħidmiet ewlenija**

Bla ma ntawlu l-kitba tagħna fuq iżjed dettalji mill-ġrajjiet, jistħoqq nieqfu ngħarrfu iżjed fuq il-ħidmiet tas-sorijiet, l-iżjed mal-Maltin, li, mat-tibdil tal-ġenerazzjonijiet, ħadu għal kollox il-bixra tal-gżira griega.

---

[20] Mill-1921, il-kura pastorali tal-parroċċa ġiet afdata lill-patrijiet Kappuċċini.

[21] Biex inġibu eżempju wieħed, fil-*Memorie* tagħha, Sr Paċifika Xuereb tfakkar li Dun Franġisk Cassar, li dak iż-żmien kien direttur spiritwali tagħha, kiteb lil Madre Margerita (li kienet għadha Korfù) biex tiġi lura Malta għax “ma kinitx ir-Rieda ta’ Alla li tiftaħ dik id-dar f’Korfù”.

[22] Ħaġa li tista’ tifhimha: il-mewt f’età żgħira ta’ Sr Benedetta ntlaqgħet b’emozzjoni kbira mis-sorijiet kollha. Sr Paċifika Xuereb tfakkar kif ħaditha Madre Margerita bil-fidi soda tagħha: “Il-Mulej qata’ mill-ġnien tiegħi l-isbaħ warda. Ikun imbierek!”.

Mal-ħafna ħidma pastorali ta’ kull xorta li dejjem saret mill-qrib mal-patrijiet Kapuċċini, responsabbli tal-parroċċa, ġew imwettqa żewġ opri ta’ min ifakkarhom: l-iskola elementari u d-dar għall-anzjani.

Meta s-sorijiet waslu Korfù, t-tfal tal-emigranti Maltin kienu spiss jiddaħħlu kmieni għax-xogħol biex jibdew jagħtu sehemhom għall-bżonnijiet tal-familja, u b’hekk ma kinux jistgħu jieħdu ħsieb la l-formazzjoni umana u l-anqas dik reliġjuża. Għal din ir-raġuni, l-ewwel ħsieb tas-sorijiet kien li jagħtu lit-tfal subien u bniet Maltin, il-possibilità li jilħqu l-grad tal-iskola elementari.

Wara li fi żmien qasir kellhom l-awtorizzazzjonijiet li kellhom bżonn, is-sorijiet bdew jagħtu l-ewwel tagħlim fuq programm li fasslu huma stess: katekiżmu, ekonomija tad-dar, ilsien taljan u grieg, aritmatika, ħjata ...

Fi żmien wara, meta marru f’bini ġdid, l-iskola ġiet issintonizzata mal-programmi ta’ dik tal-gvern. L-awtorità ċivili kienet spiss tagħmel kontroll sħiħ li dejjem irriżulta pożitiv. Barra minn hekk, bħala skola kattolika, kellha toqgħod għal-liġijiet u kontroll tal-awtorità ekkleżjali. L-għan ġenerali tagħha kien dak li tipprovdi l-edukazzjoni soċjali, morali, u reliġjuża tat-tfal, mhux biss Maltin, li kien tilqa’ f’għadd dejjem akbar.

Matul iż-żmien, ma naqsux problemi ta’ kull xorta, fosthom ta’ sikwit u serji kienu dawk ta’ xejra finanzjarja. B’mod partikulari, sikwit kien hemm indħil ta’ tiċħid mill-awtorità ċivili[23], li wassal ukoll għal nuqqas ta’ sliem mal-awtorità ekkleżjastika, l-iżjed f’dak li għandu x’jaqsam mal-libertà reliġjuża leġittima u neċessarja fit-tagħlim.

Matul it-tieni gwerra dinjija, minn fuq l-iskola wkoll għadda żmien diffiċli. Meta ntemmet, reġgħet bdiet taħdem b’sodisfazzjoni sal-ewwel snin tas-sittinijiet. Imbagħad il-qagħda nbidlet għar-rieda tal-arċisqof ġdid ta’ Korfù, Mons Antonio Varthalitis. Fl-1965, inbdiet tinbena skola ġdida qrib dik tas-sorijiet li kienet f’diffikultà ekonomika, bil-għan li tieħu postha u tkabbar il-ħidma tagħha. L-iskola

[23] Per eżempju: ma setgħux jaċċettaw studenti ta’ reliġjon ortodossa; iċ-ċittadini griegi li kellhom anqas minn tnax-il sena ma setgħux jattendu skejjel barranin.

l-ġdida, msemmija għal San Ġwann Bosco, bdiet titħaddem fl-1971. Iżda la kellha ħajja faċli u l-anqas twila; ġiet magħluqa għal kollox fis-sena 2000.

Minn dakinhar, f'Korfù, ma hemmx iżjed skejjel privati kattoliċi. Dan, biss, m'għandux inissi l-ġid kbir li għal madwar sittin sena, proprju minħabba l-iskola, s-sorijiet franġiskani għamlu għall-emigranti maltin, bl-edukazzjoni umana u bil-formazzjoni reliġjuża tat-tfal tagħhom, biex ikunu jistgħu isibu posthom kif jixraq fil-pajjiż li issa jagħmlu ħaġa waħda minnu għal kollox.

Waqt li l-ħidma tal-iskola hija ġrajja tal-imgħoddi, dik tad-Dar għal nisa anzjani u foqra hija dejjem ħajja. Il-proġett tagħha kien diġà ġie mikxuf fl-1927 minn Dun Spiridion Cilia, kappillan tal-Katidral: huwa stess kien ħadem biex isib il-finanzi li kien hemm bżonn u ried jafda t-tmexxija f'idejn is-Sorijiet Franġiskani. Id-dar ġiet imsemmija għal San Ġużepp.

Id-Dar, minkejja li ma kinitx mitmuma għal kollox, bdiet tilqa' l-ewwel nisa fl-1934. Matul is-snin ġiet ħafna drabi mġedda u llum tilqa' mal-għoxrin anzjana, li s-sorijiet qegħdin jieħdu ħsieb u jassistu b'imħabba.

U hekk, ma' ħidmiet pastorali oħra, s-sorijiet ikomplu jagħtu xhieda konkreta anke tal-"Vanġelu tal-Karità", aspett mill-iżjed għażiż tal-kariżma tal-Kongregazzjoni.

## IL-FORMAZZJONI

Fil-kapitli ta' qabel fittixna nfakkru – anke jekk biss b'mod ġenerali – il-ġrajjiet li fil-mixja taż-żmien u fit-tibdil tas-sitwazzjonijiet immarkaw il-preżenza bieżla tas-sorijiet fil-ħafna pajjiżi li fihom huma bil-mod il-mod daħlu.

Ta' ħafna għamliet u qawwa kienet u għada l-ħidma tagħhom fil-pastorali u fil-promozzjoni umana; ħidma iżjed u iżjed titwemmen u tkun għammiela mix-xhieda ta' ħajjithom imrawma f'wirt kariżmatiku għani.

Għal dan kollu, kien jeħtieġ li, b'pedament u support għall-ħidma u x-xhieda, ikun hemm fl-imgħoddi u llum, il-formazzjoni meħtieġa, mhux biss teoloġika u spiritwali, iżda anke kulturali u professjonali.

Huwa fatt li, matul il-medda tas-snin, il-Kongregazzjoni dejjem tat ħafna mportanza lill-formazzjoni tas-sorijiet, ukoll jekk il-modi u l-mezzi adottati kienu ta' ħafna xorta. Biss, ħadd ma jista' jiċħad li l-interess u l-impenn f'dan il-qasam mhux faċli iżda fundamentali, iżjed instaħaq fuqu wara l-Konċilju, bil-laqgħa u s-smigħ b'għarfien ċar tat-twissija tad-digriet *Perfectae caritatis:* "L-aġġornament tal-istituti jiddependi l-iżjed mill-formazzjoni tar-reliġjużi tagħhom" (n. 18).

### 1. – IL-LEĠISLAZZJONI

Ma nistgħaġbux meta nagħrfu li anke ma' dak li għandu x'jaqsam mal-problema kumplessa u delikata tal-formazzjoni, sar żvilupp ta' ħafna għamliet, kif jidher mil-leġislazzjoni li mexxiet il-mumenti diversi tal-ħajja tal-Kongregazzjoni. Infittxu mela li nsibu u nagħmlu enfasi, bil-gwida tal-leġislazzjoni, fuq dawk il-punti ewlenija tal-iżvilupp li ġara anke f'dan il-qasam.

#### a. Fl-imgħoddi

L-interess għall-formazzjoni deher qawwi sewwa diġà fil-komunità tal-bidu. Bħalma sħaqna qabel, meta tajna ħjiel qasir fuqu bħala "fundatur" u "direttur", Dun Ġużepp Diacono mexxa b'id soda u b'ħerqa kbira ż-żgħażagħ li afdaw ruħhom f'idejh: kienet timbuttah għal dan ix-xewqa li huma jwieġbu bil-fedeltà kollha

għall-għan li kien wassalhom biex jiltaqgħu flimkien fid-*Dar tal-Karità,* jiġifieri l-perfezzjoni spiritwali tagħhom u l-qadi b'mod speċjali lit-tfajliet foqra.

Il-ħeġġa tiegħu kienet titbiddel f'impenn bla jaqta' fil-formazzjoni mhux biss professjonali[1] iżda wkoll u iżjed f'dik spiritwali tagħhom. F'das-sens, il-ħidma formattiva kienet tħares fuq kollox lejn in-novizzi, immexxijin mill-imgħallma jew "maestra" tagħhom[2]. Biss, kien jagħti tant ieħor mportanza għall-formazzjoni kontinwa tal-Komunità kollha: għandna eżempju b'ħafna sens ta' dan fl-Istruzzjoni wiesa' u sostanzjali ħafna, tal-15 ta' Awwissu 1882, li (għat-taqsima dottrinali tagħha) tista' tiġi magħduda tassew bħala dokument-gwida fil-mixja 'l quddiem fil-perfezzjoni, u li fuqha l-ewwel ġenerazzjoni ta' sorijiet kienet ġiet iffurmata[3].

L-ewwel kostituzzjonijiet (dawk tal-1886 u l-oħrajn mbiddla f'xi punti, tal-1894) jagħtu attenzjoni li tifhimha lill-formazzjoni, għallinqas lil dik tal-bidu: postulanti, novizzi u żgħażagħ professi. Għal dak li huwa kontenut, iż-żewġ verżjonijiet huma l-istess[4].

Għal dawk iż-żgħażagħ li jitolbu biex iħaddnu l-ħajja reliġjuża fil-Kongregazzjoni, huwa maħsub żmien ta' postulandat, taħt it-tmexxija tal-Maestra tan-novizzi: żmien li jdum minn tlieta sa sitt xhur għall-aspiranti koristi (kap. 1: 1886 – Kostituzzjoni II, art. 5; 1894 – Kostituzzjoni III, art. 5); żmien ta' sena għall-aspiranti konversi (kap. 2, Kostituzzjoni III, art. 3)[5]. L-aspiranti koristi għandhom ikollhom "tagħlim biżżejjed biex jaqdu dmirijiethom u biex jintefgħu jgħallmu jew għal ħidma oħra ta' karità" (kap. 1: 1886 – Kostituzzjoni II, art. 9; 1894 – Kostituzzjoni III, art. 9). Kollha kemm huma jiġu mgħallma fuq l-"artikli ewlenija tar-Regola qaddisa kif ukoll fuq l-ebusija tal-mortifikazzjoni, tal-faqar u taċ-ċaħda

---

[1] Ara: *Raccolta di alcuni scritti di Don Giuseppe Diacono e di altri documenti della primitiva Comunità,* Vittoria, Gozo (Malta), 1994, doc. 8, p. 49s.

[2] Ara: *Raccolta ...*, doc 13, p. 82 s.

[3] Ara: *Raccolta ...,* doc 12, pp. 57 - 81

[4] Min-naħa l-oħra, mhux dejjem huma l-istess fil-qagħda tagħhom. Il-Kostituzzjonijiet tal-1894 iżidu "Kostituzzjoni" fil-bidu tal-Kapitlu 1: Fuq il-għan tal-Istitut. Bil-maqlub, ineħħu "Kostituzzjoni" fil-bidu tal-Kapitlu 6: Fuq l-opri tal-ħniena.

[5] Kif diġà ġie mfakkar fit-tielet kapitlu, d-distinzjoni tas-sorijiet f'koristi u konversi baqgħat tgħodd sal-1964 – 65, meta, bis-setgħa mitluba lis-Santa Sede, ġie deċiż li ma jiġux iżjed milqugħa kandidati bħala konversi u li l-konversi jiġu mxebbħin mal-koristi.

li għandha tiġi mgħixa fl-Ordni Franġiskan" (kap. 1: 1886 – Kostituzzjoni II, art. 1; 1894 – Kostituzzjoni III, art. 1).

In-novizzjat idum sentejn, kemm għal koristi (kap 2, Kostituzzjoni I, art. 14) kif għal konversi (kap. 2, Kostituzzjoni III, art. 3). Għal dak li jmiss il-formazzjoni: għal koristi hemm stabilit li n-novizzi "għandhom barra minn hekk jgħoddu bħala wieħed minn dmirijiethom essenzjali dak li jagħmlu profitt mit-tagħlim li jieħdu mill-Maestra tagħhom, li japplikaw ruħhom sewwa għall-istudju biex ikunu jistgħu jsiru mbagħad kapaċi li jħaddmu lilhom infushom għall-akbar glorja t'Alla u għall-qdusija tal-proxxmu" (kap. 2, Kostituzzjoni I, art. 10). Għan-novizzi konversi jiġi stabilit li l-Maestra tispjegalhom ir-"Regola Qaddisa u l-Kostituzzjonijiet, l-obbligi tal-voti u dak kollu li huwa meħtieġ biex jaslu sewwa għall-għoti tal-libsa reliġjuża u għall-Professjoni qaddisa. Għandhom ukoll jiġu mħeġġa għall-għixien tal-virtujiet, b'mod partikulari ta' dawk li l-iżjed jixirqu għall-istat tagħhom" (kap. 2, Kostituzzjoni III, art. 7).

Wara nsibu dak li jingħad fuq il-Maestra tan-novizzi. Jiġu mfissra d-dmirijiet importanti tagħha: "Hija għandha ssawwar għall-virtù u għall-ispirtu reliġjuż tal-erwieħ li nistgħu ngħidu għadhom dgħajfin; għandha tħawwel u tmantni f'dawn iż-żerriegħa tal-penitenza, tal-umiltà, taċ-ċaħda tagħhom infushom u tal-imħabba t'Alla" (kap. 5, Kostituzzjoni X, art. 3). Fil-fatt, fit-tagħlim ta' kuljum (kap. 5, Kostituzzjoni X, art. 11), għandha tifforma n-novizzi fuq il-prinċipji ewlenija tad-duttrina nisranija, fuq l-għan għoli tal-ħajja reliġjuża, fuq ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet, fuq il-Liturġija, fuq l-ispiritwalità franġiskana u l-virtujiet li jiddistingwuha bħal "faqar, l-umiltà, ċ-ċaħda sħiħa tagħha nfisha u tal-ħwejjeġ li jgħaddu, x-xewqa mħeġġa li tkun kollha ta' Alla" (kap. 5, Kostituzzjoni X, art. 13).

Wara l-professjoni reliġjuża[6] huwa mitlub li kemm il-koristi (kap. 2, Kostituzzjoni V, art. 15), kemm il-konversi (kap. 2, Kostituzzjoni III, art. 2), jibqgħu għal sena oħra fin-novizzjat, dejjem taħt it-tmexxija tal-maestra tan-novizzi: bil-għan ċar li l-formazzjoni tagħhom tibqa' titwettaq dejjem iżjed.

---

[6] F'dan iż-żmien ma kienx għad hemm il-professjoni temporanja, iżda kienet issir mill-ewwel il-professjoni perpetwa, li kellha tiġi mġedda (fis-sena ta' 'konfermata') kull sena: Ara: kap. 2, Kostituzzjoni V, art. 11 u 17.

Ma' dak li għandu x'jaqsam mal-formazzjoni kontinwa tas-sorijiet professi l-oħra, ma nsibux referenzi ta' min jagħfas fuqhom. Iżda li din kienet b'xi mod imħarsa, nistgħu nafuh minn xi ħjiel, bħal per eżempju: għas-sorijiet konversi huwa previst qari spiritwali flimkien xi drabi fil-ġimgħa (kap. 2, Kostituzzjoni IV, art. 5); għas-sorijiet kollha huma previsti priedki kultant minn saċerdot li "jippriedka l-Kelma t'Alla lis-sorijiet, iħeġġiġhom għal penitenza u għal għixien tal-virtujiet" (kap. 3, Kostituzzjoni III, art. 1); jiġi muri sewwa kif għandhom jiġu mħaddma l-kotba tal-biblijoteka konventwali (kap. 6: 1886 – Kostituzzjoni VII, art. 6 ss.; 1894 – Kostituzzjoni VI, art. 6ss).

Il-Kostituzzjonijiet tal-1921 (l-ewwel imfassla wara l-ħruġ tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku f'Jannar 1918) ġabu magħhom xi tiġdid, b'xi twarrib ta' punti, iżda anke b'xi enfasi interessanti fuq oħrajn.

Rigward il-postulanti: jaslu biex iridu li l-aspiranta "jekk korista, jkollha biżżejjed tagħlim u kapaċità għad-dmir tagħha; jekk konversa, kapaċità għax-xogħol tal-idejn u għall-faċendi tad-dar" (nn. 4 u 11). Għaż-żewġ klassijiet ta' reliġjużi, jiġi stabilit li l-aspiranta "wara li tkun ħadet il-libsa ta' postulanta, tidħol id-dar tan-novizzjat, jiġifieri f'dar oħra fejn hija mgħixa sewwa l-osservanza, u tibqa' hemm mhux inqas minn sitt xhur" (art. 6).

It-tul tan-novizzjat jibqa' għal sentejn (art. 13), iżda b'nota mportanti: "Matul l-ewwel sena tan-novizzjat, in-novizzi ma jistgħux jidħlu għal studji ta' letteratura jew arti. Fit-tieni sena jistgħu jidħlu għalihom. Studji bħal dawn jistgħu jkunu mmexxija minn soru magħżula mis-Superjura ġenerali, iżda tgħasses fuqhom dejjem il-Maestra jew seħbitha" (n. 23). Għal dawk li huma kontenuti tal-formazzjoni spiritwali jinsaħaq fuq dak li diġà kien intqal fil-Kostituzzjonijiet ta' qabel (n. 22). Rigward in-novizzi konversi jiġi stabilit li l-Maestra tagħhom "tieħu kull ħsieb li mhux biss jgħaddu, kif għandu jkun, minn provi u eżerċizzi tax-xogħol tal-ġisem, iżda li jkunu mgħallma wkoll, skont il-kapaċità tagħhom, fl-affarijiet spiritwali, kif ukoll fl-ilsien ta' art twelidhom, kif jiktbu u jaqraw sewwa, fid-

duttrina nisranija, b'konferenzi apposta li jsirulhom għallinqas darba fil-ġimgħa" (n. 25)[7].

Bi qbil mal-liġi kanonika l-ġdida (ara: n. 574), tiddaħħal il-professjoni sempliċi qabel ma waħda tagħmel dik perpetwa, li ddum tliet snin (n. 55) u li tista' tiġġedded għal tliet snin oħra (n. 57). Matul l-ewwel tliet snin, iż-żgħażagħ professi jibqgħu taħt it-tmexxija ta' soru, mingħajr ma jingħad f'liema dar (n. 59).

Jiġi mdaħħal punt ġdid fuq l-"Istudji u l-istudenti" (kap. 5, art. 23), li fih tingħata attenzjoni li tolqot il-preparazzjoni professjonali: "Biex jingħata lis-sorijiet iddestinati għall-iskola, għal-laboratorji u għall-isptarijiet, it-tagħlim meħtieġ, jiġi stabilit li barra l-istudji elementari li jsiru minn kulħadd, isiru studji superjuri skont il-ġenju jew il-kapaċità ta' kull waħda" (n. 321)[8].

Rigward il-formazzjoni kontinwa tas-sorijiet, ftit jew wisq jintqal dak li jingħad fil-kostituzzjonijiet ta' qabel. Jiġifieri: jinsaħaq fuq il-priedki kull tant żmien (n. 146), u fuq li jieħdu ħsieb il-biblijoteka tad-dar (n. 390ss).

Ħaġa waħda mad-*Decretum Laudis* li ngħata lill-Kongregazzjoni f'Lulju 1937, il-Kostituzzjonijiet ġew imġedda[9]. Biss, rigward it-tema tal-formazzjoni m'hemmx tibdil ta' min jagħfas fuqu, iżda x'aktarx aktar dettal, kif wieħed jista' jara minn xi eżempji. Ħafna attenzjoni tingħata għal kif tiġi mqassma t-tieni sena tan-novizzjat: "Matul it-tieni sena [in-novizzi] jistgħu jagħtu ruħhom bil-moderazzjoni għall-istudji meħtieġa għat-tħaddim tad-dmirijiet li jiġu mogħtija lilhom wara l-professjoni, u għall-opri proprji tal-Kongregazzjoni ... iżda jibqgħu dejjem taħt it-tmexxija ta' soru kapaċi u eżemplari: is-Superjura, l-Maestra u l-istess novizzi iżommu quddiem għajnejhom li wkoll fit-tieni sena tan-novizzjat, l-ewwel ħsieb u dmir tagħhom għandu jkun dak li jipperfezzjonaw ruħhom dejjem iżjed fil-

---

[7] Biex nifhmu aħjar l-importanza mogħtija lill-formazzjoni tan-novizzi konversi, sewwa niftakru wkoll fin-numru 23: "Huwa pprojbit li s-Superjura tal-post tħaddem fl-uffiċju tad-dar in-novizzi konversi bħala uffiċjali primarji mingħajr ħtieġa vera, u bi ftehim mal-Maestra".

[8] Hawn ukoll, biex naraw l-importanza mogħtija għal din il-formazzjoni professjonali, sewwa niftakru wkoll fin-numru 316: "Is-Superjuri tal-post jgħassu sewwa li fid-dar, l-ebda waħda ma tibqa' għażżiena: għalhekk jagħmlu mezz li s-sorijiet koristi marbutin bl-iskola, jieħdu ħsieb bil-għaqal tal-istudji skont ix-xeħta u l-kapaċità ta' kull waħda".

[9] Iżjed tibdil ġie wara mdaħħal mal-għarfien tal-Kongregazzjoni – min-naħa tas-Santa Sede -  bħala "Istitut ta' dritt pontifiċju", f'Diċembru 1946.

formazzjoni reliġjuża" (n. 111). U iżjed: "In-novizzi ma jistgħux jiġu mibgħutin fid-djar l-oħra tal-Kongregazzjoni, l-anqas fit-tieni sena, jekk mhux f'kas rari u eċċezzjonali, meta fid-dar tan-Novizzjat ma jistgħux jiġu mħarrġa għall-opri" (n. 112).

Niltaqgħu ma' daqshekk oħra attenzjoni rigward iż-żgħażagħ professi: "Biex il-professi ta' voti sempliċi jissodaw dejjem iżjed fil-formazzjoni reliġjuża u fil-prattika tal-virtujiet, b'mod partikulari dawk tal-faqar, umiltà, ubbidjenza u ċaħda tagħhom infushom, jibqgħu jgħixu għall-itwal żmien possibbli fid-dar tan-novizzjat, biss mifruda min-novizzi; kull fejn ikunu, jibqgħu dejjem taħt it-tmexxija ta' reliġjuża eżemplari u li tista' tmexxihom fit-triq tal-perfezzjoni, magħżula mis-Superjura ġenerali, wara li tkun semgħet il-Kunsill tagħha" (n. 159). U iżjed: "Is-sorijiet professi bil-voti sempliċi, qabel il-Professjoni perpetwa, jgħaddu jekk jista' jkun xahar, fid-dar tan-Novizzjat, xahar li jgħadduh biss bi preparazzjoni bl-akbar impenn għall-wegħda tal-voti perpetwi" (n. 167).

Mhux inqas hija l-ħeġġa għall-formazzjoni tas-sorijiet konversi "Is-superjura, hija stess jew soru delegata minnha, bil-għaqal kollu tieħu ħsieb għall-formazzjoni reliġjuża l-iżjed sħiħa tal-konversi. Darba fil-ġimgħa tagħmlilhom lezzjoni partikulari: darbtejn fix-xahar tkun fuq id-Duttrina nisranija u tingħata skont ix-xeħta tagħhom; joqogħdu għaliha bla eċċezzjoni l-konversi kollha, wkoll dawk l-aktar anzjani" (n. 175). U iżjed: "F'istruzzjonijiet bħal dawn, jiġu mfissra r-Regola, l-Kostituzzjonijiet, it-tagħlim ewlieni tal-qdusija serafika, tiġi murija t-triq tal-ħajja ta' dejjem li għandhom jimxu bit-tqaddis tax-xogħol, waqt li jiġu mistiedna jħarsu lejn il-qaddisin nisa u rġiel tal-Ordni Serafiku" (n. 176).

Il-kapitlu 7, fuq ix-"xogħol" tas-sorijiet u l-"opri" tal-Kongregazzjoni, jisħaq fuq il-formazzjoni professjonali meħtieġa: "Is-sorijiet iħossu bħala dmirhom li jippreparaw ruħhom sewwa rigward l-opri diversi tal-Kongregazzjoni, skont ma jmexxuhom is-Superjuri, bil-għan li jaqdu bl-aħjar mod il-ħidmiet li jiġu fdati f'idejhom" (n. 432). U iżjed: "Biex tiġi mogħtija l-istruzzjoni mistħoqqa lis-Sorijiet li jaħdmu fl-iskola, fil-laboratorji u fl-isptarijiet, il-Madre Ġenerali mal-Kunsill tagħha tagħmel mezz, li barra mill-istudji elementari li jsiru minn kulħadd, ikollhom studji superjuri oħra, skont il-kapaċità, l-għerf u l-ħiliet ta' kull waħda minnhom u skont

il-ħtiġijiet tal-Kongregazzjoni. Għal dan, jekk ikun meħtieġ, jintbagħtu fl-iskejjel pubbliċi, bil-permess tal-Ordinarju tal-post, kemm-il darba fl-istess dar tal-Kongregazzjoni m'hemmx mod li jsiru studji bħal dawk meħtieġa" (n. 433).

Xejn ġdid, bil-maqlub, ma jingħad fuq il-formazzjoni kontinwa tas-sorijiet professi perpetwi: il-Kostituzzjonijiet jibqgħu jisħqu fuq dak li kien ingħad minn dawk ta' qabel, fuq dik li hija kura fid-dmir u l-ħeġġa tal-ħajja spiritwali, kemm għar-reliġjużi individwalment, kif ukoll għall-komunità: id-devozzjonijiet ta' kuljum u dawk ta' kull tant, il-qari spiritwali, l-għixien tal-virtujiet l-iżjed għall-qalb tal-qdusija franġiskana.

Bi smigħ għal dak li ried il-Konċilju Vatikan II, fuq it-"tiġdid" tal-ħajja reliġjuża (ara: *Perfectae Caritatis,* 2 ss), fl-1970 ġew maħruġa mis-Superjura ġenerali Madre Ines Gauci, il-Kostituzzjonijiet il-ġodda[10].

Bir-rieda li jilqgħu l-prinċipju tal-Konċilju (PC 18) li t-tiġdid tal-Istituti reliġjużi jiddependi l-iżjed mill-formazzjoni tal-membri tagħhom (n. 99), il-Kostituzzjonijiet jiddedikaw kapitlu sħiħ għat-tema tal-formazzjoni (kap. 4, nn. 94 – 174)[11].

Min-naħa tal-kontenut, dan il-kapitlu jista' jiġi magħdud mhux biss bħala wasla naturali tal-mixja tal-Kostituzzjonijiet ta' qabel, iżda wkoll u iżjed bħala tluq ġdid, imnebbaħ profetikament mid-duttrina tal-Konċilju: infatti, nsibu fih diġà – wkoll jekk fi stat ftit embrijonali – dawk il-prinċipji u dawk l-indikazzjonijiet li kellu jkollhom iżjed żvilupp fil-Kostituzzjonijiet tal-lum.

Mela, biex ma naqgħux f'repetizzjonijiet li jdejqu 'l min jaqra, naraw biss xi punti l-iżjed importanti. Il-formazzjoni, impenn li jdum tul il-ħajja kollha, "għandha l-għan li tiżviluppa f'armonija sħiħa l-persuna skont il-grazzja tas-sejħa tagħna franġiskana, u hija mnebbħa mit-tagħlim u l-mudelli li ħallitilna l-Madre Fundatriċi tagħna" (n. 101).

---

[10] Għall-ewwel darba, kif diġà ġie mfakkar, mal-Kostituzzjonijiet ġie miżjud ukoll id-Direttorju, bil-għan li jaqleb fuq livell iżjed prattiku, id-disposizzjonijiet tan-normi.

[11] Id-Direttorju wkoll, bir-raġun u fuq livell iżjed prattiku, jiddedika għall-problema tal-formazzjoni l-kapitlu 4, twil u mqassam ħafna (nn. 225 – 328).

Il-formazzjoni timxi bi tliet kriterji fondamentali: “a. Twassal għal mixja perfetta wara Kristu, kif imgħallma mill-Vanġelu; b. Taqbel mal-ħtiġijiet tal-apostolat u dawk tal-kultura taż-żmien; c. Timxi ‘l quddiem skont għarfien f’waqtu kemm tax-xeħta taż-żminijiet u tal-bnedmin, kif ukoll tal-ħtiġijiet tal-Knisja” (n. 102).

Għall-ewwel darba jiġi magħruf espliċitament u b’attenzjoni l-impenn tal-animazzjoni vokazzjonali (n. 103), li għandu jitqies bħala “dmir tal-kongregazzjoni kollha” u mhux biss ta’ xi sorijiet imqabbdin għalih” (n. 104).

It-tul tal-postulandat “huwa normalment ta’ disa’ xhur, iżda jista’ jiġi mtawwal sa ħmistax-il xahar, jekk il-postulanta tiġi meqjusa li mhix lesta għall-ħajja tan-novizzjat” (n. 117). Dmir tal-maestra tal-postulanti huwa dak li “tistudja ż-żagħżugħa: il-ħiliet naturali, s-sinċerità, l-ġenerożità, kemm għandha ħila tħobb u tadatta ruħha għall-ħajja reliġjuża u għall-mixja spiritwali, fuq kollox tagħtiha bażi soda ta’ ħajja nisranija u formazzjoni kateketika tajba”. (n. 114).

Fuq il-għan tan-novizzjat jingħad: “a. iħalli ż-żagħżugħa u lill-istess Kongregazzjoni jagħrfu biċ-ċar is-sejħa; b. idaħħal iż-żagħżugħa fl-għarfien tal-prinċipji ewlenija tal-ħajja reliġjuża, imexxiha għall-ħajja spiritwali, evanġelika, apostolika u ta’ ħidma skont l-ispirtu franġiskan; ċ. idarri ż-żagħżugħa tgħix ħajjitha f’xejra kristoċentrika permezz tal-istudju tax-xjenza sagra, tal-qima tal-liturġija ewkaristika, tal-abandun f’idejn l-Ispirtu s-Santu li jkellem lill-qalb fis-skiet, tal-eżerċizzju tal-virtujiet reliġjużi u tat-talb”(n. 127).

Il-professjoni temporanja, li tiġġedded kull sena, ddum ħames snin, li tagħhom l-ewwel tlieta biss huma mitluba għall-validità tal-professjoni perpetwa (n. 140). Iż-żgħażagħ professi (imsejħin issa “juniores”) jkunu għadhom magħdudin bħala fi żmien il-formazzjoni: “Għalhekk il-maestri tan-novizzjat u tal-juniorat jaħdmu flimkien biex tiġi garantita lill-kandidati l-kontinwità tal-formazzjoni” (n. 147).

Fil-prattika, iż-żmien tal-junjorat jinqasam f’żewġ mumenti: “L-ewwel u t-tieni sena tal-juniorat jkunu miżmuma fuq kollox għall-formazzjoni reliġjuża. Fis-snin l-oħra, mhux mingħajr ma jkomplu jieħdu l-formazzjoni reliġjuża, il-juniores jistgħu jagħtuha għall-istudju bi tħejjija professjonali u apostolika” (n. 150).

Huwa issa milqugħ bil-miftuħ il-prinċipju li l-formazzjoni ma tintemmx bil-professjoni perpetwa. Importanza partikulari hija mogħtija lil hekk imsejħa "probandat": wara madwar għaxar snin, tiġi mogħtija l-opportunità ta' żmien ieħor ta' tiġdid reliġjuż (n. 158), li tiegħu jiġu murija wkoll il-kontenut (n. 159). Barra minn dan, jiġi mfakkar "li matul il-ħajja kollha huwa meħtieġ li naħsbu niżviluppaw u ntemmu – billi nieħdu ħsieb bla ma ngħejjew – il-kultura tagħna flimkien mal-formazzjoni spiritwali, dottrinali u professjonali" (n. 161). Huwa mpenn li jiġbed miegħu direttament ir-responsabbiltà tas-Superjuri, li huma fid-dmir li jqiegħdu lis-Sorijiet "f'qagħda li jagħmluh billi jagħtuhom l-opportunità u l-okkażjoni, l-għodda u ż-żmien meħtieġ" (n. 162).

**b. Illum**

Il-problema tal-formazzjoni, li diġà saħqu fuqha l-Kostituzzjonijiet tal-1970, baqgħat dejjem aktar tinħass f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin: tista' tiġi bir-raġun kollu magħduda bħala problema nevralġika, magħmula dejjem iżjed urġenti, kemm mill-kriżi li ma taqtax tal-vokazzjonijiet, kif ukoll mill-qagħda globali u mit-tibdil kontinwu tad-dinja u tal-Knisja, li fihom ir-reliġjużi jgħixu l-konsagrazzjoni u jħaddmu s-servizz tagħhom[12].

F'sintonija mad-direttivi bla jieqfu tal-Knisja[13], anke l-Kongregazzjoni tiegħu bis-serjetà l-impenn delikat u mhux ħafif tal-formazzjoni billi tagħraf u tgħarraf it-temi ewlenin tiegħu fil-Kostituzzjonijiet u billi tagħmel ukoll trattat sħiħ għalih waħdu fil-*Proġett tal-formazzjoni.*

Il-Kostituzzjonijiet tal-lum ġew maħruġa f'April 2001 minn Madre Anselmina Mifsud, Superjura ġenerali, flok dawk ta' Ottubru 1985: bejn dawn iż-żewġ

---

[12] Fuq dan, ara: Sr Elisabeth Mendes, fcj, *Il Progetto formativo delle Suore Francescane del Cuore di Gesù. Studio teologico-giuridico-pedagogico (*tesi di Magistero difesa presso l'Istituto Superiore di Scienze Religiose della Pontificia Università Antonianum – Roma 1996).

[13] Ara, per eżempju: Ġwanni Pawlu II, Esortazzjoni apostolika post-sinodali *Vita Consecrata* tas-26 ta' Marzu 1996, nn. 63 – 71; Kongregazzjoni għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u soċjetajiet ta' ħajja apostolika, *Direttive sulla formazione negli Istituti Religiosi* tat-2 ta' Frar 1990.

ħarġiet, fuq dan l-argument, kif fuq oħrajn, insibu qbil essenzjali, f'ħarsa ta' dinamika armonija tal-iżvilupp fil-kontinwità[14].

Il-leġislazzjoni fuq il-formazzjoni, li tieħu biċċa sewwa tal-kapitlu 6[15], hija pjuttost sempliċi u tmur għall-essenzjal, billi ħafna punti ta' laqta konkreta u prattika jiġu mibgħuta għall-*Proġett ta' formazzjoni* li kien għadu jrid joħroġ (art. 91)[16].

Il-problema kollha tieħu żewġ taqsimiet magħqudin ħafna bejniethom: sejħa u formazzjoni (artt. 85 – 96); mixja ta' formazzjoni (artt. 97 – 119).

Fl-ewwel taqsima nsibu l-prinċipji fundamentali rigward l-orjentament vokazzjonali, bit-twaqqif ukoll ta' ċentri vokazzjonali (artt. 85 – 87), rigward il-kriterji li għandhom jinżammu fid-dħul tal-kandidati (artt. 88 – 89) u li għandhom imexxu l-proċess tal-formazzjoni (artt. 90 – 91), rigward id-dmirijiet tar-responsabbli tal-formazzjoni (artt. 92 – 96).

Fit-tieni taqsima nsibu d-diversi mumenti tal-mixja formativa u fuq dak li huwa meħtieġ għalihom u magħhom: jiġu murija fil-qosor il-prinċipji u l-kriterji li għandhom imexxu l-formazzjoni inizjali (postulandat, novizzjat, junjorat: artt. 98 – 115) u l-formazzjoni permanenti (artt. 116 – 119).

Kien fil-ħsieb ta' min fassalhom li l-Kostituzzjonijiet jitkellmu biss fuq l-elementi fundamentali tal-formazzjoni; huwa fil-*Proġett ta' Formazzjoni* li nsibu l-iżvilupp sħiħ u mimli tagħha.

Dan id-dokument, illi jwieġeb ukoll għax-xewqa tal-Knisja (Ara: nn. 650 u 659 tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku), wasal biex isir bil-mod l-mod, wara żewġ redazzjonijiet approvati fil-Kapitlu ġenerali *ad experimentum:* l-ewwel waħda fl-1989; l-oħra fl-2003.

Ir-redazzjoni tal-lum, li bdiet torbot minn Ottubru 2006, għandha tliet taqsimiet kbar, li fid-daħla jiġu mfissra b'dal mod: a) Prinċipji ta' formazzjoni waħda u sħiħa.

---

[14] Il-Kostituzzjonijiet tal-1985 jitkellmu fuq l-argument tal-formazzjoni fil-kapitlu 6, artt. 84 – 120.

[15] L-aħħar taqsima tal-kapitlu titkellem fuq il-fedeltà u l-perseveranza: żewġ suġġetti li, fl-aħħar mill-aħħar, għandhom x'jaqsmu mal-problema tal-formazzjoni.

[16] Xi ħjiel li għandu x'jaqsam mal-organizzazzjoni u l-applikazzjoni jinsab diġà fid-*Direttorju* li nsibuh mal-Kostituzzjonijiet: kap. 6, art. 82 – 112.

Jiġu ppreżentati dawk l-elementi l-aktar importanti li għandhom x'jaqsmu mal-iskop, mal-miri li jridu jintlaħqu, ma' min ser iwettaqhom, u mal-istil tal-formazzjoni tagħna; b) mixja lejn formazzjoni progressiva u bla taqta'. Jiġu murija l-ħtiġijiet l-aktar importanti li għandhom x'jaqsmu mal-pastorali vokazzjonali, l-akkoljenza taż-żgħażagħ li jixtiequ jħaddnu x-xorta ta' ħajja tagħna, il-formazzjoni tal-bidu (Postulandat, Novizzjat u Junjorat), u mal-formazzjoni permanenti; c) linji direttivi ta' formazzjoni ċari u li jiftiehmu. Jiġi ppreżentat l-kontenut u l-mod kif tħaddem il-formazzjoni, fid-diversi waqtiet tagħha, biex tinkiseb il-mixja waħda meħtieġa fi ħdan il-Kongregazzjoni kollha[17].

Dan id-dokument huwa prezzjuż mhux biss għall-kontenut għani u preċiż tiegħu[18], iżda anke għaż-żewġ għanijiet li jrid iwassal għalihom: minn naħa waħda, huwa għas-sorijiet kollha strument li jurihom il-mogħdijiet tal-formazzjoni f'kull mument tal-ħajja tagħhom; min-naħa l-oħra, jgħin biex tiġi miżmuma u tissaħħaħ, f'bilanċ tajjeb u armonjuż, dik l-għaqda mitluba mill-istess nebħa u kariżma tal-Kongregazzjoni bejn is-sorijiet li jgħixu f'pajjiżi differenti ħafna f'dak li huma kultura u drawwiet, għal dik li hija qagħda reliġjuża u soċjali.

Il-fonti li minnhom biċ-ċar[19] id-dokument ġie mnebbaħ ħafna u bil-għerf, insibuhom fuq tliet livelli, marbutin ma' xulxin: a. L-ewwelnett hemm l-elementi komuni, meħuda mill-ħafna dokumenti ġenerali tal-Knisja fuq il-ħajja konsagrata; b. il-magħrufin sewwa *Fonti Francescane*[20] flimkien mal-*Progetto di formazione francescana* tal-MO.RE.FRA. (Moviment Reliġjużi Franġiskani)[21] li jdawlu fuq l-elementi proprji tal-ispiritwalità franġiskana; ċ. il-kitbiet ta' Madre Margerita jgħinu jiċċaraw u jimmarkaw l-elementi proprji tal-kariżma tal-Kongregazzjoni.

Dan it-tiswir ta' riferimenti imexxi u jikkwalifika d-diskors f'kull aspett u mument tiegħu: juri l-ħtieġa, l-għanijiet, il-protagonisti u l-istil tal-formazzjoni (nn. 1 – 68).

---

[17] *Progetto di formazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù* (manuskritt), Santa Maria delle Mole – Marino (Roma), 2006.

[18] Il-Proġett ta' Formazzjoni, approvat mill-Kapitlu ġenerali tal-2006, ġie maħdum minn kummissjoni magħmula anke mir-responsabbli kollha tal-formazzjoni.

[19] Fil-fatt, anke jekk ma tiġix ikkwotata biċ-ċar, wieħed jittendi li hemm tagħrif sewwa tal-letteratura speċjalizzata, li f'dawn is-snin kienet qiegħda timmoltiplika ruħha.

[20] E. Caroli (a cura di), *Fonti Francescane* (nuova edizione), Editrici Francescane, Padova 2004.

[21] MO.RE.FRA., F, Bologna 1988.

Huwa jiċċara s-sens ta' kull mument tal-formazzjoni u l-mod kif tista' tgħixu (nn. 70 – 161); juri l-kontenut proprju ta' kull fażi fil-mixja tal-formazzjoni (nn. 162 – 199).

Huwa f'din it-tiswira armonjuża u għammiela li tiġi msawra idejalment u tieħu għamla dinamika bis-sħiħ l-identità waħdanija tas-Sorijiet Franġiskani: fuq livell personali u komunitarju, spiritwali u apostoliku.

## 2. IR-REJALTÀ KIF INHI

Għal ħafna għexieren ta' snin, il-Kongregazzjoni ħaddmet dar waħda biss għall-formazzjoni inizjali u dan għamlitu fil-Casa Madre ta' Għawdex (Malta). Biss, diġà l-ewwel Kostituzzjonijiet tal-1886 – 1894 kienu raw il-possibilità li jitwaqqfu xi novizzjati fid-djar dipendenti wkoll (Ara: Kap. 2, Kostituzzjoni II, art 1ss)[22]. Dan hu preċiżament dak li ġara meta l-Kongregazzjoni bdiet tinfirex barra mill-gżejjer maltin.

### a. Il-bieraħ

Matul il-ġirja taż-żmien, mal-iżvilupp tal-ġrajjiet u l-qagħdiet (li minnhom tħadditna fil-kapitli ta' qabel), id-djar tal-formazzjoni wkoll laqgħathom tibdil u tiġdid ta' aktar minn xeħta waħda. Mingħajr ma nintilfu fid-dettalji, nistgħu nibnu dan il-kwadru.

Sal-1994, fil-Casa Madre ta' Għawdex baqgħat taħdem id-dar tal-formazzjoni *Nazareth*. Sal-1971, kienu jieħdu l-formazzjoni tal-bidu tagħhom il-postulanti, in-novizzi u l-junjores. Għal snin twal kellha xeħta internazzjonali għaliex kienet tilqa' wkoll kandidati minn pajjiżi oħra (taljani, etijopiċi, brażiljani, pakistani, awstraljani).

Minn Settembru 1971, il-junjorat biddel diversi djar: l-ewwel kien fid-*Dar tal-Adorazzjoni*¸ il-Belt Valletta; fl-1985 f'*Betanja,* l-Imsida; fl-1994 *f'Dar Sant'Anna,*

[22] L-istess jagħmlu l-Kostituzzjonijiet tal-1921: ara: n. 18 ss.

San Ġwann; fl-2004 f'*Dar Fra Diego*, il-Ħamrun. Il-junjores, wara żmien f'dar il-formazzjoni, kienu jiġu mibgħuta f'xi komunità, taħt il-ħarsien tas-superjura lokali. F'Settembru 1994 il-postulandat u n-novizzjat ittieħdu f'*Betanja,* l-Imsida.

Fl-Italja, *Casa Cristo Re* ta' Ruma, miftuħa fl-1927, saret malajr ukoll dar ta' formazzjoni: fl-1929 beda l-aspirandat; fl-1932 in-novizzjat, fl-1934, il-junjorat. Wara li minħabba t-tieni gwerra dinjija ġiet magħluqa fl-1941, id-dar tal-formazzjoni reġgħet ġiet miftuħa fl-1951, b'xi novizzi mibgħuta minn Malta; biss in-novizzjat ġie magħluq mill-ġdid fl-1970, waqt li l-junjorat għadu hemm sal-lum.

Fl-Etijopja, is-sorijiet ilhom hemm mill-1927; iżda kien biss minn Mejju 1984 li fetħu d-dar għall-formazzjoni *Qalb bla tebgħa ta' Marija* għall-aspiranti, l-postulanti u n-novizzi. Għal junjores, li qabel kienu joqogħdu f'xi komunità taħt il-ħarsien tas-Superjura lokali, ġie miftuħ junjorat f'Debre Zeit. F'Settembru 1994, id-dar tal-formazzjoni ġiet meħuda minn Addis Abeba għal Nairobi, l-belt ewlenija tal-Kenja, f'bini mtella' maġenb dak li kien hemm diġà; fl-istess żmien, dejjem f'Nairobi ġie miftuħ junjorat ieħor.

Fil-Brażil, fejn is-sorijiet waslu fl-1952, il-ħidma formattiva ħadet l-għamla tagħha f'żewġ mumenti, maqsumin bejniethom minħabba l-kriżi tal-1967 (li diġà fakkarna fiha qabel) meta l-formazzjoni ġiet meħuda Ruma u Malta.

F'Marzu 1957, ġie miftuħ l-ewwel aspirandat f'Rolandia, li baqa' jitħaddem sa Ottubru 1967. Fl-1980 ħadet ir-ruħ mill-ġdid il-pastorali vokazzjonali u fl-1983 reġa' beda l-aspirandat: fil-bidu, f'Jaguapità; wara, f'imkejjen oħra (Curitiba, Rolandia, Umuarama ...). Il-postulandat ukoll biddel il-lokal: fil-bidu, minn Frar 1958 sa Ottubru 1967, f'Rolandia; wara, minn Ġunju 1984, f'imkejjen oħra (Jaguapità, Curitiba ...). Dan ġara anke għan-novizzjat: miftuħ f'Rolandia f'Awwissu 1958, ingħalaq f'Ottubru 1967; f'Jannar 1986, imsemmi għal *Nostra Signora Aparecida*, ġie miftuħ mill-ġdid f'Curitiba. Mis-sena 1987 ġie mħaddem f'Rolandia junjorat li fih iż-żgħażagħ professi (li kienu jgħixu f'xi komunità) kull tant żmien kienu jsaħħu l-formazzjoni tagħhom taħt il-ħarsien ta' soru responsabbli.

Fl-ewwel snin tal-mawra tagħhom fil-Pakistan, li ġrat fl-1953, is-sorijiet kienu jrawmu l-aspiranti fl-istess komunitajiet. L-aspirandat veru u proprju kien miftuħ

f'Ġunju 1986 f'Faisalabad. Ġie mbagħad meħud f'Karachi f'Lulju 1989, fejn diġà fl-1987 ġie mogħti bidu anke għall-postulandat u n-novizzjat. Il-junjores kienu jintbagħtu Ruma jew Malta biex ikomplu l-formazzjoni tagħhom.

**b. Illum**

Il-ħarsa wiesa' li għadna kif tajna, mingħajr ma turina kollha kemm huma l-ġrajjiet[23], hija però waħda li tgħallem ħafna. Il-ħafna djar ta' formazzjoni miftuħin ftit kullimkien[24], huma xhieda tal-impenn bla jaqta' li ngħata f'dal qasam hekk neċessarju biex il-Kongregazzjoni tibqa' ħajja u għammiela.

Huwa ċar li ma naqasx it-tfixkil. Fl-ewwel żminijiet, biex nagħtu eżempju, meta l-vokazzjonijiet kienu ta' għadd kbir, inħasset sewwa ħafna d-diffikultà li jkun hemm post biżżejjed biex jiġu milqugħin kollha[25]. F'żminijiet oħra, bil-maqlub, u l-iżjed f'xi pajjiżi, inħasset mhux ftit il-kriżi tal-vokazzjonijiet, tant li xi kull tant id-djar tal-formazzjoni baqgħu vojta, anke għax il-kandidati mhux dejjem komplew (kif jiġri kullimkien).

B'danakollu, anke llum, il-Kongregazzjoni tibqa' miexja, b'kuraġġ mimli fiduċja fil-ġejjieni, f'dan l-impenn mill-iżjed meħtieġ.

Kullimkien qegħdin jaħdmu l-Equipe vokazzjonali, imnebbħin minn kriteri u programmi ta' animazzjoni vokazzjonali mill-*Proġett ta' formazzjoni*. Fost l-oħrajn, huma jorganizzaw ġimgħat vokazzjonali, konferenzi, ħinijiet ta' talb, laqgħat kull tant żmien maż-żgħażagħ, biex idawluhom fuq l-għażla tal-ġejjieni tagħhom. Fejn ikunu jistgħu, ż-żgħażagħ li juru nteress fil-ħajja reliġjuża jiġu milqugħa għal xi żmien f'komunità, biex ikunu jistgħu jagħrfu iżjed mill-qrib il-ħajja tas-sorijiet u jagħmlu esperjenza tagħha.

---

[23] Biex nagħtu xi eżempju u nsaħħu dak li qegħdin ngħidu: fis-snin bikrija kien hemm aspiranti anke Troina; għal xi sena kien hemm novizzjat anke Korfù...

[24] Tagħmel eċċezzjoni l-Awstralja biss.

[25] Għandna eku morr f'itrta ta' Madre Margerita lil Suor Paċifika, tat-13 ta' Lulju 1926: "Illum ġew żewġ aspiranti, li jridu jiġu milqugħa kemm jista' jkun malajr [...]. Xi dnub jekk ma jiġux milqugħa! Ejja nitolbu, l-iżjed għażiża, għax tassew għajjejt nirrepeti: stennew, stennew ... U d-dar kbira għan-Novizzjat ma nafx meta se narawha ..." Ara: Pier Giuseppe Pesce, ofm (ma' Sr Aniceta Briffa, fcj), *Amiamo l'Amore. Lettere della Serva di Dio, Madre Margherita De Brincat, Cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù* (1862 – 1952), Roma 2001, ittra 89, p. 190s.

F’Diċembru 2001, fid-dar il-ġdida tal-Casa ġeneralizja f’Santa Maria delle Mole (Marino – Roma), ġie miftuħ iċ-Ċentru Internazzjonali tal-Formazzjoni *Santa Maria degli Angeli.* Sa Awwissu 2006, kien ukoll dar għall-Postulandat u n-Novizzjat. Bħalissa qiegħed jilqa’ l-junjores ta’ pajjiżi diversi.

Djar oħra għall-formazzjoni huma mħaddma f’Ruma (junjorat biss), f’Malta, fil-Brażil, f’Nairobi u f’Karachi. Prattikament kullimkien, iż-żgħażagħ fil-formazzjoni qegħdin jidħlu għal korsijiet formativi mħaddmin fuq livell interkongregazzjonali, jew minn ċentri kulturali oħra. Rigward dan, Ruma, minħabba l-ħafna universitajiet pontifiċji, toffri ħafna opportunitajiet; hemm il-junjores qegħdin jieħdu bi frott diversi korsijiet. Daqstant ieħor impenn qiegħed jingħata biex tiġi ggarantita lis-sorijiet żgħażagħ il-preparazzjoni professjonali meħtieġa, sakemm jaslu biex jieħdu t-titlu tal-istudju li jkunu daħlu għalih.

Ikkurata ħafna hija wkoll il-formazzjoni permanenti, fuq livell kemm ta’ kongregazzjoni, kif ukoll ta’ provinċji u reġjuni, b’laqgħat, seminars, kungressi, ċelebrazzjonijiet reliġjużi ... Barra minn dan, il-Kunsill ġenerali joffri l-linji fundamentali tal-proġett formativ ta’ kull sena li għandu jitwettaq fuq livell tal-kongregazzjoni kollha. Għajnuniet bħal dawn huma apprezzati ħafna mill-parti l-kbira tas-sorijiet li jistennewhom bil-ħerqa u jilqgħuhom bi profitt.

Fl-aħħar mill-aħħar, din is-serje ta’ ħidmiet tikxef il-għarfien li t-twemmin sod fl-impenn tal-formazzjoni, fil-mumenti kollha u f’kull livell tagħha, huwa l-mod l-iżjed żgur u mimli tama biex il-Kongregazzjoni timxi b’fiduċja ħiemda lejn il-ġejjieni tagħha.

## IŻJED DAWL FUQ XI AĦWA SORIJIET

Fil-kapitli ta' qabel ġew imfakkra, anke jekk biss fil-wisa', l-ġrajjiet imlewna li nisġu l-ħajja tal-Kongregazzjoni matul il-mixja tal-istorja twila u mimlija ġieħ tagħha.

Nafu sewwa li kull storja – kemm fit-tajjeb kif ukoll fil-ħażin tagħha, - hija magħmula minn persuni u mill-persuni, li skont il-laqta personali tagħhom u b'ħafna modi, kienu l-protagonisti tagħha.

Fil-fatt, jekk il-Kongregazzjoni kellha dak it-tixrid ġeografiku illi nafu li llum għandha, waqt li ħalliet il-marka tal-ispiritwalità u l-ħidma għaqlija tagħha, dan ġara proprju minħabba l-ħafna sorijiet li matul is-snin u f'ġenerazzjonijiet waħda wara l-oħra, għamluha preżenti, bieżla u għammiela.

Fiż-żamm tat-tifkira għażiża u mfaħħra ta' dawn ir-reliġjużi, rridu naħarbu kemm ir-retorika żejda kif ukoll il-ġeneralizzazzjoni mhux f'lokha: kif dejjem u kullimkien jiġri anke fil-Knisja (u fl-istess ħajja kkonsagrata), l-istorja tal-Kongregazzjoni mhix magħmula biss minn dwal. Iżda jekk ma nistgħux ninsew id-dellijiet, marka tad-dgħufija tal-bniedem, ma jkunx sewwa nħallu jintfew fit-tnissija, tant dwal, sinjal personali tal-fedeltà bla qies.

Jistgħu jkunu tassew ħafna s-sorijiet li għal xi raġuni jew oħra (superjorati, opri li waqqfu, qdusija tal-ħajja, servizzi mogħtija ...) jistħoqqilhom li jkunu hawn imfakkrin, ukoll jekk fil-qosor.

Waqt li ma nistgħux insemmuhom kollha, nixtiequ kemm hu biżżejjed nagħtu ħarsa oġġettiva fuq din ir-rejaltà mdawla, billi nfakkru fil-qosor xi wħud għallinqas minn dawn ir-reliġjużi kollhom ġieħ: ma rridux ninsġu bijografija sħiħa, iżda nagħtu tagħhom ħjiel ħafif. Diġà għamilna dan għall-fundaturi tal-Kongregazzjoni (Dun Ġużepp Diacono u Madre Margerita). Hekk ukoll, xi ħjiel fuq xi persuni diġà tajnieh fil-kapitli ta' qabel; iżda jistħoqq li nerġgħu naqbduh u inkompluh kif jixraq.

Niġbru dawn il-profili fi tliet gruppi: Is-Superjuri ġenerali; is-Sorijiet maltin; is-Sorijiet ta' mkejjen oħra fejn il-Kongregazzjoni hija preżenti.

## 1. – IS-SUPERJURI ĠENERALI

Barra minn Madre Margerita, s-Superjuri ġenerali li fiż-żmien daħlu wara xulxin fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni huma tmienja, li tnejn minnhom għadhom ħajjin[1]: Madre Bertilla Bartolo, li damet mill-1982 sal-2000 u dik tal-lum, Madre Anselmina Mifsud.

Għall-importanza tar-rwol li kellhom fil-ħajja tal-Kongregazzjoni, huwa sewwa li nippreżentaw fil-qosor lil dawk li diġà ħallewna.

### a. Madre Rosalia Vella tal-Kustat Imqaddes

Vincenza Vella[2] twieldet Kerċem, Għawdex (Malta), fl-1 ta' Frar 1862; kienet, mela, mill-istess gżira u tal-istess età ta' Madre Margerita.

Għamlet il-professjoni reliġjuża tagħha mill-ġdid, li kienet meħtieġa wara d-dħul tar-Regola mill-Isqof ta' Għawdex, f'Mejju 1886, fil-11 ta' Diċembru 1887, mal-ewwel grupp ta' sorijiet li dak iż-żmien kienu jiffurmaw il-Kongregazzjoni.

Kienet iżjed minn darba superjura lokali. Fir-IV Kapitlu ġenerali ta' Mejju 1901, ġiet magħżula Superjura ġenerali, flok Madre Margerita. Biss, f'Marzu 1904, flimkien mal-Kunsill tagħha, kellha tħalli s-superjorat għaliex intant inkixef li ma kinitx għamlet in-novizzjat skont ir-regola, u b'hekk instab li l-professjoni tagħha ma kinitx valida[3]. Fost dak li għamlet, tajjeb infakkru t-talba għall-aggregazzjoni spiritwali tal-Kongregazzjoni mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, talba milqugħa mill-Ministru ġenerali P. Dionisju Schüler b'digriet tat-23 ta' Ottubru 1903.

Baqgħet imfakkra bħala reliġjuża ta' ħajja eżemplari, b'imħabba li tiżboq għall-faqar. Kienet tqatta' sigħat twal fil-kor, l-iżjed fil-jiem ta' festa, fit-talb u fil-meditazzjoni. Kienet dejjem lesta li tgħin lill-aħwa sorijiet morda. Matul il-ġeneralat qasir tagħha għarfet iżżomm is-sorijiet ħiemda u fis-sliem: kienu jmorru

---

[1] Biex inkunu eżatti, jistgħu jiġu magħduda fost is-Superjuri ġenerali anke l-ewwel żewġ superjuri tal-Komunità bikrija: Sr Rosanna Gauci u Sr Gertrude Darmanin. Minnhom tkellimna diġà fil-kapitlu tal-bidu.

[2] Dan kien isimha tal-magħmudija. Fl-ewwel għexieren ta' snin tal-Kongregazzjoni, kienet drawwa jinbidel mhux biss l-isem, iżda jiżdied ukoll miegħu referenza għal xi misteru tal-fidwa jew għal xi qaddis, bħala stedina għat-tixbiħ miegħu fil-ħajja personali.

[3] Ara: P. Calliari, *Amiamo l'Amore …* Ruma 1987, p. 102.

għandha b'fiduċja, żgur li ser tilqagħhom b'imħabba u għerf. Kienet maħbuba u stmata anke mill-kleru sekulari ta' Għawdex.

Fl-aħħar marda tagħha, baqgħet għal xi għoxrin jum bla ma tista' tiekol, mitmugħa biss spiritwalment b'Ġesù Ewkaristija. Mietet fit-28 ta' Ottubru 1937, u ġiet midfuna fil-kripta ta' taħt il-knisja tal-Casa Madre.

**b. Madre Nazarena Gouder ta' Santa Tereża**

Twieldet fl-Imdina, l-belt kapitali qadima ta' Malta, fil-21 ta' Jannar 1874 minn familja tat-tajjeb. Wara l-istudji superjuri, daħlet fil-Kongregazzjoni u għamlet il-professjoni f'Mejju 1896.

Meta fil-1907 ġiet miftuħa d-dar ta' Korfù (Greċja), hija ġiet mibgħuta hemm bħala l-ewwel superjura. F'Ġunju 1911, fis-VII Kapitlu ġenerali, ġiet magħżula għall-ewwel darba Superjura ġenerali, u mexxiet sa Mejju 1917. Ġiet magħżula mil-ġdid f'Jannar 1924, fl-X Kapitlu ġenerali straordinarju (imsejjaħ wara l-mewt tal-Madre ġenerali, Madre Giovanna Fenech, f'Settembru 1923), u mexxiet sa Mejju 1945. Wara kienet anke Vigarja ġenerali.

Mara ta' għerf u enerġija, matul it-tmexxija tagħha (għal 27 sena sħaħ), għarfet tagħni 'l-Kongregazzjoni b'dinamiżmu għammieli, waqt li qdiet dmirha b'awtorità ta' omm[4] u b'ħarsa 'l quddiem mdawla tassew. Fost tant ħidmiet li wetqet ta' min jiftakar: il-ftuħ tad-dar ta' Ruma fl-1927; il-bidu tal-ħidma missjunarja billi bagħtet l-ewwel sorijiet fl-Etijopja, ukoll fis-sena 1927; id-*"Decretum Laudis"* għall-Kongregazzjoni, mogħti mis-Santa Sede fl-1937; it-tkabbir tal-ħidma pastorali (assistenza lill-morda u lill-anzjani ...)

Kienet mara ta' karattru sod u ħila mhux żgħira; iżda anke umli u ta' karità kbira: kienet tirrispetta u tħobb lil kulħadd. Fin-nuqqasijiet tagħhom, is-sorijiet kienu jmorru għandha bla biża': ma kienet qatt tgħolli leħinha magħhom, kienet taf tikkoreġi b'manjieri partikularment ħelwin. Kliemha kien bħal balzmu fuq il-

[4] Kif diġa ġie mfakkar fl-ewwel kapitlu, Madre Nazarena kellha natural qawwi u sod. Iżda bl-esperjenza biddlet bil-mod il-mod il-metodu tat-tmexxija: wara l-ebusija ġew il-maternità, l-komprensjoni u t-tjubija. Xhieda tal-mod għaqli li bih kienet tmexxi huma *l-Ittri ċirkulari* tagħha li għad għandna.

weġġħa: kienet tħalli s-soru fis-sliem u l-ferħ. Bi ftit kliem kienet tikkonvinċi kif għandha tiġi mgħixa l-ħajja reliġjuża. Kienet tgħallem li fin-nuqqas ta' qbil hemm bżonn li waħda tagħraf iċċedi, wkoll meta jkollha raġun, għaliex in-nuqqas ta' qbil – kienet tħobb tinsisti – huwa bħal lastku: iżjed ma tiġbdu, iżjed jitwal. Kienet tisħaq li l-ewwel dmir tar-reliġjuża huwa dak li tissieħeb ma' Kristu fl-umiljazzjoni u s-sagrifiċċju.

Sinjal tal-istima kbira li kellha anke barra mill-Kongregazzjoni, kien dak meta l-arċisqof ta' Malta, Mons Mauro Caruana, talabha tgħin lill-Kongregazzjoni tal-*Figlie del Sacro Cuore*, li kienet għaddejja minn kriżi kbira, b'riskju li tintefa għal kollox. Għamlet dan b'impenn (mhux mingħajr tbatija), u frott, waqt li baqgħet ma' dawk is-sorijiet minn Mejju 1918 sa Lulju 1921.

Madre Nazarena hija waħda mill-iprem protagonisti fl-istorja tal-Kongregazzjoni u nistgħu ngħodduha bħala r-ruħ tewmija ta' Madre Margerita; kienet dejjem qribha fl-istess intenti u fl-istess spirtu. Madre Margerita, li kienet għarfet il-kapaċità u t-tjubija tagħha, kellha stima kbira lejha[5].

Fl-aħħar ta' ħajjitha, minħabba waqa' kerha, Madre Nazarena kellha toqgħod f'siġġu tar-roti. Bla saħħa minħabba l-marda, ma kinitx tista' timxi aktar u għalhekk it-tron tagħha kienet il-pultruna, li fuqha kienet taqdi d-dmirijiet reliġjużi tagħha u tgħin, bil-kelma soda u materna tagħha, lill-għeżież uliedha spiritwali, li kienu jmorru jfittxuha fil-ħtiġijiet kollha tagħhom.

Mietet imdawra minn tant uliedha spiritwali fid-*Dar tal-Adorazzjoni* fil-Belt Valletta, fis-26 ta' Ottubru, 1951. Kellha 78 sena, 55 sena minnhom mgħixa fil-ħajja reliġjuża.

[5] Fl-arkivju ġenerali, hemm żewġ ittri mibgħutin minn Madre Margerita lil Madre Nazarena: l-ewwel waħda, tat-13 ta' Mejju 1896, meta pprofessat; it-tieni waħda, tat-2 ta' Diċembru 1930, tagħtiha xi ħjiel fuq il-ġrajja tad-*Dar tal-Adorazzjoni* tal-Belt Valletta fejn kienet Superjura. Ara: P.G. Pesce, ma' Sr Aniceta Briffa, *Amiamo l'Amore. Lettere ...,* Roma 2001, ittri n. 105 u 106, pp. 210 – 212.

## c. Madre Giovanna Fenech tal-Axxensjoni

Twieldet il-Mellieħa fl-1868, u fl-1891, ta' 23 sena, għamlet il-Professjoni fil-Kongregazzjoni[6]. Kienet għadha żagħżugħa ħafna meta saret superjura tal-*Istitut Fra Diegu,* fil-Ħamrun. Fi żmien wara kienet ukoll Kunsilliera ġenerali u Maestra taż-żgħażagħ professi.

Magħżula Superjura ġenerali f'Mejju 1923 fid-IX Kapitlu ġenerali, għaddiet l-aħħar erba' xhur ta' ħajjitha tieħu ħsieb b'ħila u mħabba, b'sodisfazzjon tas-sorijiet kollha, fl-ufficċju l-aktar għoli u diffiċli.

Wara marda qasira imma ta' tbatija kbira li soffriet fis-skiet, mgħejjuna mis-sagrament tal-aħħar u mibkija minn dawk kollha li kienu jafuha[7], għaddiet għal ħajja aħjar mas-sbiħ tad-19 ta' Settembru 1923, fil-Casa Madre, Għawdex.

L-għada ta' mewtha, fil-ġurnal *Malta*, deher dan il-ħjiel tagħha: "Ġrajja ta' niket bla mistennija titfa' f'luttu kbir il-Kongregazzjoni tant mimlija ġieħ tar-Reliġjużi Terzjarji Franġiskani, magħrufin f'Malta għall-ħidma tagħhom favur id-diversi Istituti edukativi tat-tfajliet, f'ħafna bliet u rħula, bil-mewt tas-Superjura ġenerali tagħhom, Sr Giovanna tal-Axxensjoni (Fenech), li ġrat dal-lejl fil-Casa Madre ta' Għawdex.

Ir-reliġjuża mimlija ġieħ kienet eżempju tassew ta' ċaħda u ħeġġa matul il-ħafna snin li għaddiet fit-tmexxija tal-Istitut Fra Diegu, fil-Ħamrun, fejn ħalliet xhieda qawwija ta' karità nisranija b'risq it-tfajliet hemm imkennija, li ħabbewha bħala l-iżjed għażiża fost l-ommijiet.

Imsejħa mill-ubbidjenza biex tmexxi l-Kongregazzjoni kollha, li tgħodd ftit inqas minn 200 reliġjuża, laqgħet bil-biki t-toqol b'rispett lejn il-meqjum Isqof ta' Għawdex, li kien qiegħed imexxi l-Kapitlu. Fiż-żmien qasir tas-superjorat tagħha, tat xhieda tiddi tal-ħeġġa tagħha u tal-għerf mhux komuni li bihom kienet imżejna,

---

[6] Għall-professjoni tagħha, Madre Margerita bagħtitilha ittra twila u ħerqana ħafna, li ġġib id-data tal-14 ta' Ġunju 1891: Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...,* Ittra 130, pp 254 – 257.

[7] Ta' dan tixhed ittra mibgħuta minn Madre Margerita lil Madre Paċifika Xuereb fit-8 ta' Ottubru 1923. Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...* Ittra 83, p. 179 s.

dejjem mimlija karità bla qies li wasslet lis-sorijiet kollha biex iwieġbu għaliha b'imħabba ta' ulied, li wrewha stima l-iżjed profonda.

Saħħitha però kienet diġà ħallietha, billi kienet tbati b'qalbha u bid-dijabete, mard li ma jaħfirha lil ħadd. Ħallietna fil-ħemda ta' min hu ferħan li jħoss ruħu safi, imsaħħaħ fl-aħħar bil-ħsieb sabiħ li kienet tat kull ħila ta' moħħha u ta' qalbha għall-ġid tal-proxxmu.

Indifnet ta' 55 sena biss, waqt li ħalliet il-wirt l-iżjed għani tal-virtujiet reliġjużi lil ħutha s-sorijiet li bkewha bla sabar."

**d. Madre Cleofe Bondin**

Twieldet il-Belt Valletta, fis-16 ta' Mejju 1890 u ngħaqdet fil-ħajja reliġjuża fil-Kongregazzjoni fl-1907.

Żagħżugħa moħħha tajjeb u serja, sinċiera u tħobb is-skiet, malajr bdiet tagħti qadi tajjeb lill-Kongregazzjoni. Għal diversi snin kienet Segretarja ġenerali ta' Madre Nazarena Gouder.

F'Mejju 1945, fit-XIII-il Kapitlu ġenerali, kienet magħżula Superjura ġenerali u baqgħet tmexxi sa Mejju 1951. Bħala Superjura, ġabet ruħha ta' mara qawwija, iżda fl-istess ħin ta' omm tassew twajba, tifhem, sensibbli. Kienet taf tisma' u tifhem lis-sorijiet, u tweżinhom bil-ħlewwa. Għenet lill-komunitajiet jgħixu fis-sliem u fl-armonija. Kellha dejjem ħsieb partikulari għaż-żgħażagħ fil-formazzjoni u għas-sorijiet morda. Il-ġrajja ta' min ifakkarha l-iżjed fiż-żmien tas-superjorat tagħha kienet dik tal-għarfien tal-Kongregazzjoni bħala "Istitut ta' dritt pontifiċju" min-naħa tas-Santa Sede, f'Diċembru 1946.

Wara li spiċċat minn Madre ġenerali, saret Vigarja ġenerali; imbagħad ġiet mibgħuta bħala superjura fid-dar tal-Pilar, il-Belt Valletta, stmata u maħbuba mill-komunità kollha. Is-sorijiet sabu fiha omm tassew: ħelwa, kwieta, tħobb is-sliem. Iżda l-iżjed: għalliema kbira tal-virtujiet.

Ruħ franġiskana minn qiegħ qalbha, ħadet dejjem ħsieb li jkollha mħabba ħerqana għal Ġesù, għarus maħbub tagħha: malli kienet tkun tista', kienet tiġri f'riġlejn it-

tabernaklu u hemm tgħaddi sigħat twal. Kienet titgħakkes, tilqa’ s-sagrifiċċji u n-nuqqas ta’ ftehim, kienet tgħix fil-penitenza u fl-umiltà. Kienet imgħallma tal-virtù.

Ħalliet dan il-wied tad-dmugħ fid-dar *Fra Diegu* l-Ħamrun, fis-17 ta’ Diċembru 1980, mibkija mis-sorijiet kollha li kienu jafuha bħala l-Madre twajba u li taf tifhem.

**e. Madre Luisa Busuttil**

Twieldet il-Belt Valletta fil-25 ta’ Diċembru 1900 u daħlet reliġjuża fil-Kongregazzjoni ta’ 20 sena.

Wara li temmet l-istudji superjuri, fl-1935, ġiet mibgħuta Ruma fejn damet għal ħafna snin. Kienet Superjura lokali matul it-tieni gwerra dinjija u tat lilha nfisha kollha kemm hi għall-għajnuna lill-foqra u għal dawk fil-bżonn, fosthom ħafna lhud fil-periklu.

Lura Malta fl-1945, kienet kunsilliera u segretarja ġenerali għal sitt snin; wara, għal 18-il sena (1951 – 1969) mexxiet il-Kongregazzjoni bħala Sueprjura ġenerali. Fi żmien wara, ġiet magħżula Vigarja ġenerali.

Mara qalbiena, ta’ xogħol u tħares fil-bogħod, għarfet taqra s-sinjali taż-żminijiet billi fetħet djar f’pajjiżi ta’ tliet kontinenti: Brażil (1952), Pakistan (1953), Awstralja (1954) u Amerika (1956). Sensibbli u lesta tilqa’ l-messaġġi tal-Konċilju Vatikan II, ħadmet sewwa għall-aġġornament tal-Kongregazzjoni[8], ħidma li wasslet għall-Kostituzzjonijiet il-ġodda, frott tas-XVII-il Kapitlu ġenerali tal-1969.

Kienet devota ħafna tal-Qalb ta’ Ġesù fl-Ewkaristija: kienet tqatta’ sigħat sħaħ fl-adorazzjoni u kienet tisħaq mas-sorijiet fuq l-imħabba għall-Ewkaristija. Għexet bil-ferħ il-kariżma franġiskana u l-virtujiet tagħha: umiltà, ċkunija, faqar, sempliċità, ferħ.

Għexet għal ħafna snin ma’ Suor Ġemma Camilleri, li mietet f’fama ta’ qdusija: kienet tgħaqqadha magħha ħolqa spiritwali qawwija. Kellha wkoll rapport qrib ta’

[8] Dak li għamlet f’dan is-sens għidnieh diġà fl-ewwel kapitlu.

bint ma' Madre Margerita, kif jixhdu l-ittri mibgħuta lilha tul snin twal (1930 – 1945)[9].

Mietet fid-*Dar tal-Adorazzjoni,* fil-Belt Valletta, fil-5 ta' Marzu 1982, meta kellha 82 sena.

**f. Madre Ines Gauci**

Twieldet fil-Kalkara fit-3 ta' Marzu 1912. Kienet żagħżugħa fuq tagħha, moħħha jagħtiha u mimlija rieda tajba.

Wara li temmet in-novizzjat fil-Casa Madre ta' Għawdex, ġiet mibgħuta Ruma, fejn damet fit-tul taqdi ħafna dmirijiet: esperta fl-edukazzjoni tat-tfal, ekonoma u Vigarja tal-komunità.

Fl-1951, is-superjuri reġgħu fetħu n-novizzjat f'Ruma u Madre Ines ġiet magħżula biex tmexxi ż-żgħażagħ li kienu qegħdin jitħejjew għall-ħajja reliġjuża. Kienet maestra ħsiebha hemm, u kienet tfittex tkun taf sewwa liż-żgħażagħ tagħha. Kienet preċiża fid-dmir tagħha u kienet titlob miż-żgħażagħ tagħha attenzjoni u għotja tagħhom infushom fi dmirijiethom. Kienet tagħti mpressjoni ta' persuna ħarxa, iżda kienet ta' qalb tajba u sensibbli.

Mal-mewt ta' Madre Dionisja Thomis (Novembru 1956) ġiet magħżula superjura tal-komunità ta' Ruma, li f'dak iż-żmien kienet numeruża ħafna (mas-60 persuna) u b'xejra internazzjonali. In-novizzjat ta' Ruma kien imtela b'żgħażagħ ġejjin ukoll mill-Brażil u l-Pakistan. Is-sorijiet żgħażagħ kienu jiġu mibgħuta Ruma għall-formazzjoni iżda anke biex jibdew l-istudji reliġjużi u professjonali. U Madre Ines kienet attenta ħafna għall-preparazzjoni reliġjuża, spiritwali u kulturali tas-sorijiet afdati f'idejha.

Fil-11 ta' Ottubru 1969, fis-XVII-il Kapitlu ġenerali, ġiet magħżula Superjura ġenerali, u mexxiet il-Kongregazzjoni sal-1982. Ħadmet ħafna biex tissokta l-opra tat-tifrix u tal-aġġornament tal-Kongregazzjoni mibdija b'mod qalbieni minn Madre Luisa Busuttil, kif diġà fakkarna fl-ewwel kapitlu. Ma kinitx tibża' minn

[9] L-ittri li għadhom fl-arkivju huma tmienja. Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...,* ittri 107 – 114, pp. 213 – 229.

vjaġġi twal, bla tieqaf, iżżur il-komunitajiet kollha tal-Kongregazzjoni, titkellem mas-sorijiet u timliehom bil-kuraġġ, fil-perseveranza u l-imħabba fil-qadi tagħhom.

Meta wara tlettax-il sena temmet tmexxi l-Kongregazzjoni, għażlet li tmur tgħix fil-komunità ta' Ġerusalemm fejn baqgħet għal iżjed minn sena. Imbagħad marret toqgħod għal kollox fil-komunità żgħira ta' Montecampano (Terni). Għajjiena u marida ġiet imdaħħla l-isptar f'Terni, fejn mietet ta' qaddisa, fid-19 ta' Ottubru 1985.

## 2. – SORIJIET MALTIN

Il-parti l-kbira tal-Kongregazzjoni kienet dejjem magħmula minn sorijiet maltin, u ħafna minnhom għexu u ħadmu fit-tul barra minn art twelidhom, b'hekk għenu b'ġenerożità biex il-Kongregazzjoni tinfirex u trabbi l-għeruq ukoll f'pajjiżi oħra. Fost tant sorijiet li tagħhom it-tifkira baqgħet dejjem ħajja, bħal qishom ta' eżempju, nippreżentaw fil-qosor dawn li ġejjin.

### a. Sr Francesca Borg

Twieldet il-Belt Valletta fis-16 ta' Marzu 1885. Daħlet fil-Kongregazzjoni fl-1901, għamlet in-novizzjat fil-Casa Madre ta' Għawdex u pprofessat fit-2 ta' Lulju 1904. Kienet persuna ħelwa, li għexet bil-ferħ u impenn is-sejħa reliġjuża tagħha.

Meta kienet għadha żagħżugħa ġiet maħtura superjura f'Ħaż Żebbuġ (Malta). Nhar ta' Ħadd kienet tagħmel qari ma' taħdita spiritwali liż-żgħażagħ: it-tfajliet kienu jmorru jisimgħuha bi ħġarhom kemm għax bil-kelma ħelwa u persważiva tagħha kienet tikkonvinċi u kemm għax fl-istess ħin kienet taf tiċċajta, li kien jagħtihom gost.

F'Mejju 1918 ġiet magħżula Maestra taż-żgħażagħ professi u f'Mejju 1923 Maestra tan-novizzi: qadi li tat fil-Casa Madre sal-1939.

Kienet omm fil-veru sens tal-kelma. Kienet iżżomm għajnejha miftuħin fuq kull novizza u postulanta biex tifhem il-karattru, ix-xejriet, id-doni ta' kull waħda biex imbagħad tkun tista' tmexxihom bil-għerf. Kienet taf tmexxi liż-żgħażagħ fdati lilha

bil-galbu u b'imħabba. Kienet taf sewwa lil kull novizza u kienet taf twissi bi ħlewwa u umanità, iżda anke, meta kien jistħoqq, b'mod sod kif kien jeħtieġ.

In-novizzjat għaliha kienet dinja ta' talb, ta' skiet, ta' ferħ, ta' xogħol. Kienet tgħallem l-ewwel u aktar bl-eżempju milli bil-kelma. Kienet reliġjuża ta' ħajja spiritwali intensa u kellha mħabba taħraq lejn Ġesù Ewkaristija, l-għarus maħbub tagħha; miegħu kellha rabta personali ħafna li kien iqajjem għaġeb u tifħir; malli kienet tista' kienet tiġri f'riġlejn it-tabernaklu. Kienet titgħakkes u bieżla, sempliċi u ġwejda, kollha sabar u taf tagħti ruħha għall-oħrajn.

In-novizzi u l-postulanti tagħha baqgħu dejjem iħobbuha u, spiss, ukoll meta xjieħet, kienu jitolbuha tgħinhom b'fiduċja fiha u ħelsien tal-ispirtu.

Meta fl-1939 temmet taqdi bħala Maestra tan-novizzi, ġiet mibgħuta superjura fil-Qrendi, fejn baqgħet sa mewtha. In-nies kienu jmorru għandha jieħdu pariri, jitolbuha għajnuna spiritwali u talb. Kienet maħbuba u miġjuba minn kulħadd għax kienu jaraw fiha soru kollha kemm hi ta' Alla, persuna qaddisa.

Lejn il-Pentekoste tal-1960, marret il-Casa Madre, Għawdex għall-irtir spiritwali tas-sena. Ħassha ħażin u wara xi jiem daħlet agunija. Mietet fit-3 ta' Ġunju 1960 u ħalliet fis-sorijiet u fil-lajċi li kienu jafuha l-konvinzjoni li kienet reliġjuża tassew qaddisa.

**b. Sr Paċifika Xuereb**

Twieldet l-Imqabba fis-26 ta' Novembru 1886. Kienet l-ewwel superjura tal-komunità l-ġdida ta' Troina (Enna, Sqallija) mill-1922 sal-1929. Wara kienet superjura tal-Casa Madre u tax-Xagħra, Għawdex. Għal ħafna snin kienet Vigarja ġenerali (1929 – 1945) u mbagħad anke Kunsilliera ġenerali (1945 – 1951; 1957 – 1963; 1966 – 1969).

Imsawra sewwa fl-ispirtu franġiskan, għexet b'ferħ ġewwieni t-tixbiħ ma' Kristu Msallab, il-kontemplazzjoni mistika ta' Ġesù Bambin ta' Betlem, l-imħabba ħerqana ta' Ġesù ħaj fl-Ewkaristija. Devota bil-kbir tal-Verġni Marija u ta' missierha San Franġisk, għaddiet din l-imħabba lil kull min kien jagħmilha magħha.

Kienet persuna intelliġenti ħafna, iżda sempliċi u umli fl-imġieba tagħha, dejjem ħiemda u ferħana, bi tbissima mdawla fuq wiċċha. Għexet żmien maġenb Madre Margerita u kienet l-iktar soru li tafha għaliex il-Madre kienet bil-qalb kollha tafda ruħha magħha[10].

Kienet tħobb tgħarraf, l-iżjed lin-novizzi u liż-żgħażagħ professi li kienu jisimgħuha b'interess, fuq il-bidu u l-ewwel ġrajjiet tal-Kongregazzjoni; barra minn hekk, ma kinitx tgħejja titkellem mas-sorijiet kollha fuq il-virtujiet ta' Madre Margerita, li fuqha u tagħha ħalliet ukoll xi "tifkiriet", miktubin b'idejha stess.

Ta' għomor kbir, u marida, sabet kenn fil-Casa Madre, fejn mietet fil-31 ta' Jannar 1978.

## c. Sr Gemma Camilleri

Kienet magħrufa min-nies bħala Madre Ġemma tan-Nadur, fejn twieldet fit-23 ta' Frar 1889. Daħlet fil-Kongregazzjoni meta kellha 20 sena.

Għal 10 snin mexxiet id-dar *Sant'Anna* għall-anzjani fl-Isla, bi bżulija u mħabba ġeneruża, b'għotja tagħha nfisha fis-skiet. Fl-1927, ġiet mibgħuta ma' sorijiet oħra biex tiftaħ u torganizza d-dar importanti ta' Ruma, li tagħha saret l-ewwel superjura. Baqgħet hemm għal tmien snin. Bħala superjura qdiet bi ħlewwa ħiemda, iżda anke b'mod sod u mdawwal: kienet mara qawwija u deċiża; iżda, fl-istess ħin, materna u ħelwa.

Lura Malta fl-1935, għexet għal xi sena fil-Casa Madre; fl-1938, meta diġà kienet qabditha l-marda serja li sammritha mas-sodda[11], ġiet mibgħuta n-Nadur pajjiżha. Hemmhekk għaddiet l-aħħar 35 sena ta' ħajjitha u hemm laqgħet ħiemda lil oħtna l-mewt fl-4 ta' Marzu 1973, meta kellha 84 sena.

Dawk li kellhom ix-xorti li jgħixu magħha jew li jkunu jafuha mill-qrib, kienu jaraw ċar ħafna li Suor Ġemma kienet tgħix ħajja ta' talb bla jaqta', ta' ġabra kbira u ta'

[10] Xhieda ta' din ir-rabta spiritwali huma l-ħafna ittri li Madre Margerita kitbet lil Sr Paċifika: għad għandna 25 waħda, mibgħutin matul tletin sena (1922 – 1951). Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...* ittri 80 – 104, pp. 175 – 209.

[11] Kif insiru nafu anke minn xi ittri ta' Madre Margerita lil Madre Luisa Busuttil u lil Sr Paċifika Xuereb (ittri 96, 100, 108), Sr Ġemma diġà bdiet tħossha mhux f'sikta meta kienet għada Ruma. Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...* pp. 201, 205, 215.

intimità ma' Alla. Kellha devozzjoni l-iżjed kbira lejn Ġesù Ewkaristija u kienet tgħaddi sigħat twal fl-adorazzjoni ewkaristika u, meta kienet għada f'saħħitha, anke ljieli sħaħ. Kienet ukoll devota ħafna tal-Verġni l-iżjed qaddisa, li ħabbet b'tenerezza. Kienet ukoll devota tal-Papa San Piju X u kienet tafu lilu l-qligħ ta' grazzja kbira: Ruma kellha tagħmel operazzjoni u t-tobba li operawha ntebħu li ma kienx hemm iżjed ħjiel ta' tumur, kif kien irriżultalhom qabel[12].

Ġarret is-salib tat-tbatija tal-marda tagħha, li ħallietha msammra mas-sodda għal 35 sena, b'ġenerożità kbira u bil-ferħ, f'għaqda sħiħa mar-rieda ta' Alla, waqt li offriet l-uġigħ tagħha għall-ħtiġijiet tal-bnedmin kollha.

Barra minn hekk, minn fuq is-sodda wettqet ukoll missjoni kbira: miġbuda mill-ħajja spiritwali tagħha, ħafna nies kienu jmorru jitolbuha pariri u talb. Ħafna kienu jmorru minn Malta u hija kienet tkun dejjem lesta tilqa' lil kulħadd: bil-kelma ħelwa u persważiva tagħha, kienet tagħraf tagħti pariri u tqawwi qalb kulħadd. Spiss kien imur iżurha l-isqof ta' Għawdex, Mons Ġużeppi Pace, li kellu ħafna fiduċja fil-kelma tagħha. Kien ferħ bla tarf għaliha tara madwar is-sodda t-tfal tal-iskola, u tismagħhom ikantaw l-innijiet tal-Milied.

Fl-imħabba tagħha għall-Kongregazzjoni, kienet titlob bil-ħerqa għall-vokazzjonijiet ġodda u kienet tieħu ħsieb tgħin għal għażla ġusta, ż-żgħażagħ li kienu juru sinjal ta' sejħa. Fl-4 ta' Marzu 1973, malli ngħatat l-aħbar ta' mewtha, mijiet ta' persuni marru jsellmulha għall-aħħar darba. Waqt il-funeral, kulħadd ried idur mat-tebut biex imiss magħha mkatar u kuruni. In-nies għadhom sallum isejħulha "s-soru l-qaddisa" u jmorru jżuru qabarha fil-kripta tal-Casa Madre, jitolbu grazzji bl-interċessjoni tagħha.

**d. Sr Dionisia Thomis**

Twieldet il-Ħamrun fil-20 ta' Frar 1893. Sfat orfni minn ommha mit-twelid u ftit wara anke minn missierha. Kellha s-sorijiet tal-Kongregazzjoni bħala ommijiet u mgħallmin fid-dar *Fra Diegu* l-Ħamrun, fejn ħadet il-formazzjoni u temmet l-istudji tagħha.

---

[12] Is-sinjura Emily Spiteri, bint Dr Alfred Cauchi, t-tabib tagħha, tixhed li f'dik l-okkażjoni Sr Ġemma rat lil San Piju ħdejn is-sodda tagħha, kif fdatilha hija stess.

Minn mindu kienet tfajla saħħitha kienet dgħajfa, ssofri wkoll mir-rewmatiżmu. Ta' xejra timida, iżda ħerqana u moħħha jagħtiha, meta kellha 23 sena bdiet il-mixja tal-formazzjoni tagħha fil-Kongregazzjoni, li ħabbet dejjem b'passjoni. L-għan tagħha ċar u bla dellijiet kien li tilħaq fis-sod il-qdusija evanġelika.

Fl-1927 ġiet mibgħuta Ruma biex tgħin fit-twaqqif tad-dar il-ġdida, li tagħha kienet imbagħad l-ewwel Vigarja. Baqgħet hemm tletin sena, sal-mewt, taqsam u taħraq l-enerġiji dgħajfa kollha tagħha, fil-għoti tat-teżori intelletwali u umani kollha tagħha bħala għalliema, infermiera, vigarja, maestra tan-novizzi u superjura.

F'dawn ir-rwoli kollha, kienet dejjem mudell ta' osservanza regolari, ta' virtujiet reliġjużi, ta' sempliċità u ta' tjubija.

Kienet tgħodd lilha nfisha dejjem bħala l-aħħar waħda, l-iżjed miżerabbli u midinba fost l-oħrajn kollha. Għal din ir-raġuni kellha spiss fuq xofftejha l-għajta tal-midneb: "Nistqarr 'l Alla ... Ikollok ħniena minni ..."; saħansitra iżjed ma kibret fiż-żmien iżjed kienet tirrepetih b'ċerta konvinzjoni li setgħet tinganna lil min ma kienx jafha.

Bħala maestra tan-novizzi, imbagħad bħala superjura, kienet tfittex li tifforma l-persuni afdati lilha fl-iskola tal-karità, tal-ubbidjenza, tas-sagrifiċċju. L-imħabba ta' Alla għaliha kienet tfisser sagrifiċċju: u fil-fatt m'hemmx imħabba awtentika u bennejja jekk m'hemmx għotja ġeneruża u sħiħa tagħna nfusna.

Moħħha jagħtiha u ħabrieka, kabbret u żiedet l-opri siewja li diġà kien hemm fid-dar ta' Ruma, mibdija mis-superjuri ta' qabilha. Is-Superjuri maġġuri kienu jistmaw dawn id-doti tagħha, flimkien ma' dik tal-prudenza, u nqdew biha biex jiftħu diversi djar fl-Italja (Santa Maria delle Mole, Ascoli Piceno, Bari, Valenzano ...) u ħalli jagħmlu l-ewwel kuntatti biex il-Kongregazzjoni titwassal 'il-bogħod: fil-Brażil u fil-Pakistan. Huwa wkoll b'mertu tagħha il-ftuħ ta' Dar parrokkjali għan-nisa anzjani fqar f'Ruma, fl-1952.

Kienet ħafna għal qalbha l-edukazzjoni spiritwali, kulturali u ċivili tat-tfal, li ħabbet b'tenerezza u li minnhom ġiet maħbuba lura u mfittxija l-ewwel fil-waqtiet żgħar

ta' niket u wara fil-weġġħat kbar tagħhom, meta sabu ruħhom fil-baħar imqalleb tal-ħajja.

F'qalbha kien hemm post għal ħutha s-sorijiet kollha: kien jimpurtaha minn kull waħda daqs li kieku din kienet weħidha li tqajjem l-interess partikulari tagħha; f'kollha kemm huma kellha fiduċja sħiħa u l-ebda waħda minnhom ma qatt issograt tqarraq biha b'xi kelma jew imġieba, anke meta saħħitha ma kinitx tippermettilha tgħasses fuqha iżjed.

It-tbatija hija l-privileġġ tal-erwieħ partikularment għeżież għal Alla. Suor Dionisia kienet tafu dan u laqgħat b'ħemda tal-għaġeb is-slaleb kollha morali u fiżiċi li qatt ma naqsulha matul ħajjitha[13]. U bi spirtu seren ġarrbet l-aħħar marda li ħakmitha bla ħniena, mitluqa għal kollox f'dirgħajn Alla.

Bħal ħarufa ġwejda daħlet għall-operazzjoni li tagħha dejjem kellha biża', u għal sentejn ġarrbet b'sabar it-tbatija tal-marda, bil-għaġeb ta' dawk li kienu jersqu fejnha. Kienet tħossha grata sad-dmugħ għal kull servizz li kienu jagħmlulha, waqt li għal uliedha spiritwali kien dejjem ta' ġieħ meta kienu jkunulha ta' ħtieġa.

L-ispirtu tat-talb, bla jaqta' tul ħajjitha kollha, deher fl-aqwa tiegħu matul il-marda. Kienet tidher titlob ukoll meta kienu jagħmlu tagħhom il-kalmanti; hekk, waqt li s-saħħa ta' ġisimha kienet qed tgħib, l-għaqda intima ma' Alla bdiet tikber dejjem iżjed. Kont taraha miġbura, għajnejha fuq l-Imsallab, dejjem titolbu biex ikollu ħniena minnha u jagħtiha l-qawwa biex tkun tista' toffrilu t-tbatija li kienet dejjem iżjed tagħfas fuqha. Forsi kienet qed ixxebbaħ lilha nfisha ma' warda timida tal-passjoni, mxarrba bin-nida, tfittex l-Infinit, kif qal tajjeb il-kappillan Dun Luigi Rovigatti, li kien iżurha aktar minn darba kuljum biex iqawwiha b'kelmtu u bil-barka tiegħu: "Qiegħda tqaddes ruħha dejjem iżjed kuljum" kien jgħid lis-sorijiet: u fil-fatt, ruħha kienet saret pura daqs il-kristall. Meta kienet tonqosha s-saħħa biex titlob, kienet tixtieq u titlob lil persuni oħra biex jitolbu madwarha u għaliha, tgħidilhom jgħidu spiss it-talba tal-agonizzanti u t-talba "Ruħ ta' Kristu".

[13] Rigward dan, niftakru li Madre Margerita kienet Ruma minn Awwissu 1932 sa Frar 1933, biex tieħu post Sr Dionisia fir-rwol ta' Maestra tan-novizzi, għax kienet marida. Bejniethom kien hemm għaqda profonda fl-ispirtu, li tagħha huma xhieda l-ittri mibgħutin lil Sr Dionisia mill-Madre: sebgħa huma dawk li għad għandna. Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...* Ittri 115 – 121, pp. 230 – 240.

Fis-sigħat bikrija tal-Erbgħa, 21 ta' Novembru 1956, festa tal-Preżentazzjoni fit-Tempju tal-Beata Verġni Marija, xi siegħa wara li tqarbnet, daħlet fl-agunija. Is-Superjura ġenerali, Madre Luisa Busuttil, tennitilha f'widnejha l-ismijiet ta' Ġesù u Marija, fil-waqt li s-saċerdot taha l-aħħar assoluzzjoni. Wara xi siegħa, l-għajnejn twajba tagħha, li qatt ma għarfu jaraw il-ħażen f'xi ħadd, ingħalqu għal dejjem għad-dawl tal-art, biex jinfetħu għal dak tal-hena ta' dejjem.

Min kien jersaq lejn ġisimha, kont tisimgħu jtenni: "Mhix mejta, rieqda". Il-funeral tagħha kien it-trijonf tal-modestja u l-umiltà tagħha.

**e. Sr Getrude Gatt**

Twieldet f'Ħaż Żebbuġ (Malta) fis-17 ta' Diċembru 1901 u ta' 19-il sena ħaddnet il-ħajja reliġjuża.

Għal xi żmien għexet ma' Madre Margerita fid-*Dar tal-Adorazzjoni* fil-Belt Valletta[14]. Żmien wara ġiet mibgħuta fil-komunità ta' Misterbianco (Catania, Sqallija). Kienet edukatriċi mħeġġa għall-aħħar u tat ruħha għat-tagħlim tal-ħjata u r-rakkmu, waqt li kienet tiġbed ħafna żgħażagħ bil-ħlewwa tagħha.

Imsejħa lura Malta, għal 27 sena kienet maestra tan-novizzi fil-Casa Madre, Għawdex, fejn dak iż-żmien kienu jmorru ħafna żgħażagħ mħajrin għall-ħajja reliġjuża. Tat ruħha kollha kemm hi għall-formazzjoni tal-postulanti u tan-novizzi bil-qawwa u bil-ħlewwa kollha. Kienet attenta fuq kollha, tfittex li tkun tafhom sewwa, tifhem il-karattru u l-kapaċitajiet tagħhom, anke biex tkun tista' tindirizzahom aħjar għar-rwol ġejjieni tagħhom. Bil-mod sod u l-imħabba tagħha kienet taf tirbaħ il-fiduċja u l-istima taż-żgħażagħ: kienu jafdawha u jiftħu qalbhom magħha, l-iżjed fid-diffikultajiet tagħhom. Kienet għalihom omm li tifhimhom, mexxejja spiritwali li setgħu jserrħu fuqha.

Kellha mħabba kbira lejn Ġesù fl-Ewkaristija u devozzjoni mill-iżjed kbira lejn il-Verġni Marija. Kienet tħeġġeġ liż-żgħażagħ afdati lilha biex iħobbu lil ommhom tas-sema, u jfittxu lill-ħelu Ġesù fit-Tabernaklu. Kienet tmur man-novizzi fil-kor fil-

[14] F'ittra mibgħuta lilha f'Jannar 1934, Madre Margerita tiftakar b'ċerta nostalġija, dak iż-żmien. Ara: *Amiamo l'Amore. Lettere ...* Ittra 126, p. 247 s.

ħin stabilit, biex titlob fis-skiet u titkellem Miegħu b'imħabba kollha fiduċja. Kienet tisħaq man-novizzi li jgħaddu kuljum għallinqas nofs siegħa weħidhom qrib Ġesù u jitkellmu Miegħu qalb ma' qalb. Hija kienet tqatta' ż-żmien ħieles tagħha titlob fis-solitudni quddiem it-tabernaklu.

Fl-aqwa tal-ħidma tagħha, kienet milquta minn marda bla fejqan, u mietet fil-Casa Madre meta kellha 64 sena, fit-3 ta' Ġunju 1966.

**f. Sr Vianney Vella**

Twieldet l-Isla fl-10 ta' Ġunju 1919. Temmet l-istudji klassiċi tagħha u fl-istess ħin kienet tistudja l-mużika. Mimlija ħajja u moħħha tajjeb, kienet maħbuba minn ħbiebha kollha. Kienet riflessiva ħafna u l-hena tagħha kienet li tissieħeb mas-sorijiet.

Ta' 18-il sena, ħaddnet il-ħajja reliġjuża fil-Kongregazzjoni u għamlet in-novizzjat fil-Casa Madre. Wara l-professjoni temmet l-istudji u qalgħet iċ-ċertifikati meħtieġa biex tgħallem u tmexxi skola.

Temmet ukoll l-istudji tal-mużika. Kienet organista tajba u kien gost tagħha takkompanja l-kor tas-sorijiet f'kull komunità. Fl-1954 kienet waħda mill-ewwel sorijiet mibgħutin l-Awstralja. F'Settembru 1954, bil-ftuħ f'Mackay, Queensland, tal-ewwel *Dar* għan-nisa anzjani, Sr Vianney tat lilha nfisha b'imħabba f'dan il-qadi u kienet tfittex iżżomm fuq tagħhom lill-anzjani anke bil-mużika tagħha.

Fl-1959, ma' tliet aħwa sorijiet oħra, ġiet mibgħuta Warrawong, fi New South Wales, biex jiftħu skola elementari, li hija mexxiet b'mod professjonali u siwi kbir.

Kienet reliġjuża ta' rieda qawwija, ħelwa u ta' mħabba kbira. Kienet tfittex tgħin lill-aħwa sorijiet b'inqas skola, biex ikunu jistgħu huma wkoll jagħtu daqqa t'id tajba fl-iskola.

Tat ħajja ġdida lil ħafna oqsma tal-apostolat fil-parroċċa u fil-belt. Kellha għal qalbha l-katekiżmu tat-tfal u tal-kbar u kienet tixtieq li l-aħwa s-sorijiet jittieħdu minn din l-imħabba. Kienet tmur iżżur il-familji maltin, li f'Warrawong ma kinux ftit, biex jibqgħu qalbenija fil-ħajja, tistedinhom ma jħallux is-sagramenti, ma

jinsewx it-tagħlim li kienu ħadu f'art twelidhom - Malta. Għenithom iħossu tabilħaqq il-preżenza tas-sorijiet maltin fil-belt.

Ħafna persuni kienu jmorru għandha jfittxu għajnuna spiritwali; hija kienet tilqa' 'l kulħadd bi tbissima, ħlewwa u mħabba.

Tul ħajjitha qdiet ħafna rwoli: barra minn dak ta' kap tal-iskola, anke dak ta' superjura tal-komunità.

Minħabba d-dgħufija ta' saħħitha, ġiet lura Malta u kompliet taqdi fid-dar ta' Tas-Sliema. Kienet taħdem b'ħeġġa, ferħ u mħabba, kemm mas-sorijiet ħutha kif ukoll mal-mijiet ta' studenti ta' *St Elizabeth School.*

Għal min jemmen, huwa l-Mulej li jfassal il-ħajja u Sr Vianney, waqt li kienet mitfugħa f'tant apostolat, kienet milquta minn marda tal-biża' li temmitilha ħajjitha fi ftit xhur. Mietet fil-komunità ta' Tas-Sliema fit-3 ta' Mejju 1979, wara tbatija kbira milqugħa dejjem b'sabar u fiduċja f'Alla, toffri kollox għall-konverżjoni tal-midinbin.

## g. **Sr Marcellina Tabone**

Twieldet ir-Rabat, Għawdex, fis-7 ta' Jannar 1947, u ntrabtet bil-voti fil-Kongregazzjoni fit-3 ta' Awwissu 1967. F'Mejju 1968 ġiet mibgħuta l-Pakistan, fid-dar ta' Mirpurkhas, fejn temmet l-istudji u l-formazzjoni tagħha[15].

Kellha diversi rwoli fid-diversi djar tal-missjoni: iżda dak ewlieni li dejjem qdiet bil-qalb kien it-tagħlim, li ħadilha ħajjitha bis-sħiħ fir-rwol delikat ta' edukatriċi, u l-imħabba ġeneruża u bil-fatti lejn il-foqra.

---

[15] Fost tant sorijiet maltin li mill-bidu tal-missjoni fl-1953 ħadmu l-Pakistan, oħrajn ukoll ħaqqhom jiġu mfakkra. Biex nagħtu xi eżempju, insemmu lil Sr Riccardina Grima. Twieldet San Pawl il-Baħar fil-15 ta' Diċembru 1931 u ħaddnet il-Kongregazzjoni fl-1953. Wara li pprofessat fl-1955, ġiet mibgħuta mill-ewwel il-Pakistan, fejn baqgħet taħdem missjunarja bla waqfien għal madwar 40 sena: bi ftit mezzi rnexxielha tagħmel ferħana tant u tant qlub; tat il-grazzja ta' ulied Alla lil ħafna u ħafna tfal. Xehdet biċ-ċar quddiem kulħadd kemm Alla jħobb fuq kollox lill-fqajrin, lil tal-aħħar, u lil dawk li jinsabu waħidhom. L-aħħar xhieda tal-imħabba tagħha għal Kristu tatha bis-sofferenza: lura Malta biex isservi lil ommha marida, ħarġilha bil-ħruxija kollha tiegħu tumur (li x'aktarx li kien diġà ilu ibattiha minn żmien), li fi żmien xahar qeridha għal kollox. Mietet fil-15 ta' Frar 1996.

Il-missjoni kienet saret tant għal qalbha li meta kienet tmur Malta għall-mistrieħ, ma kinitx taħseb ħlief fil-foqra tagħha. Fil-knejjes kollha ta' Għawdex kienu jarawha tagħti xhieda fost il-poplu, titkellem u tiġbor kull ma tista' għall-missjoni tal-Pakistan, li wasal biex sar it-tieni art twelidha. X'kien li jagħmilha hekk imġenna għall-fqar tagħha? Bla dubju ta' xejn is-sejħa konvinta reliġjuża u missjunarja tagħha: l-imħabba taħraq għall-kariżma tal-Kongregazzjoni li, akkost ta' kollox, riedet li tkun imxerrda ma' kullimkien; l-imħabba ħerqana għal Kristu, li biex tixbaħ lil Madre Margerita, riedet li jkun magħruf dejjem u kullimkien.

Fl-1989 ġiet magħżula Superjura reġjonali; meta fil-1995 temmet dan is-servizz, marret lura Mirpurkhas bħala superjura lokali u direttriċi tal-iskola. Fl-1960 l-iskola kienet ġiet nazzjonalizzata mill-gvern; issa, minn ftit 'l hawn, kienet ġiet mogħtija lura lis-sorijiet f'qagħda mill-agħar; iżda bl-isforz ħabrieki ta' Sr Marcellina, bdiet malajr tieħu r-ruħ mill-ġdid u bil-mod il-mod terġa' twarrad.

Proprju f'dan il-kuntest ta' tama ġara d-dramm mhux mistenni u li ħadd ma jista' jifhmu: fil-lejl bejn is-27 u t-28 ta' Ġunju 1997, Sr Marcellina ġiet maqtula minn raġel pakistani (b'tir ta' revolver mill-qrib) fil-kamra tagħha. Ħadd ma kien xhud ta' dan id-delitt aħrax u bla raġuni.

Mhux żgħira kienet is-sorpriża, l-korla u l-weġgħa għall-mewt traġika tagħha: mhux biss qalb is-sorijiet ħutha, iżda anke fost il-poplu kollu tal-post, li kien iħobbha u jagħtiha ġieħ. Ma setax jemmen kif il-kilba għall-flus (din infatti huwa maħsub li kienet ir-raġuni l-iżjed probabbli tad-delitt) wasslet lill-qattiel għal dan ir-rejat. Sfortunatament, anke għal ftit impenn fit-tfittxija tiegħu mill-awtorità konċernata, l-qattiel ta' Sr Marcellina baqa' mhux magħruf u ħieles għal kollox.

Fis-7 ta' Lulju ġisimha nġieb il-Casa Madre f'Għawdex, fejn ingħata ġieħ solenni tal-mejtin, immexxi mill-Isqof Mons Nikol Cauchi. It-tifkira tagħha ta' "mara qalbiena" u ta' "martri tal-karità" tibqa' fil-barka ta' kulħadd: is-sorijiet jafu li għandhom fi ħdan Alla waħda minn ħuthom li qiegħda tidħol għalihom u għall-apostolat tagħhom.

## 3. – SORIJIET MINN PAJJIŻI OĦRA

Il-Kongregazzjoni hija nternazzjonali mhux biss għat-tifrix ġeografiku tagħha, iżda anke għas-sorijiet li jħaddnuha: sinjal ċar, dan, tas-saħar tal-kariżma li laqgħat lil tant żgħażagħ, imlaħħam fix-xhieda ġeneruża tas-sorijiet imxerrdin fid-diversi pajjiżi.

Fost mhux ftit reliġjużi mhux maltin li jistħoqqilhom ikunu mfakkra, nippreżentaw fil-qosor xi wħud minnhom, hawn ukoll b'eżempju[16].

**a. Sr Vita Schilirò**

Twieldet Nicosia (Sqallija) fis-16 ta' Diċembru 1900. Għamlet in-novizzjat fil-Casa Madre, Għawdex fl-1923 u għaddiet ħajjitha twila u bieżla fl-Italja: fil-bidu f'Misterbianco (Catania, Sqallija), wara, mill-1941, Ruma u Santa Maria delle Mole (Marino, Roma).

Jiemha, l-iżjed fis-snin li għaddiet f'Ruma, kienu minsuġa b'ħidma karitattiva bla għejja, ġewwa u barra d-dar.

L-ewwel post f'qalbha kien għat-tfal tal-iskola u tal-orfanatrofju: b'finezza ta' omm, kienet taf tħobbhom, tgħinhom u tieħu ħsiebhom. Għajnejha miftuħa fuqhom u ta' qalb sensibbli, kienet tkun l-ewwel li tagħraf problemi u ħtiġijiet u malajr kienet taħseb biex twieġeb għalihom. Fis-snin twal u drammatiċi tal-gwerra (1940 – 1945) kienet hi l-magħżula biex tqassam kuljum l-ikel li l-parroċċa kienet tiġbor għall-foqra.

Fl-1947, meta ġiet miftuħa d-dar ta' Santa Maria delle Mole, li dak iż-żmien kienet tiddependi minn dik ta' Ruma, kienet waħda mill-ewwel sorijiet li ġew mibgħuta hemm. Malajr saret maħbuba fil-pajjiż: kulħadd sar jafha u beda japprezzaha għall-imġieba sempliċi u tajba tagħha. Ma' kulħadd, ġewwa u barra d-dar, kienet titkellem fuq Ġesù, lil kulħadd kienet tfakkar biex ma jittraskurawx is-sagramenti u l-Ewkaristija. Bi stil personali, kienet tgħallem il-katekiżmu, u minħabba dan, jixirqilha l-isem ta' katekista itineranti, f'mixja.

---

[16] F'din il-ġabra qasira ma nistgħux ngħoddu sorijiet afrikani u awstraljani għas-sempliċi raġuni li s-sorijiet afrikani għadhom kollha ħajjin, filwaqt li l-Awstralja (kas waħdu) għada ma tatx vokazzjonijiet mill-post lill-Kongregazzjoni.

Meta fl-1952, il-kappillan Mons Luigi Rovigatti ħaseb jiftaħ dar biex jilqa' fiha n-nisa anzjani u fqar tal-parroċċa, talab l-għajnuna tas-sorijiet. Is-Superjura taż-żmien, Sr Dionisia Thomis offriet b'xejn dan is-servizz u fdatu f'idejn Sr Vita, li intant kienet marret lura Ruma: din ħadet għal qalbha u b'ħeġġa x-xogħol għal ħafna snin, sakemm saħħitha ppermettitilha.

Sr Vita baqgħet dejjem żagħżugħa fl-ispirtu, tagħti xhieda sabiħa ta' reliġjuża umli u ta' sabar, mogħtija għat-talb u l-karità. Dejjem fuq tagħha u sinċiera, bil-għerf spiritwali tagħha, kienet tieħu u tagħti sehemha sewwa fil-ħajja tal-komunità.

Oħtna l-mewt ħaditha ħesrem fit-18 ta' Frar 1994, meta kellha 93 sena magħluqa. Ħalliet f'dawk li kienu jafuha u jistmawha, dispjaċir għat-telfa u gratitudni, li nbidlu f'ħajr korali lil Alla għall-ħajja eżemplari tagħha.

**b. Sr Amadea Agius**

Twieldet f'Korfù fl-4 ta' Settembru 1908 minn familja ta' nisel malti, reliġjuża ħafna. Kellha żewġ aħwa rġiel saċerdoti u tliet aħwa nisa reliġjużi f'Istituti oħra.

Marret l-iskola elementari għand ir-reliġjużi tal-Kongregazzjoni u meta kienet għada żgħira semgħet is-sejħa: ta' 18-il sena bdiet in-novizzjat fil-Casa Madre, Għawdex u fit-3 ta' Awwissu 1929 għamlet il-professjoni temporanja tagħha.

B'fedeltà u mħabba qdiet il-Kongregazzjoni fid-diversi djar u rwoli li ġew afdati lilha. Għal 40 sena għexet fid-*Dar tal-Adorazzjoni,* fil-Belt Valletta, fejn ħadmet tagħti l-frott bil-kapaċità li kellha fir-rakkmu u l-ħjata. Ikkurat l-"Opra tat-Tabernakli" li f'dak iż-żmien kienet ħajja ħafna. Wara ġiet mibgħuta anke bħala Superjura f'Napli u f'Misterbianco (Catania, Sqallija). Imbagħad marret lura Korfù, fejn baqgħet sal-mewt, li ġrat fit-23 ta' Awwissu, meta kellha 95 sena. Sakemm saħħitha ppermettitilha, tat lilha nfisha b'imħabba għall-kura tan-nisa anzjani: wara, kienet dejjem lesta taqdi ġewwa l-komunità u tilqa' n-nies fil-bieb tad-dar.

Ta' xejra tajba u sempliċi, kellha d-don kbir tal-ġenerożità u kienet tgħin lil kulħadd. Għal kulħadd kellha kelma tajba li biha kienet tnissel kuraġġ u serenità

fil-qalb ta' min kien jersaq lejha; kienet dejjem lesta tagħti parir għaqli u twissija ħerqana bil-għan li tressaq lil kulħadd lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Kien jidher sewwa fiha l-ispirtu ta' faqar u kienet taf tagħmel teżor minn kull ħaġa li tiġi f'idejha. Kienet tħobb tieqaf fit-tul fil-kappella u spiss, meta kienet issib ruħha weħidha, kienet tgħanni taħt ilsienha għanjiet ta' mħabba lil Ġesù li kienu joħorġu naturali minn qalbha.

**c. Sr Marcella Costa**

Twieldet Troina (Enna) fl-10 ta' Mejju 1911, u għamlet in-novizzjat fid-dar ta' Ruma, fejn ipprofessat fit-3 ta' Frar 1938.

Għexet dejjem Ruma, tagħmel ħafna servizzi ta' ġewwa d-dar, fost l-oħrajn dak delikat li tilqa' fil-bieb. Ħadmet dejjem bi spirtu ta' sagrifiċċju, b'umiltà, moħbija u bla ambizzjoni. Dawk kollha li kienu jersqu lejha minħabba d-dover tagħha mal-bieb, kienu jħossu s-seħer tal-apostolat sieket tagħha, magħġuna b'eżempju tajjeb u talb bla jaqta'.

Biex twieġeb mill-aħjar possibli għad-don tas-sejħa, tat ruħha malajr biex ittejjeb il-karattru mhux faċli tagħha sakemm ġabitu umli u ħelu. L-ogħla virtujiet tagħha kienu l-faqar, is-sempliċità u l-umiltà. L-arma rebbieħa tagħha kienet il-kuruna tar-Rużarju Mqaddes, li kienet dejjem tkun imdendla ma' jdejha rqaq: konferma ta' dan kien il-fatt li anke mejta, subgħajha baqgħu bil-forma daqs li kieku kienet qiegħda tgħodd fuq iż-żibeġ tal-kuruna.

Fl-aħħar snin batiet ħafna mard bħala riżultat ta' waqa' u ta' pressjoni għolja. Mietet fis-17 ta' Jannar 1970, wara ftit jiem fl-isptar.

**d. Sr Domenica Motta**

Twieldet fit-22 ta' Jannar 1914, f'Misterbianco (Catania, Sqallija) minn familja tat-tajjeb u daħlet fin-novizzjat ta' Ruma fl-1933. Għexet dejjem f'Ruma.

Kienet persuna għanja ħafna umanament: moħħha tajjeb u fuq tagħha, ċajtiera u dħulija, ta' rieda tajba u ġeneruża, pjanista tajba u tirrakma perfett. Daqstant

ieħor għanja saret fl-ispirtu: siekta u umli, ġwejda u tħobb taqdi. L-hena tagħha kienet tqatta’ sigħat twal fil-kappella, għarkopptejha f’riġlejn it-tabernaklu, mitlufa fit-talb.

Fil-bidu, kienet mogħtija għall-edukazzjoni tal-orfanelli bniet. Imbagħad ġiet mitluba tieħu ħsieb il-formazzjoni fin-novizzjat ta’ Ruma: l-ewwel bħala viċi maestra; wara, għal ħafna snin (1956 – 1970) bħala maestra.

Sr Domenica daħlet dejjem għal dan il-qadi delikat mhux biss bit-tagħlim, iżda anke bix-xhieda, bl-eżempju. Bil-ħlewwa, bl-għerf u bl-għaqal kienet taf sewwa tmexxi l-postulanti u n-novizzi, minnhom maħbuba u mogħtija ġieħ. Magħha n-novizzjat kien oasi ta’ talb, skiet, tgħakkis, xogħol, iżda l-aktar ta’ ferħ kbir. Konvinta u ta’ osservanza fidila tar-Regola u tal-Kostituzzjonijiet, għarfet tiżra’ l-valuri ta’ dawn fil-qalb taż-żgħażagħ, li minnha tgħallmu jagħtu lilhom infushom lil Kristu. Sallum, dawk li darba għallmithom u ffurmathom hi, jgħidu, b’kemmxejn kburija, li ż-żgħażagħ kollha li għamlu n-novizzjat magħha pperseveraw sal-aħħar fis-sejħa tagħhom.

L-aħħar snin tagħha għaddiethom f’kuntest ta’ talb bla jaqta’: waqfiet twal quddiem it-tabernaklu, tgħid ħafna rużarju matul il-jum, bejn *Via Sagra* u oħra. Mietet Ruma, wara marda qasira, fl-10 ta’ Lulju 2006, meta kellha 92 sena[17].

## e. Sr Francina Felix

Twieldet fit-12 ta’ Novembru 1938 fir-raħal ta’ Chak, qrib Chichawatni (Pakistan). Wara li kisbet id-diploma ta’ għalliema, bdiet tgħallem: l-ewwel Karachi, fl-iskola *St John’s*, imbagħad, mill-1958, f’Mirpurkhas, fl-iskola tal-Kongregazzjoni.

Fl-1961 ġiet mibgħuta Ruma fejn bdiet in-novizzjat fit-3 ta’ Awwissu. Wara li għamlet il-professjoni temporanja fit-3 ta’ Awwissu 1963 marret lura l-Pakistan fejn ħadmet ta’ għalliema u ta’ kap tal-iskola, l-ewwel f’Matli u wara f’Chichawatni: billi kienet pakistana, setgħet tkompli fix-xogħol tagħha anke fiż-żmien li fih l-iskejjel kattoliċi kienu rekwiżiti mill-gvern.

---

[17] Madre Margerita, f’żewġ ittri miktubin fl-1939 lil Madre Luisa Busuttil, dak iż-żmien superjura tad-dar ta’ Ruma, tagħti xi ħjiel ukoll fuq Sr Domenica. Ara: *Amiamo l’Amore. Lettere ....* Ittri 110 u 112, pp. 219 u 224.

Kienet reliġjuża eżemplari. Fiha iddew b'mod partikulari tliet virtujiet sbieħ: is-sempliċità, l-umiltà u l-ubbidjenza. Fl-ubbidjenza kienet tara r-rieda ta' Alla u kienet ubbidjenti sal-aħħar nifs, anke meta tobdi kien ifisser sagrifiċċju.

Kienet devota kbira tal-Verġni Marija, Omm Ġesù. Kienet tixgħel dejjem xemgħa quddiem l-istatwa tal-Madonna, u kienet titlob bil-ħerqa kollha r-rużarju mqaddes mat-tfajliet interni li kienu jgħammru mas-sorijiet.

Sfortunatament mhux dejjem kellha saħħa tajba. Fis-sena 2000 kienet mibgħuta Gulshan-E-Iqbal (Karachi) għal żmien ta' mistrieħ. Malli ħassitha aħjar, marret lura fid-dar ta' Chichawatni u reġgħet bdiet tgħallem hemm.

Fis-17 ta' Jannar 2003 marret Faisalabad għall-kura medika, li però ma ħadmitx: fid-29 ta' Jannar, il-Mulej sejħilha fi ħdanu. Kellha 67 sena.

**f. Sr Paolina David**

Twieldet f'Hyderabad (Pakistan) fil-15 ta' Awwissu 1940. Għamlet in-novizzjat Ruma u prrofessat fil-Kongregazzjoni fit-3 ta' Awwissu 1963.

Meta marret lura l-Pakistan, għallmet għal ħafna snin f'Mirpurkhas. Ħadmet bil-ħerqa wkoll fiż-żmien meta l-iskola *St Michael*, b'ordni tal-gvern, għaddiet taħt it-tmexxija ta' lajċi musulmani: kienet ir-reliġjuża waħdanija, billi kienet pakistana, li l-gvern laqa' bħala għalliema f'dik l-iskola.

Kienu l-umiltà u l-ispirtu ta' talb li mmarkaw l-iżjed ħajjitha. Dejjem ubbidjenti, kellha mħabba kbira għall-Kongregazzjoni. Sinjal ta' dan huwa l-impenn tagħha bħala animatriċi tal-vokazzjonijiet: ħafna vokazzjonijiet pakistani huma frott anke tax-xhieda u s-sagrifiċċju tagħha.

Fl-1998, minħabba saħħa dgħajfa (kienet issofri b'qalbha), ġiet meħuda fid-dar reġjonali għal żmien ta' mistrieħ; iżda għal karattru bieżel u ħabrieki tagħha, kompliet tagħti s-servizz tagħha sal-aħħar. Mietet l-isptar f'Karachi fil-15 ta' Jannar 2000, b'attakk tal-qalb.

**g. Sr Edilberta Conticello**

Twieldet Troina (Enna) fil-21 ta' Jannar 1941. Għamlet in-novizzjat Ruma u ħadet il-voti reliġjużi fit-3 ta' Frar 1961. Baqgħet dejjem iżżomm soda l-wegħda li għamlet (anke bil-miktub) fil-jum tal-professjoni tagħha: "Jien Sr Edilberta ta' San Silvestru nagħmel riżoluzzjoni li nkun dejjem karitatevoli ma' kulħadd, u li nistma lili nnifsi bħala l-iżgħar waħda."

Għaddiet l-ewwel erba' snin tal-ħajja reliġjuża taqdi l-imwarrba f'Napli. Mibgħuta Bari, tat ruħha b'imħabba ta' omm għall-kura taż-żgħar fl-iskola materna. L-istess qadi messha tagħmel f'komunitajiet oħra: Valenzano, San Giovanni d'Ostellato, Misterbianco, Catania.

Għexet l-aħħar snin ta' ħajjitha f'Catania, fejn saħħitha ġiet mhedda minn tumur li wassalha bil-mod il-mod sal-mewt. Iżda proprju fil-marda uriet il-qawwa morali u l-kobor spiritwali tagħha. Infatti, ħsiebha u moħħha kienu għall-oħrajn: "Intom tesaġeraw iż-żejjed ... Morru strieħu!" kienet ittenn lil min kien jieħu ħsiebha fl-aħħar. Tassew, il-marda għenitha tkabbar fiha għaqda qawwija ma' Alla u mal-Verġni Marija, fl-istess ħin li għamlitha iżjed soda fl-imħabba għal Kristu u għall-Kongregazzjoni.

Telqet ħiemda għall-aħħar lejn dar il-Missier, fil-15 ta' Lulju 1996.

**h. Sr Isabel Dangiò**

Twieldet f'Jau, fl-istat ta' San Paulo (Brażil), fil-21 ta' Lulju 1944. Għaddiet il-ħajja reliġjuża kollha tagħha mill-postulandat sa mewtha, f'Rolandia, fl-istat ta' Paranà: daħlet in-novizzjat fit-3 ta' Frar 1960 u għamlet il-professjoni perpetwa fit-3 ta' Frar 1966.

Mill-1962 sal-mewt, kienet tgħallem u Prinċipal tal-Kulleġġ *Santo Antonio* ta' Rolandia. Kienet ukoll superjura lokali, ekonoma u kunsilliera reġjonali; ħadet sehem ukoll f'diversi kapitli ġenerali. Għal ħafna snin, barra minn dan, kienet koordinatriċi tal-katekeżi tal-parroċċa.

Ta' moħħha jagħtiha ħafna u tħobb l-istudju, kisbet diversi diplomi akkademiċi, fost l-oħrajn il-liċenzja fil-matematika u l-lawrja fil-filosofija.

Tat lilha nfisha, dejjem b'ħerqa u passjoni għat-tagħlim, tgħaddi lill-istudenti mhux biss il-valuri kulturali, iżda anke u iżjed, dawk tal-ħajja. Mhux għalxejn kienu jsejħulha *"grande seminatrice"* – persuna li tiżra' ħafna.

Meħuda l-isptar minħabba marda gravi, mietet Rolandia fil-25 ta' Awwissu 2006. Ħalliet f'kulħadd, l-iżjed fl-istudenti tal-Kulleġġ, dispjaċir qawwi għat-telfa tagħha. Wieħed mill-istudenti, meta ried ifakkarha bħal b'profil, qal: "Dak li jqawwilna qalbna huwa li nafu li hija għexet skont dak li għażlet, għamlet dak li l-iżjed kienet tħobb, billi ħadet it-tmexxija tal-Kulleġġ kollu, mill-problemi tat-tmexxija sal-ħasil tal-kuruturi flimkien mal-ħaddiema, ħaġa li ma kienx diffiċli tara. Hija qatt ma kienet toqgħod bilqiegħda, qatt ma kienet tieqaf; kien wisq għaliha li tkun taf li t-taħbit ma kienx tajjeb għal saħħitha; iżda dan kien li riedet: toqgħod mal-istudenti tagħha u rrid ngħid, ma' uliedha. Aħna lkoll grati għal dak li għamlet magħna u mal-familji tagħna. Nibqgħu niftakru dejjem, għal ħajjitna kollha, il-priedki tagħha u t-twissijiet f'posthom, li kienu mhux ftit għax dan kien ir-rwol tagħha ta' edukatriċi eċċellenti.

**i. Sr Terezinha Januario**

Twieldet fi Cristina, belt fl-istat ta' Minas Gerais (Brażil) fis-7 ta' Lulju 1946. Ħalliet l-familja meta kellha 21 sena u għamlet in-novizzjat tagħha Ruma. Wara li kisbet id-diploma maġistrali, marret lura l-Brażil fejn bdiet taqdi bħala għalliema f'Jaguapità, fl-iskola *Divina Providenza*. Wara ġiet mibgħuta Umuarama.

Ġew afdati lilha ħafna rwoli oħra, li qdiet b'impenn u fis-skiet: superjura lokali, maestra tal-postulanti, kunsilliera reġjonali ...

Il-passjoni kbira tagħha kienu t-tfal żgħar: għalihom tat ħajjitha bil-ġenerożità għal 30 sena sħaħ, kemm fil-*creche* kif ukoll fl-orfanatrofji. Ħadmet b'ħilitha kollha anke fl-animazzjoni vokazzjonali, fuq livell ekkleżjali wkoll fid-djoċesi ta' Umuarama.

Milquta minn marda bla fejqan, għarfet tixrob b'ġenerożità u sal-aħħar qatra l-kalċi morr tal-passjoni: wara li għelbet ix-xkiel tal-bidu, għamlet mill-marda okkażjoni ta' tisfija ta' ruħha u ta' konverżjoni kontinwa biex tipprepara ruħha kif

jixraq għal-laqgħa ma' Alla, li għaliha kienet imxennqa bil-ħerqa fl-aħħar jiem ta' ħajjitha.

Fuq is-sodda tat-tbatija, ħalliet lil kulħadd xhieda qawwija ta' sabar, serenità u hena, frott tal-offerta tar-rieda ħielsa tagħha. Fid-djarju personali tagħha nstabu dawn il-kelmiet: "Inti Alla li tħobbni u trid li nsalva, trid li jiena nkun hienja. Illum niddeċiedi li nkun hienja, wkoll jekk din il-hena hija mmarkata mis-salib."

Oħtna l-mewt ġiet għaliha fiż-żerniq tat-8 ta' Ottubru 2002, l-għada tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes, li lejha dejjem kellha devozzjoni mħeġġa.

**l. Sr Angelica Verlingue**

Twieldet fl-14 ta' Frar 1947 f'Jaguapità fl-istat tal-Paranà (Brażil) minn familja ta' bdiewa umli, għanja fil-fidi. Bdiet in-novizzjat fit-3 ta' Frar 1964 f'Rolãndia (Paraná) u komplietu f'Ruma, fejn għamlet il-professjoni fit-3 ta' Frar 1966. F'April 1970, marret lura l-Brażil, u għal ħafna snin ħadmet f'Jaguapitá, belt twelidha.

Ta' karattru li tħobbu u ferrieħi, sempliċi u twajba, kienet tħobb ħafna t-tfal iż-żgħar u għalihom tat ruħha kollha kemm hi fl-iskola u fit-tagħlim tal-katekiżmu. Uriet dejjem ħeġġa mhix komuni għal-liturġija. Waqqfet kor tat-tfal żgħar li llum jissejjah *Coro Angelico* u li għadu sallum ikompli jkabbar u jsebbaħ il-liturġija tal-parroċċa. Bis-sempliċità u l-mod li bih kienet taf tmur ma' kulħadd, magħquda mar-rabta li kellha mal-ħajja reliġjuża, kienet tirbaħ lil kull min jersaq lejha.

Milquta minn tumur meta kienet għada żagħżugħa, ġarrbet b'qawwa tal-qalbiena s-sofferenza waqt li, bħal Ġesù fuq is-salib, kienet tħoss id-dwejjaq tal-"lejl tal-ispirtu". Mietet, wara xahar minn operazzjoni serja, fl-24 ta' Awwissu 1981. Kellha biss 34 sena. Wara tant snin minn mewtha, għada sallum imfakkra bi mħabba u qima mis-sorijiet ħutha u minn min kien jafha. Minn fost ħafna oħra, ħalli nġibu xi xhieda ta' dan.

"Meta jiġini li nħares lura u nagħmel xi riflessjoni fuq ġrajjiet u persuni, nara dejjem lil Sr Angelica bħala raġġ ta' dawl. F'ħafna sitwazzjonijiet diffiċli, speċjalment fit-trobbija tat-tfal tiegħi, tlabt l-għajnuna ta' Sr Angelica, waqt il-

ħafna żjajjar fuq qabarha; hija tatni kuraġġ, serenità u tama li kollox se jmur sewwa. Sr Angelica kienet żagħżugħa u sabiħa, kapaċi tagħti tbissima l-iżjed safja u sinċiera; persuna li għexet is-sejħa tagħha bl-akbar fedeltà, bla ebda dell, b'sempliċità u umiltà. Darba ħallietli dan il-ħsieb: "Jekk Alla tana l-ħajja, huwa sinjal ċert li qiegħed jistenna xi ħaġa minn għandna waqt li għaddejjin minn fuq din l-art". Dan għalija huwa tinbieh u nkoraġġiment kontinwu biex naqdi s-sejħa ta' lajka li ħaddant fil-knisja. Ix-xhieda tagħha fil-komunità ma tistax tintesa".

Xhieda oħra: "Għalija, li nkun ma' Sr Angelica, waqt ħin ix-xogħol jew barra minnu, kien dejjem mument ta' ferħ. Hija kienet dejjem sieħba ferrieħa u ħabiba sinċiera. Tassew persuna speċjali, li għexet u xehdet l-idejal ta' ħajjitha: hena, sempliċità, għoti tagħha nfisha. Li tgħix ma' din ir-reliġjuża żagħżugħa dgħajfa imma qawwija, kien mhux biss għalija imma għal dawk kollha li kienu jafuha, tagħlima fuq il-virtujiet".

"Meta mardet, tkellimt magħha diversi drabi. Ittendejt biċ-ċar li Sr Angelica kienet lesta għall-aħħar mixja, lesta li tfieq jew li tmut; ir-rieda ta' Alla kellha tiġi mitmuma. Ġesù għaqqad fil-qrib lil Sr Angelica mal-opra tal-fidwa tiegħu ... Hija għamlet tant tajjeb lil ruħi. Dak li stajt nagħmel għaliha ma jistax jitqabbel mal-ġid kbir li hija għamlet miegħi: imbuttatni, bla kliem, biex nimxi fil-mogħdija tal-qdusija ... U nemmen li dan il-frott fostkom huwa l-istess, Sorijiet tal-Kongregazzjoni tagħha.Iżda nemmen li l-ikbar ġid li kulħadd ħa minnha kien dak tat-tbissima tagħha anke mejta. Bqajt maħtuf. Iva, dik kienet tbissima li tgħid lil kulħadd: "Kuraġġ, tibkunix, jiena ninsab fi ħdan Alla". U kemm ġid għad tagħmel anke mis-sema! Għalija, Sr Angelica hija qaddisa ġenwina."

Nagħlqu b'xhieda ta' waħda minn ħutha s-sorijiet[18]: "Kelli l-grazzja li ngħix ma' Sr Angelica għal diversi snin u li seħibtha matul l-aħħar sentejn ta' ħajjitha, u fl-istess waqt meta ttajret lejn dar Missierha u Missierna. Nista' nixhed li Sr Angelica kienet tassew persuna kkonsagrata li għexet għal kollox l-"iva" tagħha lil Alla u għal ħutha kollha. Ferriħija, ubbidjenti, sempliċi, ġwejda u b'kapaċità tal-għaġeb li taħkem fuqha nfisha, kienet mudell ta' ħajja għalina lkoll ħutha

[18] Hija s-Superjura reġjonali tal-Brażil illum: Sr Maddalena Cheron.

reliġjużi. Mietet ta’ qaddisa kif kienet għexet. Billi dejjem għakset lilha nfisha, qatt ma gergret mill-uġigħ kbir li ma jitwemminx li ħakimha fil-marda tagħha. Tat lilha nfisha sal-aħħar għat-tfal meta, tletin jum wara l-operazzjoni, intelqet bis-serenità kollha fi ħdan il-Missier Alla. Kien l-24 ta’ Awwissu 1981. Minn wiċċha xerrdet tbissima li kull min resaq lejn il-katavru tagħha baqa’ msaħħar minn ħajja hekk sempliċi, iżda hekk għanja, retta u safja fl-għotja tagħha nfisha. Fil-glorja tal-Missier għandna tassew waħda li titlob u tidħol għalina”.

## GĦELUQ

Issa li wasalna fl-aħħar ta' din il-ħarsa lura fuq il-130 sena ta' ġrajjiet li nisġu l-ħajja tal-Kongregazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, jiġu f'moħħna xi ħsibijiet siewja li ta' min ma jħallihomx mistura.

L-ewwelnett huwa dmirna nammettu li l-kwadru tal-ġrajjiet kollha li tajna ma jiġborx l-istorja kollha: mill-arkivju ġenerali tal-Kongregazzjoni kif minn fonti oħra, stajna niġbdu iżjed ħjiel ta' interess. Madanakollu nistgħu bi dritt insostnu li l-ġrajjiet l-iżjed importanti ġew murija kif u kemm ħaqqhom u li, għalhekk, il-mixja magħmula mill-bidu tal-Kongregazzjoni sa llum toħroġ ċara u ħajja biżżejjed.

Meta naħsbu fuq din il-mixja twila, jiġina naturali niftakru f'dak li Madre Margerita tenniet meta, b'umiltà soda, kkonvinċiet lil Dun Ġużepp Diacono biex ma jxoljix il-Kongregazzjoni mwaqqfa minnu: "Il-Kongregazzjoni hija opra t'Alla!"

Jekk huwa minnu li s-siġra tagħrafha mill-frott li tagħti (Mt. 7, 16 ss), nistgħu naqblu li kliemha kien mnebbaħ: it-tkabbir mhux żgħir fil-għadd, it-tifrixa ġeografika wiesgħa, l-opra bla għadd, il-ħajja eżemplari ta' tant reliġjużi ... huma konferma sinifikattiva ħafna.

Fl-istess ħin jixraq ngħidu li din il-mixja hekk imlewna saret b'riferiment għal żewġ valuri li qatt ma naqsu jsostnuha: dak franġiskan (issiġillat bl-aggregazzjoni ġuridika u spiritwali mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri) u dak ekkleżjali (issiġġilat l-ewwel mill-isqof ta' Għawdex, imbagħad anke mis-Santa Sede).

Huwa fuq il-bażi ta' dawn iż-żewġ ħoloq li l-Kongregazzjoni għarfet dejjem iżjed l-identità kariżmatika tagħha, waqt li bil-mod il-mod ħarġet il-ward u l-qawwa li diġà kienu qegħdin sew fl-għeruq u l-esperjenza bikrija tagħha. Hija identità li nsibu fit-tiġdid kontinwu tal-leġislazzjoni, verifikata u mitfugħa 'l quddiem fil-Kapitli ġenerali kull tant żmien, instaħaq fuqha fil-formazzjoni, imlaħħma fil-ħajja u mogħti xhieda tagħha fl-għażliet tal-ħidma.

Tassew li kif kullimkien u dejjem jiġri (anke fil-Knisja stess) din il-mixja bla taqta’ kellha mumenti ta’ xkiel ġej kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra. U dan jeħtieġ li sinċerament nammettuh. Iżda dak li l-iżjed jgħodd huwa li nammettu l-forza vitali tal-kariżma li għarfet dejjem isostni u tmexxi l-Kongregazzjoni biex tkun tista’ tilqa’ ‘l ħafna xkiel – problemi rejalment gravi, għajja u telfien personali, nuqqas ta’ ċertezza u ta’ għaqda minn ħin għall-ieħor ... – bi ħruġ minnu sostanzjalment pożitiv.

Din il-mixja ta’ min ifaħħarha, li waslet għal dak li hija llum wara ġrajjiet li kienu kif kienu, qiegħda tlesti ruħha biex tidħol fil-ġejjieni. B’liema prospettivi?

Fi żmien ikkumplikat u mtajjar bħal ma hu dak tagħna, li tqajjem iżjed mistoqsijiet inkwetanti milli tamiet li jnisslu serenità, mhux ta’ min jagħmel pronostiċi ta’ malajr. B’danakollu, raġunijiet biex il-Kongregazzjoni tibqa’ żżomm u trawwem ottimiżmu għall-ġejjieni, ċertament ma jonqsux. B’mod partikulari għal żewġ raġunijiet:

Minn naħa waħda, ta’ min jara b’mod pożitiv l-attenzjoni speċjali li f’dawn l-aħħar għexieren ta’ snin, ġiet mogħtija lill-formazzjoni inizjali u permanenti tas-sorijiet, mhux biss dik professjonali – apostolika, iżda wkoll (u iżjed) dik spiritwali u kulturali. Ħadd ma jista’ jiċħad li iżjed ma s-sorijiet ikunu motivati mil-lat vokazzjonali u ppreparati minn dak apostoliku, tant iżjed il-Kongregazzjoni tista’ tikber fil-ħeġġa u fl-effiċjenza. U kulħadd jaf li xhieda kredibbli titbiddel ukoll f’tilqima vokazzjonali qawwija li tiġbed u tħajjar: hija l-għamla ewlenija u l-iżjed effikaċi ta’ animazzjoni vokazzjonali.

Min-naħa l-oħra, ix-xejra tagħha internazzjonali tal-lum tippermetti li l-Kongregazzjoni tpatti – għallinqas f’ċertu qies – għat-tnaqqis mhux żgħir fil-vokazzjonijiet f’xi pajjiżi, bit-tkattir dejjiemi f’pajjiżi oħra. Sinjal li jagħti tama fil-ġejjieni huma s-sebat idjar ta’ formazzjoni – fejn hemm, skont il-kas: l-aspirandat, il-postulandat, in-novizzjat, il-junjorat – li bħalissa huma miftuħa u mħaddma fil-Provinċji, fir-Reġjuni u f’Ruma.

## ŻJIEDA
## Xi dokumenti ta' importanza storika partikolari

### 1. – L-EWWEL TALBA

TA' DUN ĠUŻEPP DIACONO LILL-ISQOF TA' GĦAWDEX (1880)

Eċċellenza Rev.ma,

Il-Kappillan Dun Ġużepp Diacono juri umilment lill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima, li xi xebbiet twajba Terzjarji Franġiskani, bix-xewqa li jagħtu ruħhom iżjed għall-perfezzjoni, u fl-istess ħin ikunu ta' siwi għall-proxxmu, jixtiequ jingħaqdu biex jgħixu flimkien bħala erwieħ ikkonsagrati lill-Mulej bil-Voti Sempliċi, taħt il-gwida tiegħu bħala Direttur Spiritwali.

Il-fini prinċipali tal-istitut tagħhom ikun l-edukazzjoni tat-tfal bniet tal-klassi fqira, dawk li jiġġerrew fit-toroq, esposti għal kull periklu; dawn ifittxu li jiġbruhom, iżommuhom jaħdmu taħt il-ħarsien tagħhom, jgħallmuhom il-katekiżmu u t-tagħlim elementari skont il-kondizzjoni tagħhom.

Barra minn dan huma jidħlu għal kull opra oħra ta' karità li għaliha jiġu msejħa skont il-permessi mogħtija lilhom mis-Supejuri, u, fl-aħħarnett, bħala ħidma tal-Istitut tagħhom, ifittxu li jxerrdu kemm jista' jkun possibbli, d-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, speċjalment permezz tal-Kongregazzjoni tal-hekk imsejħa "Kuruna tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù" illi tibqa' afdata lilhom biex imexxuha.

Min qiegħed jikteb, għalhekk, jitlob lill-Eċċellenza Rev.ma f'isem dawn it-Terzjarji biex jingħata lilhom dan il-permess u tiġi mbierka minnu din l-opra tagħhom.

*(Ittra bla data)*

## 2. - L-EWWEL APPROVAZZJONI

TAL-ISQOF TA' GĦAWDEX (1880)

Billi hu fil-ħidma Pastorali tagħna li nħeġġu u nkabbru dak kollu li jkattar il-glorja t'Alla u li jkun jiswa ta' ġid lill-erwieħ tal-fidili, l-aktar għat-tfajliet foqra u fil-bżonn, minn qalbna nagħtu lil min qed jitlobna l-permess biex jistgħu jingħaqdu f'Kongregazzjoni u fiha jħabirku biex iwettqu ħidmiet ta' karità li jidhrulhom sewwa. Fl-istess ħin nitolbu li l-Mulej ikattar din l-opra minnu mibdija.

Għawdex, mill-Palazz Episkopali tagħna,
Illum l-1 ta' Settembru 1880
Pietru, Isqof ta' Għawdex

## 3. - IT-TIENI TALBA

TA' DUN ĠUŻEPP DIACONO (1883)

Eċċellenza Reverendissima,

Il-Kappillan Dun Ġużepp Diacono jesponi bl-umiltà illi, wara l-permess mogħti mill-Eċċ.[za] Tiegħek Rev.[ma], bid-digriet tal-1 ta' Settembru 1880, hu ġa rnexxielu, bil-għajnuna t'Alla u bis-saħħa ta' xi benefatturi, li jwaqqaf taħt it-tmexxija tiegħu, Familja Reliġjuża ffurmata minn xebbiet devoti, Terzjarji Franġiskani, li nġabru flimkien f'dar waħda taħt it-titlu tad-"Dar tal-Karità", fejn jieħdu ħsieb tal-edukazzjoni tat-tfajliet fqar, u jagħmlu xogħol ieħor ta' tjieba b'sodisfazzjon għall-pubbliku li tant għoġbu jfaħħar lil dan l-Istitut li għadu kemm ħa l-ħajja.

Issa, dan li qiegħed jiktiblek, jixtieq li dan l-Istitut ikun imwaqqaf kanonikament biex jiżgura li jintlaħaq l-iskop li għalih twaqqaf; għalhekk hu jitlob lill-Eċċ.[za] Rev.[ma] tiegħek li tapprovah u tikkonfermah b'Digriet formali, taħt l-osservanza ta' dik ir-Regola li inti jogħġbok tagħti lill-Komunità. Barra minn dan

jitlob, illi hu jkun magħruf u nominat sakemm idum ħaj, bħala Direttur tal-istess Komunità Reliġjuża, kif ukoll bħala Ekonomu, dejjem taħt id-dipendenza tal-Isqof Djoċesan li jinzerta jkun, sabiex huwa nnifsu jkun jista' jieħu ħsieb l-kura spiritwali u temporali, u jgħasses b'xi mod fuq it-tmexxija tiegħu (ta' dan l-Istitut), u jkun mogħti s-setgħa wkoll li, flimkien mal-Benefattriċi Caterina Farrugia li, b'mod speċjali, ikkoperat għal din il-Fondazzjoni ta' Tjieba, jippreżenta (biex jiġu aċċettati) lil dawn ix-xebbiet li jkunu jridu jidħlu fl-imsemmi Ordni tat-Terzjarji Franġiskani, lill-istess Komunità, jew lil min għandu d-dritt li jaċċettahom.

*(Ittra bla data)*

## 4. - DIGRIET

TAL-APPROVAZZJONI TAL-ISQOF TA' GĦAWDEX (1883)

Ikkunsidrata t-talba u filwaqt li naf b'liema żelu u mħabba s-Sorijiet tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk tad-Dar tal-Karità, kif inhuma magħrufa minn kulħadd, dan l-aħħar imwaqqfa mill-W. Rev.[du] Dun Ġużepp Diacono, jimpenjaw ruħhom biex jedukaw kristjanament u ċivilment it-tfajliet li jsibu ruħhom f'periklu minħabba l-faqar tagħhom u biex ikabbru ħafna opri ta' ħniena lejn it-tfajliet ta' kull klassi, bl-awtorità ordinarja tagħna, permezz ta' dan id-Digriet, napprovaw u nikkonfermaw l-Istitut tal-imsemmija sorijiet, imħarsin id-drittijiet tal-Parroċċa bit-tama li mill-aktar fis, nipproponulkom ir-Regoli tal-istess Ordni addattati għal dan il-meqjum istitut.

Sabiex l-Istitut ikun jista' jiżviluppa spiritwalment u s-Sorijiet ikunu jistgħu jipperseveraw sewwa fl-inizjattivi tagħhom, nagħżluh bħala Ekonomu tal-istess dar u Direttur Spiritwali ta' dawn is-Sorijiet, basta li fl-eżerċizzju tal-Uffiċċju tiegħu jkun għal kollox suġġett għalina jew għall-Vigarju Ġenerali tagħna u għas-Suċċessuri futuri tagħna, li lilhom ukoll irid jagħti kont ta' kollox.

Biex min-naħa tagħna jkunilna rikonoxximent denn tal-merti, filwaqt li rridu nuru sinjal ta' benevolenza partikulari, nagħtu lil min għamlilna t-talba li waqqaf id-Dar, u lill-maħbuba bint fi Kristu, Caterina Farrugia, li tat kontribut kbir lil din l-

opra qaddisa, id-dritt li jippreżentaw lill-Komunità dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jidħlu fl-imsemmi Istitut.

Għawdex, mill-Palazz tagħna Episkopali,
13 ta' Ottubru 1883
Pietru, Isqof ta' Għawdex

## 5. - PREŻENTAZZJONI LILL-ISTITUT

TAR-REGOLA U L-EWWEL KOSTITUZZJONIJIET (1886)

MONSINJUR PIETRU PACE
Għall-grazzja t'Alla u tas-Sede Appostolika:
ISQOF TA' GĦAWDEX, eċċ.
Lil Uliedu Wisq Għeżież f'Ġesù Kristu,
IT-TERZJARJI FRANĠISKANI

Mill-mument, li l-Wisq Rev.[du] Dun Ġużepp Diacono, Fundatur tal-Istitut Pio għamlilna t-talba tiegħu, li nwaqqfu f'Komunità reliġjuża l-Familja tagħkom bid-Digriet tat-13 ta' Ottubru 1883, ma neħħejniex il-ħarsa tagħna minn fuqkom, Uliedi l-aktar għeżież, bħala oġġett l-aktar għażiż tal-Ħidma tagħna Pastorali. Sejħilkom, infatti, l-Mulej, biex taħdmu għall-qdusija tagħkom infuskom u xxerrdu madwarkom il-fwieħa ħelwa ta' Ġesù Kristu, l-Għarus tagħkom bla tebgħa, mhux fis-solitudni tal-kunvent, iżda f'nofs id-dinja, b'ħajja mimlija sagrifiċċji u kollha kemm hija kkonsagrata għall-ġid tat-tfal l-aktar foqra u abbandunati; u aħna mhux ftit inħossuna ħienja fil-Mulej li naraw il-ħeġġa kbira tagħkom li biha tfittxu taqdu din il-missjoni ta' siwi kbir għar-Reliġjon u għas-soċjetà; dan ġibdilkom mhux biss l-istima tal-pubbliku, iżda fuq kollox ġibed fuqkom il-barkiet tas-Sema. Ta' dan inroddu ħajr 'l Alla minflokkom, li ndenja ruħu jafdalkom f'idejkom ħidma li hija għaż-żminijiet ta' llum ta' importanza kbira għal ħafna Familji reliġjużi.

Iżda peress li mingħajr liġijiet stabbli u ordnijiet żguri l-ebda soċjetà ma tista' tkompli fit-tul, iddeċidejna li nagħtukom Regola, li tidhrilna li tgħodd għall-Istitut

tagħkom; jiġifieri r-Regola tat-Terz'Ordni Regolari ta' San Franġisk ta' Assisi, li tiegħu diġà lbistu l-abitu mqaddes, flimkien mal-Kostituzzjonijiet, li huma osservati f'ħafna postijiet minn Komunitajiet reliġjużi oħra li jingħażlu għall-ħeġġa tat-talb u ta' opri ta' virtù; u għall-għamla ta' ħajja u skop prefiss li huwa ftit differenti minn tagħkom.

Nippreżentalkom għalhekk din ir-Regola flimkien mal-Kostituzzjonijiet li huma minn xi parti mibdula minna; ilqgħuhom bil-ferħ kollu ta' qalbkom u jkunu għalikom mil-lum 'il quddiem il-ktieb tal-ħajja, il-liġi żgura li tridu fuqha timxu biex tilħqu l-iskop li għalih l-Istitut tagħkom ippropona. Skop għani fih innifsu u hekk ukoll milqugħ fil-għajnejn ta' Alla. Kunu qawwija, stabbli u kostanti, ngħidilkom flimkien mal-Appostlu, fl-osservanza ta' dak kollu li r-Regola titlob; u tgħixu b'mod li l-ebda ħaġa ma tifridkom mill-Għarus tas-Sema, li għaqqadkom flimkien biex tkunu ta' għajnuna u konfort lil xulxin, u taħdmu fl-isforzi tagħkom kollha magħqudin flimkien għall-ġid ta' bosta erwieħ li huwa afdalkom. Ma għandhiex tbeżżagħkom u l-anqas tberridkom il-qawwa tal-ispirtu li tħeġġeġ fikom, lanqas ix-xogħol u s-sagrifiċċji li għandkom tagħmlu; u jekk il-għadu ta' kull ġid, u d-debolezza umana ifixxklukom biex taqgħu u terġgħu lura fil-mixja li bdejtu, infakkarkom, Uliedi, li kollox nistgħu nwettqu bil-qawwa ta' Dak li jsabbarna, Ġesù Kristu, ħajja tagħna u mħabba tagħna; u tirbħu. Din ir-rebħa tkun għalikom aktar faċili jekk, fidili għall-mod ta' kif intom tgħixu u tipperseveraw fid-devozzjoni lejn Marija Santissima, fjura ta' safa u ta' verġinità, tal-għarus bla tebgħa San Ġużepp u ta' San Franġisk Missier tagħkom Serafiku, mhux biss li tirrikmandaw ruħkom għall-patroċinju tagħhom, iżda billi timitaw il-ħajja ta' sagrifiċċju tagħhom għall-imħabba tal-proxxmu, li din ferm tinħtieġ sabiex inwettqu d-dmir tal-vokazzjoni tagħna. Intant bħala sinjal ta' mħabba, li aħna għandna lejn il-Mulej u mill-premura li huwa jnebbaħkom għall-ġid kbir tagħkom, nagħtukom il-Barka Pastorali tagħna.

Mill-Palazz tagħna tal-Isqof
Għawdex, 6 ta' Mejju 1886
+ Pietru Isqof.

## 6. - DIGRIET TAL-APPROVAZZJONI TAL-KOSTITUZZJONIJIET AĠĠORNATI (1894)

DECRETUM

Postquam Regulam Tertii Ordinis S. Francisci Assisiensis; necnon Constitutiones pro Sororibus eiusdem Ordinis in Aegipto commorantibus concinnatas cum nonnullis modificationibus, sibi adoptaverint Sorores ejusdem Ordinis S. Francisci paucis abhinc annis in hac nostra Dioecesi congregatae in Piam Consociationem, quae principem domum in hac civitate habet, alias modificationes, quae hic adnectuntur tanquam magis opportunas ad regimen finemque sui Instituti melius assequendum, experientia ductae, putavere introducendas; Nobisque approbandas exhibuere. Has Nos, cum mature examinaverimus, ac nihil non commendabile in eis invenerimus; praedictas Constitutiones sic modificatas, praesentis decreti tenore, libenter approbamus, earumdenque observantiam singulis Sororibus enixe commendamus inculcamusque.

Datum Gaudisii, die 27 Augusti 1894
Fr. I. M. Ep. Gaudisien.

*(Traduzzjoni)*

DIGRIET

Wara li adottaw ir-Regola tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk t'Assisi u l-Kostituzzjonijiet tas-sorijiet tal-istess Ordni msejħin tal-Eġittu, is-Sorijiet tal-Ordni ta' San Franġisk, magħqudin f'Pija Assoċjazzjoni minn xi ftit snin fid-djoċesi tagħna, bid-Dar tagħhom ewlenija f'din il-belt tagħna, fuq l-esperjenza magħmula, ħasbu li jdaħħlu bidliet oħra, li huma hawn taħt mehmuża, bħala iżjed aħjar biex tiġi mgħixa l-ħajja u milħuq il-għan tal-Istitut tagħhom u għaddewhomlna għall-approvazzjoni. Wara li eżaminajniehom b'attenzjoni u ma sibna xejn li mhux ta' min ifaħħru, b'dan id-digriet bil-qalb kollu napprovaw il-Kostituzzjonijiet hekk

imbiddla u bil-ħerqa kollha nirrikmandaw u nisħqu fuq kull soru għall-osservanza tagħhom.

Għawdex, 27 ta' Awwissu 1894
Fr Giovanni Maria, Isqof t'Għawdex

## 7. – DIGRIET TAL-AGGREGAZZJONI SPIRITWALI
TAL-ISTITUT MAL-ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI (1903)

FR DIONYSIUS SCHULER
Provinciae Thuringiae S. Elisabeth Ex-Minister
Totius Ordinis Fratrum Minorum Minister Generalis
et Humilis in Domino Servus.

Prot. 15581

DECRETUM

Devotissimae in Christo Sorori M. Rosariae a S. Costato, Moderatrici Generali pii Instituti Tertiarum Franciscalium, in Insulis Gaudiensi et Melitensi Domino Servientum, Salutem et plenam in Spiritu S. Consolationem.

Pii precibus, quibus Instituti tui, jam Canonice in Insulis Gaudisiensi Melitensique erecti, Supremum Consilium a Nobis afflagitat, ut idem Institutum quoad spiritualia beneficia Ordini Nostro aggregetur, benigne annuere volentes; imploratis Jesu Crucifixi clementia et Sancti Patris Nostri Francisci meritis, tenore praesentium Maternitatem Tuam omnesque Sorores praedicto Instituto rite adscriptas atque in posterum adscribendas, Ordini Nostro quoad beneficia spiritualia aggregamus, quatenus nempe tam in vita, quam inmorte et post mortem plenariam partecipationem obtinere possitis omnium meritorum, quae suffragiis, Missis, jejuniis, meditationibus, praedicationibus, Missionibus aliisque piis operibus in universo Ordine Nostro per Fratres Minores necnon per Moniales, aliosque utcumque nostrae jurisdictioni subjectos die noctuque aquiruntur. Itaque Coelestem Patrem misericordiarum rogamus, ut per merita S. Patris Nostri

Francisci communionem hanc quam optamus firmam in terris, dignetur efficere ratam in Coelis.

Vale, ac Deum pro Nobis orare memento.

Datum Romae, ad S. Antonii, die 23 Octobris 1903
FR. DIONYSIUS SCHULER
Min. G.lis.
De mandato P.S.
FR. JOSEPH PRATALATA
Sec.rius. G.lis. Ord.

*(Traduzzjoni)*

FR. DIONISJU SCHULER
Ex-Ministru Provinċjali ta' S. Eliżabetta tat-Turingja
Ministru Ġenerali tal-Ordni Kollu tal-Patrijiet Minuri
u Qaddej Umli tal-Mulej.

DIGRIET

Lil wisq devota fi Kristu Sr. Marija Rosalija tal-Kustat Imqaddes, Superjura ġenerali tal-piju Istitut tat-Terzjarji Franġiskani li jaqdu lill-Mulej fil-gżejjer ta' Għawdex u Malta, saħħa u faraġ sħiħ fl-Ispirtu s-Santu.

Waqt li rrid inwieġeb affermattivament għat-talbiet piji li bihom il-Kunsill il-Kbir tal-Istitut tiegħek, imwaqqaf kanonikament fil-gżejjer maltin, jitlob li dan l-Istitut jkun aggregat, f'dak li għandu x'jaqsam mal-benefiċċji spiritwali, mal-Ordni tagħna; wara li tlabna l-ħniena ta' Ġesù Kristu Msallab u l-merti ta' Missierna San Franġisk, b'dan id-digriet tal-lum naggregaw mal-Ordni tagħna, f'dawk li huma benefiċċji spiritwali, l-Maternità tiegħek u s-sorijiet kollha regolarment li jagħmlu parti mill-imsemmi Istitut u li fil-futur jagħmlu parti minnu biex kemm meta ħajjin kemm mejtin u wara l-mewt, ikunu jistgħu jkollhom sehem sħiħ mill-merti kollha li lejl u nhar jiġu maqlugħa mis-suffraġji, quddies, sawm, meditazzjonijiet, predikazzjoni, missjonijiet u opri tajba oħrajn fl-Ordni tagħna kollu mill-Patrijiet

Minuri, mis-Sorijiet Franġiskani l-oħra u minn dawk kollha li huma suġġetti għall-ġjurisdizzjoni tagħna.

Nitolbu lil Missier il-ħniena biex, għall-merti ta' Missierna San Franġisk, iwettaq fis-sema din l-għotja li nawguraw dejjiema fuq l-art.
Nixtieqlek saħħa u ftakar li titlob lil Alla għalina.

Ruma, mill-kunvent ta' Sant'Antnin, 23 ta' Ottubru 1903
FR. DIONISJU SCHULER
Ministru Ġenerali
FRA GIUSEPPE PETRALATA
Segretarju Ġenerali tal-Ordni

## 8. – DIGRIET TAL-APPROVAZZJONI TAL-KOSTITUZZJONIJIET IMĠEDDIN SKONT ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-KODIĊI L-ĠDID TAD-DIRITTU KANONIKU (1921)

DECRETUM

Cum Constitutiones Generales et provinciales adnexae Regulae Sororum Tertiariarum Franciscalium Domus a Charitate in hac Civitate Victoria erecta, et a Nobis iam auctoritate Nostra Ordinaria adprobatae laetos fructus longa experientia teste, dederint; nunc eas redactas ad Normam Codicis Juris iterum libenter adprobantes, enixe Sorores omnes in Domino exortamur ut eas perfectione majori observent, et ita a S. P. Francisco benedictionem promissam mereantur.

+ Fr. J.M. Ep.us
Datum Victoriae, die 5 Augusti 1921
Can. Archip. ALPHONSUS M. HILI
Secretis

*(TRADUZZJONI)*

Billi l-Kostituzzjonijiet ġenerali u provinċjali annessi mar-Regola tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani, tad-Dar tal-Karità mwaqqfa f'din il-Belt ta' Vittoria, minna diġà approvati bis-setgħa ordinarja tagħna, ġabu frott sabiħ ta' tjubija, kif turi l-esperjenza; issa, li ġew miktuba skont in-normi tal-Kodiċi tad-Dirittu, mill-ġdid u bil-qalb kollha napprovawhom, waqt li nwissu fil-Mulej lis-Sorijiet kollha li josservawhom b'iżjed perfezzjoni biex b'hekk jimmeritaw il-barka mwiegħda mill-Missier San Franġisk.

Fr. Giovanni Maria, Isqof
Victoria, 5 ta' Awwissu 1921
Kan. ALFONSO M. HILI
Segretarju

## 9. – DECRETUM LAUDIS

TAS-SANTA SEDE (1937)

DECRETUM
n. 7495/36G.31

Anno Domini 1880 in civitate Victoria, infra fines dioecesis Gaudisien., ortum duxit Institutum Sororum Tertiariarum Franciscalium Meliten., sub directione spirituali Sac. Joseph Diacono; quod quidem Institutum tam in Italia quam in Aethiopia diffusum nunc esse ipsiusque Sodales maximo Societatis Christianae bono adlaborare constat ex litteris commendatitiis Antistitum locorum, in quibus domus Instituti existunt.

Generalis finis Sororum Tertiariarum Franciscalium Meliten. est sanctificatio membrorum suorum per observantiam, in vita perfecte communi, trium votorum simplicium oboedientiae, castitatis et paupertatis, juxta Regulam Tertii Ordinis Regularis S. Francisci et proprias Constitutiones.

Specialis autem finis consistit in exercitio operum christianae charitatis, educatione et institutione juventutis necnon cura infirmorum, praesertim pauperum, etiam in locis Missionum.

Jamvero Superiorissa Generalis praefati Instituti eiusque Consiliariae, transmisso quoque exemplari Constitutionum, SS.mo Domino Nostro Pio Divina Providentia PP. XI, humillimas preces effunderunt, commendatione Ordinariorum locorum suffultas ut Institutum ipsum aliquo peculiari favore prosequi, eiusque Constitutiones auctoritate apostolica approbare dignaretur.

Sanctitas porro Sua, in Audientia die secunda julii 1937 Exc.mo Secretario Sacrae Congregationis de Religiosis concessa, attentis litteris commendatitiis Antistitum locorum, ut supra, auditoque suffragio Em.orum ac Rev.morum Sanctae Romanae Ecclesiae Cardinalium, eidem S. Congregationi praepositorum, qui in Plenariis Comitiis in Aedibus Vaticanis, die vigesimaquinta junii eiusdem anni habitis, rem mature perpenderant, praefatum Institutum tamquam Congregationem votorum simplicium sub regimine Superiorissae Generalis, sexto quoque anno eligendae, amplissimis verbis laudare atque commendare benigne dignatus est; insuper Constitutiones, italico idiomate exaratas, uti continentur in hoc exemplari cuius autographum in tabulario S. Congregationis asservatur, approbare et confirmare, ad septennium, per modum experimenti, prout hoc Decreto Institutum ipsum laudatur et commendatur eiusque Constitutiones ad tempus approbantur et confirmanture, salva de caetero Ordinariorum locorum jurisdioctione ad normam SS. Canonum.

Contrariis quibuscumque non obstantibus.

Datum Romae, ex Secretaria S. Congregationis Negotiis Religiosorum Sodalium praepositae, die, mense et anno ut supra.

Vinc. Card. LA PUMA, Praef.
+ FR. L. E. PASETTO – Secr.

*(Traduzzjoni)*

Fis-sena 1880, fil-belt Vittoria, fid-djoċesi ta’ Għawdex, ingħata bidu għall-Istitut tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani ta’ Malta, taħt id-direzzjoni spiritwali tas-saċerdot Dun Ġużepp Diacono. Dan l-Istitut, kif jidher mill-ittri ta’ rakkomandazzjoni tal-Ordinarji tal-postijiet fejn hemm djar tal-Istitut, jinsab illum

mifrux kemm fl-Italja kemm fl-Etijopja, u l-membri tiegħu qegħdin jagħtu ruħhom bil-kbir għall-ġid tas-soċjetà nisranija.

L-għan ġenerali tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani ta' Malta huwa l-qdusija tal-membri bl-osservanza, fil-ħajja komuni perfetta, tat-tliet voti sempliċi ta' ubbidjenza, kastità u faqar, skont ir-Regola tat-Terz'Ordni Regolari ta' San Franġisk u l-Kostituzzjonijiet proprji.

L-għan speċjali tagħhom imbagħad qiegħed fit-tħaddim ta' opri ta' karità nisranija, fl-edukazzjoni u fit-tagħlim liż-żgħażagħ, fil-kura tal-morda l-iżjed foqra, anke fil-pajjiżi tal-Missjoni.

Issa s-Superjura ġenerali tal-fuq imsemmi Istitut u l-Kunsillieri tagħha, waqt li bagħtu kopja tal-Kostituzzjonijiet, talbu bl-akbar umiltà lill-Qdusija tiegħu, s-Sinjur tagħna, għall-Provvidenza t'Alla Piju XI, bil-mehmużin magħhom rakkomandazzjonijiet tal-Ordinarji tal-post, sabiex jogħġbu jagħti lill-Istitut xi favur speċjali u jerġa' japprova l-Kostituzzjonijiet tiegħu.

Il-Qdusija tiegħu, imbagħad, fl-udjenza mogħtija fit-2 ta' Lulju 1937 lill-Eċċellentissmu Segretarju tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, ra l-ittri ta' rakkomandazzjoni tal-Ordinarji tal-post u wara li sema' l-parir tal-Eminentissimi u Reverendissimi Kardinali tal-Qaddisa Knisja Rumana li jmexxu l-istess Sagra Kongregazzjoni, li fl-adunanza plenarja li saret fil-Palazz tal-Vatikan fil-25 ta' Ġunju tal-istess sena kienu eżaminaw sewwa il-ħaġa, għoġbu jfaħħar bit-tjubija, bi kliem ta' favur u jirrikmanda l-imsemmi Istitut bħala Kongregazzjoni ta' voti sempliċi taħt it-tmexxija tas-Superjura Ġenerali, li għandha tiġi magħżula kull sitt snin, u japprova barra minn dan u jikkonferma l-Kostituzzjonijiet miktubin bit-taljan, kif jinqraw f'din il-kopja, li l-awtografu tagħha jinsab fl-Arkivju tas-Sagra Kongregazzjoni, għal seba' snin fuq prova, kif b'dan id-Digriet l-Istess Istitut jiġi mfaħħar u jiġi rakkomandat u l-Kostituzzjonijiet tiegħu jiġu approvati provviżorjament, waqt li tibqa' salva l-ġjuriżdizzjoni tal-Ordinarji tal-post, skont is-Sagri Kanoni.

Ma tkunx tiswa kull dispożizzjoni kuntrarja għal din.

Mogħti Ruma mis-Segreterija tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, fil-jum, xahar u sena, kif muri fuq.

Vincenzo Kard. LA PUMA
Prefett

FR. L. E. Pasetto
Segretarju

## 10.– GĦARFIEN TAL-KONGREGAZZJONI

BĦALA ISTITUT TA’ DRITT PONTIFIĊJU

DECRETUM

N. 7495 – 36 G. 31

Congregatio Sororum Franciscalium Meliten., cuius domus princeps exstat in dioecesi Gaudisien., decretum laudis et Constitutionum approbationem, ed septennium experimenti causa, die 2 julii 1937, a S. Sede obtinuit.

Cum autem Congregatio ipsa in annos florescreret uberibus fructibus in bonum Ecclesiae, Superiorissa Generalis cum suo Consilio approbationem Instituti et definitivam approbationem Constitutionum a S. Sede humillime expostulavit.

SS.mus Dominus Noster Pius Divina Providenti PP. XII in audentia, die vigesima tertia decembris 1946, concessa E.mo Cardinali Aloysio Lavitrano, Praefecto S. Congregationis Negotiis Religiosorum Sodalium praepositae, attentis litteris commendatitiis Exc.morum Ordinariorum, in quorum dioecesibus domus Instituti inveniuntur, auditoque voto Commissionis Rev.morum Consultorum, Institutum et Constitutiones, cum quibusdam mutationibus et additamentis quorum exemplar in archivio praefatae S. Congregationis asservatur, definitive approbare et confirmare benigne dignatus est, prout fit praesentis decreti tenore. Contrariis quibuslibet non obstantibus.

Datum Romae, ex Secretaria S. Congregationis de Religiosis, die, mense et anno ut supra.

A. Card. LAVITRANO, Praef.
+FR. E. M. PASETTO, Secretarius

*(TRADUZZJONI)*

DIGRIET

N. 7495 – 36 G. 31

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta, li l-Casa Madre tagħhom tinsab fid-djoċesi ta' Għawdex, fit-2 ta' Lulju 1937 kisbet mis-Santa Sede id-"Decretum Laudis", u wara prova ta' seba' snin, l-approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet.

L-istess Kongregazzjoni, barra minn dan, għanja maż-żmien bi frott kotran għall-ġid tal-Knisja, is-Superjura Ġenerali mal-Kunsill bl-umiltà kollha talbet lis-Santa Sede l-approvazzjoni tal-Istitut u dik definitiva tal-Kostituzzjonijiet.

Il-Qdusija tiegħu, is-Sinjur tagħna Piju għal provvidenza ta' Alla Papa XII, fl-udjenza tat-23 ta' Diċembru 1946, mogħtija lill-Eminentissmu Kardinal Luigi Lavitrano, Prefett tal-Kongregazzjoni tar-reliġjużi, ra l-ittri ta' rakkomandazzjoni tal-Eċċellentissimi Ordinarji tad-djoċesijiet li fihom jinsabu d-djar tal-Istitut, u wara li nstema l-parir tal-Kummissjoni tar-Reverendissimi Konsulturi, għoġbu fit-tjubija tiegħu japprova l-Istitut u japprova definitivament u jikkonferma, bis-saħħa ta' dan l-istess digriet, il-Kostituzzjonijiet b'xi tibdil u żidiet, li kopja tagħhom tinsab fl-Arkivju tal-imsemmija Sagra Kongregazzjoni.

Ma jkollha ebda valur kull dispożizzjoni kuntrarja għal din.

Mogħti f'Ruma fis-Segreterija tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, fil-jum, xahar u sena kif muri fuq.

L. Card. LAVITRANO, Prefett

+FR. E. M. PASETTO, Segretarju

## 11.– DIGRIET

TAL-APPROVAZZJONI TAL-AĦĦAR KOSTITUZZJONIJIET ĠENERALI (2000)

KONGREGAZZJONI GĦALL-ISTITUTI TA' ĦAJJA KONSAGRATA

Prot. N. G. 31 – 1/2000

DECRETO

La Superiora Generale delle Suore Francescane del Cuore di Gesù, la cui casa generalizia ha sede nella diocesi di Gozo (Malta), previa approvazione del Capitolo Generale, celebratosi nella stess diocesi dal 5 al 28 luglio 2000, ha chiesto alla Sede Apostolica l'approvazione di alcune modifiche apportate al testo delle Costituzioni, approvate con Decreto, Prot. N. G 31 – 1/84, il 3 maggio 1985.

La Congregazione per gli Istituti di vita consacrata e le Società di vita apostolica, dopo aver esaminato attentamente la domanda, con il presente Decreto, approva e conferma le modifiche apportate alle suddette Costituzioni.

Copia del testo delle Costituzioni con le modifiche approvate si conserva nell'archivio del medesimo Dicastero.

Le Suore Francescane del Cuore di Gesù osservino fedelmente le proprie Costituzioni e, sull'esempio di San Francesco d'Assisi e dei loro Fondatori, Don Giuseppe Diacono e Madre Margherita De Brincat, collaborino generosamente alla missione salvifica della Chiesa, cercando nel contempo di tendere alla perfezione del proprio stato.

Nonostante qualsiasi cosa in contrario.

Dal Vaticano, il giorno 8 settembre 2000, festa della Natività della Beata Vergine Maria.

Eduardo Card. Martinez Somalo
Prefetto
Jesus Torres, CMF
Sottosegretario

*(TRADUZZJONI)*

DIGRIET

Is-Superjura Ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li l-Casa ġeneralizja tagħhom tinsab fid-Djoċesi ta' Għawdex (Malta), fuq approvazzjoni tal-

Kapitlu Ġenerali, ċċelebrat fl-istess djoċesi mill-5 sat-28 ta' Lulju 2000, talbet lis-Sede Apostolika l-approvazzjoni ta' xi tibdil magħmul lit-test tal-Kostituzzjonijiet, approvati b'digriet, Prot. N. G. 31 – 1/84, fit-3 ta' Mejju 1985.

Il-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u l-Għaqdiet ta' ħajja apostolika, wara li b'attenzjoni eżaminat it-talba, b'dan id-digriet tapprova u tikkonferma t-tibdil magħmul lill-istess Kostituzzjonijiet.

Kopja tat-test tal-Kostituzzjonijiet bit-tibdil approvat jinsab miżmum fl-arkivju tal-istess Dikasteru.

Jalla s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù josservaw fedelment il-Kostituzzjonijiet tagħhom u, fuq l-eżempju ta' San Franġisk t'Assisi u tal-Fundaturi tagħhom, Dun Ġużepp Diacono u Madre Margerita De Brincat, jgħinu bil-ġenerosità fil-missjoni salvifika tal-Knisja, fl-istess ħin li jieħdu ħsieb jimxu lejn il-perfezzjoni tal-istat proprju tagħhom.

Ma jkollha ebda valur kull dispożizzjoni kuntrarja għal din.

Mill-Vatikan, 8 ta' Settembru 2000, festa tat-Twelid tal-Beata Verġni Marija.

Eduardo Kard. Martinez Somalo
Prefett
Jesus Torres, CMF
Sottosegretarju

**BIBLIOGRAFIJA**


AA. VV. (a cura di P.G. Pesce, ofm), *Amiamo l'Amore. Studi sulla spiritualitá della Serva di Dio Madre Margherita De Brincat, cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù alla luce delle sue lettere,* Roma 2005.

Aquilina G., ofm, *La Serva di Dio Madre Margherita De Brincat evangelizzatrice dell'Amore,* Malta 2000.

A.S.G., *Le Suore Francescane di Malta a Corfù,* s.d.

Bezzina J., *Don Giuseppe Diacono fondatore delle Suore Francescane del Cuore di Gesù,* Rabat-Gozo 2000.

Calliari P., *Amiamo l'Amore. Profilo biografico di Madre Margherita De Brincat, fondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù (1862 – 1952),* Roma 1987.

*Cenni storici sulla nostra cara Congregazione dal 1880 fino al Capitolo speciale ed elettivo del 1969 (*dattiloscritto e anonimo).

Farrugia L., *Il cinquantesimo anniversario della fondazione dell'Istituto delle Terziarie Francescane di Gozo,* Valletta-Malta 1930.

*Franciscan Sisters of the Heart of Jesus: 50 years anniversary in Pakistan – 1953-2003.*

*Franciscan Sisters of the Heart of Jesus celebrate the Golden Jubilee 1954 -2004. History of the Region "Sacred Heart" Australia,* Adelaide 2004.

*Gauci P. Spiros, To Kronicò ton Maltezon Kalograiòn sten Kèrkura – The Chronicle of the Maltese Sisters in Corfù,* Kèrkura – Corfù 2007.

*Lady Graham Maternity Hospital. A project of catholic diocese of Hyderabad – Pakistan*

*Le Francescane del Cuore di Gesù,* Malta 1980.

*L'Istituto delle Suore Francescane di Malta in Roma: 1927 – 1952,* Roma 1952.

Madre Margherita del Sacro Cuore, *Sinossi. Brani scelti dai suoi scritti ordinati con le Costituzioni generali delle Suore Francescane del Cuore di Gesù,* Roma 1990.

Pesce P.G., ofm (con la collaborazione di Sr Aniceta Briffa fcj), *Amiamo l'Amore. Lettere della Serva di Dio Madre Margherita De Brincat, Cofondatrice delle Suore Francescane del Cuore di Gesù,* Roma 2001.

*Progetto di formazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù* (pro manuscripto), Santa Maria delle Mole – Marino (Roma) 2006.

*Raccolta di alcuni scritti di Don Giuseppe Diacono e di altri documenti della primitiva Comunità,* Vittoria – Gozo 1994

*Revista comemorativa dos 50 anos da Congregação dos Irmãs Franciscanas do Coração de Jesus no Brasil,* Jaguapitã 2002.

*Statuto della Associazione delle "Stelle del Cuore di Gesù"* (pro manuscripto), Santa Maria delle Mole – Marino (Roma), Curia generalizia 2007.

**WERREJ ĠENERALI**


KELMTEJN QABEL xxx

IL-KITTIEB LILL-QARREJJA xxx

ĦARSA WIESGĦA FUQ IL-ĠRAJJA KOLLHA xxx

1. – L-ewwel medda ta’ żmien : 1880 – 1903 xxx
   a. Bidu li jwiegħed sewwa xxx
   b. Diffikultajiet u problemi xxx
   c. Qawmien ġdid u tifrix tal-Kongregazzjoni xxx

2. – It-tieni medda ta’ żmien: 1904 – 1946 xxx
   a. Xefaq dejjem iżjed wiesa’ xxx
   b. Ħeġġa għal opri ġodda u għarfien mill-Knisja xxx

3. - It-tielet medda ta’ żmien: mill-1947 sa llum xxx
   a. Sal-Konċilju Vatikan II xxx
   b. Wara l-Konċilju Vatikan II xxx
   c. Progress f’ħafna ħidmiet xxx
   d. Is-sitwazzjoni bħalissa xxx

IL-FUNDATURI xxx

1. - Dun Ġużepp Diacono xxx
   a. Ritratt ta’ ħajtu xxx
   b. Ir-rapport mal-Kongregazzjoni xxx
2. - Il-Qaddejja ta’ Alla Madre Margerita De Brincat xxx
   a. Ritratt ta’ ħajjitha xxx
   b. Omm u għalliema xxx
3. - Għeluq xxx

IL-LEĠISLAZZJONI xxx

1. - Ħarsa fil-wisa’ xxx
   a. Il-leġislazzjoni ġenerali xxx

b. Il-leġislazzjoni partikulari xxx
2. - Punti speċifiċi xxx
a. L-iskop tal-Kongregazzjoni xxx
b. L-istruttura tal-Kongregazzjoni xxx
3. - Għeluq xxx

IL-PROVINĊJI
1. - Il-Provinċja ta’ Malta: *Sultana tagħna tal-Qalb ta’ Ġesù* xxx
a. Ħjiel ta’ ġrajjiet xxx
b. Il-qagħda llum xxx
2. - Il-Provinċja tal-Pakistan: *San Franġisk t’Assisi* xxx
a. Preżenza missjunarja xxx
b. Żviluppi b’ħafna tama għall-ġejjieni xxx

IR-REĠJUNI xxx
1. - Ir-Reġjun tal-Etijopja/Kenja: *Sagra Familja* xxx
a. Ħjiel ta’ ġrajjiet xxx
b. Il-qagħda llum xxx
2. - Ir-Reġjun tal-Brażil: *Santa Kjara* xxx
a. Ħjiel ta’ ġrajjiet xxx
b. Il-qagħda llum xxx
3. - Ir-Reġjun tal-Awstralja: *Qalb Qaddisa* xxx
a. Ħjiel ta’ ġrajjiet xxx
b. Il-qagħda llum xxx

ID-DJAR LI JIDDEPENDU MILL-KURJA ĠENERALI
1. - Fl-Italja xxx
a. Ħjiel ta’ storja xxx
b. Il-qagħda llum xxx
2. - F’Korfù xxx
a. Ħjiel ta’ storja xxx
b. Ħidma ewlenija xxx

IL-FORMAZZJONI xxx
1. - Il-Leġislazzjoni xxx
    a. Fl-imgħoddi xxx
    b. Illum xxx
2. - Ir-Rejaltà kif inhi xxx
    a. Il-bieraħ xxx
    b. Illum xxx

IŻJED DAWL FUQ XI AĦWA SORIJIET xxx
1. – Is-Superjuri ġenerali xxx
    a. Madre Rosalia Vella tal-Kustat Imqaddes xxx
    b. Madre Nazarena Gouder ta' Santa Teresa xxx
    c. Madre Giovanna Fenech tal-Axxensjoni xxx
    d. Madre Cleofe Bondin xxx
    e. Madre Luisa Busuttil xxx
    f. Madre Ines Gauci xxx
2. – Sorijiet Maltin
    a. Sr Francesca Borg xxx
    b. Sr Pacifika Xuereb xxx
    c. Sr Gemma Camilleri xxx
    d. Sr Dionisia Thomis xxx
    e. Sr Gertrude Gatt xxx
    f. Sr Vianney Vella xxx
    g. Sr Marcellina Tabone xxx
3. – Sorijiet minn pajjiżi oħra xxx
    a. Sr Vita Schilirò xxx
    b. Sr Amadea Agius xxx
    c. Sr Marcella Costa xxx
    d. Sr Domenica Motta xxx
    e. Sr Francina Felix xxx
    f. Sr Paolina David xxx
    g. Sr Edilberta Conticello xxx
    h. Sr Isabel Dangiò xxx

i. Sr Terezinha Januario xxx
l. Sr Angelica Verlingue xxx

GĦELUQ xxx

ŻJIEDA: xi dokumenti ta' importanza storika xxx

BIBLIOGRAFIJA xxx

# DOKUMENTAZZJONI FOTOGRAFIKA

## KAPITLU 1

**Paġna 11**

**01** Mons Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex, u mbagħad ta' Malta ta l-ewwel approvazzjoni fl-1 ta' Settembru 1880.

**02** Dun Ġużepp Diacono, Fundatur

**03** Qoxra tal-ktieb "L-Għarusa tal-Qalb Qaddisa" ta' Dun Ġużepp Olmi, li minnu kienet ispirata l-ewwel komunità.

**Paġna 13**

**04** Victoria, Għawdex. Knisja ta' Savina. Fid-dar ta' Savina, it-Tnax-il Stilla baqgħu madwar sentejn.

**05** Victoria, Għawdex. L-ewwel "Dar tal-Karità", fi Triq Għajn Qatet, 25.

**Paġna 16**

**06** Diploma xhud li Virġinja De Brincat kienet "Stilla tal-Qalb ta' Ġesù" (8 ta' Diċembru 1877).

**07** Il-faċċata tal-Knisja ma' ġenb Dar il-Karità, il-Casa Madre tal-lum.

**Paġna 18**

**08** Victoria, Għawdex. Il-Knisja ma' ġenb il-Casa Madre, ddedikata lis-Sultana tagħna tal-Qalb ta' Ġesù.

**09** Victoria, Għawdex. L-ewwel simbolu-stemma ta' Dar il-Karità l-ġdida li jinsab fuq il-faċċata tal-Casa Madre, fi Triq Palma, 10.

**Paġna 22**

**10** Dun Ġużepp Diacono u Madre Margerita De Brincat fil-loġġa tal-Casa Madre

**11** L-ewwel dar tal-Kongregazzjoni f'Malta, f'Birkirkara

**Paġna 25**

**12** It-tieni dar tal-Kongregazzjoni f'Malta. L-Istitut Fra Diegu, fil-Ħamrun

**Paġna 36**

**13** Valletta, Malta. Madre Margerita titlob fil-Knisja tad-Dar tal-Adorazzjoni.

# KAPITLU 2

**Paġna 62**

**14** Dun Ġużepp Diacono

**Paġna 67**

**15** Diżinji tal-bizzilla magħmulin minn Dun Diacono għall-*Casa Industriale*

**Paġna 71**

**16** Il-faċċata tal-Casa Madre

**Paġna 73**

**17** Madre Margerita De Brincat

**Paġna 76**

**18** Il-ġenituri ta' Madre Margerita

**19** Id-dar fejn twieldet Madre Margerita

**Paġna 78**

**20** Il-kappella ż-żgħira tal-Komunità tax-Xagħra, fejn Madre Margerita kienet tgħaddi sigħat twal titlob

**Paġna 81**

**21** Madre Margerita meta kellha 70 sena

**Paġna 82**

**22** Madre Margerita mal-ewwel sorijiet

**23** Madre Margerita titlob

**Paġna 85**

**24** Madre Margerita imqanqla minn ħeġġa apostolika

**25** Ritratt ieħor ta' Madre Margerita fl-aħħar snin ta' ħajjitha

**Paġna 87**

**26** 22 ta' Jannar 1994: il-fdal ta' Madre Margerita jittieħdu mill-Kripta lejn il-Knisja tal-Casa Madre

**Paġna 88**

**27** 22 ta' Jannar 2000. Għeluq tal-Proċess Djoċesan

**Paġna 91**

**28** Xi dokumenti tal-ewwel komunità.

# KAPITLU 3

**Paġna 97**

**29** Regola u Kostituzzjonijiet tal-1937, b’iżjed tibdiliet fl-1946, li baqgħu jgħoddu sal-1970.

**Paġna 98**

**30** Regola u Kostituzzjonijiet tal-1970 u Direttorju tal-1971.

**Paġna 100**

**31** Regola, Kostituzzjonijiet u Direttorju tal-1985, aġġornati fl-2001.

**Paġna 102**

**32** Proġett tal-formazzjoni, 2006.

**Paġna 103**

**33** L-Istatut tal-Għaqda tal-“Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù”, 2007

**34** L-ewwel grupp tal-“Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù”, fi Sqallija, 1994.

**Paġna 123**

**35.1** Kapitlu ġenerali, 1923

**35.2** Kapitlu ġenerali, 1935

**35.3** Kapitlu ġenerali, 1959

**Paġna 124**

**35.4** Kapitlu ġenerali, 2000

**35.5** Kapitlu ġenerali, 2006

# KAPITLU 4

**Paġna 133**

**36**. Grupp ta' bniet żgħar fil-bitħa tal-Casa Madre

**Paġna 137**

**37.** L-ewwel laqgħa provinċjali, 2003.

**Paġna 138**

**38.** Kapitlu Provinċjali 2005

**Paġna 141**

**39** Ħidma edukativa u assistenzjali:

**39.1** Skola Sekondarja

**39.2** Skola Primarja

**39.3** Skola tal-Mużika

**Paġna 142**

**39.4** Kura tal-Anzjani

**39.5** Jagħmlu l-Ostji

**39.6** Londra: jilqgħu l-morda u l-qraba tagħhom.

**Paġna 144**

**40** L-ewwel ħames sorijiet missjunarji, flimkien ma' Madre Luisa Busuttil, Superjura ġenerali, u l-Vigarja, Madre Providenza Gauci

**Paġna 145**

**41** L-ewwel tfal tal-iskola ta' Mirpurkhas

**Paġna 147**

**42** Ħidma ta' Karità fil-Pakistan

**Paġna 152**

**43** Grupp ta' aħwa sorijiet fil-Pakistan

**Paġna 153**

**44.** Grupp ta' aħwa sorijiet fil-Filippini

**Paġna 154**

**45.1** Ħidma skolastika

**45.2** Ħidma pastorali

# KAPITLU 5

**Paġna 158**

**46** L-ewwel sorijiet missjunarji fl-Abissinja (Etijopja)

**46.4** Missjoni Maltija tas-Somali. It-tfal tal-iskola ta' Dire-Dawa, mmexxija mis-sorijiet maltin minn Jannar 1931, miġburin madwar l-Eċċ. Tiegħu Rev.$^{ma}$ Mgr Jarousseau f'Harar, f'jum ta' festa.

**46.5** Missjoni Maltija tas-Somali bejn is-snin 1927 – 1936. Sofi. Is-sorijiet benemeriti Terzjarji Franġiskani Maltin ta’ Sofi, Etijopja, ma’ grupp ta’ tfal Somali.

**Paġna 161**

**47** L-iskola “Bethlehem”, Harar

**Paġna 162**

**48.1** L-iskola ‘Kidane Meheret’, Addis Abeba

**48.2** ‘Kidane Meheret Children’s Home’, Addis Abeba

**Paġna 163**

**48.4** L-iskola ‘Guardian Angel’, Debre Zeit

**Paġna 165**

**49** Grupp ta’ sorijiet

**Paġna 166**

**50** L-oqsma ta’ apostolat tas-sorijiet fil-Kenja

**Paġna 171**

**51** L-ewwel ħames sorijiet missjunarji qabel ma telqu. Bilqiegħda fin-nofs, is-Superjura ġenerali, Madre Luisa Busuttil.

**Paġna 177**

**52** L-oqsma ta' apostolat tas-sorijiet fil-Brażil

**Paġna 179**

**53** Grupp ta' sorijiet

**Paġna 182**

**54** L-ewwel sitt sorijiet li telqu għall-Awstralja flimkien mas-Superjura ġenerali Madre Luisa Busuttil u l-Vigarja tagħha, Madre Providenza Gauci, qabel ma telqu

**Paġna 183**

**55** L-oqsma ta' apostolat tas-sorijiet fl-Awstralja

**Paġna 185**

**56** Grupp ta' sorijiet

# KAPITLU 6

**Paġna 188**

**57** Santa Maria delle Mole – Ruma. Id-Dar Ġeneralizja

**58** Il-Kappella tad-Dar Ġeneralizja

**Paġna 192**

**59** Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta’ Malta. Kien animatur u sostna l-Kongregazzjoni b’mod partikulari fil-ftuħ ta’ Dar Kristu Re ta’ Ruma.

**60** Madre Margerita De Brincat u Madre Nazarena Gouder li fiż-żmien kienet Superjura ġenerali; Madre Ġemma Camilleri, l-ewwel Superjura tad-Dar ta’ Ruma mal-ewwel sorijiet tal-Komunità ġdida.

**61** Grupp ta’ sorijiet, novizzi u postulanti tal-Komunità ta’ Ruma

**Paġna 194**

**62** Tfal ta’ klassi primarja

**63** Ir-refetorju tal-orfni u tal-edukandi

**64** Il-klassijiet tar-rakkmu u tal-ħjata

**Paġna 201**

**65** L-oqsma tal-apostolat tas-sorijiet fl-Italja

**65.1** Ħidma mat-tfal tal-Kindergarten

**65.2** Assistenza lill-anzjani

**65.3** Sehem fil-liturġija

**65.4** Ministeru straordinarju tal-Ewkaristija: tqarbin lill-anzjani u lill-morda

**Paġna 202**

**65.5** Il-Kor tal-Knisja ta’ San Ġużepp

**65.6** Ħidma edukativa - assistenzjali

**Paġna 203**

**66 Iżrael. Il-komunità tas-sorijiet fil-XXV sena tal-preżenza u l-qadi tagħhom fil-Kustodja tal-Patrijiet Minuri**

**Paġna 205**

**67** Greċja – Korfù. Madre Margerita, Madre Nazarena Gouder u l-ewwel sorijiet

**Paġna 209**

**68.1** Skola tal-ilsien ingliż

**68.2** Assistenza lin-nisa anzjani

# KAPITLU 7

**Paġna 227**

**69.1** Ruma. Grupp ta' novizzi mal-formatriċi tagħhom Madre Ines Gauci

**69.2** Għawdex, Malta. Grupp ta' novizzi u postulanti fin-novizzjat tal-Casa Madre

**69.3** Brażil. L-ewwel grupp ta' postulanti ma' Madre Dorotea Brincat, 1957.

**Paġna 228**

**69.4** Brażil. L-ewwel grupp ta' novizzi, 1958.

**69.5** Brażil. Professjoni reliġjuża, 1993.

**69.6** Addis Abeba, Etijopja. Grupp ta' novizzi u postulanti mal-formatriċi, 1988.

**Paġna 229**

**69.7** Pakistan. Grupp ta' novizzi

**69.8** Pakistan. Novizzi mas-Superjura ġenerali, Madre Anselmina Mifsud, 2009.

**69.9** Kenja. L-ewwel grupp ta' novizzi u postulanti, 1994.

**Paġna 230**

**69.10** Kenja. Grupp ta’ novizzi mal-formatriċi, 2008

**69.11** Dar ġeneralizja: Professa żagħżugħa, l-ewwel ħames novizzi u postulanta fiċ-Ċentru Internazzjonali ta’ Formazzjoni, 2001

**69.12** Malta. In-novizzi, 2007.